Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 139

Volum 65

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

18 ta' Mejju 2022

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/759 tal-14 ta' Diċembru 2021 li jemenda l-Anness VII tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' metodoloġija għall-kalkolu tal-ammont ta' enerġija rinnovabbli użata għat-tkessiħ u għat-tkessiħ distrettwali** 1

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/760 tat-8 ta' April 2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/2306 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżitorji għaċ-ċertifikati ta' spezzjoni maħruġa fl-Ukrajna** 13

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/761 tat-13 ta' Mejju 2022 li japprova emenda mhux minuri fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għal isem elenkat fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet tal-Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Agneau du Périgord" (IĠP))** 15

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/762 tat-12 ta' Mejju 2022 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port fir-rigward tas-sħubija tal-Federazzjoni Russa fil-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi** 16

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/763 tal-21 ta' Diċembru 2021 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.60165 - 2021/C (ex 2021/N) li l-Portugall qiegħed jippjana li jimplimenta għal TAP SGPS** *(notifikata bid-dokument C(2021) 9941)* [1] 19

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/764 tat-13 ta' April 2022 dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Kroazja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju** *(notifikata bid-dokument C(2022) 2284)* [1] 72

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/765 tat-13 ta' April 2022 dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Finlandja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju** *(notifikata bid-dokument C(2022) 2285)* [1] 81

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/766 tat-13 ta' April 2022 dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Irlanda skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju** *(notifikata bid-dokument C(2022) 2287)* [1] 89

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/767 tat-13 ta' April 2022 dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Portugall skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju** *(notifikata bid-dokument C(2022) 2288)* [1] 97

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/768 tat-13 ta' April 2022 dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mis-Slovakkja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju** *(notifikata bid-dokument C(2022) 2289)* [1] 107

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/769 tat-13 ta' April 2022 dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mil-Litwanja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju** *(notifikata bid-dokument C(2022) 2290)* [1] 116

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/770 tat-13 ta' April 2022 dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mid-Danimarka skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju** *(notifikata bid-dokument C(2022) 2291)* [1] 124

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/771 tat-13 ta' April 2022 dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Estonja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju** *(notifikata bid-dokument C(2022) 2292)* [1] 133

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/772 tat-13 ta' April 2022 dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mir-Repubblika Ċeka skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju** *(notifikata bid-dokument C(2022) 2293)* [1] 143

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/773 tat-13 ta' April 2022 dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Italja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju** *(notifikata bid-dokument C(2022) 2294)* [1] 153

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/774 tat-13 ta' April 2022 dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Awstrija skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju** *(notifikata bid-dokument C(2022) 2297)* [1] 162

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/775 tat-13 ta' April 2022 dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Ungerija skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju** *(notifikata bid-dokument C(2022) 2298)* [1] 172

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/776 tat-13 ta' April 2022 dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq minn Spanja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju** *(notifikata bid-dokument C(2022) 2300)* [1] 182

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/777 tat-13 ta' April 2022 dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mis-Slovenja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju** *(notifikata bid-dokument C(2022) 2302)* [1] 191

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/778 tat-13 ta' April 2022 dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Bulgarija skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju** *(notifikata bid-dokument C(2022) 2303)* [1] 199

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/779 tat-13 ta' April 2022 dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Polonja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju** *(notifikata bid-dokument C(2022) 2304)* [1] 208

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/780 tat-13 ta' April 2022 dwar l-inkonsistenza ta' ċerti miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz ta' pjan tal-prestazzjoni ta' blokk ta' spazju tal-ajru funzjonali sottomess mill-Iżvizzera skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni tal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju u li tistabbilixxi rakkomandazzjonijiet għar-reviżjoni ta' dawk il-miri** *(notifikata bid-dokument C(2022) 2313)* [1] 218

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/759

tal-14 ta' Diċembru 2021

li jemenda l-Anness VII tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' metodoloġija għall-kalkolu tal-ammont ta' enerġija rinnovabbli użata għat-tkessiħ u għat-tkessiħ distrettwali

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ([1]), u b'mod partikolari l-ħames subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tagħha,

Billi:

(1) L-Anness VII tad-Direttiva (UE) 2018/2001 jipprovdi metodoloġija għall-kalkolu tal-enerġija rinnovabbli mill-pompi tas-sħana użati għat-tisħin, iżda ma jirregolax kif għandha tiġi kkalkolata l-enerġija rinnovabbli mill-pompi tas-sħana użati għat-tkessiħ. In-nuqqas ta' metodoloġija f'dak l-Anness biex tiġi kkalkolata l-enerġija rinnovabbli mill-pompi tas-sħana użati għat-tkessiħ jipprevjeni lis-settur tat-tkessiħ milli jikkontribwixxi għall-mira ġenerali tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli stabbilita fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u jagħmilha aktar diffiċli għall-Istati Membri, speċjalment dawk b'sehem għoli ta' tkessiħ fil-konsum tal-enerġija tagħhom, biex jilħqu l-mira tat-tisħin u t-tkessiħ u l-miri tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali skont l-Artikoli 23 u 24 ta' dik id-Direttiva, rispettivament.

(2) Għalhekk, jenħtieġ li tiġi introdotta metodoloġija dwar it-tkessiħ rinnovabbli, inkluż it-tkessiħ distrettwali, fl-Anness VII tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Metodoloġija bħal din hija meħtieġa biex jiġi żgurat li s-sehem tal-enerġija rinnovabbli mit-tkessiħ jiġi kkalkolat b'mod armonizzat fl-Istati Membri kollha u jkun possibbli paragun affidabbli tas-sistemi tat-tkessiħ kollha f'termini tal-kapaċità tagħhom li jużaw l-enerġija rinnovabbli għat-tkessiħ.

(3) Il-metodoloġija jenħtieġ li tinkludi fatturi minimi ta' prestazzjoni staġunali (SPF) għall-pompi tas-sħana li joperaw fil-modalità inversa f'konformità mas-sitt subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Peress li s-sistemi attivi tat-tkessiħ kollha jistgħu jitqiesu bħala pompi tas-sħana li jaħdmu fil-modalità inversa, imsejħa "modalità tat-tkessiħ", jenħtieġ li japplikaw fatturi minimi ta' prestazzjoni staġunali għas-sistemi kollha tat-tkessiħ. Dan huwa meħtieġ minħabba li l-pompi tas-sħana jestraġġu u jittrasferixxu s-sħana minn post għal ieħor. Fil-każ tat-tkessiħ, il-pompi tas-sħana jieħdu s-sħana minn spazju jew minn proċess u jarmuha fl-ambjent (arja, ilma jew art). L-estrazzjoni tas-sħana hija l-essenza tat-tkessiħ u l-funzjoni qofol ta' pompa tas-sħana. Peress li din l-estrazzjoni tmur kontra l-fluss naturali tal-enerġija, li jmur minn sħana għal kesħa, din l-estrazzjoni teħtieġ input tal-enerġija fil-pompa tas-sħana, li taħdem bħala ġeneratur tat-tkessiħ.

(4) L-inklużjoni obbligatorja ta' fatturi minimi ta' prestazzjoni staġunali fil-metodoloġija hija dovuta għall-importanza tal-effiċjenza enerġetika biex jiġu stabbiliti l-preżenza u l-użu tal-enerġija rinnovabbli mill-pompi tas-sħana. L-enerġija rinnovabbli fil-każ tat-tkessiħ hija s-sors tal-kesħa rinnovabbli, li jista' jżid l-effiċjenza tal-proċess tat-tkessiħ, u jagħmel il-fattur tal-prestazzjoni staġunali tat-tkessiħ ogħla. Il-fatturi ta' prestazzjoni staġunali għolja, filwaqt li huma indikatur tal-effiċjenza enerġetika, jiffunzjonaw fl-istess ħin bħala indikatur għall-preżenza u l-użu ta' sors ta' tkessiħ rinnovabbli fit-tkessiħ.

([1]) ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82.

(5) Fit-tkessiħ, is-sors kiesaħ jiffunzjona bħala bir tas-sħana, peress li jassorbi s-sħana estratta u mormija mill-pompa tas-sħana barra mill-ispazju jew mill-proċess li jeħtieġ li jitkessaħ. Il-kwantità ta' tkessiħ rinnovabbli tiddependi mill-effiċjenza tal-proċess, u hija ekwivalenti għall-kwantità ta' sħana assorbita mill-bir tas-sħana. Dan fil-prattika huwa ekwivalenti għall-kwantità ta' kapaċità ta' tkessiħ pprovduta mis-sors kiesaħ.

(6) Is-sors kiesaħ jista' jkun l-enerġija ambjentali jew l-enerġija ġeotermali. L-enerġija ambjentali hija preżenti fl-arja ambjentali (li qabel kienet magħrufa bħala aerotermali) u fl-ilma ambjentali (li qabel kienet magħrufa bħala idrotermali), filwaqt li l-enerġija ġeotermali tiġi mill-art taħt il-wiċċ ta' art solida. L-enerġija ambjentali u ġeotermali li tintuża għat-tisħin u t-tkessiħ permezz ta' pompi tas-sħana u sistemi distrettwali jenħtieġ li tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum gross finali tal-enerġija, dment li l-output finali tal-enerġija jeċċedi b'mod sinifikattiv l-input ta' enerġija primarja meħtieġ biex jitħaddmu l-pompi tat-tisħin. Dan ir-rekwiżit, stabbilit fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, jista' jkun issodisfat b'fatturi ta' prestazzjoni staġunali adegwatament għoljin kif definit mill-metodoloġija.

(7) Minħabba l-varjetà ta' soluzzjonijiet tat-tkessiħ, huwa meħtieġ li jiġi ddefinit liema soluzzjonijiet tat-tkessiħ jenħtieġ li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-metodoloġija u liema jenħtieġ li jiġu esklużi. It-tkessiħ bil-fluss naturali tal-enerġija termali mingħajr l-intervent ta' apparat tat-tkessiħ huwa tkessiħ passiv u għalhekk jenħtieġ li jiġi eskluż mill-ambitu tal-kalkolu f'konformità mar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

(8) Filwaqt li huwa siewi, it-tnaqqis tal-ħtieġa għat-tkessiħ permezz tad-disinn tal-bini, pereżempju bl-iżolament tal-bini, b'soqfa ħodor, b'ħitan veġetali, bil-ġenerazzjoni tad-dell jew biż-żieda fil-massa tal-binja, jista' jitqies bħala tkessiħ passiv u għalhekk jenħtieġ li ma jiġix inkluż fl-ambitu tal-kalkolu tat-tkessiħ rinnovabbli.

(9) Il-ventilazzjoni (naturali jew sfurzata), li hija l-introduzzjoni tal-arja ambjentali fi spazju bl-għan li tiġi żgurata kwalità xierqa tal-arja ta' ġewwa titqies bħala tkessiħ passiv u għalhekk jenħtieġ li ma tiġix inkluża fl-ambitu tal-kalkolu rinnovabbli. Din l-esklużjoni jenħtieġ li tinżamm anke meta l-ventilazzjoni twassal għall-introduzzjoni ta' arja ambjentali kiesħa u b'hekk tnaqqas il-provvista tat-tkessiħ f'xi perjodi tas-sena; sewwasew, dan it-tkessiħ mhuwiex il-funzjoni primarja u l-ventilazzjoni tista' tikkontribwixxi wkoll għat-tisħin tal-arja fis-sajf u b'hekk iżżid it-tagħbija tat-tkessiħ. Minkejja dan, fejn l-arja ta' ventilazzjoni tintuża bħala mezz għat-trasport tas-sħana għat-tkessiħ, il-provvista korrispondenti tat-tkessiħ, li tista' tiġi pprovduta jew minn ġeneratur tat-tkessiħ jew bi tkessiħ liberu, jenħtieġ li titqies bħala tkessiħ attiv. F'sitwazzjonijiet fejn il-fluss tal-arja ta' ventilazzjoni jiżdied 'il fuq mir-rekwiżiti ta' ventilazzjoni għal skopijiet ta' tkessiħ, il-provvista tat-tkessiħ minħabba dan il-fluss tal-arja addizzjonali jenħtieġ li tkun parti mill-kalkolu tat-tkessiħ rinnovabbli.

(10) Il-prodotti ta' fann għall-użu personali jinkludu assemblaġġ tal-fann u tal-mutur elettriku. Il-fannijiet għall-użu personali jċaqilqu l-arja u jipprovdu kumditá fis-sajf billi jżidu l-veloċità tal-arja madwar il-ġisem tal-bniedem, li tagħti sensazzjoni termali ta' tkessiħ. Għall-kuntrarju tal-ventilazzjoni, ma hemm l-ebda introduzzjoni tal-arja ambjentali fil-każ ta' fannijiet għall-kumditá; fannijiet għall-kumditá jċaqilqu biss l-arja ta' ġewwa. Konsegwentement, dawn ma humiex qed ikessħu l-arja ta' ġewwa iżda jsaħħnuha (l-elettriku kollu kkunsmat fl-aħħar mill-aħħar jiġi rilaxxat bħala sħana fil-kamra fejn tintuża l-fann għall-użu personali). Il-fannijiet għall-użu personali mhumiex soluzzjonijiet tat-tkessiħ u għalhekk jenħtieġ li jaqgħu barra mill-ambitu ta' applikazzjoni tal-kalkolu tat-tkessiħ rinnovabbli.

(11) L-input tal-enerġija tas-sistema tat-tkessiħ fil-mezzi tat-trasport (bħal karozzi, trakkijiet, bastimenti) ġeneralment jiġi pprovdut mill-magna tat-trasport. L-użu tal-enerġija rinnovabbli fit-tkessiħ nonstazzjonarju huwa parti mill-kalkolu tal-mira tat-trasport rinnovabbli skont l-Artikolu 7(1)(c) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u għalhekk jenħtieġ li ma jidħolx fl-ambitu tal-kalkolu tat-tkessiħ rinnovabbli.

(12) Il-medda tat-temperatura tal-provvista tat-tkessiħ li għaliha jistgħu jikbru s-sorsi ta' ksieħ rinnovabbli, u jnaqqsu jew jispostaw l-użu tal-enerġija ta' ġeneratur tat-tkessiħ hija ta' bejn 0 °C u 30 °C. Din il-firxa tat-temperatura hija wieħed mill-parametri li jenħtieġ li jintużaw biex jiġu skrinjati s-setturi u l-applikazzjonijiet potenzjali tal-proċess tat-tkessiħ li għandhom jiġu inklużi fl-ambitu tal-kalkolu tat-tkessiħ rinnovabbli.

(13) It-tkessiħ tal-proċess b'temperatura tal-provvista tat-tkessiħ baxxa u baxxa ħafna ftit għandu lok li juża sorsi ta' ksieħ rinnovabbli fi kwalunkwe grad sinifikanti u fil-biċċa l-kbira jitħaddem b'refriġerazzjoni mħaddma bl-elettriku. Il-mod ewlieni kif it-tagħmir tar-refriġerazzjoni jista' jiġġedded huwa permezz tal-input tal-enerġija tiegħu. Meta t-tagħmir ta' refriġerazzjoni mħaddem bl-elettriku jkun rinnovabbli, dan diġà jiġi kkontabilizzat fl-ishma tal-elettriku rinnovabbli skont id-Direttiva (UE) 2018/2001. Il-potenzjal għat-titjib fl-effiċjenza diġà huwa kopert mill-qafas tal-ekodisinn u tat-tikkettar tal-UE. Konsegwentement, ma jkun hemm l-ebda benefiċċju li t-tagħmir tar-refriġerazzjoni jiġi inkluż fl-ambitu tal-kalkolu tat-tkessiħ rinnovabbli.

(14) Fir-rigward tat-tkessiħ ta' proċess b'temperatura għolja, kwalunkwe impjant tal-enerġija termali, kombustjoni u proċessi oħra b'temperatura għolja joffru l-possibbiltà li tiġi rkuprata s-sħana mormija. L-inċentivar tar-rilaxx ta' sħana mormija b'temperatura għolja fl-ambjent mingħajr irkupru tas-sħana permezz tat-tkessiħ rinnovabbli jkun kontra l-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u l-protezzjoni ambjentali. F'dik il-perspettiva, il-limitu tat-temperatura ta' 30 °C mhuwiex biżżejjed biex jiddistingwi dawk il-proċessi; fil-fatt, f'impjant tal-enerġija mill-fwar, tista' sseħħ kondensazzjoni f'temperatura ta' 30 °C jew anqas. Is-sistema tat-tkessiħ tal-impjant tal-enerġija tista' tipprovdi tkessiħ f'temperatura anqas minn 30 °C.

(15) Sabiex jiġi żgurat li l-ambitu jiġi stabbilit b'mod ċar, jenħtieġ li l-metodoloġija tinkludi lista ta' proċessi fejn l-irkupru jew l-evitar tas-sħana mormija jenħtieġ li jingħataw prijorità minflok jiġi inċentivat l-użu tat-tkessiħ. Is-setturi fejn l-evitar u l-irkupru tas-sħana mormija jiġu promossi permezz tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2])jinkludu l-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-enerġija, inkluża l-koġenerazzjoni, u l-proċessi li jipproduċu fluwidi sħan mill-kombustjoni jew minn reazzjoni kimika eżotermika. Proċessi addizzjonali fejn huma importanti l-evitar u l-irkupru tas-sħana mormija jinkludu l-manifattura tas-siment, tal-ħadid u tal-azzar, l-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi, il-faċilitajiet tat-teknoloġija tal-informazzjoni bħaċ-ċentri tad-*data*, il-faċilitajiet tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-enerġija, kif ukoll il-kremazzjoni u l-infrastrutturi tat-trasport, fejn jenħtieġ li t-tkessiħ ma jiġix promoss għall-mitigazzjoni tas-sħana mormija li tirriżulta minn dawn il-proċessi.

(16) Parametru ċentrali għall-kalkoli tal-enerġija rinnovabbli mill-pompa tas-sħana użata għat-tkessiħ huwa l-fattur tal-prestazzjoni staġunali kkalkolat fl-enerġija primarja, indikat bħala SPF_P. SPF_P huwa proporzjon li jesprimi l-effiċjenza tas-sistemi tat-tkessiħ matul l-istaġun tat-tkessiħ. Dan jiġi kkalkolat billi l-kwantità ta' tkessiħ prodotta tiġi diviża bl-input tal-enerġija. SPF_P ogħla huwa aħjar, minħabba li jiġi prodott aktar tkessiħ għall-istess input ta' enerġija.

(17) Sabiex tiġi kkalkolata l-kwantità ta' enerġija rinnovabbli mit-tkessiħ, huwa meħtieġ li jiġi ddefinit is-sehem tal-provvista tat-tkessiħ li tista' titqies bħala rinnovabbli. Dan is-sehem huwa indikat bħala s_{SPFP}. s_{SPFP} hija funzjoni ta' valur soll SPF_P baxx u għoli. Il-metodoloġija jenħtieġ li tistabbilixxi valur soll SPF_P baxx li taħtu l-enerġija rinnovabbli minn sistema tat-tkessiħ hija żero. Il-metodoloġija jenħtieġ li tistabbilixxi wkoll valur soll SPF_P għoli li 'l fuq minnu il-provvista tat-tkessiħ kollha prodotta mis-sistema tat-tkessiħ tgħodd bħala rinnovabbli. Metodu ta' kalkolu progressiv jenħtieġ li jippermetti l-kalkolu tal-porzjon tat-tkabbir lineari tal-provvista tat-tkessiħ li jista' jingħadd bħala rinnovabbli minn sistema tat-tkessiħ b'valuri SPF_Pli jaqgħu bejn is-sollijiet baxxi u għoljin ta' SPF_P.

(18) Il-metodoloġija jenħtieġ li tiżgura li, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, il-gass, l-elettriku u l-idroġenu minn sorsi rinnovabbli jitqiesu darba biss għall-finijiet tal-kalkolu tas-sehem tal-konsum finali gross tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

(19) Sabiex jiġu żgurati l-istabbiltà u l-prevedibbiltà mill-applikazzjoni tal-metodoloġija għas-settur tat-tkessiħ, il-valuri ta' sollijiet baxxi u għoljin SPF kkalkolati f'termini tal-enerġija primarja jenħtieġ li jiġu stabbiliti bl-użu tal-koeffiċjent prestabbilit, imsejjaħ ukoll il-fattur tal-enerġija primarja kif stabbilit fid-Direttiva 2012/27/UE.

(20) Huwa xieraq li ssir distinzjoni bejn approċċi differenti għall-kalkolu tat-tkessiħ rinnovabbli skont id-disponibbiltà ta' valuri standard għall-parametri meħtieġa fil-kalkolu, bħal fatturi standard tal-prestazzjoni staġunali jew sigħat ekwivalenti ta' tħaddim b'tagħbija sħiħa.

(21) Huwa xieraq li l-metodoloġija tippermetti l-użu ta' approċċ statistiku simplifikat ibbażat fuq valuri standard għal installazzjonijiet iżgħar minn kapaċità nominali ta' 1,5 MW. Fejn il-valuri standard ma jkunux disponibbli, il-metodoloġija jenħtieġ li tippermetti li tintuża data mkejla biex is-sistemi tat-tkessiħ ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-metodoloġija tal-kalkolu tal-enerġija rinnovabbli mit-tkessiħ. L-approċċ ta' kejl jenħtieġ li japplika għal sistema tat-tkessiħ b'kapaċità nominali ta' aktar minn 1,5 MW, għat-tkessiħ distrettwali u għal sistemi żgħar li jużaw teknoloġiji fejn il-valuri standard ma jkunux disponibbli. Minkejja d-disponibbiltà ta' valuri standard, l-Istati Membri jistgħu jużaw data mkejla għas-sistema tat-tkessiħ kollha.

([2]) Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

(22) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu l-kalkoli u l-investigazzjonijiet tagħhom stess sabiex itejbu l-akkuratezza tal-istatistiċi nazzjonali aktar milli jista' jsir bil-metodoloġija stabbilita f'dan ir-Regolament.

(23) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness VII tad-Direttiva (UE) 2018/2001 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda

L-Anness VII tad-Direttiva (UE) 2018/2001 huwa sostitwit bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Rieżami

Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina dan ir-Regolament fid-dawl tal-progress teknoloġiku u l-innovazzjoni, l-użu tal-istokk, u l-impatti tiegħu fuq il-miri tal-enerġija rinnovabbli.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS VII

KONTABBILTÀ TAL-ENERĠIJA RINNOVABBLI UŻATA GĦAT-TISĦIN U T-TKESSIĦ

PARTI A: KONTABBILTÀ TAL-ENERĠIJA RINNOVABBLI MILL-POMPI TAS-SĦANA UŻATI GĦAT-TISĦIN

L-ammont tal-enerġija aerotermali, ġeotermali jew idrotermali maqbuda mill-pompi tas-sħana li għandu jiġi kkunsidrat bħala enerġija rinnovabbli għall-finijiet ta' din id-Direttiva, E_{RES}, għandu jiġi kkalkolat skont il-formola li ġejja:

$E_{RES} = Q_{usable} * (1 - 1/SPF)$

fejn

—	Q_{usable}	=	is-sħana totali utilizzabbli stmata pprovduta mill-pompi tas-sħana li jissodisfaw il-kriterji msemmija fl-Artikolu 7(4), implimentati kif ġej: Għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni biss il-pompi tas-sħana li għalihom SPF > 1,15 * 1/η,
—	SPF	=	il-fattur tal-prestazzjoni staġunali medja stmata għal dawk il-pompi tas-sħana,
—	η	=	il-proporzjon bejn il-produzzjoni grossa totali ta' elettriku u l-konsum ta' enerġija primarja għall-produzzjoni tal-elettriku u għandha tiġi kkalkulata bħala medja tal-UE bbażata fuq id-*data* tal-Eurostat.

PARTI B: KONTABBILTÀ TAL-ENERĠIJA RINNOVABBLI UŻATA GĦAT-TKESSIĦ

1. **DEFINIZZJONIJIET**

Meta tiġi kkalkolata l-enerġija rinnovabbli użata għat-tkessiħ, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "tkessiħ" tfisser l-estrazzjoni tas-sħana minn spazju magħluq jew fuq ġewwa (applikazzjoni ta' kumditè) jew minn proċess sabiex it-temperatura tal-ispazju jew tal-proċess titnaqqas jew tinżamm f'temperatura speċifikata (punt stabbilit); għas-sistemi tat-tkessiħ, is-sħana estratta tiġi mormija u assorbita mill-arja ambjentali, mill-ilma ambjentali jew mill-art, fejn l-ambjent (l-arja, l-art, u l-ilma) jipprovdi bir għas-sħana estratta u għalhekk jaħdem bħala sors kiesaħ;

(2) "sistema tat-tkessiħ" tfisser assemblaġġ ta' komponenti li jikkonsistu f'sistema ta' estrazzjoni tas-sħana, apparat tat-tkessiħ wieħed jew aktar u sistema ta' rimi tas-sħana, ikkumplimentati fil-każ tat-tkessiħ attiv b'mezz tat-tkessiħ fil-forma ta' fluwidu, li jaħdmu flimkien biex jiġġeneraw trasferiment tas-sħana speċifikat u, b'hekk, jiżguraw temperatura meħtieġa;

(a) għat-tkessiħ tal-ispazju, is-sistema tat-tkessiħ tista' tkun sistema tat-tkessiħ liberu jew sistema tat-tkessiħ li tinkorpora ġeneratur tat-tkessiħ, u li għaliha t-tkessiħ huwa waħda mill-funzjonijiet primarji;

(b) għat-tkessiħ tal-proċess, is-sistema tat-tkessiħ qed tinkorpora ġeneratur tat-tkessiħ, u li t-tkessiħ tiegħu huwa waħda mill-funzjonijiet primarji;

(3) "tkessiħ liberu" tfisser sistema tat-tkessiħ li tuża sors tat-tkessiħ naturali sabiex toħroġ is-sħana mill-ispazju jew mill-proċess li għandha titkessaħ permezz ta' trasportazzjoni ta' fluwidu(i) b'pompa(i) u/jew fann(ijiet) u li ma teħtieġx l-użu ta' ġeneratur tat-tkessiħ;

(4) "ġeneratur tat-tkessiħ" tfisser il-parti ta' sistema tat-tkessiħ li tiġġenera differenza fit-temperatura li tippermetti l-estrazzjoni tas-sħana mill-ispazju jew mill-proċess li jrid jiġi mkessaħ, bl-użu ta' ċiklu ta' kompressjoni tal-fwar, ċiklu ta' sorbiment jew potenzjat minn ċiklu termodinamiku ieħor, użat meta s-sors kiesaħ ikun indisponibbli jew insuffiċjenti;

(5) "tkessiħ attiv" tfisser it-tneħħija tas-sħana minn spazju jew minn proċess, li għalih ikun meħtieġ input ta' enerġija biex tiġi ssodisfata d-domanda għat-tkessiħ, użata meta l-fluss naturali tal-enerġija ikun indisponibbli jew insuffiċjenti u jista' jseħħ b'ġeneratur tat-tkessiħ jew mingħajru;

(6) "tkessiħ passiv" tfisser it-tneħħija tas-sħana permezz tal-fluss naturali tal-enerġija permezz ta' trażmissjoni, konvezzjoni, radjazzjoni jew trasferiment tal-massa mingħajr il-ħtieġa li fluwidu tat-tkessiħ jiġi ttrasportat sabiex tiġi estratta u mormija s-sħana jew sabiex tiġi ġġenerata temperatura aktar baxxa b'ġeneratur tat-tkessiħ, inkluż it-tnaqqis tal-ħtieġa għat-tkessiħ permezz ta' karatteristiċi tad-disinn tal-bini, bħall-iżolament tal-bini, is-soqfa ħodor, il-ħitan veġetali, il-ġenerazzjoni tad-dell jew iż-żieda fil-massa tal-binja, bil-ventilazzjoni jew bl-użu ta' fannijiet għall-użu personali;

(7) "ventilazzjoni" tfisser il-moviment naturali jew sfurzat tal-arja biex tiġi introdotta l-arja ambjentali fi spazju bl-għan li tiġi żgurata kwalità xierqa tal-arja ta' ġewwa, inkluża t-temperatura;

(8) "fann għall-użu personali" tfisser prodott li jinkludi assemblaġġ ta' fann u mutur elettriku biex iċaqlaq l-arja u jipprovdi kumditàfis-sajf billi jżid il-veloċità tal-arja madwar il-ġisem tal-bniedem u jagħti sensazzjoni termali tat-tkessiħ;

(9) "kwantità ta' enerġija rinnovabbli għat-tkessiħ" tfisser il-provvista tat-tkessiħ li tkun ġiet iġġenerata b'effiċjenza enerġetika speċifikata espressa bħala Fattur ta' Prestazzjoni Staġunali kkalkolat fl-enerġija primarja;

(10) "bir tas-sħana" jew "sors kiesaħ" tfisser bir naturali estern li fih tiġi ttrasferita s-sħana estratta mill-ispazju jew mill-proċess; tista' tkun arja ambjentali, ilma ambjentali fil-forma ta' korpi tal-ilma naturali jew artifiċjali u formazzjonijiet ġeotermali taħt il-wiċċ ta' art solida;

(11) "sistema ta' estrazzjoni tas-sħana" tfisser apparat li jneħħi s-sħana mill-ispazju jew mill-proċess li għandu jitkessaħ, bħal evaporatur f'ċiklu ta' kompressjoni tal-fwar;

(12) "apparat tat-tkessiħ" tfisser apparat iddisinjat biex iwettaq tkessiħ attiv;

(13) "sistema ta' rifjut tas-sħana" tfisser l-apparat fejn iseħħ it-trasferiment finali tas-sħana mill-mezz tat-tkessiħ għall-bir tas-sħana, bħall-kondensatur tal-arja għar-refriġerant f'ċiklu ta' kompressjoni tal-fwar imkessaħ bl-arja;

(14) "input tal-enerġija" tfisser l-enerġija meħtieġa għat-trasport tal-fluwidu (tkessiħ liberu), jew l-enerġija meħtieġa għat-trasport tal-fluwidu u għat-tħaddim tal-ġeneratur tat-tkessiħ (tkessiħ attiv b'ġeneratur tat-tkessiħ);

(15) "tkessiħ distrettwali" tfisser id-distribuzzjoni tal-enerġija termali fil-forma ta' likwidi mkessħa, minn sorsi ċentrali jew deċentralizzati ta' produzzjoni permezz ta' network għal diversi binjiet jew siti, għall-użu tat-tkessiħ ta' spazju jew proċess;

(16) "fattur ta' prestazzjoni staġunali primarja" tfisser metrika tal-effiċjenza tal-konverżjoni tal-enerġija primarja tas-sistema tat-tkessiħ;

(17) "sigħat ekwivalenti ta' tagħbija sħiħa" tfisser l-għadd ta' sigħat li sistema tat-tkessiħ taħdem b'tagħbija sħiħa biex tipproduċi l-ammont tat-tkessiħ li fil-fatt tipproduċi matul sena iżda b'tagħbijiet li jvarjaw;

(18) "Jiem ta' Gradi ta' Tkessiħ" tfisser il-valuri klimatiċi kkalkolati b'bażi ta' 18 °C użati bħala input biex jiġu ddeterminati sigħat ekwivalenti ta' tagħbija sħiħa.

2. **AMBITU**

1. Meta jikkalkulaw l-ammont ta' enerġija rinnovabbli użata għat-tkessiħ, l-Istati Membri għandhom jgħoddu t-tkessiħ attiv, inkluż it-tkessiħ distrettwali, irrispettivament minn jekk jintużax tkessiħ liberu jew ġeneratur tat-tkessiħ.

2. L-Istati Membri ma għandhomx jgħoddu:

   (a) it-tkessiħ passiv, għalkemm fejn l-arja tal-ventilazzjoni tintuża bħala mezz għat-trasport tas-sħana għat-tkessiħ, il-provvista korrispondenti tat-tkessiħ, li tista' tiġi pprovduta jew minn ġeneratur tat-tkessiħ jew bi tkessiħ liberu hija parti mill-kalkolu tat-tkessiħ rinnovabbli.

   (b) it-teknoloġiji jew il-proċessi tat-tkessiħ li ġejjin:

      (i) it-tkessiħ f'mezzi ta' trasport ([1]);

      (ii) is-sistemi tat-tkessiħ li l-funzjoni primarja tagħhom hija li jipproduċu jew jaħżnu materjali li jitħassru f'temperaturi speċifikati (refriġerazzjoni u ffriżar);

      (iii) is-sistemi tat-tkessiħ b'punti stabbiliti tat-temperatura tat-tkessiħ tal-ispazju jew tal-proċess inqas minn 2 °C;

      (iv) is-sistemi tat-tkessiħ b'punti stabbiliti tat-temperatura tat-tkessiħ tal-ispazju jew tal-proċess ogħla minn 30 °C;

([1]) Id-definizzjoni tat-tkessiħ rinnovabbli tikkonċerna biss it-tkessiħ stazzjonarju.

(v) it-tkessiħ tas-sħana mormija li tirriżulta mill-ġenerazzjoni tal-enerġija, mill-proċessi industrijali u mis-settur terzjarju (sħana mormija) ([2]).

(c) l-enerġija użata għat-tkessiħ fl-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-enerġija; il-manifattura tas-siment, tal-ħadid u tal-azzar; l-impjanti għat-trattament tal-ilma mormi; il-faċilitajiet tat-teknoloġija tal-informazzjoni (bħaċ-ċentri tad-*data*); il-faċilitajiet għat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija; u l-infrastrutturi tat-trasport.

L-Istati Membri jistgħu jeskludu aktar kategoriji ta' sistemi tat-tkessiħ mill-kalkolu tal-enerġija rinnovabbli użata għat-tkessiħ sabiex jippreżervaw is-sorsi ta' kesħa naturali f'żoni ġeografiċi speċifiċi għal raġunijiet ta' protezzjoni ambjentali. Xi eżempji jinkludu l-protezzjoni tax-xmajjar jew tal-lagi mir-riskju ta' tisħin żejjed.

3. METODOLOĠIJA GĦALL-KONTABBILTÀ TAL-ENERĠIJA RINNOVABBLI GĦAT-TKESSIĦ INDIVIDWALI U DISTRETTWALI

Is-sistemi tat-tkessiħ li joperaw 'il fuq mir-rekwiżit ta' effiċjenza minima espress bħala Fattur ta' Prestazzjoni Staġunali primarju (SPF_p) fit-tieni paragrafu tat-Taqsima 3.2 biss għandhom jitqiesu li jipproduċu l-enerġija rinnovabbli.

3.1. Kwantità tal-enerġija rinnovabbli għat-tkessiħ

Il-kwantità tal-enerġija rinnovabbli għat-tkessiħ ($E_{RES\text{-}C}$) għandha tiġi kkalkolata bil-formula li ġejja:

$$E_{RES-C} = (Q_{C_{Source}} - E_{INPUT}) \times s_{SPF_p} = Q_{C_{Supply}} \times s_{SPF_p}$$

fejn:

$Q_{C_{Source}}$ hija l-ammont ta' sħana rilaxxat fl-arja ambjentali, fl-ilma ambjentali jew fl-art mis-sistema tat-tkessiħ ([3]);

E_{INPUT} hija l-konsum tal-enerġija tas-sistema tat-tkessiħ, inkluż il-konsum tal-enerġija tas-sistemi awżiljarji għal sistemi mkejla, bħat-tkessiħ distrettwali;

$Q_{C_{Supply}}$ hija l-enerġija tat-tkessiħ ipprovduta mis-sistema tat-tkessiħ ([4]);

s_{SPF_p} huwa ddefinit fil-livell tas-sistema tat-tkessiħ bħala s-sehem tal-provvista tat-tkessiħ li jista' jitqies bħala rinnovabbli skont ir-rekwiżiti ta' SPF, espress bħala perċentwal. SPF huwa stabbilit mingħajr ma jiġi kontabilizzat it-telf mid-distribuzzjoni. Għat-tkessiħ distrettwali, dan ifisser li SPF jiġi stabbilit għal kull ġeneratur tat-tkessiħ, jew fil-livell tas-sistema tat-tkessiħ liberu. Għas-sistemi tat-tkessiħ fejn jista' japplika SPF standard, il-koeffiċjenti F(1) u F(2) skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2281 ([5]) u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ([6]) relatata ma jintużawx bħala fatturi ta' korrezzjoni.

Għal 100 % tkessiħ rinnovabbli potenzjat mis-sħana (assorbiment u assorbiment) it-tkessiħ ikkonsenjat jenħtieġ li jitqies kompletament rinnovabbli.

Il-passi tal-kalkolu meħtieġa għal $Q_{C_{Supply}}$ u s_{SPF_p} huma spjegati fit-Taqsimiet 3.2 sa 3.4.

([2]) Is-sħana mormija hija ddefinita fl-Artikolu 2(9) ta' din id-Direttiva. Is-sħana mormija tista' titqies għall-finijiet tal-Artikoli 23 u 24 ta' din id-Direttiva.

([3]) Il-kwantità ta' sors kiesaħ tikkorrispondi għall-kwantità ta' sħana assorbita mill-arja ambjentali, mill-ilma ambjentali u mill-art li jaġixxu bħala bjar tas-sħana. L-arja ambjentali u l-ilma ambjentali jikkorrispondu għall-enerġija ambjentali kif iddefinita fl-Artikolu 2(2) ta' din id-Direttiva. L-art tikkorrispondi għall-enerġija ġeotermali kif iddefinita fl-Artikolu 2(3) ta' din id-Direttiva.

([4]) Mill-perspettiva termodinamika, il-provvista tat-tkessiħ tikkorrispondi għal porzjon tas-sħana rilaxxata minn sistema tat-tkessiħ għall-arja ambjentali, għall-ilma ambjentali jew għall-art, li jiffunzjonaw bħala bir tas-sħana jew sors kiesaħ. L-arja ambjentali u l-ilma ambjentali jikkorrispondu għall-enerġija ambjentali kif iddefinita fl-Artikolu 2(2) ta' din id-Direttiva. Il-funzjoni tal-bir tas-sħana jew tas-sors kiesaħ tal-art tikkorrispondi għall-enerġija ġeotermali kif iddefinita fl-Artikolu 2(3) ta' din id-Direttiva.

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2281 tat-30 ta' Novembru 2016 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija, f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-prodotti tat-tisħin tal-arja, għall-prodotti tat-tkessiħ, għaċ-ċillers ta' proċessi ta' temperatura għolja u għall-fannijiet konvetturi (ĠU L 346, 20.12.2016, p. 1).

([6]) https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/?uri=uriserv:OJ.C_.2017.229.01.0001.01.MLT&toc=OJ:C:2017:229:TOC

3.2. Kalkolu tas-sehem tal-Fattur ta' Prestazzjoni Staġunali li jikkwalifika bħala enerġija rinnovabbli – s_{SPF_p}

S_{SPF} hija s-sehem tal-provvista tat-tkessiħ li jista' jitqies bħala rinnovabbli. s_{SPF_p} jiżdied billi jiżdiedu l-valuri ta' SPF_p. SPF_p ([7]) huwa ddefinit kif deskritt fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2281 u fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2012 ([8]), ħlief li l-fattur prestabbilit tal-enerġija primarja għall-elettriku ġie aġġornat għal 2,1 fid-Direttiva 2012/27/UE (kif emendata mid-Direttiva (UE) 2018/2002 ([9])) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għandhom jintużaw kundizzjonijiet tal-konfini mill-istandard EN14511.

Ir-rekwiżit tal-effiċjenza minima tas-sistema tat-tkessiħ espress bħala fattur ta' prestazzjoni staġunali primarju għandu jkun tal-anqas 1,4 ($SPFp_{LOW}$). Sabiex s_{SPF_p} ikun 100 %, ir-rekwiżit ta' effiċjenza minima tas-sistema tat-tkessiħ għandu jkun tal-anqas 6 ($SPFp_{HIGH}$). Għas-sistemi tat-tkessiħ l-oħra kollha għandu jiġi applikat il-kalkolu li ġej:

$$s_{SPFp} = \frac{SPF_p - SPF_{p_LOW}}{SPF_{p_HIGH} - SPF_{p_LOW}} \%$$

SPF_P hija l-effiċjenza tas-sistema tat-tkessiħ espressa bħala fattur primarju tal-prestazzjoni staġunali;

$SPFp_{LOW}$ hija l-fattur minimu tal-prestazzjoni staġunali espress fl-enerġija primarja u bbażat fuq l-effiċjenza ta' sistemi standard tat-tkessiħ (rekwiżiti minimi tal-ekodisinn);

$SPFp_{HIGH}$ hija s-soll massimu għall-fattur ta' prestazzjoni staġunali espress fl-enerġija primarja u bbażat fuq l-aħjar prattiki għat-tkessiħ liberu użat fit-tkessiħ distrettwali ([10]).

3.3. Kalkolu tal-kwantità ta' enerġija rinnovabbli għat-tkessiħ bl-użu ta' SPF_p standard u mkejjel

SPF standard u mkejjel

Il-valuri standardizzati ta' SPF huma disponibbli għall-ġeneraturi tat-tkessiħ tal-kompressjoni tal-fwar tal-elettriku u għall-ġeneratur tat-tkessiħ tal-kompressjoni tal-fwar tal-magna tal-kombustjoni minħabba r-rekwiżiti tal-Ekodisinn fir-Regolament (UE) Nru 206/2012 u (UE) 2016/2281. Il-valuri huma disponibbli għal dawn il-ġeneraturi tat-tkessiħ sa 2 MW għat-tkessiħ tal-kumditá u sa 1,5 MW għat-tkessiħ tal-proċess. Għal teknoloġiji u skali ta' kapaċità oħrajn, il-valuri standard mhumiex disponibbli. Fir-rigward tat-tkessiħ distrettwali, il-valuri standard mhumiex disponibbli iżda l-kejl jintuża u huwa disponibbli; dawn jippermettu li jiġu kkalkolati l-valuri ta' SPF mill-inqas fuq bażi annwali.

Sabiex tiġi kkalkolata l-kwantità tat-tkessiħ rinnovabbli, jistgħu jintużaw valuri standard ta' SPF fejn disponibbli. Meta l-valuri standard ma jkunux disponibbli jew il-kejl ikun prattika standard, għandhom jintużaw il-valuri mkejla ta' SPF, separati mis-sollijiet tal-kapaċità tat-tkessiħ. Għal ġeneraturi tat-tkessiħ b'kapaċità tat-tkessiħ ta' anqas minn 1,5 MW, jista' jintuża SPF standard, filwaqt li SPF imkejjel għandu jintuża għat-tkessiħ distrettwali, għal ġeneraturi tat-tkessiħ b'kapaċitajiet tat-tkessiħ ogħla minn jew ekwivalenti għal 1,5 MW u ġeneraturi tat-tkessiħ li għalihom mhumiex disponibbli valuri standard.

Barra minn hekk, għas-sistemi kollha tat-tkessiħ mingħajr SPF standard, li jinkludi s-soluzzjonijiet kollha tat-tkessiħ liberu u l-ġeneraturi tat-tkessiħ attivati bis-sħana, għandu jiġi stabbilit SPF imkejjel sabiex jittieħed vantaġġ mill-metodoloġija tal-kalkolu għat-tkessiħ rinnovabbli.

([7]) F'każ li l-kundizzjonijiet operatorji reali tal-ġeneraturi tat-tkessiħ iwasslu għal valuri ta' SPF sostanzjalment aktar baxxi minn dawk ippjanati f'kundizzjonijiet standard minħabba dispożizzjonijiet ta' installazzjoni differenti, l-Istati Membri jistgħu jeskludu dawn is-sistemi mill-ambitu tad-definizzjoni tat-tkessiħ rinnovabbli (eż. ġeneratur tat-tkessiħ imkessaħ bl-ilma bl-użu ta' berried niexef minflok torri tat-tkessiħ biex is-sħana tiġi rilaxxata fl-arja ambjentali).

([8]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2012 tas-6 ta' Marzu 2012 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-kundizzjonaturi tal-arja u l-fannijiet għall-użu personali (ĠU L 72, 10.3.2012, p. 7).

([9]) Id-Direttiva (UE) 2018/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 210).

([10]) ENER/C1/2018-493, Renewable cooling under the revised Renewable Energy Directive, TU-Wien, 2021.

Definizzjoni ta' valuri ta' SPF standard

Il-valuri ta' SPF huma espressi f'termini tal-effiċjenza enerġetika primarja kkalkolata bl-użu ta' fatturi tal-enerġija primarja skont ir-Regolament (UE) 2016/2281 biex tiġi ddeterminata l-effiċjenza tat-tkessiħ tal-ispazju għat-tipi differenti ta' ġeneraturi tat-tkessiħ ([11]). Il-fattur tal-enerġija primarja fir-Regolament (UE) 2016/2281 għandu jiġi kkalkolat bħala 1/η, fejn η huwa l-proporzjon medju tal-produzzjoni grossa totali tal-elettriku għall-konsum tal-enerġija primarja għall-produzzjoni tal-elettriku fl-UE kollha. Bl-emenda tal-fattur tal-enerġija primarja prestabbilita għall-elettriku, imsejjaħ koeffiċjent fil-punt (1) tal-Anness tad-Direttiva (UE) 2018/2002 li temenda n-nota tal-qiegħ (3) tal-Anness IV tad-Direttiva 2021/27/UE, il-fattur tal-enerġija primarja ta' 2,5 fir-Regolament (UE) 2016/2281 għandu jiġi sostitwit b'2,1 meta jiġu kkalkolati l-valuri tal-SPF.

Meta t-trasportaturi tal-enerġija primarja, bħas-sħana jew il-gass jintużaw bħala input tal-enerġija biex jitħaddem il-ġeneratur tat-tkessiħ, il-fattur tal-enerġija primarja prestabbilita (1/η) huwa ta' 1, li jirrifletti n-nuqqas ta' trasformazzjoni tal-enerġija η = 1.

Il-kundizzjonijiet operattivi standard u l-parametri l-oħra meħtieġa għad-determinazzjoni ta' SPF huma definiti fir-Regolament (UE) 2016/2281 u fir-Regolament (UE) Nru 206/2012, skont il-kategorija tal-ġeneratur tat-tkessiħ. Il-kundizzjonijiet tal-konfini huma dawk iddefiniti fl-istandard EN14511.

Għall-ġeneraturi tat-tkessiħ riversibbli (pompi tas-sħana riversibbli), li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2281 minħabba li l-funzjoni tat-tisħin tagħhom hija koperta mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 813/2013 ([12]) fir-rigward tar-rekwiżiti tal-Ekodisinn għall-ħiters tal-post u għall-ħiters ikkombinati, għandu jintuża l-istess kalkolu ta' SPF li huwa definit għal ġeneraturi tat-tkessiħ simili mhux riversibbli fir-Regolament (UE) 2016/2281.

Pereżempju, għall-ġeneraturi tat-tkessiħ tal-kompressjoni tal-fwar elettriku, SPF_p għandu jiġi ddefinit kif ġej (l-indiċi *p* jintuża biex jiġi ċċarat li SPF huwa definit f'termini ta' enerġija primarja):

— Għat-tkessiħ ta' spazju: $$SPF_p = \frac{SEER}{\frac{1}{\eta}} - F(1) - F(2)$$

— Għat-tkessiħ ta' proċess: $$SPF_p = \frac{SEPR}{\frac{1}{\eta}} - F(1) - F(2)$$

Fejn:

— SEER u SEPR huma fatturi ta' prestazzjoni staġunali ([13]) (SEER jirrappreżenta l-"Proporzjon tal-Effiċjenza Enerġetika Staġunali", SEPR jirrappreżenta l-"Proporzjon tal-Prestazzjoni Enerġetika Staġunali") fl-enerġija finali ddefinita skont ir-Regolament (UE) 2016/2281 u r-Regolament (UE) Nru 206/2012;

— η hija l-proporzjon medju tal-produzzjoni grossa totali tal-elettriku għall-konsum tal-enerġija primarja għall-produzzjoni tal-elettriku fl-UE (η = 0,475 u 1/η = 2,1).

F(1) u F(2) huma fatturi ta' korrezzjoni skont ir-Regolament (UE) 2016/2281 u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni relatata. Dawn il-koeffiċjenti ma japplikawx għat-tkessiħ tal-proċess fir-Regolament (UE) 2016/2281 peress li l-metrika finali tal-enerġija ta' SEPR tintuża direttament. Fin-nuqqas ta' valuri adattati, għandhom jintużaw l-istess valuri użati għall-konverżjoni ta' SEER għall-konverżjoni ta' SEPR.

Kundizzjonijiet tal-konfini SPF

Għad-definizzjoni ta' SPF tal-ġeneratur tat-tkessiħ, għandhom jintużaw il-kundizzjonijiet tal-konfini ta' SPF iddefiniti fir-Regolament (UE) 2016/2281 u fir-Regolament (UE) Nru 206/2012. Fil-każ ta' ġeneraturi tat-tkessiħ mill-ilma għall-arja u mill-ilma għall-ilma, l-input tal-enerġija meħtieġ biex is-sors kiesaħ ikun disponibbli huwa inkluż permezz tal-fattur ta' korrezzjoni F(2). Il-kundizzjonijiet tal-konfini ta' SPF huma murija fil-Figura 1. Dawn il-kundizzjonijiet tal-konfini għandhom japplikaw għas-sistemi kollha tat-tkessiħ, jew għas-sistemi tat-tkessiħ ħieles jew għas-sistemi li jkun fihom ġeneraturi tat-tkessiħ.

([11]) SPF_p huwa identiku għal $\eta_{s,c}$ iddefinit fir-Regolament (UE) 2016/2281.

([12]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 813/2013 tat-2 ta' Awwissu 2013 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ħiters tal-post u għall-ħiters ikkombinati (ĠU L 239, 6.9.2013, p. 136).

([13]) Il-Parti 1 tal-istudju ENER/C1/2018-493 dwar "Ħarsa Ġenerali lejn it-Teknoloġiji tat-Tkessiħ u s-Sehem mis-Suq" tipprovdi definizzjonijiet u ekwazzjonijiet aktar dettaljati għal dawn il-metriċi fil-Kapitolu 1.5 "Metrika tal-effiċjenza enerġetika tas-sistemi tat-tkessiħ tal-ogħla livell".

Dawn il-kundizzjonijiet tal-konfini huma simili għal dawk għall-pompi tas-sħana (użati fil-modalità tat-tisħin) fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/114/UE. ([14]) Id-differenza hija li għall-pompi tas-sħana, il-konsum tal-elettriku li jikkorrispondi għall-konsum tal-enerġija awżiljarja (modalità bit-termostat mitfi, modalità standby, modalità mitfi, apparat tat-tisħin tal-kaxxa tal-krank) ma jiġix ikkunsidrat sabiex jiġi evalwat ' SPF. Madankollu, bħal fil-każ tat-tkessiħ, kemm il-valuri ta' SPF standard kif ukoll ta' SPF imkejjel se jintużaw, u minħabba l-fatt li fil-konsum awżiljarju mkejjel ta' SPF jitqies, huwa meħtieġ li jiġi inkluż il-konsum tal-enerġija awżiljarja fiż-żewġ sitwazzjonijiet.

Għat-tkessiħ distrettwali, it-telf fil-kesħa tad-distribuzzjoni u l-konsum elettriku tal-pompa tad-distribuzzjoni bejn l-impjant tat-tkessiħ u s-substazzjon tal-klijent ma għandhomx jiġu inklużi fl-istima ta' SPF.

Fil-każ ta' sistemi tat-tkessiħ ibbażati fuq l-arja li jiżguraw ukoll il-funzjoni tal-ventilazzjoni, il-provvista tat-tkessiħ minħabba l-fluss tal-arja tal-ventilazzjoni ma għandhiex tiġi kkunsidrata. Il-potenza tal-fann minħabba l-ventilazzjoni għandha tiġi skontata wkoll proporzjonalment mal-proporzjon tal-fluss tal-arja tal-ventilazzjoni mal-fluss tal-arja tat-tkessiħ.



Figura 1 Illustrazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-konfini ta' SPF għall-ġeneratur tat-tkessiħ bl-użu ta' SPF standard u t-tkessiħ distrettwali (u sistemi kbar oħra tat-tkessiħ bl-użu ta' SPF imkejjel), fejn E_{INPUT_AUX} huwa l-input tal-enerġija għall-fann u/jew għall-pompa u E_{INPUT_CG} l-input tal-enerġija għall-ġeneratur tat-tkessiħ

Fil-każ ta' sistemi tat-tkessiħ ibbażati fuq l-arja mgħammra b'irkupru intern tal-ksieħ, ma għandhiex titqies il-provvista tat-tkessiħ minħabba l-irkupru tal-kesħa. Il-potenza tal-fann minħabba l-iskambjatur tas-sħana għall-irkupru tal-kesħa għandha tiġi skontata proporzjonalment mal-proporzjon tat-telf tal-pressjoni minħabba l-iskambjatur tas-sħana għall-irkupru tal-kesħa mat-telf totali tal-pressjoni tas-sistema tat-tkessiħ ibbażata fuq l-arja.

3.4. **Kalkolu bl-użu ta' valuri standard**

Jista' jintuża metodu ssimplifikat għal sistemi tat-tkessiħ individwali b'kapaċità ta' inqas minn 1,5 MW, li għalihom hemm disponibbli valur ta' SPF standard, biex tiġi stmata l-enerġija totali tat-tkessiħ ipprovduta.

Skont il-metodu ssimplifikat, l-enerġija tat-tkessiħ ipprovduta mis-sistema tat-tkessiħ ($Q_{Csupply}$) hija l-kapaċità nominali tat-tkessiħ *(P_C)* immultiplikata bin-numru ta' sigħat ekwivalenti ta' tagħbija sħiħa *(EFLH)*. Jista' jintuża valur wieħed tal-jiem ta' gradi tat-tkessiħ (CDD) għal pajjiż sħiħ, jew valuri distinti għal żoni klimatiċi differenti sakemm il-kapaċitajiet nominali u SPFs ikunu disponibbli għal dawn iż-żoni klimatiċi.

Il-metodi standard li ġejjin jistgħu jintużaw għall-komputazzjoni ta' *EFLH*:

— għat-tkessiħ tal-ispazju fis-settur residenzjali: EFLH = 96 + 0.85 * CDD

— għat-tkessiħ tal-ispazju fis-settur terzjarju: EFLH = 475 + 0.49 * CDD

— għat-tkessiħ tal-proċess: EFLH = τ_s * (7300 + 0.32 * CDD)

([14]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Marzu 2013 li tistabbilixxi linji gwida għall-Istati Membri għall-kalkolu tal-enerġija rinnovabbli minn pompi tas-sħana ta' teknoloġiji differenti ta' pompi tas-sħana skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 62, 6.3.2013, p. 27).

Fejn:

τ_s huwa fattur ta' attività li jqis il-ħin tat-tħaddim tal-proċessi speċifiċi (eż. tul is-sena kollha τ_s = 1, mhux fuq tmiem il-ġimgħa τ_s = 5/7). Ma hemm l-ebda valur standard.

3.4.1. *Kalkolu bl-użu ta' valuri mkejla*

Is-sistemi li għalihom ma jeżisti l-ebda valur standard, kif ukoll is-sistemi tat-tkessiħ akbar mill-kapaċità ta' 1,5 MW u s-sistemi tat-tkessiħ distrettwali**,** għandhom jikkalkulaw it-tkessiħ rinnovabbli tagħhom abbażi tal-kejl li ġej:

Input ta' enerġija mkejjel: L-input tal-enerġija mkejjel jinkludi s-sorsi kollha tal-enerġija għas-sistema tat-tkessiħ, inkluż kwalunkwe ġeneratur tat-tkessiħ, jiġifieri l-elettriku, il-gass, is-sħana eċċ. Dan jinkludi wkoll pompi u fannijiet awżiljarji għas-sistema tat-tkessiħ iżda mhux għad-distribuzzjoni tat-tkessiħ għal binja jew għal proċess. Fil-każ tat-tkessiħ ibbażat fuq l-arja bil-funzjoni ta' ventilazzjoni, l-input ta' enerġija addizzjonali biss minħabba t-tkessiħ għandu jiġi inkluż fl-input ta' enerġija tas-sistema tat-tkessiħ.

Provvista mkejla tal-enerġija tat-tkessiħ: Il-provvista tal-enerġija tat-tkessiħ għandha titkejjel bħala l-output mis-sistema tat-tkessiħ u għandu jitnaqqas kwalunkwe telf ta' kesħa sabiex tiġi stmata l-provvista netta tal-enerġija tat-tkessiħ għall-binja jew għall-proċess li huwa l-utent finali tat-tkessiħ. It-telf fil-kesħa jinkludi t-telf f'sistema tat-tkessiħ distrettwali u fis-sistema ta' distribuzzjoni tat-tkessiħ f'binja jew f'sit industrijali. Fil-każ tat-tkessiħ ibbażat fuq l-arja bil-funzjoni ta' ventilazzjoni, il-provvista tal-enerġija tat-tkessiħ għandha tkun netta mill-effett tal-introduzzjoni tal-arja friska għal finijiet ta' ventilazzjoni.

Il-kejl jeħtieġ li jitwettaq għas-sena speċifika li għandha tiġi rrapportata, jiġifieri l-input kollu tal-enerġija u l-provvista kollha tal-enerġija tat-tkessiħ għas-sena kollha.

3.4.2. *Tkessiħ distrettwali: rekwiżiti addizzjonali*

Għas-sistemi tat-tkessiħ distrettwali, għandu jittieħed kont tal-provvista netta tat-tkessiħ fil-livell tal-konsumatur meta tiġi ddefinita l-provvista netta tat-tkessiħ, immarkata bħala $Q_{C_Supply_net}$. It-telf termali li jseħħ fin-network ta' distribuzzjoni (Q_{C_LOSS}) għandu jitnaqqas mill-provvista grossa tat-tkessiħ ($Q_{C_Supply_gross}$) kif ġej:

$$Q_{C_Supply_net} = Q_{C_Supply_gross} - Q_{C_LOSS}$$

3.4.2.1. *Diviżjoni fis-subsistemi*

Is-sistemi tat-tkessiħ distrettwali jistgħu jinqasmu f'subsistemi, li jinkludu mill-inqas ġeneratur tat-tkessiħ wieħed jew sistema tat-tkessiħ ħieles. Dan jeħtieġ il-kejl tal-provvista tal-enerġija tat-tkessiħ u tal-input tal-enerġija għal kull subsistema kif ukoll l-allokazzjoni tat-telf fil-kesħa għal kull subsistema kif ġej:

$$Q_{C_Supply_net_i} = Q_{C_Supply_gross_i} x \left(1 - \frac{Q_{C_{LOSS}}}{\left(\sum_{i=1}^{n} Q_{C_{Supply_{gross_i}}}\right)}\right)$$

3.4.2.2. *Awżiljari*

Meta sistema tat-tkessiħ tiġi diviża f'subsistemi, l-awżiljarji (eż. kontrolli, pompi u fannijiet) tal-ġeneratur(i) tat-tkessiħ u/jew tas-sistema/i tat-tkessiħ ħieles għandhom jiġu inklużi fl-istess subsistema/i. L-enerġija awżiljarja li tikkorrispondi għad-distribuzzjoni tat-tkessiħ fil-binja, eż. pompi sekondarji u unitajiet terminali (eż. kojls tal-fann, fannijiet ta' unitajiet li jimmaniġġaw l-arja) ma tiġix ikkunsidrata.

Għal awżiljarji li ma jistgħux jiġu allokati għal subsistema speċifika, pereżempju pompi tan-network tat-tkessiħ distrettwali li jwasslu l-enerġija tat-tkessiħ ipprovduta mill-ġeneraturi kollha tat-tkessiħ, il-konsum tal-enerġija primarja tagħhom għandu jiġi allokat għal kull subsistema tat-tkessiħ fil-proporzjon tal-enerġija tat-tkessiħ ipprovduta mill-ġeneraturi tat-tkessiħ u/jew mis-sistemi tat-tkessiħ ħieles ta' kull subsistema bl-istess mod bħal b'telf fil-kesħa fin-network kif ġej

$$E_{INPUT_AUX_i} = E_{INPUT_AUX1_i} + E_{INPUT_AUX2} * \frac{Q_{C_Supply_net_i}}{\sum_{i=1}^{n} Q_{C_Supply_net_i}}$$

fejn:

$E_{INPUT_AUX1_i}$ huwa l-konsum tal-enerġija awżiljarja tas-subsistema "i";

E_{INPUT_AUX2} huwa l-konsum tal-enerġija awżiljarja tas-sistema kollha tat-tkessiħ, li ma jistax jiġi allokat għal subsistema speċifika tat-tkessiħ.

3.5. **Kalkolu tal-kwantità tal-enerġija rinnovabbli għat-tkessiħ għall-ishma rinnovabbli ġenerali u għall-ishma tal-enerġija rinnovabbli għat-tisħin u t-tkessiħ**

Għall-kalkolu tal-ishma globali tal-enerġija rinnovabbli, il-kwantità tal-enerġija rinnovabbli għat-tkessiħ għandha tiżdied kemm man-numeratur "konsum finali gross tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli" kif ukoll mad-denominatur "konsum finali gross tal-enerġija".

Għall-kalkolu tal-ishma tal-enerġija rinnovabbli tat-tisħin u tat-tkessiħ, il-kwantità tal-enerġija rinnovabbli għat-tkessiħ għandha tiżdied kemm man-numeratur "konsum finali gross tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli għat-tisħin u t-tkessiħ" kif ukoll mad-denominatur "konsum finali gross tal-enerġija għat-tisħin u t-tkessiħ".

3.6. **Gwida dwar l-iżvilupp ta' metodoloġiji u kalkoli aktar akkurati**

L-Istati Membri huma mistennija u mħeġġa jwettqu l-istimi tagħhom stess, kemm għall-fattur SPF kif ukoll għal HHP. Kwalunkwe approċċ nazzjonali/reġjonali bħal dan jenħtieġ li jkun ibbażat fuq suppożizzjonijiet akkurati, kampjuni rappreżentattivi ta' daqs suffiċjenti, li jirriżultaw fi stima mtejba konsiderevolment tal-enerġija rinnovabbli meta mqabbla ma' dik miksuba bl-użu tal-metodoloġija stabbilita f'dan l-Att Delegat. Dawn il-metodoloġiji mtejba jistgħu jkunu bbażati fuq kalkolu dettaljat li juża *data* teknika li tqis, fost fatturi oħra, is-sena tal-installazzjoni, il-kwalità tal-installazzjoni, it-tip tal-kompressur, il-mod operatorju, is-sistema ta' distribuzzjoni tas-sħana, il-kaskar tal-ġeneraturi u l-klima reġjonali. L-Istati Membri li jużaw metodoloġiji u/jew valuri alternattivi għandhom jissottomettuhom lill-Kummissjoni flimkien ma' rapport li jiddeskrivi l-metodu u d-*data* użati. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni tittraduċi d-dokumenti u tippubblikahom fuq il-pjattaforma ta' trasparenza tagħha."

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/760

tat-8 ta' April 2022

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/2306 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżitorji għaċ-ċertifikati ta' spezzjoni maħruġa fl-Ukrajna

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-punt (a)(ii) tal-Artikolu 38(8), il-punt (b) tal-Artikolu 46(7), u l-Artikolu 57(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2306 ([2]) jistabbilixxi regoli dwar il-kontrolli uffiċjali fir-rigward ta' prodotti organiċi u prodotti fil-fażi tal-konverżjoni maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni u dwar iċ-ċertifikat ta' spezzjoni.

(2) F'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2306, iċ-ċertifikat ta' spezzjoni jrid jinħareġ fi TRACES u jrid ikollu siġill elettroniku kwalifikat. Id-dispożizzjoni tranżitorja stabbilita fl-Artikolu 11(1) ta' dak ir-Regolament tipprevedi li, b'deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(3) ta' dak ir-Regolament, sat-30 ta' Ġunju 2022, iċ-ċertifikat ta' spezzjoni jista' jinħareġ fuq karta wara li jimtela fi TRACES u jiġi stampat. Il-proċess għar-reġistrazzjoni tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korpi ta' kontroll għas-siġill elettroniku kwalifikat għadu għaddej.

(3) L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fl-24 ta' Frar 2022 tikkostitwixxi sfida eċċezzjonali u bla preċedent għall-awtoritajiet ta' kontroll u għall-korpi ta' kontroll li ġew rikonoxxuti għall-fini tal-esportazzjoni ta' prodotti organiċi mill-Ukrajna lejn l-Unjoni. Fl-Ukrajna, is-servizzi postali huma wkoll imfixkla.

(4) B'hekk, persuna awtorizzata, li tinsab fl-Ukrajna, ta' awtorità ta' kontroll jew korp ta' kontroll li għadhom mhux mgħammra b'siġill elettroniku kwalifikat ma tistax toħroġ ċertifikati elettroniċi ta' spezzjoni f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2306. Min-naħa l-oħra, dik il-persuna awtorizzata lanqas ma tista' tuża l-possibbiltà li toħroġ iċ-ċertifikat ta' spezzjoni fuq karta f'konformità mad-dispożizzjoni tranżitorja fl-Artikolu 11(1) ta' dak ir-Regolament, peress li bħalissa s-servizzi postali fl-Ukrajna huma mfixkla.

(5) F'dan il-kuntest, għalhekk jeħtieġ li persuna awtorizzata, li tinsab fl-Ukrajna, ta' awtorità ta' kontroll jew korp ta' kontroll li għadhom mhux mgħammra b'siġill elettroniku kwalifikat, titħalla tipproduċi u tissottometti fi TRACES iċ-ċertifikat ta' spezzjoni f'format elettroniku mingħajr l-applikazzjoni ta' siġill elettroniku kwalifikat fil-kaxxa 18 ta' dak iċ-ċertifikat. Bl-istess mod, jeħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera jew fil-punti ta' rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jitħallew iwettqu kontrolli tal-importazzjoni fuq dawn iċ-ċertifikati ta' spezzjoni u li japprovawhom fi TRACES b'siġill elettroniku kwalifikat jew fuq karta bil-firma bl-idejn tal-persuna awtorizzata wara li jimtlew fi TRACES u jiġu stampati.

(6) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2021/2306 jiġi emendat skont dan.

(7) Minħabba l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja u r-reazzjoni immedjata meħtieġa, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika retroattivament mill-24 ta' Frar 2022,

([1]) ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2306 tal-21 ta' Ottubru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar il-kontrolli uffiċjali fir-rigward tal-konsenji ta' prodotti organiċi u prodotti fil-fażi tal-konverżjoni maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni u dwar iċ-ċertifikat ta' spezzjoni (ĠU L 461, 27.12.2021, p. 13).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2306

L-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2306 huwa emendat kif ġej:

(1) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. B'deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(3), sat-30 ta' Ġunju 2022, persuna awtorizzata, li tinsab fl-Ukrajna, ta' awtorità ta' kontroll jew korp ta' kontroll li mhumiex mgħammra b'siġill elettroniku kwalifikat, tista' tipproduċi u tissottometti fi TRACES iċ-ċertifikat ta' spezzjoni f'format elettroniku mingħajr l-applikazzjoni ta' siġill elettroniku kwalifikat fil-kaxxa 18 tiegħu. Dan iċ-ċertifikat għandu jinħareġ qabel ma l-konsenja korrispondenti tħalli l-pajjiż terz tal-esportazzjoni jew tal-oriġini."

(2) fil-paragrafu 2, jiżdied il-punt (c) li ġej:

"(c) jekk iċ-ċertifikat ta' spezzjoni jiġi prodott u sottomess fi TRACES f'format elettroniku f'konformità mal-paragrafu 1a, dak iċ-ċertifikat għandu jiġi approvat fi TRACES b'siġill elettroniku kwalifikat jew fuq karta bil-firma bl-idejn tal-persuna awtorizzata tal-awtorità kompetenti fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jew fil-punt ta' rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, fil-kaxxi 23, 25 u 30, kif xieraq, wara li jimtela fi TRACES u jiġi stampat.".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-24 ta' Frar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/761

tat-13 ta' Mejju 2022

li japprova emenda mhux minuri fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għal isem elenkat fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet tal-Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Agneau du Périgord" (IĠP))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni mressqa minn Franza għall-approvazzjoni ta' emenda fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta "Agneau du Périgord", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1163/2010 ([2]).

(2) Billi l-emenda kkonċernata mhix minuri skont it-tifsira tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba biex issir emenda f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]), kif stipulat fl-Artikolu 50(2)(a) ta' dak ir-Regolament.

(3) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni f'konformità mal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, jenħtieġ li l-emenda fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emenda tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li tikkonċerna l-isem "Agneau du Périgord" (IĠP), hija b'dan approvata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Mejju 2022.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President,
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1163/2010 tad-9 ta' Diċembru 2010 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Agneau du Périgord (IĠP)] (ĠU L 326, 10.12.2010, p. 64).
([3]) ĠU C 42, 27.1.2022, p. 3.

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/762

tat-12 ta' Mejju 2022

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port fir-rigward tas-sħubija tal-Federazzjoni Russa fil-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Memorandum ta' Qbil dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port ("MtQ ta' Pariġi") ġie ffirmat f'Pariġi fis-26 ta' Jannar 1982 u sar effettiv fl-1 ta' Lulju 1982. Il-MtQ ta' Pariġi għandu 27 awtorità marittima bħala membri, jiġifieri l-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Federazzjoni Russa, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, l-Iżlanda, il-Kanada, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Renju Unit, ir-Rumanija, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja. L-Unjoni mhijiex membru tal-MtQ ta' Pariġi.

(2) Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) tistabbilixxi r-reġim legali tal-Unjoni dwar il-kontroll tal-Istat tal-port, filwaqt li tifformula mill-ġdid u ssaħħaħ l-atti legali preċedenti tal-Unjoni f'dan il-qasam, li ilha fis-seħħ mill-1995. Ir-reġim legali tal-Unjoni dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port huwa bbażat fuq il-MtQ ta' Pariġi.

(3) Fir-rigward tal-Istati Membri, id-Direttiva 2009/16/KE tinkorpora b'mod effettiv il-proċeduri, l-għodod u l-attivitajiet tal-MtQ ta' Pariġi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni. Bis-saħħa ta' dik id-Direttiva, ċerti deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port" ("PSCC") stabbiliti skont it-Taqsima 7.1 tal-MtQ ta' Pariġi jsiru vinkolanti għall-Istati Membri.

(4) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Frar 2022, il-Kunsill Ewropew ikkundanna bl-iktar mod qawwi possibbli l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24-25 ta' Marzu 2022, il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-gwerra ta' aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna tikser bil-kbir id-dritt internazzjonali u talab li l-Federazzjoni Russa twaqqaf immedjatament l-aggressjoni militari tagħha fit-territorju tal-Ukrajna.

(5) Fil-kuntest tal-aggressjoni militari tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, fl-14 ta' Marzu 2022 is-Segretarjat tal-MtQ ta' Pariġi rċieva ittra mingħand il-Ministru għall-Infrastruttura Ukren. F'dik l-ittra, il-MtQ ta' Pariġi ntalab li ma jżommx indebitament bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Ukrajna wara spezzjonijiet ta' kontroll tal-Istat tal-port, li jeskludi l-Federazzjoni Russa mill-MtQ ta' Pariġi, u li ma jirrikonoxxix ċertifikati maħruġin f'isem l-Amministrazzjoni Marittima tal-Federazzjoni Russa.

([1]) Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57).

(6) Fir-rigward tat-talba biex ma jinżammux bastimenti Ukreni indebitament, fit-2 ta' Marzu 2022 il-MtQ ta' Pariġi ħareġ iċ-Ċirkolari 101 tal-KSP (Gwida dwar ir-ripatrijazzjoni tal-baħħara minħabba s-sitwazzjoni fl-Ukrajna) li tindirizza din il-kwistjoni. Iċ-Ċirkolari 101 tal-KSP tinforma lill-awtoritajiet membri li hemm il-ħtieġa li tiġi applikata flessibbiltà fiċ-ċirkostanzi attwali, inkluż fir-rigward tar-ripatrijazzjoni tal-baħħara, il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu tal-2006, iċ-ċertifikati maħruġa skont il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara tal-1978 u ċ-ċertifikati mediċi. Jekk isir neċessarju minħabba l-iżviluppi, il-MtQ ta' Pariġi jista' jikkunsidra aġġustamenti ulterjuri fir-rigward taċ-Ċirkolari 101 tal-KPS. Jenħtieġ li din il-pożizzjoni tiġi kkomunikata lill-awtoritajiet Ukreni.

(7) B'rabta mat-talba rigward is-sħubija tal-Federazzjoni Russa fl-MtQ ta' Pariġi, jenħtieġ li jiġi nnutat li l-Federazzjoni Russa ġiet eskluża mill-aċċess għall-għodda tal-immirar tal-kontroll tal-Istat tal-port u għall-bażi tad-data dwar l-ispezzjonijiet ta' THETIS, previsti skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2009/16/KE, u mill-użu tagħhom. Dan ifisser li l-parteċipazzjoni tal-Federazzjoni Russa fil-ħidma tal-MtQ ta' Pariġi diġà kienet limitata ferm u mingħajr aċċess għal dik il-bażi tad-data l-Federazzjoni Russa ma tistax tissodisfa b'mod effettiv l-obbligi tagħha skont il-MtQ ta' Pariġi.

(8) La l-MtQ ta' Pariġi u lanqas kwalunkwe waħda mill-istruzzjonijiet ta' politika ma fihom xi proċedura jew mekkaniżmu għat-tneħħija ta' xi membri mill-MtQ ta' Pariġi. Minbarra l-esklużjoni mill-MtQ ta' Pariġi, alternattiva hija li għalissa tiġi sospiża s-sħubija. Filwaqt li l-effett immedjat ta' sospensjoni ikun simili għal esklużjoni, din tkun inqas permanenti. Madankollu, fil-MtQ ma ġiet inkluża l-ebda dispożizzjoni għal sospensjoni lanqas. Is-sospensjoni tkun tippermetti li tiġi kkunsidrata iktar il-ħtieġa għal esklużjoni sħiħa mill-MtQ ta' Pariġi u tista' titreġġa' lura jekk iċ-ċirkostanzi jinbidlu.

(9) L-Unjoni, bħala attur globali, hija fiċ-ċentru tal-isforzi fin-Nazzjonijiet Uniti (NU) u fora u proċessi multilaterali oħra biex iżżomm lill-Federazzjoni Russa responsabbli għall-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tagħha kontra l-Ukrajna, biex twaqqaf l-aggressjoni militari fit-territorju tal-Ukrajna, u biex tiżgura ritorn għar-rispett sħiħ għas-sovranità, għall-indipendenza u għall-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. L- aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna huwa ksur serju tal-Artikolu 2(4) tal-Karta tan-NU, li jipprojbixxi t-theddida jew l-użu tal-forza kontra l-integrità territorjali jew l-indipendenza politika ta' kwalunkwe Stat.

(10) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, u sakemm il-Federazzjoni Russa la tosserva l-prinċipji tal-Karta tan-NU, u lanqas tikkonforma mal-obbligi internazzjonali tagħha, jixraq li tiġi sospiża s-Sħubija tal-Federazzjoni Russa fil-MtQ ta' Pariġi f'konformità mal-Artikolu 62(3) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati.

(11) Il-kooperazzjoni fil-PSCC ma' pajjiżi terzi oħra li huma membri tal-MtQ ta' Pariġi, jiġifieri l-Iżlanda, il-Kanada, in-Norveġja u r-Renju Unit, hija essenzjali biex tintlaħaq deċiżjoni li tissospendi s-sħubija tal-Federazzjoni Russa fil-MtQ ta' Pariġi.

(12) Fir-rigward tat-talba biex ma jiġux rikonoxxuti ċ-ċertifikati maħruġa mill-Amministrazzjoni Marittima tal-Federazzjoni Russa, tali ċertifikati jinħarġu f'konformità mal-konvenzjonijiet internazzjonali. Peress li l-Federazzjoni Russa għadha membru tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, il-MtQ ta' Pariġi ma għandux il-kompetenza li jirtira r-rikonoxximent ta' tali ċertifikati. Jenħtieġ li din il-pożizzjoni tiġi kkomunikata lill-awtoritajiet Ukreni.

(13) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-PSCC fir-rigward tas-sħubija tal-Federazzjoni Russa fil-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi peress li d-deċiżjonijiet jistgħu jaffettwaw il-liġi tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva 2009/16/KE.

(14) Il-pożizzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-MtQ ta' Pariġi, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port ("PSCC") tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port ("MtQ ta' Pariġi"), fir-rigward tas-sħubija tal-Federazzjoni Russa fil-MtQ ta' Pariġi għandha tkun kif ġej:

(a) li taqbel mal-approċċ stabbilit fil-paragrafu 5 tad-dokument tal-PSCC PSCC55/11.1 rigward id-detenzjoni ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Ukrajna fil-portijiet tal-membri tal-MtQ ta' Pariġi;

(b) li tappoġġa b'mod attiv is-sospensjoni tal-Federazzjoni Russa mill-MtQ ta' Pariġi;

(c) li tistinka biex jintlaħaq konsensus bejn il-membri tal-MtQ ta' Pariġi għajr il-Federazzjoni Russa dwar is-sospensjoni tal-Federazzjoni Russa mill-MtQ ta' Pariġi sakemm jingħataw struzzjonijiet oħrajn;

(d) li taqbel mal-approċċ stabbilit fil-paragrafu 7 tad-dokument tal-PSCC PSCC55/11.1 rigward l-irtirar tar-rikonoxximent taċ-ċertifikati statutorji maħruġa mill-Federazzjoni Russa.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-MtQ ta' Pariġi, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Mejju 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J.-Y. LE DRIAN

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/763

tal-21 ta' Diċembru 2021

dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.60165 - 2021/C (ex 2021/N) li l-Portugall qiegħed jippjana li jimplimenta għal TAP SGPS

(notifikata bid-dokument C(2021) 9941)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-għajnuna SA.60165 (2021/C) ([1]),

Wara li stiednet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjoni msemmija hawn fuq ([2]) u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Fl-10 ta' Ġunju 2021, il-Portugall innotifika l-pjanijiet tiegħu li jagħti għajnuna mill-Istat fl-ammont ta' EUR 3,2 biljun, bħala għajnuna għar-ristrutturar, skont il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà ("Linji Gwida R&R") ([3]) lill-unità ekonomika, attwalment taħt il-kontroll uniku tal-Istat Portugiż, li tinkludi lil Transportes Aéreos Portugueses SGPS S.A. ("TAP SGPS") u l-kumpanija oħt attwali tagħha Transportes Aéreos Portugueses, S.A. ("TAP Air Portugal"), inklużi s-sussidjarji kkontrollati kollha tagħhom (il-premessi (8) sa (14)). In-notifika kienet preċeduta minn self ta' salvataġġ lil TAP SGPS fl-ammont ta' EUR 1,2 biljun, li għalih il-Kummissjoni ma qajmet l-ebda oġġezzjoni f'deċiżjoni tal-10 ta' Ġunju 2020 (id-"deċiżjoni inizjali dwar l-għajnuna għas-salvataġġ") ([4]). Il-Portugall implimenta u żborża l-għajnuna għas-salvataġġ lil TAP SGPS f'Lulju 2020 u ssottometta pjan ta' ristrutturar għal TAP SGPS fl-10 ta' Diċembru 2020. Verżjoni aġġornata tal-pjan ta' ristrutturar u dokumenti oħra ta' sostenn akkumpanjaw in-notifika.

(2) Fid-19 ta' Mejju 2021, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni inizjali dwar l-għajnuna għas-salvataġġ iżda ssospendiet l-effetti tal-annullament sakemm tiġi adottata deċiżjoni ġdida mill-Kummissjoni ([5]). Fis-16 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni ġdida li ma qajmet l-ebda oġġezzjoni għall-għajnuna għas-salvataġġ ([6]) li attirat rikors ieħor għall-annullament tagħha ([7]).

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 5278 final tas-16 ta' Lulju 2021 fil-kawża SA.60165 (ĠU C 317, 6.8.2021, p. 13).

([2]) ĠU C 317, 6.8.2021, p. 13.

([3]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà (ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ġunju 2020 fil-kawża SA. 57369 (2020/N) – COVID-19 – Il-Portugall – Għajnuna lil TAP (ĠU C 228, 10.7.2020, p. 1)..

([5]) Is-Sentenza tad-19 ta' Mejju 2021, Ryanair DAC vs Il-Kummissjoni, T-465/20, EU:T:2021:284. Il-Qorti Ġenerali sabet li l-Kummissjoni naqset milli tiddikjara r-raġunijiet skont l-Artikolu 296 tat-TFUE fid-deċiżjoni inizjali tagħha dwar l-għajnuna għas-salvataġġ, b'mod partikolari billi ma indikatx jekk TAP SGPS kinitx tappartjeni għal grupp skont it-tifsira tal-punt 22 tal-Linji Gwida R&R. Il-Qorti Ġenerali ordnat li l-effetti tal-annullament ta' dik id-deċiżjoni jiġu sospiżi għal perjodu ta' mhux aktar minn xahrejn mid-data tas-sentenza jekk il-Kummissjoni tkun iddeċidiet li tadotta deċiżjoni ġdida skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE, u għal perjodu ulterjuri raġonevoli jekk il-Kummissjoni tkun iddeċidiet li tibda l-proċedura skont l-Artikolu 108(2) tat-TFUE.

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2021 fil-kawża SA 57369 - Għajnuna għas-salvataġġ lil TAP SGPS (ĠU C 345, 27.8.2021, p. 1).

([7]) Il-Kawża T-743/21 Ryanair vs Il-Kummissjoni, attwalment pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali.

(3) Permezz ta' ittra datata s-16 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni infurmat lill-Portugall li kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") fir-rigward tal-għajnuna għar-ristrutturar (id-"deċiżjoni tal-ftuħ"). Il-Portugall ipprovda kummenti dwar din id-deċiżjoni permezz ta' ittri datati d-19 ta' Awwissu u s-27 ta' Awwissu 2021.

(4) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħti bidu għall-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([8]). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni.

(5) Il-Kummissjoni rċeviet 39 kumment mill-partijiet interessati fil-limitu ta' żmien li skada fis-6 ta' Settembru 2021. Hija bagħtithom lill-Portugall, li ngħata l-opportunità li jirrispondi. Permezz ta' ittra datata l-5 ta' Ottubru 2021, il-Portugall issottometta kummenti dwar l-osservazzjonijiet mill-partijiet interessati.

(6) Il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali dwar il-pjan ta' ristrutturar u l-għajnuna u l-finanzjament ta' sostenn għar-ristrutturar permezz ta' ittra tad-29 ta' Ottubru 2021, li l-Portugall wieġeb għaliha fis-16 ta' Novembru 2021. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Portugiżi organizzaw vidjokonferenzi relatati mal-miżuri ta' kompetizzjoni previsti fin-notifika u l-Kummissjoni talbet ukoll informazzjoni addizzjonali dwar l-istruttura kompetittiva tas-suq għas-servizzi tat-trasport bl-ajru tal-passiġġieri lejn u mill-ajruport ta' Liżbona fil-25 ta' Ottubru 2021, inkluża informazzjoni aġġornata dwar is-slots tal-kumpaniji tat-trasport tal-ajru li joperaw fl-ajruport. Il-Portugall wieġeb fit-2 u fit-8 ta' Novembru 2021 u ssottometta aktar informazzjoni fis-16, fil-25, fis-27, fit-30 ta' Novembru 2021 u, eventwalment, fit-3 ta' Diċembru 2021.

(7) Il-Portugall qabel b'mod eċċezzjonali li jirrinunzja għad-drittijiet li joħorġu mill-Artikolu 342 tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-KE 1/1958 ([9]) u li din id-deċiżjoni tiġi adottata u nnotifikata skont l-Artikolu 297 tat-TFUE bl-Ingliż.

2. DESKRIZZJONI TAL-GĦAJNUNA

2.1. Il-benefiċjarju: l-istruttura tas-sjieda u s-sussidjarji operattivi

(8) Il-benefiċjarju tal-għajnuna għar-ristrutturar huwa l-unità ekonomika, attwalment taħt il-kontroll uniku tal-Istat Portugiż (il-premessi (11) u (12)), li tinkludi lil TAP SGPS u l-kumpanija oħt attwali tagħha TAP Air Portugal, inklużi s-sussidjarji kkontrollati kollha tagħhom. TAP SGPS hija kumpanija azzjonarja inkorporata fl-2003, filwaqt li TAP Air Portugal inħolqot fl-1945 bħala l-linja tal-ajru ewlenija Portugiża. Sal-2017, TAP SGPS kienet ikkontrollata b'mod konġunt minn Parpública - Participações Públicas, SGPS, S.A. ("Parpública"), impriża pubblika li tiġġestixxi l-holdings tal-Istat Portugiż, u minn żewġ kumpaniji, HPGB SGPS, S.A ([10]) ("HPGB") u DGN Corporation ("DGN"), l-aħħar tnejn joperaw permezz ta' konsorzju Atlantic Gateways SGPS, Lda. ("AGW") ([11]). Meta l-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni inizjali dwar l-għajnuna għas-salvataġġ, Parpública kellha 50 % u AGW 45 % tal-ishma ta' TAP SGPS, filwaqt li l-5 % l-oħra tal-ishma kienu miżmuma mill-impjegati ta' TAP SGPS. Dik is-sitwazzjoni tas-sjieda nbidlet fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-proċess ta' salvataġġ u ristrutturar li għaddej ta' TAP SGPS.

(9) Meta beda l-proċess ta' salvataġġ u ristrutturar ta' TAP SGPS, TAP Air Portugal kienet kompletament proprjetà ta' TAP SGPS u kienet l-akbar sussidjarja tagħha, responsabbli għal madwar 98 % tal-fatturat ta' TAP SGPS. L-awtoritajiet Portugiżi jispjegaw li sa Ġunju 2020, ma ġie kkontemplat l-ebda tibdil fl-istruttura tal-azzjonisti ta' TAP SGPS, peress li l-azzjonisti kollha tal-benefiċjarju qablu dwar il-ħtieġa ta' għajnuna għas-salvataġġ biex tinżamm l-attività ta' TAP Air Portugal u l-vijabbiltà ta' TAP SGPS fuq medda twila ta' żmien.

([8]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 1.

([9]) Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU 17, 6.10.1958, p. 385).

([10]) HPGB, SGPS, S.A. tinsab f'Liżbona u hija parti mill-Industrija tal-Ġestjoni tal-Kumpaniji u l-Intrapriżi. HPGB, SGPS, S.A. għandha […] impjegati f'dan il-post. Hemm […] kumpaniji fil-familja korporattiva ta' HPGB, SGPS, S.A.

([11]) Għal aktar dettalji dwar HPGB, DGN u l-konsorzju AGW, ara l-premessi 11 sa 15 tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2021 fil-kawża SA.57369, imsemmija fin-nota f'qiegħ il-paġna 6.

(10) L-awtoritajiet Portugiżi qiesu biss il-kwistjoni tal-kontroll ta' TAP SGPS fil-bidu ta' Lulju 2020, fil-kuntest ta' staġnar fin-negozjati ma' AGW dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim dwar self ta' salvataġġ. […]. Quddiem kollass finanzjarju qrib ta' TAP SGPS, li kien qed iħeġġeġ l-implimentazzjoni tal-għajnuna għas-salvataġġ, l-awtoritajiet Portugiżi ddeċidew li jikkonkludu ftehim privat mal-azzjonisti ta' AGW sabiex jixtru l-ishma ta' DGN, […]. […], il-Ministeru Portugiż tat-Teżor (Direcção-Geral do Tesouro e Finanças ("DGTF")) akkwista direttament l-ishma ta' TAP SGPS li jirrappreżentaw 22,5 % tal-kapital azzjonarju ta' TAP SGPS li qabel kien miżmum minn AGW. B'konsegwenza ta' dan, l-Istat Portugiż illum jassumi, direttament u indirettament, pożizzjoni ta' maġġoranza li tikkorrispondi għal 72,5 % tal-kapital azzjonarju u d-drittijiet ekonomiċi rispettivi ta' TAP SGPS (50 % permezz ta' Parpública u 22,5 % permezz tad-DGTF). Preċedentement HPGB kellha sehem fil-konsorzju AGW, mhux direttament f'TAP SGPS, iżda wara li akkwistat is-sehem ta' AGW, HPGB bħalissa għandha direttament sehem ta' 22,5 % f'TAP SGPS.

(11) L-awtoritajiet Portugiżi jikkonfermaw li skont il-ftehim dwar il-parteċipazzjoni azzjonarja konkluż mir-Repubblika Portugiża permezz tad-DGTF, […]. […] [12], […] [13]. Il-kontroll fuq 72,5 % tal-kapital azzjonarju, […], jagħti kontroll uniku lill-Istat Portugiż fuq TAP SGPS.

(12) Bl-istess mod, mill-għoti tal-għajnuna għas-salvataġġ, il-parteċipazzjoni azzjonarja ta' TAP SGPS f'TAP Air Portugal inbidlet meta l-Istat Portugiż permezz tad-DGTF issottoskriva għaż-żieda kapitali ta' TAP Air Portugal ta' EUR 462 miljun [14]. Mill-24 ta' Mejju 2021, l-Istat, permezz tad-DGTF, għandu direttament madwar 92 % tal-kapital azzjonarju ta' TAP Air Portugal. TAP SGPS bħalissa għandha t-8 % li jifdal. TAP Air Portugal hija l-unika azzjonista ta' TAP Logistics Solutions, S.A., kumpanija inkorporata fit-30 ta' Diċembru 2019 biex topera attivitajiet ta' merkanzija u posta.

(13) TAP SGPS tippossjedi ishma fil-kumpaniji li ġejjin li huma attivi fil-forniment ta' servizzi relatati mat-trasport bl-ajru fil-Portugall u f'pajjiżi oħra:

— 100 % f'Portugália Airlines– Companhia Portuguesa de Transportes Aéreos, S.A. ("Portugalia");

— 100 % f'U.C.S.– Cuidados Integrados de Saúde, S.A., kumpanija attiva fis-servizzi tal-kura tas-saħħa, li l-klijent ewlieni tagħha huwa wkoll TAP Air Portugal;

— 100 % f'TAPGER Sociedade de Gestão e Serviços, S.A. u 99,83 % f'Aeropar Participações Lda., it-tnejn li huma jaġixxu bħala holdings;

— 78,72 % f'TAP Manutenção e Engenharia Brasil, S.A ("M&E Brasil"), attiva fil-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru għal TAP Air Portugal u għal partijiet terzi;

— 49 % (43,9 % direttament u 5,1 % permezz ta' Portugalia) f'SPdH–Serviços Portugueses de Handling, S.A. (magħrufa wkoll bħala Groundforce Portugal), kumpanija li topera fis-settur tal-groundhandling tal-ajruport fil-Portugall; u

— 51 % f'CATERINGPOR– Catering de Portugal, S.A., attiva fil-forniment ta' catering għall-avjazzjoni, li l-klijent ewlieni tagħha huwa TAP Air Portugal.

(14) Il-bidliet deskritti hawn fuq fil-kontroll matul il-proċess ta' salvataġġ u ristrutturar huma minkejja li għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, kwalunkwe referenza għall-impriża benefiċjarja li hija ffavorita mill-għajnuna għar-ristrutturar tinkludi lil TAP SGPS u s-sussidjarji kollha tagħha meta l-proċess ta' salvataġġ u ristrutturar tagħha beda f'Ġunju 2020, inkluża TAP Air Portugal, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor. Kwalunkwe referenza għal TAP Air Portugal tinkludi s-sussidjarji kollha tat-trasport bl-ajru ta' TAP SGPS, inkluża Portugalia, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

(12) […].
(13) […].
(14) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 2991 final tat-23 ta' April 2021 fil-każ SA.62304 (2021/N) – Il-Portugall – COVID 19: Kumpens għad-danni lil TAP Portugal (ĠU C 240, 18.6.2021, p. 1).

2.2. **Il-benefiċjarju: l-attivitajiet ewlenin fis-settur tal-avjazzjoni**

(15) Fi ħdan l-unità ekonomika benefiċjarja, TAP Air Portugal hija attiva fit-trasport bl-ajru tal-passiġġieri u tal-merkanzija. Fl-2019, qabel ir-ristrutturar tagħha, TAP Air Portugal kienet topera flotta ta' 108 inġenji tal-ajru, inklużi inġenji tal-ajru operati bi ftehimiet ta' lokazzjoni bl-ekwipaġġ, u kienet isservi 92 destinazzjoni fi 38 pajjiż, ġarret aktar minn 17-il miljun passiġġier u operat aktar minn 130 000 titjira. Dawk it-titjiriet kienu b'mod partikolari fuq rotot regolari minn ajruporti bħal Liżbona, Porto, Faro u erba' gżejjer fl-Azores u Madeira kif ukoll lejn destinazzjonijiet internazzjonali, li kienu jinkludu […] ajruporti fl-Ewropa (barra mill-Portugall), […] destinazzjonijiet fil-Brażil ([15]), […] fl-Afrika ([16]) u […] fl-Amerka ta' Fuq fl-2019 ([17]). TAP Air Portugal strutturat prinċipalment l-operazzjonijiet tagħha madwar l-ajruport ta' Liżbona li jservi bħala ċ-ċentru ewlieni tagħha.

(16) Il-Portugall isostni li TAP Air Portugal hija fornitur ewlieni ta' konnettività għall-passiġġieri u għall-merkanzija lejn, minn u fi ħdan il-Portugall. Fl-2019, TAP Air Portugal kienet l-unika linja tal-ajru li kienet topera […] minn […] tar-rotot tagħha fl-istaġun tas-sajf u […] minn […] tar-rotot fl-istaġun tax-xitwa. B'mod partikolari, TAP Air Portugal għandha rwol kruċjali għall-konnettività tal-Portugall u tal-pajjiżi mad-dijaspora li titkellem bil-Portugiż. TAP Air Portugal hija kkunsidrata wkoll bħala pilastru tal-ekonomija Portugiża, b'mod partikolari minħabba l-kontribut tagħha għall-iżvilupp tal-industrija tat-turiżmu fil-Portugall.

(17) Linji tal-ajru oħra, b'mod partikolari linji tal-ajru Ewropej, jipprovdu servizzi tat-trasport bl-ajru tal-passiġġieri jew tal-merkanzija lill-Portugall, bħal Ryanair bħala t-tieni l-akbar linja tal-ajru li topera fil-Portugall, Wizzair u easyJet, il-linji tal-ajru tal-Grupp Lufthansa (inklużi Brussels Airlines u Austrian Airlines), Air France-KLM, Finnair, u l-linji tal-ajru ta' IAG (b'mod partikolari, Vueling u Iberia).

2.3. **L-oriġini tad-diffikultajiet tal-benefiċjarju u s-sitwazzjoni finanzjarja**

(18) Is-sitwazzjoni attwali ta' diffikultà tal-benefiċjarju kienet ikkawżata minn kwistjonijiet kemm ta' solvenza kif ukoll ta' likwidità, li kienu aggravati ħafna minn kriżi akuta ta' likwidità kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19.

(19) L-ewwel nett, bejn l-2006 u l-2015, TAP SGPS akkumulat EUR […] miljun […]. Meta wieħed iqis il-piż tan-negozju tal-linji tal-ajru fuq id-dħul ta' TAP SGPS, […].

(20) TAP SGPS ġarrbet ukoll kostijiet straordinarji ta' tfixkil operazzjonali f'dawn l-aħħar snin li xekklu t-tkabbir tal-profittabbiltà u tal-kompetittività. […] EUR […] miljun […] ([18]) […], […] EUR […] miljun […], xprunati minn livell għoli ta' dewmien u kanċellazzjonijiet ta' titjiriet, kif ukoll skopertura għolja ħafna għall-kambju tal-muniti barranin minħabba n-negozju fil-Brażil u fl-Angola.

(21) It-tieni, meta jitqies li TAP Air Portugal daħħlet madwar […] % tad-dħul ta' TAP SGPS, il-prestazzjoni tat-trasportatur tal-ajru kellha impatt kbir fuq is-sitwazzjoni finanzjarja ġenerali tal-kumpanija omm holding tagħha. Wara l-privatizzazzjoni ta' TAP SGPS fl-2015 ([19]), TAP Air Portugal nediet proċess ta' trasformazzjoni u kienet fuq trajettorja ta' tkabbir f'termini operazzjonali li tippreżenta tkabbir fid-dħul ta' […] % sal-2019. Il-proċess ta' trasformazzjoni kien immirat lejn […].

(22) L-azzjonijiet relatati mal-proċess ta' trasformazzjoni seħħew prinċipalment fl-2018 u fl-2019, jiġifieri bil-forniment ta' […] inġenji tal-ajru A339 effiċjenti fl-użu tal-fjuwil segwit mit-trasformazzjoni tal-prodott, il-bejgħ u l-għodod, it-titjib tal-akkwist u tas-sistemi. Min-naħa operattiva, TAP Air Portugal żiedet l-operazzjonijiet tagħha fi swieq ta' valur għoli, bħall-Brażil u l-Amerka ta' Fuq. Il-proċess ta' trasformazzjoni, b'mod partikolari l-introduzzjoni gradwali u l-eliminazzjoni gradwali tal-flotta l-ġdida eżegwiti sal-2019, ikkontribwixxa għat-tnaqqis tal-livelli ġenerali tal-Cost of Available Seat Kilometre (CASK) ([20]). Madankollu, dan kien jinvolvi wkoll kostijiet għoljin ta' darba relatati […]. Barra minn hekk, TAP Air Portugal kompliet tkun anqas kompetittiva mill-pari tagħha f'termini ta' kostijiet lavorattivi u effiċjenza.

([15]) […].
([16]) […].
([17]) […].
([18]) Il-Kostijiet ta' Operazzjonijiet Irregolari jiġu identifikati minn linja tal-ajru jew minn ground handler li jaġixxi f'isem linja tal-ajru meta jiġi identifikat tfixkil fil-jum tal-ivvjaġġar jew fil-jum ta' qabel l-ivvjaġġar li jwassal biex il-klijent ma jkunx jista' juża t-titjira/titjiriet mixtrija.
([19]) Il-privatizzazzjoni ta' 61 % tal-kapital azzjonarju ta' TAP SGPS ġiet eżegwita fl-2015. Fl-2017, l-Istat Portugiż xtara mill-ġdid parti mill-kapital azzjonarju mingħand AGW, u żied il-parteċipazzjoni tiegħu għal 50 %.
([20]) Il-Cost of Available Seat Kilometre jintuża biex jitkejjel il-kost unitarju espress f'valur ta' flus [EUR ċenteżmu għal kull siġġu] biex jiġi operat kull siġġu għal kull kilometru.

(23) Fit-2 ta' Diċembru 2019, TAP Air Portugal għalqet offerta ta' EUR 375 miljun ta' bonds privileġġjati mhux garantiti b'maturità ta' ħames snin li jagħtu kupuni annwali regolari ta' 5,625 % u mgħax effettiv ta' 5,75 % ([21]). Il-ħruġ kellu l-għan li jissodisfa n-nefqa korporattiva ġenerali u li jħallas lura parzjalment id-dejn u jestendi l-maturità medja tiegħu. Il-ħruġ attira klassifikazzjonijiet preliminari ta' BB- (Standard & Poor's) u B2 (Moody's), jiġifieri, taħt il-klassifikazzjoni ta' "grad ta' investiment". Diversi xhur qabel, fl-24 ta' Ġunju 2019, TAP Air Portugal kienet ħarġet EUR 200 miljun ta' bonds b'maturità ta' erba' snin li jagħtu kupuni annwali regolari ta' 4,375 % ([22]). Filwaqt li l-ammonti u l-kundizzjonijiet taż-żewġ ħarġiet f'Ġunju u f'Diċembru 2019 huma differenti, l-imgħax muri f'dawk il-ħarġiet jindika li l-benefiċjarju seta' jaċċessa l-finanzjament fis-suq qabel it-tifqigħa tal-COVID-19 b'kundizzjonijiet raġonevoli.

(24) Il-proċess ta' trasformazzjoni ġie interrott b'riżultat tal-pandemija globali tal-COVID-19 u l-kriżi ekonomika li segwiet, fi żmien meta TAP Air Portugal kien għadha ma rnexxilhiex tnaqqas b'mod konsiderevoli l-kostijiet tagħha, b'mod partikolari l-kostijiet lavorattivi, meta mqabbla mal-kompetituri, speċjalment il-linji tal-ajru bi prezzijiet baxxi.

(25) B'konsegwenza ta' dan, fid-dawl tar-restrizzjonijiet bla preċedent tal-gvern fuq l-ivvjaġġar u l-ordnijiet ta' kwarantina minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19, fl-20 ta' Marzu 2020, l-aġenzija tal-klassifikazzjoni Standard & Poor's naqqset il-klassifikazzjoni ta' TAP Air Portugal għal klassifikazzjoni fit-tul B- u prospettiva fuq il-klassifikazzjoni tal-likwidità għal żmien qasir ta' CCC+. Fl-istess tħabbira, Standard & Poor's assenjat prospetti ta' rkupru ta' 45 % għall-ħruġ ta' bonds ta' EUR 375 miljun. Fid-19 ta' Marzu 2020, l-aġenzija tal-klassifikazzjoni Moody's naqqset ukoll il-klassifikazzjonijiet tal-probabbiltà ta' inadempjenza u korporattivi ta' TAP Air Portugal għal Caa1-PD u Caa1, rispettivament. Fit-28 ta' Mejju 2020, ir-rendiment annwali sal-maturità (Diċembru 2024) tal-EUR 375 miljun ta' noti privileġġjati maħruġa f'Diċembru 2019 kien ta' 9,45 % fis-suq sekondarju. Fi kliem ieħor, f'dak l-istadju, ix-xerrejja ta' dawk il-bonds maħruġa minn TAP Air Portugal kienu jeħtieġu skont fuq il-valur nominali tat-titolu, sabiex jiksbu redditu ta' 9,45 %, biex jaċċettaw li jżommuhom sal-maturità. L-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Portugiżi tikkorrobora […] tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' TAP Air Portugal u tal-benefiċjarju […] ([23]), […].

(26) Id-diffikultajiet ta' TAP SGPS u ta' TAP Air Portugal akkumulaw u wasslu għal deterjorament qawwi tal-pożizzjoni ta' ekwità. Fi tmiem l-2019, TAP SGPS irreġistrat ekwità negattiva ta' EUR […] miljun, li żdiedet għal EUR […] biljun fl-2020. TAP Air Portugal kellha wkoll pożizzjoni ta' ekwità negattiva fl-2020 (EUR […] biljun).

2.4. **Deskrizzjoni tal-pjan ta' ristrutturar u tal-għajnuna għar-ristrutturar**

(27) L-għajnuna għar-ristrutturar tappoġġa l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar li jkopri l-perjodu mill-2020 sa tmiem l-2025 (il-"perjodu ta' ristrutturar"). Il-pjan ikopri l-unità ekonomika, attwalment taħt il-kontroll uniku tal-Istat Portugiż (il-premessi (11) u (12)), li tinkludi lil TAP SGPS u l-kumpanija oħt attwali tagħha TAP Air Portugal, inklużi s-sussidjarji kkontrollati kollha tagħhom.

2.4.1. *Ir-ristrutturar tal-operazzjonijiet*

(28) Il-pjan ta' ristrutturar għandu l-għan li jindirizza l-kawżi ewlenin tad-diffikultajiet ta' TAP SGPS u jdawwar il-kumpanija sal-2025. Minħabba l-piż ta' TAP Air Portugal fil-karta bilanċjali ta' TAP SGPS meta daħlet f'diffikultajiet għall-attivitajiet koperti mill-pjan ta' ristrutturar, il-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' ristrutturar operazzjonali li jnaqqsu l-kostijiet u jsaħħu d-dħul u l-projezzjonijiet ipprovduti fil-pjan ta' ristrutturar jirreferu għal TAP Air Portugal. Il-pjan ta' ristrutturar jinkludi miżuri li bdew jiġu implimentati minn Ġunju 2020 jew li se jiġu implimentati u li huma relatati ma' erba' pilastri: (i) fokus fuq l-istrateġija ewlenija (ii) aġġustament tal-kapaċità; (iii) it-titjib tal-kostijiet operatorji u (iv) it-tisħiħ tad-dħul. Is-Subtaqsimiet 2.4.1.1 sa 2.4.1.4, jiddeskrivu kull pilastru tal-pjan ta' ristrutturar ta' TAP kif aġġornat l-aħħar.

([21]) Dikjarazzjoni: "TAP Tħabbar l-ipprezzar ta' EUR 375 miljun 5,625 % noti privileġġjati dovuti għall-2024" fit-22.11.2019. Id-domanda mill-investituri ppermettiet li l-ħruġ eventwalment jiġbor aktar flus (EUR 75 miljun aktar minn EUR 300 inizjali) u bi prezzijiet aktar baxxi (20 pb) milli kien previst inizjalment.

([22]) Referenza ISIN PTTAPBOM0007, TAP-SGPS 19/23.

([23]) Qligħ qabel l-imgħax, it-taxxi, id-deprezzament, l-amortizzament, u l-kostijiet tar-ristrutturar jew tal-kera. L-EBITDAR huwa kejl użat primarjament biex janalizza s-saħħa u l-prestazzjoni finanzjarja tal-kumpaniji li għaddew minn ristrutturar fis-sena li tkun għaddiet.

2.4.1.1. Fokus fuq l-istrateġija ewlenija

(29) Il-loġika tal-pjan ta' ristrutturar hija li jiffoka fuq l-attività ewlenija, jiġifieri n-negozju tal-avjazzjoni mwettaq permezz ta' TAP Air Portugal u Portugalia, filwaqt li jiġu abbandunati gradwalment in-negozji mhux ewlenin u jiġu ċeduti. Fi ħdan dik il-loġika, il-pjan ta' ristrutturar jipprevedi li TAP SGPS se tabbanduna progressivament l-attivitajiet l-oħra kollha ta' servizzi li jiġġeneraw id-dħul li kienet qed tipprovdi fis-suq billi tbigħ, iċċedi jew twaqqaf tliet linji ta' negozju, kif ġej. L-ewwel, TAP SGPS qed tippjana li ċċedi s-sehem tagħha fis-sussidjarja Brażiljana tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru, M&E Brasil, […]. It-tieni ċessjoni tikkonċerna […] fil-fornitur tas-servizzi tal-groundhandling Groundforce, […]. It-tielet, TAP SGPS qed tippjana li ċċedi s-sehem tagħha fil-fornitur tas-servizzi tal-catering, Cateringpor, […].

2.4.1.2. Aġġustament tal-kapaċità

(30) Il-miżuri mmirati lejn l-aġġustament tal-kapaċità ta' TAP Air Portugal jikkonsistu prinċipalment fl-aġġustament tad-daqs ta' TAP Air Portugal u l-ottimizzazzjoni tan-network ta' TAP Air Portugal. Il-pjan tal-flotta jipprevedi […]. B'mod ġenerali, fl-2025, il-pjan tal-flotta ta' TAP Air Portugal se jwassal għal kompożizzjoni tal-flotta aktar omoġenja u għal tnaqqis fil-kostijiet operatorji, minħabba l-ħtiġijiet aktar baxxi tal-konsum tal-fjuwil u tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru l-ġodda.

(31) Fir-rigward tal-ottimizzazzjoni tan-network, il-pjan ta' ristrutturar iżid ir-rwol ta' Liżbona bħala ċentru ta' konnettività, li huwa kruċjali minħabba d-daqs żgħir tas-suq domestiku ta' TAP Air Portugal. L-operazzjoni ta' ċentru ta' konnettività se tkun ta' benefiċċju għall-istrateġija […]. […]. Fl-aħħar nett, il-miżuri ta' ottimizzazzjoni tan-network jinkludu tqabbil aktar kosteffiċjenti tal-inġenji tal-ajru mar-rotot, it-tnaqqis tar-rotot li jagħmlu t-telf u tar-rotot b'valur baxx ta' konnettività. Pereżempju, fl-2020 TAP Air Portugal operat […] anqas destinazzjonijiet milli fl-2019 (minn […] għal […]) u ssospendiet b'mod indefinit il-ftuħ ta' […] rotot addizzjonali.

(32) Fir-rigward tal-preżenza ta' TAP Air Portugal fl-ajruport ta' Liżbona, it-tnaqqis fil-flotta ta' TAP Air Portugal inaqqas il-kapaċità tagħha li tipprovdi servizzi ta' trasport bl-ajru tal-passiġġieri mingħajr, madankollu, ma jqajjem dubji dwar il-pożizzjoni fis-suq sinifikanti li għandha bħalissa u li huwa mistenni li jkollha fi tmiem il-perjodu ta' ristrutturar fiċ-ċentru tagħha ta' Liżbona. ([24]) Hemm żewġ raġunijiet ewlenin għall-preservazzjoni tal-pożizzjoni sinifikanti fis-suq ta' TAP Air Portugal fl-ajruport ta' Liżbona sal-2025:

(a) L-ewwel nett, bħala parti mill-pjan ta' ristrutturar, TAP Air Portugal beħsiebha tkompli tikkonċentra fuq l-operazzjonijiet hub-and-spoke ewlenin tagħha fl-ajruport ta' Liżbona. ([25]) B'riżultat ta' dan, il-pożizzjonijiet fis-suq u l-istruttura kompetittiva fl-ajruport ma humiex mistennija li jinbidlu materjalment, għalkemm TAP Air Portugal naqqset is-slots tagħha bi […] % ([…] slots ta' kuljum) fl-Istaġun tal-IATA tax-Xitwa 2021/2022 meta mqabbel mal-Istaġun tal-IATA tax-Xitwa 2019/2020 u l-akbar żewġ detenturi ta' slots li jmiss (Ryanair u easyJet) irnexxielhom iżidu s-slots tagħhom għall-Istaġun tal-IATA tas-Sajf 2022 meta mqabbel mal-Istaġun tal-IATA tas-Sajf 2019. ([26]) B'mod aktar speċifiku, l-informazzjoni pprežentata mill-Portugall turi li s-slots ta' TAP Air Portugal jirrappreżentaw [45-55] % tal-kapaċità totali tal-ajruport ta' Liżbona fl-Istaġun tal-IATA tas-Sajf 2022 u għall-Istaġuni tal-IATA suċċessivi, li għandhom jitqabblu ma' [10-20]% u [5-10]% għal Ryanair u easyJet rispettivament. Barra minn hekk, TAP Air Portugal se tuża bil-bosta l-akbar flotta fl-ajruport ta' Liżbona b'[90-100] inġenju tal-ajru matul il-perjodu ta' ristrutturar. Skont l-istimi tal-Portugall, Ryanair tibbaża seba' inġenji tal-ajru fl-ajruport ta' Liżbona u easyJet ħames inġenji tal-ajru. ([27])

([24]) F'konformità mal-prattika deċiżjonali tal-Kummissjoni, huwa meqjus li s-slots ta' trasportatur tal-ajru f'ajruport u r-restrizzjonijiet tal-kapaċità ta' dan tal-aħħar jipprovdu kejl tal-kapaċità tat-trasportatur tal-ajru li jikkompeti fis-suq tat-trasport bl-ajru tal-passiġġieri lejn jew minn dak l-ajruport (ara pereżempju l-premessa 209 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 2488 final tal-5 ta' April 2021 fil-kawża SA.59913, ĠU C 240, 18.6.2021, p. 1; il-premessa 178 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 4372 final tal-25 ta' Ġunju 2020 fil-kawża SA.57153, ĠU C 397, 20.11.2020, p. 1).

([25]) Bħala eżempju, l-għadd ta' inġenji tal-ajru bbażati fl-ajruport ta' Liżbona huwa mnaqqas biss marġinalment meta mqabbel mas-sitwazzjoni ta' qabel ir-ristrutturar. Matul l-Istaġun tal-IATA tas-Sajf 2019, TAP Air Portugal kellha flotta medja ta' madwar [90-100] inġenju tal-ajru bbażati fl-ajruport ta' Liżbona u [5-15] inġenju tal-ajru bbażati fl-ajruport ta' Porto. Għall-Istaġun tal-IATA tas-Sajf 2022, il-medja staġjunali tkun madwar [90-100] inġenju tal-ajru bbażati fl-ajruport ta' Liżbona u [0-10] inġenji tal-ajru bbażati fl-ajruport ta' Porto. Għas-snin 2023-2025, TAP Air Portugal tistenna li żżid għadd limitat ta' inġenji tal-ajru meta mqabbel mal-2022. Id-diżaggregazzjoni bejn il-flotta bbażata fl-ajruport ta' Liżbona u l-flotta bbażata fl-ajruport ta' Porto tirriżulta mill-allokazzjoni tal-għadd ta' inġenji tal-ajru abbażi tal-allokazzjoni tas-sigħat ta' blokk għall-operazzjonijiet ta' Liżbona jew Porto. L-inġenji tal-ajru kollha ta' TAP Air Portugal huma bbażati formalment fl-ajruport ta' Liżbona, għalkemm mhux it-titjiriet kollha joperaw lejn jew mill-ajruport. Ir-riżorsi għall-operazzjonijiet ta' Porto jinkisbu permezz ta' rotazzjoni tal-inġenji tal-ajru bbażati f'Liżbona, inkluż billi jinżammu matul il-lejl. TAP Air Portugal ma talloka inġenji tal-ajru lill-ebda ajruport ieħor li topera fih.

([26]) Is-sottomissjoni tal-Portugall tas-16 ta' Novembru 2021.

([27]) Is-sottomissjoni tal-Portugall tat-8 ta' Novembru 2021.

(b) It-tieni, minħabba l-irkupru relattivament b'saħħtu, għalkemm fraġli, fid-domanda mill-passiġġieri, l-ajruport ta' Liżbona huwa mistenni li jirritorna matul il-perjodu ta' ristrutturar għal-livell għoli ta' konġestjoni [90-100]% li kien laħaq qabel il-pandemija tal-COVID-19 wara fażi ta' tkabbir b'ritmu mgħaġġel ta' TAP Air Portugal u tat-trasportaturi bi prezzijiet baxxi. B'konsegwenza ta' dan, matul il-perjodu kollu ta' ristrutturar, ir-restrizzjonijiet severi tal-kapaċità fl-ajruport ta' Liżbona, marbuta b'mod partikolari mar-runway unika tiegħu, huma mistennija li jaġixxu bħala ostakolu għad-dħul jew l-espansjoni għall-kompetituri ta' TAP Air Portugal, b'parti mid-domanda tagħhom għall-aċċess għas-servizzi tal-infrastruttura tal-ajruporti fl-ajruport ta' Liżbona ma tiġix issodisfata.

2.4.1.3. Tnaqqis fil-kostijiet

(33) TAP Air Portugal tipprevedi li tnaqqas il-kostijiet operatorji matul il-pjan ta' ristrutturar permezz ta' tliet lievi.

(34) L-ewwel waħda hija n-negozjar mill-ġdid tal-kuntratti tal-forniturи u mal-lokaturi tal-inġenji tal-ajru. Mal-forniturи tagħha, TAP Air Portugal qablet […] perjodu […], kif stabbilit fil-kuntratt inizjali, sa […], li jwassal għal differiment ta' EUR […] biljun ta' nefqa kapitali sa wara t-tmiem tal-pjan ta' ristrutturar. Barra minn hekk, TAP Air Portugal kisbet iffrankar fi flus ta' EUR […] miljun permezz ta' negozjati mill-ġdid mal-lokaturi u EUR […] miljun ta' rikavat fi flus mill-bejgħ u l-lokazzjoni ta' inġenji tal-ajru.

(35) It-tieni lieva għat-tnaqqis fil-kostijiet operatorji hija sett ta' miżuri biex jitnaqqsu l-kostijiet ta' partijiet terzi. L-ewwel, TAP Air Portugal tistenna EUR […] miljun ta' ffrankar fil-kostijiet tal-fjuwil matul il-perjodu tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju (li minnhom EUR […] miljun fi […]) permezz tat-tħaddim ta' inġenji tal-ajru aktar ġodda u aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija, tqabbil aħjar tal-inġenji tal-ajru mar-rotot u l-implimentazzjoni ta' software għall-ottimizzazzjoni tal-fjuwil. It-tieni, TAP qed tippjana li tikseb EUR […] miljun ta' ffrankar fil-kostijiet fis-sena sa […]. […]. It-tielet, il-pjan ta' ristrutturar jipprevedi EUR […] miljun ta' ffrankar annwali fil-kostijiet permezz ta' negozjati mill-ġdid tal-kuntratti mal-forniturи ta' ċerti servizzi, […].

(36) It-tielet lieva li tixpruna t-tnaqqis ippjanat fil-kostijiet operatorji ta' TAP Air Portugal hija t-tnaqqis fil-kostijiet lavorattivi, li TAP Air Portugal tistenna li jrendi EUR […] miljun ta' ffrankar fis-sena, akkumulat għal madwar EUR […] biljun matul id-durata tal-pjan ta' ristrutturar. Biex tikseb dak l-iffrankar fil-kostijiet, TAP Air Portugal ħadet il-miżuri li ġejjin:

(a) Tnaqqis fl-għadd ta' persunal (f'ekwivalenti għall-full-time (FTE)) b'1 200 fl-2020 u fil-bidu tal-2021, prinċipalment permezz tan-nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratti tax-xogħol temporanji, bi tnaqqis ulterjuri ta' 2 000 fl-għadd tal-persunal fis-sena 2021.

(b) Barra minn hekk, miżuri ta' tnaqqis fis-salarji, is-sospensjoni taż-żidiet awtomatiċi fis-salarji, is-sospensjoni tal-klawżoli tal-ftehimiet ta' negozjar kollettiv sabiex tiżdied il-produttività u jitnaqqsu l-kostijiet lavorattivi sal-2024, li huma applikabbli għall-persunal kollu permezz tal-"Ftehimiet ta' Emerġenza" mat-trade unions, kif ġej:

(i) tnaqqis trasversali ta' 25 % għas-salarji fissi ta' aktar minn EUR 1 330 bejn l-2021 u l-2023 u 20 % fl-2024 (dan it-tnaqqis jiżdied sa 50 % fl-2021 u jitnaqqas gradwalment għal 35 % fl-2024 għall-bdoti); l-ekwipaġġi tal-kabina u l-mekkaniċi ta' M&E ta' union speċifika aċċettaw ukoll tnaqqis ta' 15 % fis-sigħat tax-xogħol tagħhom fl-2021, li gradwalment jonqos għal 5 % fl-2023, sabiex 750 FTE jkunu jistgħu jiġu ffinanzjati u ma jitnaqqsux;

(ii) sospensjoni taż-żidiet awtomatiċi fis-salarji u tal-progressjonijiet awtomatiċi, kif ukoll ta' diversi komponenti ta' remunerazzjoni; u

(iii) tnaqqis fl-għadd ta' membri tal-ekwipaġġ tal-kabina f'kull ajruplan għall-kompożizzjoni minima tal-ekwipaġġi tal-kabina tal-manifattura tal-inġenji tal-ajru.

(c) TAP Air Portugal kisbet l-impenn ta' diversi unions fil-Ftehimiet ta' Emerġenza lejn il-miri tal-kostijiet lavorattivi tal-2025. Dawk il-miri se jintlaħqu jew billi jiġu ffirmati ftehimiet ta' negozjar kollettiv (CBAs) ġodda jew, f'każ ta' falliment tan-negozjati, billi tiġi skattata t-terminazzjoni tas-CBAs attwali u billi r-regoli tax-xogħol jiġu diretti lejn il-liġi ġenerali tax-xogħol, li hija konsiderevolment anqas restrittiva mis-CBAs attwali. […].

2.4.1.4. Titjib tad-dħul

(37) TAP Air Portugal tistenna li d-dħul tagħha se jiżdied fil-medda ta' EUR […] miljun fis-sena fi stat stabbli, jiġifieri mat-tlestija tal-pjan ta' ristrutturar, iżda tqis biss EUR […] miljun (fis-sena, fi stat stabbli) fil-pjan ta' ristrutturar. Iż-żidiet fid-dħul se jiġu prinċipalment […].

2.4.2. *Ħarsa ġenerali lejn il-kostijiet tar-ristrutturar u s-sorsi ta' finanzjament*

(38) Skont il-pjan ta' ristrutturar, l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' ristrutturar se twassal għal kostijiet netti tar-ristrutturar li ma humiex koperti mit-tnaqqis mistenni fil-kostijiet operatorji relatati mal-persunal jew dħul ieħor, stmat għal EUR […] biljun sal-2025. B'mod partikolari, il-biċċa l-kbira tal-kostijiet tar-ristrutturar ta' EUR […] biljun huma attribwiti għan-nuqqas ta' kopertura tal-kostijiet għall-perjodu, li jeħtieġ li jiġu koperti għall-operazzjonijiet ta' TAP SGPS biex ma jkunx hemm ir-riskju ta' inadempjenza jew l-inkapaċità li żżomm il-liċenzja operattiva tagħha. Il-kostijiet tar-ristrutturar li jifdal huma attribwiti għal rimborżi tad-dejn sal-ammont ta' EUR […] miljun, l-akkwist ta' inġenji tal-ajru ġodda sal-ammont ta' EUR […] miljun, u EUR […] miljun ta' indennizzi tax-xogħol lill-persunal. Il-kostijiet tar-ristrutturar huma netti mill-għajnuna nnotifikata qabel din id-deċiżjoni bħala kumpens għad-danni lil TAP Air Portugal imġarrba minn okkorrenza eċċezzjonali li rriżultat mir-restrizzjonijiet pubbliċi fuq it-trasport bl-ajru skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE, kif stabbilit fid-Deċiżjonijiet rilevanti tal-Kummissjoni ([28]).

(39) Skont il-Portugall, minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja li marret għall-aħar u l-impatt sever tat-tifqigħa tal-COVID-19 fis-settur u fl-ekonomija, TAP SGPS bħalissa ma tistax […] mingħajr appoġġ mill-Istat. Madankollu, TAP Air Portugal kisbet EUR […] miljun […], garantiti bir-rata ta' […] % mir-Repubblika Portugiża, filwaqt li […] % li jifdal għandhom jiġu kollateralizzati minn TAP Air Portugal, […]. Il-Portugall iqis li l-implimentazzjoni ta' miżuri sostanzjali għat-tisħiħ tal-ekwità jenħtieġ li tippermetti lil TAP SGPS li jkollha aċċess għas-swieq kapitali minn […], sabiex jinġabru fondi addizzjonali minn investituri privati.

(40) Ladarba l-finanzjament garantit mill-Istat ta' EUR […] miljun u ż-żieda fil-kapital ikunu fis-seħħ, minn […] TAP Air Portugal tikseb finanzjament mingħajr garanzija pubblika ta' mill-anqas EUR […] miljun […]. L-aċċess għall-finanzjament mis-suq privat ineħħi l-ħtieġa għal buffer ta' likwidità addizzjonali fil-forma ta' finanzjament tas-self taħt garanzija mill-Istat sa EUR […] miljun li kienet inkluża fin-notifika inizjali tal-għajnuna għar-ristrutturar bħala buffer ta' kontinġenza.

(41) Il-finanzjament totali mill-Istat kif rivedut fis-16 ta' Novembru 2021, jinkludi miżuri ta' ekwità jew kważi ekwità, li għandhom jiġu implimentati kif ġej:

(a) EUR 1,2 biljun ta' self ta' salvataġġ li għandu jiġi kkonvertit f'ekwità fl-istess valur nominali flimkien mal-imgħax akkumulat ta' madwar EUR […] miljun fl-2021;

(b) EUR […] miljun għall-porzjon ta' […] % tas-self ta' EUR […] miljun, li huwa garantit mill-Istat bir-rata ta' […] %, li għandu jingħata sa tmiem […] u jitħallas lura fi […] permezz ta' injezzjoni ta' ekwità mill-Istat. Is-self se jkollu rata tal-imgħax konformi mat-termini tas-suq applikabbli fil-mument tal-għoti ([…]), iżda mhux se jaqbeż ir-rata ta' referenza stabbilita skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rati ta' Referenza ([29]).

(c) EUR […] miljun ta' injezzjoni ta' ekwità diretta li għandha tiġi eżegwita mill-Istat fi […].

([28]) Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tat-23 ta' April 2021, fil-kawża SA.62304 (2021/N) – Il-Portugall COVID 19: Kumpens għad-danni lil TAP Portugal, (ĠU C 240, 18.6.2021, p. 1), tal-21 ta' Diċembru 2021, fil-kawża SA.63402 (2021/N) - COVID-19 TAP Kumpens II – mhux ippubblikata - u l-kawża SA.100121 (2021/N) COVID-19 Kumpens għad-danni lil TAP III. L-ammonti pprovduti bħala kumpens lil TAP Air Portugal huma introjtu li, bħad-dħul operatorju, inaqqas il-kostijiet pendenti li ma jistgħux jiġu koperti minn dħul operatorju tal-passat u preżenti jew kontribuzzjonijiet proprji mill-benefiċjarju tal-għajnuna għar-ristrutturar jew, pereżempju, minn mutwanti jew fornituri.

([29]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jistabbilixxi r-rati ta' referenza u ta' skont (ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6).

(42) Il-Portugall informa li kien se jiffinanzja l-miżuri direttament mill-baġit tal-Istat ([30]), li jirrikjedi li jiġu konklużi l-atti ta' implimentazzjoni meħtieġa, inkluża l-approvazzjoni korporattiva ta' modifiki għall-ftehimiet dwar il-kapital azzjonarju u s-self u l-garanziji.

(43) Il-kontribuzzjoni proprja ta' TAP SGPS u tad-diversi kontributuri tagħha għall-kostijiet tar-ristrutturar se tikkonsisti f'madwar EUR […] biljun, mifruxa matul il-perjodu mill-2020 sal-2025, u l-integrazzjoni tal-miżuri li ġejjin:

(a) il-pagament ta' indennizzi għar-ristrutturar tax-xogħol – […] – […] EUR […] miljun ([…] EUR […] miljun […]);

(b) kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi jew kosteffiċjenza li jammontaw għal EUR […] miljun, li minnhom EUR […] miljun diġà implimentati fl-2021 u EUR […] miljun li jirriżultaw minn kuntratti li għaddejjin, li jinkludu:

(i) EUR […] miljun relatati mas-servizzi tal-ajruporti u tal-catering u abbord it-titjira minħabba n-negozjar mill-ġdid tal-kuntratti (jiġifieri talbiet ġodda għal proposti) għall-catering fl-outstations, negozjar mill-ġdid tal-forniturigħall-catering fl-LIS, negozjar mill-ġdid tax-Xiri Abbord, negozjar mill-ġdid tat-tindif, il-biljetti u servizzi oħra tal-ajruporti),

(ii) EUR […] miljun relatati mal-Flotta u l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, jiġifieri n-negozjar mill-ġdid ta' tagħmir, materjali u ribassi forniti mix-xerrej),

(iii) EUR […] miljun relatati ma' servizzi korporattivi u proprjetà immobbli (jiġifieri negozjar mill-ġdid ta' tariffi għall-parkeġġ u għall-media, reklamar u appoġġ legali, eċċ.),

(iv) EUR […] miljun relatati mal-IT (jiġifieri negozjar mill-ġdid ta' liċenzji, pjattaformi ta' komunikazzjoni, appoġġ li qed jiġi esternalizzat, eċċ.), u

(v) EUR […] miljun relatati mal-akkomodazzjoni tal-ekwipaġġ u l-fjuwil (jiġifieri negozjar mill-ġdid tat-trasport u l-akkomodazzjoni fl-outstations);

(c) lokazzjonijiet ta' inġenji tal-ajru ġodda ta' mill-anqas EUR […] miljun diġà impenjati, […];

(d) kontribuzzjonijiet oħra marbuta mal-eliminazzjoni gradwali tal-assi u n-negozjar mill-ġdid mal-manifatturi tat-tagħmir oriġinali, li jammontaw għal madwar EUR […] miljun, diżaggregati kif ġej:

(i) EUR […] miljun, […] EUR […] miljun,

(ii) EUR […] miljun […]

(iii) EUR […] miljun […];

(e) finanzjament ġdid għal EUR […] miljun miġbur ma' jew irranġat minn […], jiġifieri:

(i) EUR […] miljun ta' self mhux garantit mill-Istat u kollateralizzat minn TAP Air Portugal mis-self ta' EUR […] miljun, u

(ii) dejn ġdid għal EUR […] miljun bi klassifikazzjoni tal-istrumenti […] EUR […] miljun […]; dan id-dejn il-ġdid huwa kontinġenti fuq il-ħtiġijiet ta' likwidità li jistgħu jinqalgħu u *de facto* jissostitwixxi l-likwidità kontinġenti inizjalment innotifikata garantita mill-Istat għall-ammont ta' EUR […] miljun li ma għadhiex meqjusa bħala għajnuna għar-ristrutturar ([31]);

(f) pagament ta' kontinġenzi assoċjati maċ-ċessjoni tas-sussidjarja […] EUR […] miljun ([…] % […], […] % […] % […]), […] ([32]);

(g) differimenti tar-rimborż ta' EUR […] miljun ta' ammont nominali pendenti ta' żewġ ħarġiet ta' bonds (il-premessa (23)) u self sindakat li jirriżulta minn eżenzjonijiet ta' patti fuq il-bonds u s-self rispettivi; il-krediturieżistenti rrinunzjaw għad-dritt tagħhom għall-ħlas lura dovut mill-benefiċjarju […] ([…] EUR […] miljun, […] EUR […] miljun […] EUR […] miljun); […].

(44) Fis-sottomissjonijiet tiegħu tal-10 ta' Ġunju u tas-16 ta' Novembru 2021, il-Portugall jinnota li dawn il-miżuri kollha ta' kontribuzzjoni proprja huma implimentati jew waslu biex jiġu implimentati. Dawn huma bbażati fuq impenji vinkolanti diġà maqbula mal-partijiet rispettivi, li ġew implimentati bi struzzjonijiet interni li għandhom jiġu eżegwiti. Fir-rigward tal-miżuri ta' ristrutturar tax-xogħol, l-iffrankar fil-kostijiet huwa bbażat fuq ftehimiet ta' emerġenza konklużi bejn TAP Air Portugal, Portugalia u l-unions tal-impjegati, wara s-sospensjoni tal-ftehimiet ta' negozjar kollettiv li kienu fis-seħħ qabel.

([30]) Il-Liġijiet dwar il-Baġit tal-Istat approvati matul is-snin tal-pjan ta' ristrutturar. Fil-każ tas-sena 2021, ara l-Artikolu 166 tal-Liġi Nru 75-B/2020, tal-31 ta' Diċembru 2020 li tapprova l-Baġit tal-Istat għall-2021.

([31]) […].

([32]) […].

(45) Fir-rigward tal-kondiviżjoni tal-piżijiet, il-Portugall isostni li TAP SGPS għandha kapital azzjonarju totali ta' EUR […] miljun, […]. Sabiex tiġi żgurata l-kondiviżjoni dovuta tal-piżijiet mill-azzjonisti tal-benefiċjarju, l-ammont totali ta' kapital azzjonarju se jitnaqqas għal […] fil-kontijiet ta' TAP SGPS. Qabel dak it-tnaqqis, […] għall-finijiet tal-assorbiment tat-telf. Jenħtieġ li jiġi nnotat li […]. Wara t-tnaqqis tal-kapital u l-assorbiment tat-telf imsemmija hawn fuq, l-Istat Portugiż, permezz tad-DGTF, se jissottoskrivi żieda kapitali ta' madwar EUR […] miljun f'TAP SGPS, u jsir l-uniku azzjonist ta' TAP SGPS. Barra minn hekk, TAP Air Portugal se tkun benefiċjarja ta' għajnuna diretta permezz ta' tnaqqis fil-kapital għall-finijiet ta' assorbiment tat-telf segwit minn injezzjoni ta' ekwità. L-ewwel miżura ta' għajnuna tal-konverżjoni f'ekwità tas-self ta' salvataġġ eżistenti ta' EUR 1,2 biljun se tiġi eżegwita biss wara l-assorbiment tat-telf u t-tnaqqis tal-kapital.

(46) Fin-notifika tal-10 ta' Ġunju 2021, kif aġġornata fis-16 ta' Novembru 2021, il-Portugall jirrikonoxxi li l-ammont tal-kontribuzzjoni proprja huwa anqas minn 50 % tal-kostijiet stmati tar-ristrutturar. F'dak ir-rigward il-Portugall jenfasizza li, fiċ-ċirkostanzi attwali, bil-prospettiva inċerta tal-industrija tat-trasport bl-ajru, affettwata b'mod qawwi mill-effetti diretti u indiretti tat-tifqigħa tal-COVID-19, il-benefiċjarju huwa […]. Il-Portugall jinforma li […]. Madankollu, is-swieq tal-finanzjament tad-dejn fil-biċċa l-kbira ngħalqu għal-linji tal-ajru wara l-bidu tal-pandemija tal-COVID-19, bl-istituzzjonijiet finanzjarji b'mod ġenerali jnaqqsu drastikament il-limiti ta' kreditu tagħhom għas-settur tal-linji tal-ajru.

(47) Il-Portugall jissottolinja l-portata tal-miżuri ta' ffrankar tal-kostijiet imġarrba mill-partijiet ikkonċernati tal-benefiċjarju u jsostni li tali miżuri jammontaw għal sorsi reali u attwali ta' kontribuzzjoni proprja għall-pjan ta' ristrutturar, meta jitqies li huma effettivi u dejjiema. Bħala konklużjoni, skont il-Portugall, il-livell ta' kontribuzzjoni proprja huwa sinifikanti, peress li jikkorrispondi għal-livell massimu li l-benefiċjarju jista' jwettaq fiċ-ċirkostanzi partikolari relatati mal-pandemija tal-COVID-19.

2.4.3. *Ħtiġijiet ta' solvenza u likwidità: ritorn prospettiv għall-vijabbiltà*

(48) Il-Portugall ipprovda projezzjonijiet finanzjarji fix-xenarju bażi tal-pjan ta' ristrutturar, kif innotifikat fl-10 ta' Ġunju 2021 u modifikat fis-16 ta' Novembru 2021, li jirreferu għall-attivitajiet ewlenin tal-avjazzjoni ta' TAP Air Portugal (li se tinkludi lil Portugalia), kif deskritt fit-Taqsima 2.4.1.1. Dawk il-projezzjonijiet jipprevedu […]. Fi tmiem il-pjan ta' ristrutturar fl-2025, TAP Air Portugal tistenna li tikseb redditu fuq l-ekwità (ROE) ta' […] % u redditu fuq il-kapital użat (ROCE) ta' […] %.

(49) Fir-rigward tal-projezzjonijiet tal-likwidità, TAP Air Portugal tistenna li […]. Il-projezzjonijiet finanzjarji jipprevedu wkoll il-proporzjonijiet tal-ekwità għall-assi u tad-dejn nett għall-ekwità […] u l-kisba ta' livell ta' […] % u […], rispettivament, fl-2025. Fl-aħħar nett, il-projezzjonijiet tal-proporzjon tad-dejn nett għall-EBITDA jonqsu gradwalment minn […] fl-2022 għal […] fl-2025.

Tabella 1

Projezzjonijiet finanzjarji tal-pjan ta' ristrutturar kif notifikat fl-10 ta' Ġunju 2021 (xenarju bażi)

	Perjodu ta' ristrutturar					
Miljuni ta' EUR	**2020**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**
Dħul	1 060	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
EBIT	(965)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
Introjtu nett	(1 230)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
Dejn nett	4 110	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
Fluss ta' flus operatorju	(244)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
Ekwità	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)

Sors: Informazzjoni dwar il-kumpanija. Id-data kollha tirreferi għal TAP Air Portugal (inkluża Portugalia)

(50) Ir-ritorn ta' TAP Air Portugal għall-vijabbiltà jiddependi fuq it-tnaqqis tal-kostijiet, peress li l-projezzjonijiet tad-dħul isegwu l-irkupru tat-traffiku tal-ajru. It-tnaqqis fil-kostijiet jirriżulta mill-miżuri ta' ristrutturar deskritti fit-taqsimiet 2.4.1.1 - 2.4.1.3, li permezz tagħhom TAP Air Portugal tistenna li tnaqqas is-CASK minn EUR ċenteżmu […] fl-2019 għal EUR ċenteżmu […] fl-2025. Tali EUR ċenteżmu […] ta' CASK joriġina prinċipalment mill-miżuri ta' ristrutturar li affettwaw l-akbar elementi ta' kost ta' TAP Air Portugal fl-2019, jiġifieri l-fjuwil (EUR ċenteżmu […] fl-2019) u l-kost lavorattiv (EUR ċenteżmu […] fl-2019). Fir-rigward tal-fjuwil, TAP Air Portugal tistenna ffrankar ta' EUR ċenteżmu […] għal kull ASK, jekk wieħed jassumi rata tal-kambju u prezz tal-fjuwil konformi mal-aspettattivi attwali tas-suq miksuba minn Bloomberg, mill-akkwiżizzjoni ta' inġenji tal-ajru aktar effiċjenti fl-użu tal-fjuwil, tqabbil aħjar tal-inġenji tal-ajru mar-rotot u l-implimentazzjoni ta' software għall-ottimizzazzjoni tal-fjuwil (it-taqsima 2.4.1.3 Fir-rigward tal-ħaddiema, TAP Air Portugal tistenna li l-miżuri ta' tnaqqis tal-FTE u n-negozjar mill-ġdid tal-kuntratti mal-impjegati (it-taqsima 2.4.1.3 iwasslu għal iffrankar ta' EUR ċenteżmu […] għal kull ASK.

(51) Fir-rigward tal-projezzjonijiet tad-dħul, il-biċċa l-kbira tagħhom joriġinaw mit-traffiku tal-ajru tal-passiġġieri, bid-dħul mill-manutenzjoni, mill-merkanzija u mill-posta jirrappreżenta madwar […] % tad-dħul totali fl-2025. Biex tistma id-dħul mit-traffiku tal-ajru tal-passiġġieri, TAP Air Portugal tassumi xejra ta' rkupru f'konformità mal-previżjonijiet bażi tal-IATA (Ottubru 2020) ([33]), iżda livelli aktar baxxi ta' traffiku tal-ajru fis-sena. Pereżempju, filwaqt li l-IATA tistenna li t-traffiku tal-ajru jiżdied minn 49 % fl-2021 għal 109 % fl-2025, meta mqabbel mal-għadd ta' passiġġieri li taru fl-2019, TAP tassumi […] % fl-2021 u […] % fl-2025. Barra minn hekk, TAP Air Portugal tassumi rendiment ta' EUR ċenteżmu […] u fattur ta' tagħbija ta' […] % fl-2025, li huma rispettivament aktar baxxi (EUR ċenteżmu […]) u ogħla ([…] %) mill-valur tagħhom fl-2019. Fl-aħħar nett, TAP Air Portugal tipproġetta żieda fid-dħul li tirriżulta mill-miżuri relatati mal-merkanzija u l-attivitajiet anċillari deskritti fit-taqsima 2.4.1.4. B'mod ġenerali, meta jitqiesu s-sorsi kollha ta' dħul, TAP Air Portugal tistenna li d-dħul għal kull CASK jonqos minn EUR ċenteżmu […] fl-2019 għal EUR ċenteżmu […] fl-2025.

(52) Il-pjan ta' ristrutturar kif innotifikat fl-10 ta' Ġunju 2021, ippreveda xenarju avvers ibbażat fuq evoluzzjoni pessimista ta' tliet parametri: il-kost tal-fjuwil, id-domanda u r-rendiment. B'varjazzjonijiet negattivi tal-parametri fix-xenarju avvers, il-fluss tal-flus operatorju ta' TAP Air Portugal u l-EBIT […], is-suppożizzjoni pessimista tbiddel biss il-kobor tar-riżultati. Fl-aktar xenarju avvers biss, jekk wieħed jassumi evoluzzjoni negattiva tat-tliet parametri kollha kkonċernati, […].

(53) Fl-aħħar nett, il-Portugall ipprovda aġġornament tal-projezzjonijiet finanzjarji tal-pjan ta' ristrutturar notifikat fid-9 ta' Novembru 2021. Dan l-aġġornament iqis l-aħħar żviluppi fis-suq tal-avjazzjoni vis-à-vis il-projezzjonijiet notifikati, b'mod partikolari t-titjib fil-prospetti ta' rkupru tat-traffiku ([34]) u ż-żieda fil-prezzijiet tal-fjuwil tal-ġettijiet, u jassumi żieda ta' […] % fil-kostijiet tat-traffiku biex tirrifletti d-dinamika reċenti tal-inflazzjoni. Dawk is-suppożizzjonijiet riveduti jwasslu għal żieda fid-dħul kif ukoll fil-kostijiet, meta mqabbla mal-projezzjonijiet notifikati. B'mod ġenerali, l-EBIT […], iżda jilħaq […], jiġifieri EUR […] miljun minflok EUR […] miljun fil-projezzjonijiet notifikati. Bl-istess mod, l-introjtu nett isir pożittiv […] ([…] EUR […] miljun), […] EUR […] miljun. Fi […], l-ROCE jkun […], filwaqt li l-ROE jkun […] % […] %.

2.5. **Sejbiet preliminari fid-deċiżjoni tal-ftuħ**

(54) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Portugall fin-notifika tal-10 ta' Ġunju 2021, fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni kkwalifikat l-appoġġ mill-Istat innotifikat lil TAP SGPS bħala għajnuna legali mill-Istat skont l-Artikoli 107(1) u 108(3) tat-TFUE. Hija vvalutat il-kompatibbiltà ta' dik l-għajnuna mas-suq intern skont il-Linji Gwida R&R u, wara li sabet li diversi kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà stabbiliti f'dawn il-linji gwida kienu jidhru, *prima facie*, li ma ġewx issodisfati, iddeċidiet li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali.

(55) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod preliminari li TAP SGPS, indikata bħala l-benefiċjarja tal-għajnuna, kienet eliġibbli għal għajnuna għar-ristrutturar, b'mod partikolari minħabba l-ekwità negattiva akkumulata li kibret minn EUR […] miljun fi tmiem l-2019 għal EUR […] biljun fl-2020. Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-għajnuna għar-ristrutturar kienet meħtieġa għat-tlestija b'suċċess tal-pjan ta' ristrutturar u li l-forma tagħha kienet xierqa biex tindirizza l-problemi ta' likwidità u ta' solvenza li nstabu.

([33]) *Data* dwar l-irkupru tad-domanda għat-traffiku domestiku fl-Ewropa u fl-Ewropa lejn l-Amerka ta' Fuq u t'Isfel, l-Afrika sub-Saħarjana u ta' Fuq. Sors: IATA/Oxford Economics –Air Passenger Forecast Global Report, Ottubru 2020

([34]) *Data* dwar l-irkupru tad-domanda għat-traffiku domestiku fil-Portugall, fil-Portugall lejn l-Ewropa u fil-Portugall lejn l-Amerka ta' Fuq u t'Isfel u lejn l-Afrika, skont il-pożijiet tal-passiġġieri ta' TAP tal-2019. Sors: IATA/Oxford Economics –Air Passenger Forecast Global Report, Ottubru 2021.

(56) Il-Kummissjoni sabet li, abbażi ta' suppożizzjonijiet prudenti, il-valutazzjoni tal-profitti u r-redditi fuq l-ekwità mistennija madwar […] % […], sa tmiem il-perjodu ta' ristrutturar kienet issostni l-argument tal-Portugall li l-pjan ta' ristrutturar kien se jiżgura l-vijabbiltà fit-tul tal-benefiċjarju u baqa' robust ukoll f'xenarju avvers. Mingħajr l-intervent tal-Istat, il-benefiċjarju, u, b'konsegwenza ta' dan, TAP Air Portugal, inevitabbilment joħorġu mis-suq, u dan jikkawża tbatija soċjali, effetti konsegwenzjali negattivi għall-ekonomija Portugiża kollha – li tiddependi ħafna fuq is-settur tat-turiżmu – u tfixkil ta' servizz importanti li huwa diffiċli li jiġi replikat.

(57) Il-Kummissjoni mbagħad qajmet dubji, l-ewwel dwar il-proporzjonalità tal-għajnuna ([35]), fejn innotat li l-biċċa l-kbira tas-sorsi ta' kontribuzzjoni proprja ġew minn tnaqqis fil-kostijiet, jiġifieri l-evitar tal-kostijiet biss mingħajr l-ebda finanzjament ġdid minn investitur jew mutwanti tas-suq, minbarra l-kuntratti ġodda għal-lokazzjoni ta' inġenji tal-ajru li jaslu fl-2021. Il-Kummissjoni nnotat li l-kontribuzzjoni proprja tikkorrispondi l-aktar l-aktar biss għal […] % tal-kostijiet tar-ristrutturar, filwaqt li ma kienx ċar jekk it-tnaqqis fil-kostijiet lavorattivi, li jirrappreżenta aktar minn […] % tal-kontribuzzjoni proprja, kienx ammissibbli. Fir-rigward tar-rekwiżiti ta' kondiviżjoni tal-piżijiet, il-Kummissjoni nnotat li ma kienet ġiet ipprovduta l-ebda ġustifikazzjoni għaliex kwalunkwe tnaqqis parzjali tad-dejn imġarrab mid-detenturi tal-bonds ta' TAP SGPS, bħala kwistjoni ta' prinċipju, ma jkunx jista' jinkiseb.

(58) It-tieni, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar il-miżuri li jillimitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni ([36]). Il-Kummissjoni osservat b'mod partikolari li: (i) kien dubjuż jekk iċ-ċessjonijiet proposti ta' ċerti assi li jikkonċernaw attivitajiet li jagħmlu t-telf setgħux jitqiesu bħala li jindirizzaw id-distorsjoni tal-kompetizzjoni maħluqa mill-għajnuna, u jekk fi kwalunkwe każ iċ-ċessjonijiet proposti kinux suffiċjenti biex jindirizzaw tali distorsjoni, (ii) il-fehma tal-awtoritajiet Portugiżi li ċ-ċessjoni tas-slots kienet prematura u mhux meħtieġa ma kinitx issostanzjata minn xi analiżi kwantitattiva li turi li tali ċessjonijiet fil-fatt jipperikolaw ir-ritorn għall-vijabbiltà ta' TAP Air Portugal, minħabba l-pożizzjoni b'saħħitha tagħha f'termini ta' slots fl-ajruport konġestjonat ħafna ta' Liżbona, u (iii) filwaqt li l-kapaċità globali tal-flotta prevista għall-2025 kienet aktar baxxa minn qabel ir-ristrutturar, xejn ma ppermetta li jiġi verifikat li l-kapaċità maħluqa permezz tal-akkwiżizzjoni ta' inġenji tal-ajru ġodda matul il-perjodu ta' ristrutturar ma tkunx eċċessiva u ma kien hemm l-ebda impenn li tinżamm kapaċità aktar baxxa għad-durata tal-pjan ta' ristrutturar.

(59) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni nnotat li l-pjan kien se jdum aktar minn ħames snin, filwaqt li l-projezzjonijiet kellhom inċertezzi dwar l-evoluzzjoni tad-domanda sa tmiem l-2025 f'xenarji ta' stress kbir, li jistgħu jkunu jirrikjedu aktar għajnuna ([37]).

3. OSSERVAZZJONIJIET TAL-PORTUGALL

(60) Il-Portugall issottometta l-osservazzjonijiet tiegħu dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ fid-19 ta' Awwissu 2021.

(61) Bħala rimarka inizjali, il-Portugall ifakkar fil-waqfien bla preċedent u ġeneralizzat fit-traffiku tal-ajru kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi devastanti u asimmetriċi li kellu għat-trasportaturi tal-ajru. Il-Portugall jirrimarka li qabel it-tifqigħa, TAP Air Portugal kienet qed tagħmel profitt fuq bażi awtonoma u ppreżentat sinjali ċari ta' stabbiltà finanzjarja. Fl-aħħar nett, il-Portugall josserva li l-pandemija pposponiet ir-rieżami tal-Linji Gwida R&R, maħsuba biex jiġu applikati sal-31 ta' Diċembru 2020. Filwaqt li l-Linji Gwida R&R ma humiex imfassla għal ċirkostanzi eċċezzjonali bħall-pandemija tal-COVID-19, huma jħallu lok għal applikazzjoni aktar flessibbli tar-regoli tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontribuzzjoni proprja li għandha titqies bħala suffiċjentement għolja u adegwata. Skont il-Portugall, iċ-ċirkostanzi u l-isfidi uniċi assoċjati mal-COVID-19 u tal-impatt tagħha fuq il-mudell ta' negozju ta' TAP jiġġustifikaw approċċ aktar flessibbli meta mqabbel ma' preċedenti konvenzjonali ta' salvataġġ u ristrutturar fl-industrija. Il-kuntest bla preċedenti tal-pandemija tal-COVID-19 jitlob tali infurzar flessibbli tar-regoli u l-prinċipji tas-salvataġġ u r-ristrutturar.

3.1. Il-projezzjonijiet finanzjarji u r-ritorn għall-vijabbiltà

(62) Il-Portugall jenfasizza li l-projezzjonijiet fil-pjan ta' ristrutturar huma bbażati fuq suppożizzjonijiet affidabbli u konservattivi. Il-Portugall jissottolinja li, filwaqt li l-previżjonijiet tal-IATA jaqbżu l-livelli tal-2019 diġà sal-2024, il-projezzjonijiet tad-domanda fix-xenarju bażi tal-pjan ma jirkuprawx il-livelli tal-2019 sa […]. Bl-istess mod, il-perkors tad-dħul ta' TAP Air Portugal jibda minn punt aktar baxx fl-2021 meta mqabbel mal-previżjoni tal-passiġġieri, eż. id-dħul tal-passiġġieri fl-2021 huwa […] % tal-livelli tal-2019 meta mqabbel ma' […] % għall-għadd ta' passiġġieri.

([35]) Ara l-premessi 83 sa 88 tad-deċiżjoni tal-ftuħ.
([36]) Ara l-premessi 97 sa 100 tad-deċiżjoni tal-ftuħ.
([37]) Ara l-premessi 74 u 75 tad-deċiżjoni tal-ftuħ.

(63) Il-Portugall jissottolinja l-użu aġli tal-kapaċità ta' TAP Air Portugal. Il-kumpanija kienet kapaċi tirrialloka l-kapaċità biex timmira żoni tad-domanda, billi tikkumpensa fuq l-ivvjaġġar lejn/mill-Brażil b'irkupru aktar b'saħħtu fil-flussi Afrikani. Hija kienet qed tissostitwixxi attivament ukoll inġenji tal-ajru akbar b'gauge iżgħar meta kienet qed tiffaċċja fatturi ta' tagħbija baxxa u kienet ikkonfigurat mill-ġdid l-inġenji tal-ajru tal-passiġġieri biex jittrasportaw merkanzija, eċċ. Dik ir-riallokazzjoni aġli tal-kapaċità u operazzjonijiet flessibbli flimkien ma' politiki stretti ta' kontroll tal-kostijiet irriżultaw fi ħruq ta' flus aktar baxx milli mistenni fil-pjan ta' ristrutturar, minkejja x-xenarju aħar tad-domanda (eż. l-EBIT ta' TAP Air Portugal fl-ewwel nofs tal-2021 kien EUR […] miljun aħjar minn dak previst fil-pjan).

(64) Il-Portugall josserva li TAP Air Portugal assumiet perkors ta' dħul għal kull siġġu disponibbli għal kull kilometru (RASK) taħt il-livelli storiċi (EUR ċenteżmu […] sal-2025 vs sa EUR ċenteżmu […] fl-2018) u dak li attwalment setgħet tikseb (kumpens għal volum aktar baxx ta' passiġġieri meta mqabbel mal-għadd ta' passiġġieri tar-ristrutturar vs. il-pjan). Il-Portugall jinnota wkoll li l-pjan ta' ristrutturar ma qiesx sa EUR […] miljun fi dħul addizzjonali li ġej minn titjib fil-proċessi/metodoloġiji, titjib ta' sistemi/għodod ewlenin u inizjattivi addizzjonali għat-tnaqqis tal-kostijiet (eż. f'lokazzjonijiet tal-flotta, differimenti u sessjonijiet ta' negozjati futuri wara l-approvazzjoni) li ġew identifikati wara n-notifika.

(65) Fir-rigward tad-durata tal-perjodu ta' ristrutturar, il-Portugall isostni li ħafna mill-miżuri li jinsabu fil-pjan ta' ristrutturar diġà ġew implimentati mill-2020, għalkemm l-għajnuna għar-ristrutturar se tingħata biss fl-aħħar trimestru tal-2021. Għalhekk, id-durata tal-intervent mill-Istat, li huwa essenzjali għar-ritorn għall-vijabbiltà ta' TAP Air Portugal […], se tkun anqas minn ħames snin.

3.2. **Il-proporzjonalità u l-limitazzjoni tal-għajnuna mill-Istat għall-minimu**

(66) Fis-sottomissjoni tiegħu tas-16 ta' Novembru 2021, il-Portugall jinnota sorsi ġodda ta' kontribuzzjoni proprja, ma baqax jinsisti fuq il-kwalifika tat-tnaqqis fil-kostijiet lavorattivi bħala sors ta' kontribuzzjoni proprja, jippreżenta diżaggregazzjoni ġdida tal-kostijiet tar-ristrutturar u jikkummenta dwar il-miżuri ta' kondiviżjoni tal-piżijiet.

3.2.1. *Sorsi ġodda ta' kontribuzzjoni proprja*

(67) Il-Portugall identifika s-sorsi addizzjonali ġodda ta' kontribuzzjoni proprja li ġejjin:

(a) *Appoġġ minn fornituri tad-dejn eżistenti:* Il-Portugall jinnota li TAP Air Portugal irnexxielha tirċievi l-appoġġ tal-fornituri tad-dejn eżistenti. Minħabba l-pandemija tal-COVID-19 u d-deterjorament konsegwenti tal-EBITDAR, TAP Air Portugal […]. Madankollu, il-kumpanija rnexxielha tikseb eżenzjonijiet, li evitaw l-iskattar ta' opzjonijiet put u ta' ħlas lura kmieni. Skont il-Portugall, tali eżenzjonijiet jammontaw għal forma ta' kondiviżjoni tal-piżijiet u kontribuzzjoni proprja, peress li […] (il-premessa (43)g)).

(b) *Finanzjament ġdid mill-investituri u mis-suq:* Il-Portugall jinnota li TAP Air Portugal ġiet avviċinata minn investituri ġodda potenzjali b'interess fl-akkwiżizzjoni ta' ishma futuri u nnegozjat finanzjament ġdid (il-premessa (43)e));

(c) *Finanzjament addizzjonali għall-inġenji tal-ajru:* Il-Portugall jippreżenta evidenza li turi impenji ġodda għall-finanzjament tal-lokazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru, li jżidu l-livell ta' tali finanzjament minn EUR […] miljun għal total ta' EUR […] miljun (il-premessa (43)c)).

3.2.2. *Tnaqqis fil-kostijiet lavorattivi*

(68) Fir-rigward tat-tnaqqis fil-kostijiet lavorattivi li dwaru l-Kummissjoni qajmet dubji, il-Portugall essenzjalment sostna li dawn jikkontribwixxu għall-minimizzazzjoni tal-għajnuna u jikkostitwixxu kontribuzzjonijiet effettivi, dejjiema u mhux riversibbli mill-krediturі tal-benefiċjarju. Il-Portugall jinsisti li, skont il-liġi Portuġiża, il-ħaddiema jikkostitwixxu krediturі privileġġati fir-rigward tal-impjegaturi, peress li t-talbiet tal-ħaddiema jiġu likwidati l-ewwel fuq kwalunkwe talba oħra garantita jew privileġġata. Għalhekk, it-tnaqqis fil-kostijiet lavorattivi propost bħala kontribuzzjoni proprja, fl-ammont totali ta' EUR […] miljun, jinkludi tali krediti. Fl-aħħar nett, il-Portugall josserva li TAP Air Portugal kisbet dan it-tnaqqis fil-kostijiet permezz ta' negozjati u kienet teħtieġ li l-ħaddiema jċedu parti mit-talbiet futuri tagħhom. Għalhekk huwa ekwivalenti għal tħassir tad-dejn jew tnaqqis ieħor tal-kostijiet kuntrattwali mis-sħab (eż. il-forniturі/lokaturi tal-inġenji tal-ajru) kemm f'termini ta' parteċipazzjoni fl-isforz, kif ukoll bħala sinjal ta' fiduċja fil-vijabbiltà fit-tul tal-benefiċjarju.

(69) Filwaqt li l-Portugall irrikonoxxa li l-kontribuzzjoni proprja jenħtieġ li normalment tkun komparabbli mal-għajnuna mogħtija f'termini ta' effetti fuq il-pożizzjoni tas-solvenza jew tal-likwidità tal-benefiċjarju u li t-tnaqqis fil-kostijiet ma jikkostitwix miżuri li jsaħħu l-ekwità, kontribuzzjoni proprja li ma għandhiex effett komparabbli għall-għajnuna mogħtija xorta tista' tiġi aċċettata, fid-dawl ta' ċirkostanzi eċċezzjonali. Eventwalment, fis-sottomissjoni tiegħu tas-16 ta' Novembru 2021, il-Portugall ma baqax jinkludi t-tnaqqis tal-kostijiet lavorattivi fost is-sorsi tal-kontribuzzjoni proprja tal-benefiċjarju għall-kostijiet tar-ristrutturar.

3.2.3. *Diżaggregazzjoni u sorsi ta' finanzjament tal-kostijiet tar-ristrutturar*

(70) Fis-16 ta' Novembru 2021, il-Portugall issottometta diżaggregazzjoni tal-kostijiet tar-ristrutturar u l-kalkolu u l-proporzjon rispettivi tal-kontribuzzjoni proprja, b'kont meħud tas-sorsi l-ġodda tal-kontribuzzjoni proprja, li hija ppreżentata kif ġej.

Tabella 2

Diżaggregazzjoni u sorsi ta' finanzjament tal-kostijiet tar-ristrutturar (EUR miljun ittondjati)

Kostijiet tar-ristrutturar		**Sorsi ta' finanzjament**	**MEUR**	**%**
		Kontribuzzjoni proprja		
Akkwiżizzjoni ta' inġenji tal-ajru ġodda	[…]	Indennizzi tal-ħaddiema	[…]	[…] %
Rimborż tad-dejn	[…]	Kuntratti nnegozjati mill-ġdid ma' partijiet terzi	(…)	[…] %
[…]	[…]	Lokazzjoni ta' inġenji tal-ajru ġodda	[…]	[…] %
Ħaddiema (Indennizzi)	[…]	Kontribuzzjonijiet oħrajn	[…]	[…] %
Telf operatorju	[…]	Patt dwar il-bonds u d-dejn bankarju (valur tas-suq)	[…]	[…] %
		Likwidità temporanja ([…]% mhux garantit)	[…]	[…] %
		Dejn bankarju ġdid	[…]	[…] %
		Kontinġenzi M&E Brazil	[…]	[…] %
		Għajnuna mill-Istat		
		Injezzjoni ta' ekwità	[…]	[…] %
		Likwidità temporanja ([…]% garanzija)	[…]	[…] %
		Ammont ta' kontribuzzjoni proprja	[…]	[…] %
		Ammont ta' għajnuna għar-ristrutturar	[…]	[…] %
		FINANZJAMENT TOTALI	(…)	

(71) Il-Portugall josserva li kontribuzzjonijiet taħt il-50 % tal-kostijiet tar-ristrutturar diġà ġew aċċettati f'każijiet oħra ta' għajnuna għar-ristrutturar fis-settur tal-avjazzjoni ([38]) u li l-pandemija tal-COVID-19 tikkwalifika bħala ċirkostanza eċċezzjonali, kif rikonoxxut mill-Kummissjoni fil-Qafas Temporanju tal-COVID-19 ([39]) ("Qafas Temporanju"). B'konsegwenza ta' dan, il-Portugall isostni li l-livell rivedut ta' kontribuzzjoni proprja huwa sinifikanti fil-kuntest partikolari tal-inċertezzi li qed jiffaċċja s-settur tal-avjazzjoni minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

([38]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Lulju 2014 fil-kawża SA.34191 – Allegata għajnuna lil Air Baltic (ĠU L 183, 10.7.2015 p. 1); u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ġunju 2012 fil-kawża SA.33015 – Air Malta (ĠU L 301, 30.10.2012, p. 29).

([39]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Qafas Temporanju għal miżuri ta' Għajnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19" (C/2020/1863, ĠU C 91I, 20.3.2020, p. 1), kif emendata l-aħħar mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C(Is-sitt Emenda fil-Qafas Temporanju għall-miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19 u emenda fl-Anness tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni għal żmien qasir C/2021)/8442 final tat-18 ta' Novembru 2021 (ĠU C 473, 24.11.2021, p. 1).

3.2.4. *Kondiviżjoni tal-piżijiet*

(72) Il-Portugall jerġa' jsostni li l-kondiviżjoni tal-piżijiet se tiġi żgurata fil-livell tal-azzjonisti ta' TAP SGPS. It-telf ta' TAP SGPS ġie kontabilizzat b'mod sħiħ fil-kontijiet konsolidati tal-2020 u jikkorrispondi għal ammont totali ta' ekwità negattiva ta' EUR […] miljun. Wara l-approvazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar, l-ammont totali ta' EUR […] miljun […] se jitnaqqas għal […] fil-kontijiet ta' TAP SGPS. Qabel dan, […] għall-finijiet ta' assorbiment tat-telf.

(73) Il-Portugall jispjega wkoll li, kif previst fil-pjan ta' ristrutturar, TAP SGPS trid tirritorna għas-swieq tas-self mill-aktar fis possibbli. L-impatt ta' impożizzjoni tat-telf fuq il-krediturі se jaffettwa b'mod negattiv kwalunkwe tentattiv futur ta' TAP SGPS biex tiġbor fondi mis-settur privat anke fuq bażi garantita. Din titqies mill-parteċipanti fis-suq tal-kreditu bħala sitwazzjoni ta' inadempjenza *de facto*, li twassal għal tnaqqis immedjat fil-klassifikazzjoni għall-agħar kategorija ta' kreditu mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni. Dan, min-naħa tiegħu, iwassal lill-banek biex joqogħdu lura minn negozjati futuri mal-kumpanija. Fl-aħħar nett, il-Portugall jinnota li r-rinunzji ta' ċertu dritt tal-forniturі tad-djun skont il-ftehimiet ta' self/emissjonijiet ta' dejn rilevanti (il-premessa (43)g)) jenħtieġ li jitqiesu bħala forma ta' kondiviżjoni tal-piżijiet skont il-Linji Gwida R&R.

3.3. **Miżuri li jillimitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni**

(74) F'termini ta' ċessjonijiet ta' assi, tnaqqis fil-kapaċità jew preżenza fis-suq, fil-pjan ta' ristrutturar, kif innotifikat fl-10 ta' Ġunju 2021, il-Portugall ippreżenta l-bejgħ tal-ishma miżmuma minn TAP SGPS f'negozju mhux ewlieni, jiġifieri, Groundforce, M&E Brasil u Cateringpor. Madankollu, fir-rigward ta' trasferiment potenzjali ta' slots, il-Portugall inizjalment esprima l-fehma li fil-każ ta' TAP Air Portugal, impenn li jiġu ċeduti slots fl-ajruport ta' Liżbona jkun prematur u probabbilment mhux meħtieġ biex tiġi żgurata kompetizzjoni effettiva, billi jinvolvi r-riskju li jiġu kompromessi l-konnettività u l-mudell ta' ċentru ta' dik il-kumpanija u li potenzjalment jiġi pperikolat ir-ritorn tagħha għall-vijabbiltà. Il-Portugall kompla jargumenta, jikkjarifika u jespandi matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali l-miżuri mmirati biex jillimitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, sabiex il-miżuri kif proposti fil-forma finali tagħhom huma kif ġej.

3.3.1. *Ċessjoni ta' ishma f'attivitajiet integrati vertikalment mat-trasport bl-ajru*

(75) Il-Portugall isostni li Groundforce storikament kienet profittabbli, b'introjtu nett ta' EUR […] miljun u dħul ta' EUR […] miljun fl-2019, iżda ntlaqtet severament mill-kriżi tal-COVID-19. Groundforce tilfet EUR […] miljun ta' dħul fl-2020 meta mqabbel mal-2019 u, […]. Minħabba dawk id-diffikultajiet, Groundforce daħlet fi proċedura ta' insolvenza kkontrollata, li finalment se twassal għar-ristrutturar jew il-likwidazzjoni tal-kumpanija. F'dak il-kuntest, Groundforce diġà attirat l-interess ta' diversi forniturі ewlenin tal-groundhandling fl-Ewropa.

(76) Cateringpor hija kumpanija tal-catering maħluqa fl-1994. Hija l-fornitur ewlieni tal-catering ta' TAP SGPS, li hija wkoll l-azzjonist maġġoritarju tagħha (sehem ta' 51 %) u sors ewlieni tad-dħul ([…] % tad-dħul tal-2019). Il-kumpanija storikament kienet profittabbli, b'introjtu nett ta' EUR […] miljun u dħul nett ta' EUR […] miljun fl-2019. Madankollu, bħal Groundforce, Cateringpor sofriet minħabba l-kriżi tal-COVID-19, li wasslet għal tnaqqis ta' […] % fl-ikliet ipprovduti u tnaqqis fid-dħul nett ta' EUR […] miljun meta mqabbel mal-2019. Biex tindirizza dawn id-diffikultajiet, Cateringpor bdiet proċess ta' ristrutturar li jinsab għaddej […], li fi tmiemu TAP SGPS qed tippjana li […] % […]. Skont il-projezzjonijiet, il-[…] EUR […] miljun.

(77) M&E Brasil hija fornitur ta' servizzi ta' manutenzjoni, tiswija u tiġdid (MRO) inkorporata fil-Brażil, li l-azzjonist maġġoritarju tagħha huwa TAP SGPS. M&E Brasil tipprovdi servizzi ta' manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru wesgħin lil TAP SGPS, li kienu jammontaw għal […] % tad-dħul tagħha fl-2019. […] kien […], minkejja […]. Il-kriżi tal-COVID-19 aggravat id-diffikultajiet tal-kumpanija, bid-dħul fl-2020 (madwar EUR […] miljun) jonqos għal nofs dak li kellha fl-2019 (EUR […] miljun) […] ([…] EUR […] miljun […], EUR […] miljun […]). […] EUR […] miljun […].

(78) Peress li ċ-ċessjonijiet imsemmija hawn fuq se jnaqqsu b'mod sinifikanti l-attivitajiet integrati vertikalment ta' TAP Air Portugal, anċillari għat-trasport bl-ajru, il-Portugall jemmen li dawn jikkostitwixxu miżura ammissibbli biex jiġu limitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni skont il-Linji Gwida R&R.

3.3.2. *Tnaqqis u ffriżar tal-flotta tal-inġenji tal-ajru*

(79) Il-pjan ta' ristrutturar jikkontempla wkoll tnaqqis fil-kapaċità, bħala riżultat tal-aġġustament fid-daqs tal-flotta, is-simplifikazzjoni tan-network u l-aġġustament għat-tnaqqis fid-domanda. TAP Air Portugal diġà implimentat tnaqqis fil-flotta minn 108 għal [90-100] inġenju tal-ajru sa Frar 2021. Il-Portugall jimpenja ruħu li matul il-pjan ta' ristrutturar u sal-2025 inkluża wkoll, il-flotta ta' TAP Air Portugal ma taqbiżx [90-100] inġenju tal-ajru.

3.3.3. *Rilaxx ta' slots*

(80) Fid-dawl, b'mod partikolari, tal-pussess għoli ta' slots ta' TAP Air Portugal fil-bażi konġestjonata ħafna tagħha ta' Liżbona (il-premessa (32)), ([40]) il-Kummissjoni tqis li, għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, TAP Air Portugal se jkollha pożizzjoni sinifikanti fis-suq għall-forniment ta' servizzi tat-trasport bl-ajru tal-passiġġieri fl-ajruport ta' Liżbona wara r-ristrutturar.

(81) F'dak ir-rigward, fit-3 ta' Diċembru 2021 il-Portugall issottometta impenn strutturali addizzjonali biex ikompli jillimita l-effetti distortivi tal-għajnuna fuq il-kompetizzjoni għall-forniment ta' servizzi tat-trasport bl-ajru tal-passiġġieri fuq rotot lejn jew mill-ajruport ta' Liżbona, fejn TAP Air Portugal hija mistennija li żżomm pożizzjoni sinifikanti fis-suq wara r-ristrutturar.

(82) Jiġifieri, il-Portugall impenja ruħu li TAP Air Portugal tittrasferixxi pakkett ta' slots sa 18-il slot ta' kuljum (xitwa u sajf) lil trasportatur tal-ajru ieħor (kompetitur reali jew potenzjali) biex ikun jista' jistabbilixxi bażi ġdida ([41]) jew jespandi l-bażi eżistenti tiegħu fl-ajruport ta' Liżbona (ir-"riċevitur ta' rimedju"). ([42])

(83) Is-slots magħmulin disponibbli minn TAP Air Portugal għar-riċevitur tar-rimedju fiż-żmien meta jiġi ffirmat il-ftehim dwar it-trasferiment ta' slots, jikkorrispondu għall-ħinijiet tas-slots mitluba mir-riċevitur tar-rimedju sa +/- 20 minuta għat-titjiriet fuq distanza qasira u sa +/- 60 minuta għat-titjiriet fuq distanza twila. F'każ li TAP Air Portugal ma jkollhiex slots fil-perjodu tal-ħin rilevanti, TAP Air Portugal toffri li tittrasferixxi s-slots l-eqreb fil-ħin għat-talba tar-riċevitur ta' rimedju.

(84) Bħala eċċezzjoni, TAP Air Portugal ma tkunx obbligata tittrasferixxi:

(a) aktar minn slot wieħed qabel it-08:00 (ħin lokali) għal kull inġenju tal-ajru bbażat mir-riċevitur tar-rimedju fl-ajruport ta' Liżbona bl-użu tas-slots ta' rimedju;

(b) aktar minn nofs is-slots totali ta' rimedju qabel 12:00 (ħin lokali); u

(c) aktar slots qabel it-20:00 (ħin lokali) mis-slots totali ta' rimedju nieqes slot wieħed għal kull inġenju tal-ajru bbażat mir-riċevitur tar-rimedju fl-ajruport ta' Liżbona bl-użu tas-slots ta' rimedju għall-operazzjoni ta' titjiriet fuq distanza qasira.

(85) F'każ li ssir talba għal aktar minn slot wieħed qabel it-08:00 (ħin lokali) għal kull inġenju tal-ajru bbażat, aktar minn nofs is-slots totali ta' rimedju qabel 12:00 (ħin lokali) jew aktar slots qabel it-20:00 (ħin lokali) mis-slots totali ta' rimedju nieqes slot wieħed għal kull inġenju tal-ajru bbażat mir-riċevitur tar-rimedju fl-ajruport ta' Liżbona bl-użu tas-slots ta' rimedju għall-operazzjoni ta' titjiriet fuq distanza qasira, TAP Air Portugal toffri lir-riċevitur tar-rimedju l-eqreb slot li jmiss wara t-8:00 (ħin lokali), wara 12:00 (ħin lokali) u wara 20.00 (ħin lokali) rispettivament.

(86) Il-ħinijiet tas-slots tal-wasla u tat-tluq jenħtieġ li jkunu tali li jippermettu rotazzjoni raġonevoli tal-inġenji tal-ajru mir-riċevitur tar-rimedju sa fejn ikun possibbli, b'kont meħud tal-mudell ta' negozju tar-riċevitur potenzjali ta' rimedju eliġibbli u r-restrizzjonijiet fuq l-użu tal-inġenji tal-ajru.

(87) Il-Portugall impenja ruħu li TAP Air Portugal ma terġax takkwista s-slots ċeduti mingħand ir-riċevitur ta' rimedju.

([40]) Tali kombinazzjoni ta' fatturi (pussess għoli ta' slots f'ajruport konġestjonat ħafna użat bħala bażi) ma tinstab fl-ebda ajruport ieħor tal-UE li lejh jew minnu TAP Air Portugal tipprovdi servizzi ta' trasport bl-ajru tal-passiġġieri.

([41]) Bażi tfisser li l-inġenji tal-ajru jiġu pparkjati matul il-lejl fl-ajruport u li l-inġenji tal-ajru bbażati jintużaw biex joperaw diversi rotot minn dak l-ajruport. Dan ifisser għat-titjiriet fuq distanzi qosra li kuljum l-ewwel moviment tal-inġenju tal-ajru jkun tluq mill-ajruport ta' Liżbona u l-aħħar moviment ikun wasla fl-ajruport ta' Liżbona.

([42]) Kif spjegat aktar fil-premessa (88), ir-riċevituri potenzjali ta' rimedju jridu jimpenjaw ruħhom li jibbażaw fl-ajruport ta' Liżbona l-inġenji tal-ajru li jużaw is-slots trasferiti minn TAP Air Portugal. Ir-rekwiżit li tiġi operata bażi ġdida jew estiża fl-ajruport ta' Liżbona bl-użu tal-islots ta' rimedju huwa ġġustifikat mill-grad relattiv ta' pressjoni kompetittiva eżerċitata fuq it-trasportaturi storiċi minn trasportaturi bbażati u trasportaturi mhux ibbażati.

(88) Biex ikun eliġibbli, riċevitur potenzjali ta' rimedju jrid:

(a) ikun trasportatur tal-ajru li jkollu liċenzja operattiva maħruġa minn Stat Membru tal-UE/ŻEE;

(b) ikun indipendenti minn u mhux konness ma' TAP Air Portugal;

(c) ma jkunx soġġett għal rimedji tal-kompetizzjoni wara li jkun rċieva strument ta' rikapitalizzazzjoni tal-COVID-19 ta' aktar minn EUR 250 miljun;

(d) jimpenja ruħu li jopera l-għadd ta' inġenji tal-ajru bbażati fl-ajruport ta' Liżbona bl-użu tas-slots ta' rimedju sa tmiem il-pjan ta' ristrutturar. Fil-proposti tagħhom, ir-riċevituri potenzjali ta' rimedju jindikaw l-għadd ta' inġenji tal-ajru li għandhom ikunu bbażati fl-ajruport ta' Liżbona bl-użu tas-slots ta' rimedju; ([43]) Għall-iskop tal-impenn li l-inġenji tal-ajru jiġu bbażati bl-użu tas-slots ta' rimedju, riċevitur potenzjali ta' rimedju għandu jimpenja ruħu li jikkonforma mal-liġijiet tax-xogħol applikabbli tal-UE u nazzjonali, kif interpretati bħala rilevanti mill-Qrati tal-UE ([44]).

(89) Ir-riċevitur ta' rimedju jiġi approvat mill-Kummissjoni wara proċedura tal-għażla trasparenti u mhux diskriminatorja (sejħa għal proposti).

(90) Il-Kummissjoni tkun assistita minn fiduċjarju tal-monitoraġġ, li jinħatar direttament wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(91) Is-sejħa għal proposti tiġi ppubblikata mill-fiduċjarju tal-monitoraġġ suffiċjentement qabel il-bidu tal-proċedura ġenerali tal-allokazzjoni ta' slots għal kull staġun tal-IATA sakemm il-Kummissjoni tapprova riċevitur ta' rimedju, u tingħata pubbliċità adegwata.

(92) Il-Kummissjoni, assistita mill-fiduċjarju tal-monitoraġġ, tivvaluta l-proposti riċevuti. Hija tista' tiċħad il-proposti jekk ma jkunux kredibbli minn perspettiva ekonomika jew operazzjonali, jew fir-rigward tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-UE.

(93) Fil-każ ta' proposti li jikkompetu ma' xulxin, il-Kummissjoni tagħti preferenza, f'ordni dixxendenti, lir-riċevituri potenzjali ta' rimedju li b'mod partikolari: (i) jipprovdu l-akbar kapaċità ta' siġġijiet fir-rigward tal-inġenji tal-ajru bbażati bl-użu tas-slots ta' rimedju mill-bidu tal-operazzjonijiet sa tmiem il-pjan ta' ristrutturar; u (ii) iservu l-akbar għadd ta' destinazzjonijiet b'titjiriet diretti operati mill-inġenji tal-ajru bbażati bl-użu tas-slots ta' rimedju mill-bidu tal-operazzjonijiet sa tmiem il-pjan ta' ristrutturar (konnettività diretta, mingħajr ma jitqiesu l-frekwenzi).

(94) Jekk il-Kummissjoni tagħti l-istess evalwazzjoni jew evalwazzjoni simili lil diversi proposti (offerti marbuta) wara l-valutazzjoni taż-żewġ kriterji, hija tagħti preferenza lill-proposta kklassifikata l-aħjar minn TAP Air Portugal (li tista' tuża kwalunkwe kriterju tal-għażla tagħha, dment li dawn ikunu trasparenti).

(95) Ftit wara d-deċiżjoni ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni, TAP Air Portugal tidħol fi ftehim ta' trasferiment ta' slots, li għandu jiġi rieżaminat mill-fiduċjarju tal-monitoraġġ u approvat mill-Kummissjoni, mar-riċevitur potenzjali ta' rimedju bl-ogħla klassifikazzjoni li jkun ikkonferma li jkun beħsiebu jistabbilixxi bażi jew jespandi l-bażi tiegħu fl-ajruport ta' Liżbona bl-użu tas-slots ta' rimedju.

(96) Is-slots jiġu trasferiti minn TAP Air Portugal lir-riċevitur tar-rimedju mingħajr ħlas skont l-Artikolu 8b tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 ([45]) (ir-"Regolament dwar is-Slots").

([43]) Il-Kummissjoni se tivvaluta l-kredibbiltà operazzjonali u finanzjarja tal-proposti ppreżentati mir-riċevituri potenzjali ta' rimedju, inkluż il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju għat-tħaddim tal-inġenji tal-ajru li għandhom ikunu bbażati fl-ajruport ta' Lisbona bl-użu tas-slots ta' rimedju. Biex jiġi approvat, riċevitur potenzjali ta' rimedju jrid juri l-kredibbiltà operazzjonali u finanzjarja tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju għall-bażi ta' Lisbona l-ġdida jew estiża tiegħu. Madankollu, sabiex jiġi evitat id-dubju, l-impenn li jiġi operat l-għadd ta' inġenji tal-ajru bbażati fl-ajruport ta' Liżbona bl-użu tas-slots ta' rimedju ma huwiex kundizzjoni għat-trasferiment effettiv tagħhom jew għall-użu tagħhom impost fuq ir-riċevitur ta' rimedju wara l-approvazzjoni tiegħu. Fi kliem ieħor, ladarba r-riċevitur ta' rimedju jiġi approvat, is-slots ta' rimedju jiġu trasferiti mingħajr kundizzjonijiet u r-riċevitur tar-rimedju jkun jista' jużahom liberament.

([44]) Ara eż. Nogueira, il-Kawżi Magħquda C-168/16 u C-169/16, EU:C:2017:688.

([45]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta' Jannar 1993 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità (ĠU L 14, 22.1.1993, p. 1). Skont l-Artikolu 8b tiegħu, *"[i]d-dritt għal serje ta' perjodi ta' użu fl-iskeda msemmi fl-Artikolu 8(2) ma jagħtix lok għal xi talbiet ta' kumpens fir-rigward ta' xi limitazzjoni, restrizzjoni jew eliminazzjoni ta' dan imposti taħt il-liġi tal-Komunità, b'mod partikolari fl-applikazzjoni tar-regoli tat-Trattat li jirrelataw mat-trasport bl-ajru. Dan ir-Regolament ma għandux jeffettwa s-setgħat ta' awtoritajiet pubbliċi li jeħtieġu t-trasferiment ta' perjodi ta' użu fl-iskeda bejn ġarriera bl-ajru u li jagħtu direzzjoni dwar kif dawn jiġu allokati skont il-liġi nazzjonali tal-kompetizzjoni jew l-Artikoli 81 jew 82 tat-Trattat jew ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89 tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi. Dawn it-trasferimenti jistgħu jseħħu biss mingħajr kumpens monetarju."*

(97) Is-slots jiġu offruti għat-trasferiment sa tmiem il-perjodu ta' ristrutturar (tmiem l-2025, ara l-premessa (27)). Ikunu xi jkunu ċ-ċirkostanzi, ma tiġi organizzata l-ebda sejħa għal proposti wara t-tmiem tal-perjodu ta' ristrutturar.

3.3.4. *Projbizzjoni fuq l-akkwiżizzjonijiet u r-reklamar*

(98) Minbarra dawk iċ-ċessjonijiet ta' assi u l-miżuri biex titnaqqas il-kapaċità u l-preżenza fis-suq, il-Portugall ippreżenta l-impenji li l-benefiċjarju joqgħod lura milli (i) jakkwista ishma fi kwalunkwe kumpanija matul il-perjodu ta' ristrutturar, ħlief fejn dan ikun indispensabbli biex tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul tiegħu u soġġett għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni, u (ii) jippubbliċizza l-appoġġ mill-Istat bħala vantaġġ kompetittiv meta jikkummerċjalizza l-prodotti u s-servizzi tiegħu.

4. KUMMENTI MINN PARTIJIET TERZI

(99) Partijiet terzi ppreżentaw 39 tweġiba għall-istedina biex jissottomettu kummenti sal-iskadenza tas-6 ta' Settembru 2021. Erba' sottomissjonijiet oħra waslu wara l-iskadenza. L-osservazzjonijiet ippreżentati fil-ħin kienu jinkludu sottomissjonijiet sostantivi minn żewġ kompetituri diretti – Ryanair u euroAtlantic Airways (EAA) – u minn sħab kummerċjali, bħal aġenziji tal-ivvjaġġar, operaturi turistiċi jew assoċjazzjonijiet tagħhom (13), gruppi ewlenin ta' lukandi (1), aġenziji tal-biljetti (2), fornituri (1), maniġers tal-ajruporti/aġenziji tal-kontroll tat-traffiku (2). Sottomissjonijiet oħra waslu minn korpi governattivi, bħar-rappreżentanzi ta' diversi stati tal-Brażil, kif ukoll mill-Ministeru Brażiljan tat-Turiżmu (8), u minn korpi li jippromwovu t-turiżmu u l-iskambji kummerċjali jew kulturali (10).

(100) Il-partijiet terzi kollha ħlief iż-żewġ kompetituri diretti u parti oħra b'mod ġenerali jappoġġaw l-għajnuna għar-ristrutturar u jikkonfermaw ir-rwol importanti li għandha TAP Air Portugal fil-konnettività tal-Portugall mal-Unjoni u ma' reġjuni oħra tad-dinja, u għall-ekonomija tal-Portugall.

4.1. **Kummenti mingħand il-kompetituri**

4.1.1. *Ryanair*

Kontribut għal objettiv definit sewwa ta' interess komuni

(101) Ryanair ma taqbilx mas-sejba interim tal-Kummissjoni li l-għajnuna għar-ristrutturar tikkontribwixxi għal objettiv ta' interess komuni. Fil-fehma ta' Ryanair, ma hemm l-ebda evidenza ta' riskju ta' tfixkil għal servizz importanti li huwa diffiċli li jiġi replikat peress li s-servizz ta' TAP Air Portugal qed jiġi replikat minn kompetituri li qed jintervjenu. B'mod partikolari, Ryanair tipprovdi wkoll konnessjonijiet ma' destinazzjonijiet barra mill-UE, bħall-Iżrael, it-Turkija jew l-Ukrajna. Ryanair indikat ukoll li topera titjiriet lejn il-Marokk u r-Renju Unit minn ajruporti Portugiżi.

(102) Barra minn hekk, Ryanair ma taqbilx mad-dikjarazzjoni li trasportaturi ewlenin oħra tal-ajru tal-UE, li jkunu qed joffru konnessjonijiet interkontinentali permezz ta' Liżbona, joperaw f'mudell hub-and spoke u għalhekk jittrasferixxu l-passiġġieri mill-Portugall għaċ-ċentri tagħhom fi Stati Membri oħra minflok ma jistabbilixxu ċentru ieħor fil-Portugall. F'dak is-sens, Ryanair issostni li d-destinazzjonijiet ewlenin fuq distanza twila (eż., New York, São Paulo, Toronto, Montreal, Philadelphia, Boston, Washington DC, Dubai) huma servuti wkoll minn trasportaturi internazzjonali kbar bħal American Airlines, Air Kanada, Delta Airlines, LATAM, United Airways, u Emirates direttament minn Liżbona, filwaqt li TAAG Angola Airlines toffri titjiriet diretti bejn Liżbona u Luanda. Fil-fehma ta' Ryanair, jibqa' possibbli li wieħed itir lejn dawn id-destinazzjonijiet mill-Portugall mingħajr trasferiment jew tranżitu miċ-ċentru ta' linja tal-ajru oħra, anke jekk TAP Air Portugal twaqqaf xi rotot fuq distanza twila.

(103) Skont Ryanair, diversi kompetituri joperaw l-istess rotot bħal TAP Air Portugal domestikament, lejn ir-Reġjuni Awtonomi ta' Madeira u l-Azores, pajjiżi oħra li jitkellmu bil-Portugiż u d-dijaspora, kif ukoll pajjiżi oħra fl-Ewropa u barra minnha. Minbarra TAP Air Portugal, diversi linji tal-ajru oħra jipprovdu rotot mill-Portugall lejn ir-Reġjuni Awtonomi ta' Madeira u l-Azores, bħal Ryanair, easyJet, Transavia, SATA Air Açores u Azores Airlines.

(104) F'dan il-kuntest, Ryanair tissuġġerixxi li TAP Air Portugal se tiffaċċja wkoll kompetizzjoni fuq ir-rotot domestiċi tagħha mis-sistema ferrovjarja ta' veloċità għolja jew mill-kumpaniji tal-karozzi tal-linja interurbani, bħal Flixbus, li jistgħu jkomplu jiżguraw il-konnettività fil-Portugall u r-reġjuni tiegħu.

(105) Ryanair issostni li hija tikkompeti ras imb ras ma' TAP Air Portugal f'għadd kbir ta' rotot ta' pari ta' bliet ta' punt ta' oriġini/punt ta' destinazzjoni ("O&D"). Biex tappoġġa s-sejbiet tagħha, Ryanair ippreżentat annessi b'*data* dwar "Ir-rotot ta' pari ta' bliet Portugiżi li fuqhom ikkompetew Ryanair u TAP fl-2020" u "Ir-Rotot u l-Kompetituri Ewropej ta' TAP f'Marzu 2021". Ryanair tallega li l-Grupp Ryanair ikkompeta fuq 17-il par ta' bliet ta' TAP Air Portugal fl-2019, 29 par ta' bliet fl-2020 u 24 par ta' bliet fl-2021, li huwa ferm aktar minn kwalunkwe linja tal-ajru oħra. Ryanair issottomettiet ukoll studju ([46]) mħejji fuq talba ta' Ryanair. L-istudju janalizza d-daqs u l-oriġini tal-liċenzja operattiva tal-akbar linji tal-ajru f'għadd ta' swieq Ewropej ewlenin. Huwa jkopri l-kapaċità intra-Ewropea totali offruta fl-2014 u fl-2019 u l-previżjonijiet attwali għall-2021. Minbarra li jidentifika l-ishma tal-linji tal-ajru ewlenin f'dawn is-snin, l-istudju eżamina r-rata ta' tkabbir ta' ħames snin tas-swieq ewlenin bejn l-2014 u l-2019, il-kontribut għal dan it-tkabbir mil-linji tal-ajru ewlenin u t-tkabbir ġenerali fir-rotot servuti mil-linji tal-ajru matul dan l-istess perjodu. Imbagħad jirrepeti dan l-eżerċizzju għas-sentejn li jintemmu fl-2021, kif previst bħalissa. Fir-rigward speċifiku tal-Portugall, l-istudju jsib li t-trasportaturi bi prezzijiet baxxi pprovdew 44,3 % tat-tkabbir fil-kapaċità tas-siġġijiet bejn l-2014 u l-2019, b'linji tal-ajru oħra li ma humiex il-linji tal-ajru ewlenin tad-domiċilju responsabbli għal 29,3 % oħra tat-tkabbir. Skont l-istudju, iż-żewġ linji tal-ajru Portugiżi domiċiljati ewlenin ipprovdew biss 26,4 % tat-tkabbir li seħħ matul dan il-perjodu ta' ħames snin. L-istudju sab li f'termini ta' konnettività, it-trasportaturi bi prezzijiet baxxi reġgħu wettqu aktar matul dan l-istess perjodu ta' ħames snin, it-trasportaturi bi prezzijiet baxxi żiedu 199 rotta ġdida man-networks ikkombinati tagħhom. Min-naħa l-oħra, iż-żewġ trasportaturi Portugiżi ewlenin naqqsu l-għadd ta' rotot tagħhom bi 12 flimkien. Fir-rigward tar-rotot intra-Ewropej, mhux domestiċi, dan jammonta għal +199 vs -10 rispettivament. Din id-diskrepanza allegatament tkun diżappuntanti għat-trasportaturi ewlenin tal-Portugall minħabba li dawn jikkontrollaw 30 % tas-suq totali u 65 % tas-suq domestiku f'termini ta' kapaċità ta' siġġijiet. L-istudju joffri wkoll tabella li turi t-tbassir tat-trasportaturi bi prezzijiet baxxi li jżidu s-sehem tagħhom mis-suq Portugiż matul il-pandemija. Wara seba' sejbiet, l-istudju jikkonkludi li l-istorja tal-appoġġ għat-"trasportaturi tal-bandiera" tradizzjonali fil-livell nazzjonali la wasslet għal tkabbir superjuri u lanqas għal konnettività akbar u jkompli li huma t-trasportaturi bi prezzijiet baxxi pan-Ewropej li pprovdew dan għal swieq aktar miftuħa.

(106) Fl-aħħar nett, Ryanair tinforma li l-Portugall huwa wieħed mill-miri ta' espansjoni tal-Grupp Ryanair. F'dak il-kuntest, skont Ryanair, ir-rotot fejn il-Grupp Ryanair u TAP Air Portugal jikkompetu ras imb ras huma ekonomikament importanti. B'mod partikolari, il-Grupp Ryanair u TAP Air Portugal jikkompetu ras imb ras fuq rotot internazzjonali lejn bliet importanti, inklużi Londra, Berlin, Dublin, Pariġi, Ruma, Milan, u Vjenna, li huma ekonomikament rilevanti minħabba li jgħaqqdu lill-Portugall mal-akbar u l-aktar bliet prosperużi fl-Ewropa. Ryanair u TAP Air Portugal jikkompetu wkoll fuq rotot domestiċi li jgħaqqdu lil Liżbona u Ponta Delgada u Terceira pereżempju.

(107) Fl-istess kuntest tal-kontribut għal objettiv definit sewwa ta' interess komuni, Ryanair tafferma li d-deċiżjoni tal-ftuħ ma spjegatx għaliex TAP Air Portugal hija impriża sistemika u lanqas biss tuża l-aġġettiv "sistemika." Skont Ryanair, hekk kif il-linji tal-ajru Ewropej issa joħorġu mill-kriżi, il-kapaċità mitlufa ta' linja tal-ajru waħda tiġi sostitwita malajr minn linji tal-ajru oħra ħerqana li jużaw il-kapaċità żejda tagħhom u joperaw b'mod aktar effiċjenti.

(108) Ryanair hija tal-fehma li anki jekk xi whud mill-attivitajiet ta' TAP Air Portugal kellhom karattru tassew sistemiku, il-Kummissjoni naqset milli tiddetermina jekk tali attivitajiet sistemiċi setgħux jiġu ppreservati billi jiċċekken il-grupp u jitnaqqsu jew jiġu ristretti attivitajiet mhux sistemiċi jew li jagħmlu t-telf. Jiġifieri, skont Ryanair, linji tal-ajru u fornituri tat-trasport oħra diġà għandhom rwol importanti fil-konnettività tal-Portugall u tar-reġjuni tiegħu u jistgħu jipprovdu l-istess servizz bħal TAP Air Portugal u jistgħu jieħdu f'idejhom is-servizz ta' TAP Air Portugal jekk din toħroġ mis-suq.

(109) Bħala konklużjoni, Ryanair tippostula li TAP Air Portugal tinsab fil-proċess li tiġi sostitwita minn linji tal-ajru aktar effiċjenti li diġà jaqdu l-interess komuni. Għalhekk, ir-ristrutturar tagħha ma jservix l-interess komuni minħabba li jipperikola dan il-proċess.

([46]) "Lading market shares in key European passenger markets", 10 ta' Awwissu 2021, imħejji fil-kuntest tal-appell ta' Ryanair tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-23 ta' April 2021 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.62304 (2021/N) – Il-Portugall - COVID-19: Kumpens għad-danni lil TAP Portugal; awtur Mark Simpson, analista tal-linji tal-ajru f'Goodbody, ir-Renju Unit.

Il-vijabbiltà fit-tul ta' TAP Air Portugal

(110) L-ewwel nett, Ryanair tilmenta li l-premessa 73 u t-Taqsima 2.3.3 tad-deċiżjoni tal-ftuħ, li jirreferu għall-vijabbiltà fit-tul, huma editjati ħafna u d-*data* finanzjarja kollha u l-istadji kronoloġiċi tal-pjan ta' ristrutturar tħassru. Għalhekk, Ryanair ma tistax tagħmel kummenti dettaljati minħabba informazzjoni insuffiċjenti. Madankollu, Ryanair tagħmel kumment ġenerali li l-problemi ta' TAP Air Portugal jirriżultaw minn tkabbir mgħaġġel li TAP ma setgħetx tisfrutta biex tiġġenera dħul u tkopri l-kostijiet tagħha, fin-nuqqas ta' kompetittività suffiċjenti. F'dan il-kuntest, il-pjan ta' TAP Air Portugal li terġa' tibda t-tkabbir tal-kapaċità hekk kif il-kundizzjonijiet tas-suq jerġgħu jsiru normali jidher li jirrepeti l-istrateġija falluta li wasslet għad-diffikultajiet ta' TAP Air Portugal fl-ewwel lok.

Adegwatezza tal-għajnuna

(111) Ryanair hija tal-fehma li l-verifika tal-issodisfar ta' din il-kundizzjoni tkun teħtieġ it-tqabbil tad-diversi opzjonijiet disponibbli sabiex tiġi identifikata l-opzjoni l-anqas distortiva. Madankollu, id-deċiżjoni tal-ftuħ ma ppreżentatx jew qabblet l-għajnuna ma' opzjonijiet oħra li jinvolvu jew ma jinvolvux għajnuna mill-Istat u għalhekk naqset milli tivverifika li l-għajnuna hija xierqa.

Il-proporzjonalità tal-għajnuna

(112) Fir-rigward tal-proporzjonalità tal-għajnuna għar-ristrutturar, Ryanair issostni li d-deċiżjoni tal-ftuħ ma tippreżenta l-ebda evidenza tat-tentattivi ta' TAP SGPS biex tiġbor fondi privati. Fil-fehma ta' Ryanair, peress li n-nuqqas ta' aċċess ta' TAP SGPS għas-swieq finanzjarji qabel l-għoti tal-għajnuna ma huwiex stabbilit, in-nuqqas ta' aċċess tagħha wara li tingħata l-għajnuna jidher dubjuż id-doppju. Barra minn hekk, Ryanair tafferma li TAP SGPS għandha tkun tista' tiġbor fondi privati wara l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' ekwità, u b'hekk il-"buffer" ta' EUR […] miljun ikun eċċessiv. Ryanair tilmenta wkoll dwar in-nuqqas ta' *data* finanzjarja suffiċjenti fid-deċiżjoni tal-ftuħ li tippermetti lill-partijiet interessati jivvalutaw il-proporzjonalità tal-kwantum tal-għajnuna fid-dettall.

(113) Ryanair tosserva b'mod kritiku li d-deċiżjoni tal-ftuħ ma tipprovdix ġustifikazzjoni għall-preżunzjoni tal-Portugall li klassifikazzjoni finanzjarja B- ta' Standard & Poor's tagħmel is-self fis-swieq finanzjarji impossibbli. Skont Ryanair, il-Portugall ma ddeskriva l-ebda tentattiv konkret fallut minn TAP biex tikseb finanzjament u lanqas ma jispjega għaliex ma kinitx disponibbli kollateralizzazzjoni biex jiġi żgurat id-dejn. Fil-fehma ta' Ryanair, il-portafoll ta' slots fl-ajruport u assi oħra ta' TAP Air Portugal jirrappreżentaw kollateral sinifikanti.

(114) Fir-rigward tal-kondiviżjoni tal-piżijiet, Ryanair tqajjem tħassib li l-azzjonist privat li jifdal (HPGB) se jirċievi trattament favorevoli. Skont Ryanair, id-deċiżjoni tal-ftuħ ma pprovdiet l-ebda dettall fattwali li jippermetti lil Ryanair tagħmel kummenti dwar l-issodisfar tal-kundizzjoni tal-kondiviżjoni tal-piżijiet minn HPGB u a fortiori partijiet ikkonċernati oħra f'TAP SGPS.

Miżuri maħsuba sabiex jillimitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni

(115) Ryanair taqbel mas-sejba tal-Kummissjoni li l-miżuri biex jiġu limitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni ma humiex ġustifikati u jidhru insuffiċjenti, anke abbażi tal-informazzjoni insuffiċjenti pprovduta fid-deċiżjoni tal-ftuħ.

(116) Fir-rigward tar-rilaxx ta' slots, Ryanair issostni li d-daqs massiv tal-għajnuna pprovduta u l-livelli insuffiċjenti ta' kontribuzzjoni proprja jimmilitaw favur iċ-ċessjonijiet ta' slots li jmorru ferm lil hinn mil-livell taċ-ċessjonijiet ta' Lufthansa ([47]).

(117) Fil-fehma ta' Ryanair, iċ-ċessjonijiet ta' slots fl-ajruport ta' Liżbona fl-istess qies bħaċ-ċessjonijiet ta' slots fid-deċiżjoni dwar Lufthansa (24 slot kuljum) ma jagħmlux ħsara lill-konnettività tal-Portugall (inkluż mal-Brażil) jew lill-operazzjonijiet ċentrali ta' TAP Air Portugal (pereżempju billi jagħmlu r-rotot tagħha mhux profittabbli). Ryanair temmen li jekk TAP Air Portugal titħalla żżomm slots li ma tkunx tista' tuża minħabba pereżempju telf tat-traffiku jew tnaqqis fil-flotta, dan ikun jammonta għall-ħżin ta' riżorsa rari u għalhekk, iċ-ċessjonijiet ta' slots jenħtieġ li tal-anqas ikunu ugwali fil-proporzjon għat-tnaqqis fil-flotta ta' TAP Air Portugal. Barra minn hekk, id-domanda għas-slots minn linji tal-ajru vijabbli fl-ajruporti ta' Liżbona u ta' Porto tkun għolja.

([47]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ġunju 2020 fil-kawża SA.57153 (2020/N) COVID-19 - Għajnuna lil Lufthansa (ĠU C 397, 20.11.2020, p. 1).

(118) Għal dak il-għan, Ryanair tissuġġerixxi li l-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra d-daqs korrett għal TAP Air Portugal li jippermetti lill-Portugall ikollu konnettività adegwata u jenħtieġ li ma teskludix l-ipoteżi li d-daqs korrett għal TAP Air Portugal jista' jammonta għal ħruġ mis-suq. Fil-fehma ta' Ryanair, jenħtieġ li l-Kummissjoni ma teskludix *a priori* xenarju li fih TAP Air Portugal tipprovdi biss servizzi fuq distanzi twal u linji tal-ajru oħra (inklużi dawk b'nollijiet baxxi) jaġixxu bħala codeshare jew saħansitra operaturi *de facto* tar-rotot kolletturi attwali lejn Liżbona.

(119) Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-iffriżar tal-kapaċitajiet u t-tnaqqis tal-attivitajiet, Ryanair issostni li d-deċiżjoni tal-ftuħ ma tesplorax biżżejjed xenarju ta' tnaqqis fid-daqs.

4.1.2. *EAA*

(120) Mill-bidu nett, EAA ssostni li bl-approvazzjoni tal-Liġi dwar il-Baġit Pubbliku tal-Istat għall-2021 f'Novembru 2020 li fiha l-Gvern Portugiż alloka EUR 500 miljun ta' appoġġ finanzjarju għal TAP SGPS, l-Istat Portugiż impenja ruħu li jagħmel disponibbli riżorsi tal-Istat, li EAA tqis li hija għajnuna mill-Istat mhux innotifikata lill-Kummissjoni.

(121) EAA tilmenta dwar it-trattament diskriminatorju favur TAP SGPS meta l-Istat ipprovda appoġġ finanzjarju biex jassisti lil TAP SGPS fir-ristrutturar tagħha. Bħala informazzjoni ta' sfond, EAA tinforma li hija ripetutament talbet appoġġ proporzjonat mill-Portugall. Minkejja l-aħjar sforzi ta' EAA u l-preżentazzjoni tal-vantaġġi għall-ekonomija, il-Portugall irrifjuta li jħares lejn il-fatti u naqas milli jipprovdi xi assistenza sinifikattiva.

(122) EAA tinforma wkoll li hija ttrasportat total ta' aktar minn 1,4 miljun passiġġier fuq it-8 500 titjira tagħha, li minnhom 430 000 (ugwali għal 30 % tal-passiġġieri totali li tajret matul dan il-perjodu) kienu minn/lejn il-Portugall. Hija kienet l-ewwel linja tal-ajru Portugiża li bdiet operazzjonijiet charter lejn it-Tramuntana tal-Brażil u meta TAP Air Portugal bdiet titjiriet skedati lejn dak ir-reġjun u tat rati baxxi ħafna lill-operaturi turistiċi, EAA sabet opportunitajiet ġodda. Fl-2020, minħabba l-pandemija tal-COVID-19, l-attività ewlenija ta' EAA nbidlet għal operazzjonijiet charter.

Adegwatezza tal-istrument ta' għajnuna

(123) Fil-fehma ta' EAA, l-għan tal-għajnuna għar-ristrutturar huwa li tipprovdi appoġġ ta' likwidità għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar u li tibbilanċja l-ekwità negattiva ta' TAP SGPS. Madankollu, l-għajnuna inkwistjoni hija strutturata prinċipalment bħala ekwità u parzjalment bħala garanzija, li se tiġi kkonvertita wkoll f'ekwità fl-aktar xenarju avvers jekk l-aċċess għas-swieq kapitali ma jinkisibx. Dan l-istrument ta' għajnuna ma jidhirx xieraq peress li jmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ. Miżura anqas distortiva fil-forma ta' garanzija finanzjarja mingħajr natura ta' ekwità tkun sufiċjenti biex tiffaċilita l-aċċess għas-swieq kapitali u b'dan il-mod tirrestawra l-likwidità u s-solvenza ta' TAP SGPS. B'dan il-mod, TAP SGPS tkun meħtieġa ssib il-metodi ta' finanzjament proprji tagħha u b'hekk tilħaq ukoll l-objettivi tal-kontribuzzjoni proprja.

Il-proporzjonalità tal-għajnuna

(124) EAA tikkondividi t-tħassib imqajjem mill-Kummissjoni fis-sejbiet preliminari tagħha rigward il-proporzjonalità tal-għajnuna, b'mod partikolari, jekk TAP SGPS ikollhiex livell sufiċjenti ta' kontribuzzjonijiet proprji. Barra minn hekk, EAA tesprimi t-tħassib tagħha li l-Portugall diġà jantiċipa li jagħti kumpens għad-danni skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE.

(125) Bħal Ryanair, EAA tilmenta wkoll dwar ir-redazzjoni eċċessiva tad-deċiżjoni tal-ftuħ, li tagħmilha impossibbli li jsiru kummenti sinifikattivi dwar il-proporzjonalità.

Miżuri ta' kompetizzjoni ġġustifikati għal TAP Air Portugal

(126) EAA tappoġġa t-tħassib tal-Kummissjoni li l-għeluq tal-attivitajiet li qed jagħmlu t-telf ma huwiex suffiċjenti biex jiġu indirizzati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni maħluqa mill-għajnuna għar-ristrutturar u ssostni li l-miżuri proposti mill-Gvern Portugiż fil-pjan ta' ristrutturar ma humiex suffiċjenti biex jiġu indirizzati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni maħluqa mill-għajnuna. Fil-fehma ta' EAA, huma meħtieġa miżuri aktar komprensivi biex jiġu limitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni b'kont meħud tad-daqs tal-għajnuna lil TAP Air Portugal. Għal dak il-għan, EAA identifikat firxa ta' miżuri li jenħtieġ li jitqiesu b'mod kumulattiv bħala neċessarji biex jiġu limitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni maħluqa minn għajnuna ta' dan id-daqs, it-tip u l-karatteristiċi.

(127) EAA tipprovdi wkoll proposti konkreti dwar il-miżuri ta' kompetizzjoni. B'mod partikolari, hija tissuġġerixxi li TAP Air Portugal jenħtieġ li tnaqqas is-sehem tagħha fuq rotot li fuqhom EAA hija wkoll preżenti u tiftaħ ftehimiet ta' kondiviżjoni tal-kodiċi ma' EAA dwar titjiriet mill-Portugall lejn São Tomé e Principe u lejn il-Guinea-Bissau. EAA tinforma li hija kienet l-uniku operatur Portugiż li kien kapaċi jopera b'mod konsistenti titjiriet diretti lejn São Tomé mill-2008. Barra minn hekk, mill-Milied tal-2013 u għat-3 snin ta' wara, TAP Air Portugal issospendiet it-titjiriet lejn il-Guinea-Bissau minħabba raġunijiet ta' sigurtà u matul dan il-perjodu EAA kienet l-uniku operatur Portugiż li seta' jiżgura konnessjoni bejn dawk il-pajjiżi u fl-aħħar mill-aħħar mad-dinja li titkellem bil-Portugiż. Barra dan, EAA ssostni li l-Kummissjoni għandha titlob impenn li TAP Air Portugal ma tinvolvix ruħha fi prattiki ta' prezzijiet predatorji fuq rotot lejn São Tomé e Príncipe u l-Guinea-Bissau li fihom TAP Air Portugal u EAA jikkompetu b'mod dirett.

(128) EAA tirrikjedi li TAP Air Portugal ma tużax l-għajnuna mill-Istat biex tiftaħ rotot ġodda meta mqabbla ma' dawk operati qabel il-pandemija u li hija ċċedi l-frekwenzi fuq it-titjiriet lejn destizzjonijiet profittabbli. Barra minn hekk, EAA tipproponi li TAP Air Portugal jenħtieġ li tnaqqas is-slots tagħha b'1/3 fuq destinazzjonijiet profittabbli definiti sabiex tiftaħ it-triq għal linji tal-ajru oħra, inkluża EAA. Barra dan, EAA hija tal-fehma li TAP Air Portugal trid tikkanċella r-rotot kollha li bdiet matul il-pandemija.

(129) Barra minn hekk, EAA tistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra żewġ impenji oħra, impenn li TAP Air Portugal ma tespandix f'attivitajiet ġodda, bħall-merkanzija u l-passiġġieri, inkluż b'Portugalia, u bħala t-tieni impenn li TAP Air Portugal toħroġ mill-operazzjonijiet charter, u ma toffrix titjiriet charter lill-operaturi turistiċi jew klijenti oħra (eż. għal timijiet sportivi).

(130) EAA tqis b'mod pożittiv il-pjanijiet ta' TAP Air Portugal li tnaqqas il-kapaċità f'termini ta' għadd ta' inġenji tal-ajru u tipproponi impenn addizzjonali li TAP Air Portugal ma takkwista l-ebda inġenju tal-ajru ġdid għal perjodu ta' mill-anqas ħames snin biex tespandi l-flotta tagħha.

(131) B'mod aktar ġenerali, EAA toffri wkoll il-fehmiet tagħha dwar il-kompetizzjoni fis-settur tal-linji tal-ajru fil-Portugall. Skont EAA, il-Portugall jenħtieġ li jiffavorixxi d-dħul ta' kompetituri ġodda u l-espansjoni ta' kompetituri żgħar eżistenti billi jagħti approvazzjoni lil operaturi iżgħar biex joperaw fir-rotot ewlenin tal-merkanzija attwalment operati minn TAP Air Portugal, sabiex kumpaniji (Portugiżi) oħra jkunu jistgħu jikkompetu fuq dawk ir-rotot.

4.2. **Kummenti minn partijiet terzi oħra**

(132) Bl-eċċezzjoni tal-Kamra tal-Kummerċ ta' Porto, il-partijiet terzi l-oħra esprimew appoġġ għall-intervent mill-Istat favur TAP SGPS. L-evidenza mressqa minn partijiet terzi oħra turi li TAP Air Portugal tiżgura konnettività u kompetizzjoni mtejba. Is-sħab kummerċjali u l-korpi governattivi jissottolinjaw b'mod partikolari:

— il-volum u l-importanza tat-traffiku tal-ajru tal-passiġġieri bejn il-Portugall u l-pajjiżi li jitkellmu bil-Portugiż servuti minn TAP Air Portugal, kif ukoll settur tal-ivvjaġġar għan-negozju li qed jikber b'mod kostanti bbażat fuq konnessjonijiet kulturali u/jew storiċi ([48]);

— l-importanza tas-servizzi pprovduti minn TAP Air Portugal għall-iżvilupp tat-turiżmu, u b'mod aktar ġenerali, għall-ekonomija mhux biss tal-Portugall iżda wkoll ta' reġjuni oħra tad-dinja, bħal Cabo Verde jew il-Brażil ([49]);

([48]) Ara s-sottomissjonijiet ta': Associação Portuguesa das Agências de Viagens e Turismo (APAVT), il-Ministeru Brażiljan tat-Turiżmu; il-gvernijiet tad-diversi Stati tal-Brażil.

([49]) Ara s-sottomissjonijiet ta': il-Ministeru Brażiljan tat-Turiżmu; il-gvernijiet tad-diversi Stati tal-Brażil.

— l-ispeċifiċità u l-uniċità tan-network ta' TAP Air Portugal li jqis ir-rabtiet politiċi, ekonomiċi, kulturali u storiċi tal-Portugall u tal-UE ma' diversi pajjiżi terzi, id-diversità tal-konnessjonijiet ipprovduti (10 punti differenti fil-Brażil, inklużi reġjuni mhux servuti tajjeb ta' Nordeste; konnessjonijiet ma' diversi gżejjer tal-arċipelagu ta' Cabo Verde; konnessjonijiet uniċi mal-pajjiżi Afrikani li jitkellmu bil-Portugiż, kif ukoll il-pożizzjoni ġeografika (periferali) konvenjenti taċ-ċentru ta' Liżbona, li tippermetti li jitqassru t-titjiriet fuq distanzi twal u li jiġu attirati turisti/klijenti barranin lejn il-Portugall ([50]);

— l-importanza għall-Portugall ta' linja tal-ajru b'dimensjoni biżżejjed biex toħloq u żżomm ([51]) ċentru f'Liżbona, li huwa meqjus bħala kruċjali għall-iżvilupp tal-konnettività mal-pajjiżi li jitkellmu bil-Portugiż (il-Brażil, il-Pajjiżi Afrikani li jitkellmu bil-Portugiż);

— l-importanza ta' relazzjoni fit-tul u stabbilita sewwa ma' TAP Air Portugal għall-attività tagħhom/l-attività tal-membri/klijenti tagħhom, għall-iżvilupp tal-industrija tat-turiżmu u t-tisħiħ tal-konnessjonijiet kummerċjali u kulturali bejn il-Portugall u pajjiżi oħra;

— fl-aħħar nett, l-importanza tal-istabbiltà tal-konnessjonijiet żgurati minn trasportatur nazzjonali.

(133) Il-Kamra tal-Kummerċ ta' Porto tirreferi għad-dikjarazzjoni magħmula mill-Portugall li TAP Air Portugal hija pilastru tal-ekonomija Portugiża, b'mod partikolari minħabba l-kontribut tagħha għall-iżvilupp tal-industrija turistika fil-Portugall. Madankollu, fil-fehma tal-Kamra tal-Kummerċ ta' Porto, il-popolazzjoni, l-attività ekonomika u l-industrija turistika ma humiex ikkonċentrati biss f'Lisbona iżda wkoll fil-gżejjer tal-Azores u Madeira, kif ukoll fit-Tramuntana u fin-Nofsinhar tal-pajjiż. F'dak il-kuntest, il-Kamra tal-Kummerċ ta' Porto tesprimi kritika li l-koeżjoni territorjali u s-servizz għas-settur turistiku tal-pajjiż kollu jidhru li huma assenti mill-pjan ta' ristrutturar meta, mill-anqas, dawn tqajmu fil-mument tal-għajnuna għas-salvataġġ.

(134) Fl-ittra tagħha, il-Kamra tal-Kummerċ ta' Porto tirrikonoxxi l-importanza taċ-ċentru ta' Lisbona. Fil-fehma tagħha, il-konnettività bl-ajru u l-protezzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi, inkluża dik tas-settur turistiku, jinkisbu l-aħjar b'żewġ mezzi. L-ewwel nett, is-slots ta' TAP Air Portugal jenħtieġ li jiġu allokati lil kumpanija li ma jkollhiex obbligazzjonijiet u interessi f'kumpaniji oħra. Dan jiżgura li t-titjiriet fuq distanzi twal li fuqhom il-pożizzjoni ġeografika tal-pajjiż tagħtih vantaġġ kompetittiv u li mingħajrhom ikun hemm telf għar-residenti tal-Portugall, ikunu jistgħu jiġu operati mill-Portugall. It-tieni, billi jiġi pprovdut appoġġ għall-attirar ta' rotot f'suq kompetittiv (permezz ta' offerta miftuħa għall-operaturi interessati) fuq titjiriet nazzjonali u Ewropej.

(135) Barra minn hekk, il-Kamra tal-Kummerċ ta' Porto tikkondividi d-dubji mqajma mill-Kummissjoni. B'mod partikolari, hija tirrimarka li t-tnaqqis fis-salarji tal-impjegati tal-benefiċjarju jidher li huwa temporanju minħabba li l-ftehim ta' negozjar kollettiv ma ġiex imħassar iżda sempliċement sospiż. Barra minn hekk, hija ssostni li r-rekord storiku ta' TAP SGPS (u ta' TAP Air Portugal) f'termini ta' riżultati u żviluppi ta' ekwità matul l-aħħar 11-il sena ma huwiex tali biex wieħed jassumi b'mod raġonevoli li l-kontribuzzjoni tagħhom għall-pjan ta' ristrutturar se tkun ogħla.

(136) Fir-rigward tar-relazzjoni bejn l-ajruporti nazzjonali, il-Kamra tal-Kummerċ ta' Porto ssostni li għall-kuntrarju tas-sitwazzjoni fl-ajruporti ta' Porto u Faro fejn il-preżenza ta' TAP Air Portugal hija baxxa, TAP Air Portugal hija dominanti fl-ajruport ta' Liżbona, għad-detriment taż-żewġ ajruporti nazzjonali l-oħra u tal-popolazzjonijiet u tal-attivitajiet ekonomiċi li jservu u jiddependu fuqhom.

([50]) Ara s-sottomissjonijiet ta': American Express Global Business Travel (AMEX GBT); HOTELPLAN, APAVT; AMEX GBT; ARCHIPELAGO CHOICE; CVP CORP; il-Ministeru Brażiljan tat-Turiżmu; il-gvernijiet tad-diversi Stati tal-Brażil; il-muniċipalità ta' Liżbona;

([51]) APAVT; Agência para o Investimento e Comércio Externo de Portugal (AICEP).

5. IL-KUMMENTI TAL-PORTUGALL DWAR L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET TERZI

5.1. Il-ħtieġa li tiġi żgurata l-konnettività

(137) L-awtoritajiet Portugiżi jenfasizzaw li, minn 40 parti interessata li wieġbu għad-deċiżjoni tal-ftuħ, tlieta biss issottomettew osservazzjonijiet negattivi li jqajmu tħassib dwar l-għoti ta' għajnuna għar-ristrutturar lil TAP SGPS. Il-maġġoranza l-kbira tal-osservazzjonijiet li waslu kienu jirrinforzaw l-importanza ta' TAP SGPS u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul tagħha. L-awtoritajiet Portugiżi għalhekk jenfasizzaw li l-għajnuna għar-ristrutturar lil TAP SGPS tikkontribwixxi b'mod ċar għal objettiv definit sewwa ta' interess komuni, meta jitqies li, kif stabbilit ukoll fid-deċiżjoni tal-ftuħ, TAP Air Portugal bla dubju għandha rwol ewlieni fil-konnettività tal-Portugall u għall-ekonomija Portugiża. L-assoċjazzjoni mill-qrib ta' TAP Air Portugal mas-settur turistiku fil-Portugall, li kienet ta' importanza kbira għall-ekonomija u għall-irkupru tal-pajjiż wara l-kriżi tal-2008, se tkun fundamentali wara l-pandemija tal-COVID-19. Is-servizzi pprovduti minn TAP Air Portugal jiżguraw il-konnettività mal-pajjiżi li jitkellmu bil-Portugiż u mal-pajjiżi li għandhom komunitajiet Portugiżi importanti, li ma humiex sostitwibbli faċilment minn trasportaturi tal-ajru oħra, jiġifieri t-trasportaturi bi prezzijiet baxxi.

(138) Għall-kuntrarju ta' dak li huwa ssuġġerit minn Ryanair, linji tal-ajru oħra joffru xi konnessjonijiet fuq distanzi twal minn Liżbona, iżda bi frekwenza limitata u ftit destinazzjonijiet. Boston kienet operata għal żmien qasir biss fl-2019 minn Delta bħala servizz tal-aqwa staġun biss, filwaqt li TAP Air Portugal tipprovdi servizz matul is-sena kollha u kompliet tagħmel dan matul il-kriżi. Bl-istess mod, United kienet topera Washington, DC biss fl-istaġuni tas-sajf u ma żammitx is-servizz, filwaqt li TAP Air Portugal kompliet ittir għal hemm. Fir-rigward ta' New York, Delta kienet topera servizz ta' kuljum matul is-sena kollha iżda naqqsitu għal tliet titjiriet fil-ġimgħa matul il-kriżi, filwaqt li TAP Air Portugal żammet servizz ta' kuljum doppju, u kompliet tipprovdi konnettività essenzjali għall-Portugall. United għandha servizz ta' kuljum, li nżamm, iżda United u TAP Air Portugal huma t-tnejn fl-iStar Alliance u United għalhekk tibbenefika mill-konnettività fuq is-servizzi ta' distanza qasira ta' TAP Air Portugal, li jgħin biex jiġi sostnut l-operat tagħha. L-istess jgħodd għat-titjiriet ta' Air Kanada minn Toronto u Montreal. L-eliminazzjoni tal-operazzjonijiet taċ-ċentru ta' TAP Air Portugal f'Liżbona thedded ukoll dawn is-servizzi ta' Star Alliance.

(139) Barra minn hekk, l-osservazzjonijiet ta' Ryanair fihom diversi ineżattezzi, li jistgħu jkunu qarrieqa għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni. Pereżempju, SATA Air Açores ma toperax titjiriet bejn l-Azores u l-Portugall kontinentali (dan huwa il-każ biss ta' Azores Airlines) u ma hemm l-ebda konnessjoni b'mezz ta' trasport tul korp tal-ilma mar-Reġjuni Awtonomi tal-Azores u Madeira. Ħlief u sa ċertu punt limitat għal titjiriet domestiċi fil-Portugall kontinentali, il-biċċa l-kbira tas-servizzi pprovduti minn TAP Air Portugal ma jistgħux jiġu sostitwiti b'sistema ferrovjarja ta' veloċità għolja, kumpaniji tal-karozzi tal-linja interurbani jew konnessjonijiet ineżistenti b'mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma prinċipalment minħabba li dawn il-mezzi ta' trasport ma kinux disponibbli għad-destinazzjonijiet li TAP Air Portugal ittir lejhom.

(140) L-awtoritajiet Portugiżi jinnotaw li l-ebda linja tal-ajru oħra li topera lejn u mill-Portugall ma għandha rwol ekwivalenti, li ma jistax jiġi żgurat minn linji tal-ajru alternattivi fil-futur prevedibbli. Dan huwa aspett li kemm Ryanair kif ukoll EAA jonqsu milli jikkunsidraw, meta jqabblu l-operat ta' TAP Air Portugal ma' dak ta' linja tal-ajru bi prezzijiet baxxi li topera biss konnessjonijiet profittabbli ħafna jew dak ta' trasportatur tal-ajru fil-biċċa l-kbira charter u fornitur ta' lokazzjoni bl-ekwipaġġ (ACMI: inġenji tal-ajru, ekwipaġġ, manutenzjoni, assigurazzjoni) b'interess pubbliku limitat. Għall-kuntrarju ta' dak li jimplikaw l-osservazzjonijiet tagħha, Ryanair ma tikkostitwix alternattiva għal TAP Air Portugal. Kif intqal qabel, fis-sajf tal-2019, […] mill-[…] destinazzjoni offruti minn TAP Air Portugal minn Liżbona ma kinux servuti minn linji tal-ajru oħra, li l-maġġoranza tagħhom kienu jikkostitwixxu konnessjonijiet fuq distanzi twal mal-Amerka ta' Fuq u ta' Isfel, kif ukoll mal-Afrika.

(141) Filwaqt li huwa korrett li jingħad li Ryanair u TAP Air Portugal jikkompetu ras imb ras fuq ċerti rotot internazzjonali lejn diversi bliet kbar Ewropej, ta' min ifakkar li Ryanair tikkompeti biss ma' TAP Air Portugal fuq ir-rotot l-aktar profittabbli u ma tipprovdi l-ebda konnessjoni fuq distanzi twal. Il-ħruġ ta' TAP Air Portugal mis-suq iħalli rotot fuq distanzi qosra profittabbli lil Ryanair u jneħħi kompetitur mill-konnessjonijiet interkontinentali għal Liżbona. Fil-prattika, ir-riżultat għalhekk ikun anqas kompetizzjoni kemm fuq ir-rotot attraenti kif ukoll fuq dawk anqas attraenti.

(142) Fil-każ ta' EAA, jenħtieġ li jiġi nnotat li l-linja tal-ajru ma għandhiex pożizzjonament rilevanti fis-suq Portugiż, billi hija trasportatur tal-ajru żgħir b'7 inġenji tal-ajru ffokata fuq il-forniment ta' servizzi (l-hekk imsejħa "lokazzjoni bl-ekwipaġġ" bl-inġenji tal-ajru, il-manutenzjoni, l-ekwipaġġ u l-assigurazzjoni pprovduti) lil linji tal-ajru u titjiriet charter oħra, li ma humiex swieq fejn TAP Air Portugal għandha pożizzjoni rilevanti. EAA ma għandhiex il-preżenza, ir-riżorsi, u lanqas l-organizzazzjoni meħtieġa biex tissostitwixxi linja tal-ajru bħal TAP Air Portugal (pereżempju, EAA ma għandhiex kapaċitajiet jew riżorsi adegwati ta' bejgħ u distribuzzjoni).

(143) Filwaqt li l-osservazzjonijiet ta' EAA jindikaw ċertu tkabbir previst tal-flotta (li ma ġiex divulgat lill-awtoritajiet Portugiżi peress li dan jikkostitwixxi informazzjoni kunfidenzjali ta' EAA), huwa improbabbli li EAA tilħaq daqs tal-flotta komparabbli ma' dak ta' TAP Air Portugal. Peress li hija trasportatur tal-ajru ta' daqs żgħir, mingħajr preżenza sinifikanti fl-ajruport ta' Liżbona, l-investimenti meħtieġa biex EAA tkun f'pożizzjoni li tissostitwixxi lil TAP Air Portugal huma sostanzjali u estremament improbabbli li jinkisbu fil-futur qrib. Meta jitqies il-fokus ta' EAA fuq il-forniment ta' servizzi ACMI lil trasportaturi oħra, inkluż lil TAP Air Portugal, l-awtoritajiet Portugiżi jinnotaw li ristrutturar b'suċċess ta' TAP Air Portugal jista' potenzjalment jissarraf fi ftehimiet ta' servizz addizzjonali bejn dawn iż-żewġ kumpaniji.

5.2. **Adegwatezza tal-għajnuna**

(144) L-awtoritajiet Portugiżi tennew il-konklużjoni tagħhom li, fid-dawl tas-sitwazzjoni preċedenti ta' diffikultà ta' TAP SGPS u l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, l-appoġġ mill-Istat fil-forma ta' ekwità jipprovdi struttura finanzjarja aħjar għal TAP SGPS biex issaħħaħ il-karta bilanċjali tagħha.

(145) Fir-rigward tal-osservazzjonijiet ta' Ryanair u ta' EAA, l-awtoritajiet Portugiżi jenfasizzaw li, skont il-punt 58 tal-Linji Gwida R&R, l-Istati Membri huma liberi li jagħżlu l-forma tal-għajnuna għar-ristrutturar. B'dan il-mod, huma ma humiex meħtieġa jagħmlu paragun eżawrjenti tal-opzjonijiet kollha disponibbli. Huma jenħtieġ li jivvalutaw in-natura tad-diffikultajiet tal-benefiċjarju u jagħżlu strumenti xierqa biex jittrattawhom. Dan l-eżerċizzju twettaq b'mod estensiv mill-awtoritajiet Portugiżi u ġie ppreżentat lill-Kummissjoni għall-valutazzjoni tagħha\. Il-miżuri ta' għajnuna mill-Istat innotifikati mill-Portugall ġew interpretati li jipprovdu appoġġ ta' likwidità għall-implimentazzjoni tal-miżuri tal-pjan ta' ristrutturar u jindirizzaw il-pożizzjoni ta' ekwità negattiva ta' TAP SGPS.

(146) B'mod partikolari, TAP SGPS akkumulat ekwità negattiva tal-azzjonisti ta' EUR […] miljun bejn l-2006 u l-2015, prinċipalment minħabba […]. Meta wieħed iqis il-piż tan-negozju tal-linji tal-ajru fuq id-dħul ta' TAP SGPS, […]. Fir-rigward ta' TAP Air Portugal, minkejja li l-linja tal-ajru kienet fuq trajettorja ta' tkabbir f'termini operazzjonali, minħabba t-tnedija ta' proċess ta' trasformazzjoni, TAP Air Portugal kien għadu ma rnexxilhiex tnaqqas b'mod konsiderevoli l-kostijiet tagħha meta mqabbla mal-kompetituri, u ppreżentat b'mod konsistenti profittabbiltà aktar baxxa xprunata minn effiċjenza aktar baxxa u kostijiet straordinarji.

(147) Barra minn hekk, il-proċess ta' trasformazzjoni ta' TAP Air Portugal ġie interrott bħala riżultat tal-pandemija globali tal-COVID-19 u l-kriżi ekonomika li segwiet, li rriżultat fi kriżi akuta ta' likwidità li wasslet għall-għoti ta' għajnuna għas-salvataġġ mill-awtoritajiet Portugiżi, fl-2020. Diġà lejn l-aħħar tal-2020, l-analiżi tal-likwidità ta' Air Portugal kienet tindika b'mod ċar li mingħajr aktar appoġġ mill-Istat, TAP Air Portugal kienet se tilħaq pożizzjoni ta' flus netta negattiva sostanzjali fl-2021 u fl-2022 fin-nuqqas ta' rkupru tas-suq.

(148) Peress li s-swieq kapitali ma kinux disponibbli għal mutwatarji tal-linji tal-ajru bħal TAP SGPS, ir-rikors għall-finanzjament mill-Istat kien l-unika opzjoni disponibbli fl-2020. Il-ġestjoni ta' TAP SGPS għandha […]. Madankollu, is-swieq tal-finanzjament tad-dejn fil-biċċa l-kbira ngħalqu għal-linji tal-ajru wara l-bidu tal-pandemija tal-COVID-19, bl-istituzzjonijiet finanzjarji b'mod ġenerali jnaqqsu drastikament il-limiti ta' kreditu tagħhom għas-settur. Sabiex timmassimizza l-likwidità, TAP Air Portugal għamlet sforz biex tbigħ dawk l-inġenji tal-ajru li kienu proprjetà tal-kumpanija ([…]). Assi oħrajn […].

(149) Attwalment, qabel l-appoġġ inkrimentali mill-Istat u minkejja l-isforzi u d-diskussjonijiet ta' TAP SGPS mal-istituzzjonijiet finanzjarji u partijiet ikkonċernati oħra, il-ġbir ta' fondi addizzjonali mis-swieq privati għal TAP SGPS mhux se jkun possibbli fil-kundizzjonijiet preżenti u definittivament mhux qabel l-approvazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar. Dan iħalli lill-Istat Portugiż, li huwa wkoll l-azzjonist ewlieni, bħala l-uniku sors vijabbli ta' finanzjament (jew fornitur ta' garanzija ta' finanzjament) għall-kumpanija.

(150) F'dan il-kuntest, meta wieħed iqis in-nuqqas ta' disponibbiltà tas-swieq kapitali f'dan l-istadju għal TAP SGPS u l-pożizzjoni ta' ekwità u ta' likwidità tal-kumpanija, il-konklużjoni tal-awtoritajiet Portugiżi hija li l-appoġġ mill-Istat fil-forma ta' ekwità jipprovdi struttura finanzjarja aħjar għal TAP SGPS biex issaħħaħ il-karta bilanċjali tagħha. Barra minn hekk, flimkien mal-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' ristrutturar (jiġifieri dawk li jirrigwardaw ir-ristrutturar tal-flotta, tan-network u tal-kostijiet), l-għajnuna mill-Istat hija mistennija li tiffaċilita l-aċċess ta' TAP Air Portugal għas-swieq kapitali matul il-perjodu minn […].

5.3. **Ir-ritorn għall-vijabbiltà fuq medda twila ta' żmien**

(151) Minkejja l-inċertezza attwali tal-perkors ta' rkupru tad-domanda assoċjata mas-sitwazzjoni tal-pandemija, l-awtoritajiet Portugiżi jtennu li l-projezzjonijiet finanzjarji kontenuti fil-pjan ta' ristrutturar huma bbażati fuq suppożizzjonijiet solidi, li jistgħu saħansitra jitqiesu bħala konservattivi. Il-pjan ta' ristrutturar jassumi prospettiva ta' rkupru tad-domanda, f'termini tal-għadd ta' passiġġieri ttrasportati, li ġeneralment hija aktar baxxa mill-previżjonijiet tal-IATA. Bl-istess mod, il-perkors tad-dħul fil-pjan ta' ristrutturar jibda minn punt aktar baxx fl-2021 meta mqabbel mal-previżjonijiet tal-passiġġieri. Il-pjan ta' ristrutturar jinkorpora wkoll ċerta flessibbiltà biex il-kapaċità u l-operazzjonijiet tal-benefiċjarju jiġu adattati skont id-domanda prevedibbli, filwaqt li jiġi rispettat l-impenn massimu tal-flotta.

(152) Il-valutazzjoni u l-projezzjonijiet finanzjarji juru li l-miżuri ta' ristrutturar ippjanati appoġġati mill-għajnuna jippermettu lil TAP SGPS tilħaq […]. Il-projezzjonijiet juru redditu fuq l-ekwità ta' madwar […] % fl-2024 u fl-2025, sa tmiem il-perjodu ta' ristrutturar. Ir-redditi mistennija jsostnu l-argument li l-pjan ta' ristrutturar jiżgura l-vijabbiltà fit-tul tal-benefiċjarju. Fil-fatt, dawk ir-redditi jikkomparaw b'mod favorevoli mal-kost (tal-opportunità) tal-ekwità fis-setturi ekonomiċi kollha fil-Portugall (10,9 %) u għas-settur tal-avjazzjoni (8,5 %) tal-benefiċjarju. Indikaturi ewlenin oħra bħall-ROCE u l-proporzjon tal-Ekwità għall-Assi […] u jibqgħu robusti anki f'xenarju avvers.

(153) Barra minn hekk, iċ-ċessjoni ta' negozji li qed jagħmlu t-telf u ta' dawk mhux ewlenin stabbilita fil-pjan ta' ristrutturar, jiġifieri M&E Brasil, se tiżgura li l-ebda telf ulterjuri li jirriżulta minn dawk l-attivitajiet ma jagħmel ħsara lill-irkupru. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ir-Repubblika Portugiża ttenni li l-pjan ta' ristrutturar ġie elaborat sabiex jiġu indirizzati b'mod speċifiku d-diffikultajiet tal-passat ta' TAP SGPS u tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul tagħha.

5.4. **Il-proporzjonalità**

(154) Fir-rigward tal-proporzjonalità tal-għajnuna, l-awtoritajiet Portugiżi jsostnu li l-benefiċjarju fittex li jikseb mingħand il-partijiet ikkonċernati tiegħu sorsi addizzjonali ta' kontribuzzjoni proprja, jiġifieri dawk relatati ma' impenji ta' offerti addizzjonali għal-lokazzjoni ta' inġenji tal-ajru, kif ukoll eżenzjonijiet sinifikanti mid-detenturi tal-bonds, li għandhom jitqiesu bħala kondiviżjoni tal-piżijiet mill-kredituri eżistenti tal-benefiċjarju. Anke jekk jitqiesu biss il-lokazzjonijiet addizzjonali tal-inġenji tal-ajru, il-livell ta' kontribuzzjoni proprja għall-kostijiet tar-ristrutturar jiżdied sa […] %. Dan il-livell ta' kontribuzzjoni proprja jenħtieġ li jitqies bħala suffiċjenti fil-każ partikolari ta' TAP SGPS u l-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, minħabba li l-Linji Gwida R&R jippermettu applikazzjoni aktar flessibbli u aġġustata tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, b'mod speċifiku f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

(155) Is-suġġerimenti ta' Ryanair fir-rigward tal-potenzjal għall-użu tal-kollateralizzazzjoni ma humiex fattibbli fil-każ ta' TAP SGPS. Fir-rigward tal-allegazzjonijiet ta' Ryanair li n-nuqqas ta' aċċess għas-swieq kapitali jintuża biex l-għajnuna tintefaħ permezz ta' buffer ta' EUR […] miljun, tali buffer inizjalment kien maħsub biss bħala miżura ta' prekawzjoni stabbilita fil-pjan ta' ristrutturar inizjali u ma għadux ikkunsidrat.

(156) L-awtoritajiet Portugiżi ddeskrivew l-isforzi reċenti ta' TAP SGPS biex ittejjeb il-proporzjon tal-kontribuzzjoni proprja tagħha, li jinkludu: (i) it-tfittxija ta' sorsi addizzjonali ta' finanzjament ġdid minkejja l-isfidi eżoġeni u l-kundizzjonijiet tas-suq attwali; (ii) il-kisba tal-appoġġ tal-forniturі tad-dejn eżistenti; u (iii) il-konsiderazzjoni tad-dħul ta' investituri ġodda. Mill-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-ftuħ, TAP Air Portugal kienet kapaċi tikseb impenji addizzjonali għall-finanzjament ta' EUR […] miljun f'kuntratti ġodda ta' lokazzjonijiet ta' inġenji tal-ajru li jaslu fl-2021 u fl-2022, minbarra l-EUR […] miljun ta' impenji ta' lokazzjoni finanzjarja diġà inklużi fil-pjan ta' ristrutturar. Għaldaqstant, l-ammont totali ta' kontribuzzjoni proprja li jirriżulta mil-lokazzjoni ta' inġenji tal-ajru abbażi ta' impenji legali vinkolanti li saru mal-lokaturi eventwalment żdied għal EUR […] miljun. Barra minn hekk, TAP SGPS irnexxielha tikseb l-appoġġ tal-forniturі tad-dejn eżistenti, billi kisbet eżenzjonijiet sinifikanti, li jevitaw l-iskattar ta' opzjonijiet ta' put u ħlas lura kmieni b'konsegwenzi serji għal-likwidità tal-benefiċjarju.

(157) Fir-rigward tal-kondiviżjoni tal-piżijiet, huwa importanti li jitqies il-kuntest li fih l-Istat Portugiż akkwista, mingħand AGW, ishma li jirrappreżentaw 22,5 % tal-kapital azzjonarju ta' TAP SGPS u daħħal, direttament, fil-kapital azzjonarju ta' TAP SGPS. Din it-tranżazzjoni ġiet maqbula sabiex jingħeleb l-istaġnar fin-negozjati rigward l-għoti tas-self ta' salvataġġ lil TAP SGPS u biex tkun tista' ssir l-implimentazzjoni urġenti tiegħu.

(158) F'dak iż-żmien, il-partijiet ma setgħux jantiċipaw l-ammont finali tal-għajnuna għar-ristrutturar, li kienet teħtieġ aġġustamenti minħabba n-natura fit-tul tal-pandemija, u għalhekk is-sagrifiċċju reali li kien se jkollu jiġi sostnut mill-azzjonisti għall-finijiet tal-kondiviżjoni tal-piżijiet. F'dan il-kuntest, […] ([…]% […])

(159) Barra minn hekk, u biex jiġi evitat tali xenarju, HPGB […] %. […]. Skont il-Portugall, dan jikkostitwixxi kondiviżjoni tal-piżijiet minn HPGB, peress li ma hija se tibbenefika mill-ebda żieda futura fil-valur tal-benefiċjarju, li tirriżulta mill-ekwità tal-Istat injettata.

6. **VALUTAZZJONI TAL-MIŻURI**

(160) Il-Kummissjoni l-ewwel se tivvaluta jekk il-miżuri li għandhom jiġu pprovduti għall-finanzjament tal-pjan ta' ristrutturar ta' TAP SGPS, jiġifieri s-self ta' salvataġġ ta' EUR 1,2 biljun li għandu jiġi kkonvertit f'ekwità, il-garanzija mill-Istat ta' EUR […] miljun fuq self ta' EUR […] miljun li għandu jiġi sostitwit b'ekwità, kif ukoll l-injezzjoni ta' ekwità diretta ta' EUR […] miljun li għandha tiġi eżegwita fl-2022, jinvolvux għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, u jekk iva, jekk tali għajnuna hijiex legali u kompatibbli mas-suq intern.

6.1. **Eżistenza ta' għajnuna mill-Istat**

(161) Skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, "[ħ]lief għad-derogi previsti fit-Trattati, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, sa fejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern".

(162) Il-kwalifika ta' miżura bħala għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE tirrikjedi li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin: (i) il-miżura trid tkun imputabbli lill-Istat u ffinanzjata permezz ta' riżorsi tal-Istat; (; (ii) il-miżura trid tikkonferixxi vantaġġ lir-riċevitur tagħha; (iii) dak il-vantaġġ irid ikun selettiv; u (iv) hija trid twassal għal distorsjoni jew thedded li twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Għalhekk huwa xieraq li jiġi eżaminat separatament jekk il-miżuri jikkwalifikawx bħala għajnuna.

6.1.1. *Riżorsi tal-Istat u imputabbiltà lill-Istat*

(163) Il-miżuri jinvolvu atti amministrattivi u deċiżjonijiet pubbliċi u se jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-Istat (il-premessa (42)).

(164) Għalhekk, għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, il-miżuri jinvolvu riżorsi tal-Istat u d-deċiżjoni li jingħataw dawk il-miżuri hija imputabbli lill-Istat Portugiż.

6.1.2. *Vantaġġ*

(165) Il-Kummissjoni tinnota li l-Portugall innotifika l-miżuri bħala li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat. Dik id-dikjarazzjoni ma teħlisx lill-Kummissjoni milli teżamina hija stess jekk il-miżuri jinvolvux għajnuna mill-Istat u, b'mod partikolari, jekk jiffavorixxux lill-benefiċjarju fis-sens li operatur tas-suq li jkollu ishma f'sitwazzjoni kemm jista' jkun qrib dik tal-Portugall ma jiħux deċiżjoni simili u jagħti l-istess miżuri bl-istess kundizzjonijiet, waqt li jwarrab kwalunkwe benefiċċju mistenni fis-sitwazzjoni tiegħu bħala awtorità pubblika ([52]).

(166) Il-Kummissjoni trid teżamina jekk il-miżuri jikkwalifikawx bħala għajnuna minħabba li jagħtu vantaġġ ekonomiku lill-benefiċjarju ([53]). Il-preżenza ta' tali vantaġġ tista' tiġi dedotta u stabbilita mill-fatt li l-benefiċjarju ma jistax jikseb kapital jew jiġbor finanzjament tad-dejn bil-kundizzjonijiet tas-suq mingħajr appoġġ pubbliku (il-premessi (39) in-nota f'qiegħ il-paġna 31). Bl-istess mod, il-valutazzjoni ta' jekk operatur tas-suq f'sitwazzjoni kemm jista' jkun qrib dik tad-DGTF jew ta' Parpública jipprovdix l-istess finanzjament ("test tal-operatur f'ekonomija tas-suq") turi li l-finanzjament pubbliku inkwistjoni jipprovdi vantaġġ meta mqabbel mal-kundizzjonijiet tas-suq.

([52]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Settembru 2017, *Il-Kummissjoni vs Frucona Košice*, C-300/16 P, EU:C:2017:706, il-punt 59; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Ġunju 2012, *Il-Kummissjoni vs EDF*, C-124/10 P, EU:C:2012:318, il-punti 78, 79 u 103.

([53]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Lulju 1996, *SFEI et*, C-39/94, EU:C:1996:285, il-punt 60; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 1999, *Spanja vs Il-Kummissjoni*, C-342/96, EU:C:1999:210, il-punt 41.

(a) L-ewwel nett, ma hemm l-ebda evidenza *prima facie* li l-finanzjament jista' jiġi attribwit għal imġiba u deċiżjonijiet li kieku jieħu azzjonist tas-suq. Il-finanzjament huwa bbażat fuq raġunijiet ta' ordni pubbliku biex tiġi garantita l-konnettività tat-trasport bl-ajru tal-Portugall u biex jiġu evitati effetti konsegwenzjali negattivi tal-falliment ta' TAP Air Portugal għall-ekonomija Portugiża (il-premessa (17)). Tali konsiderazzjonijiet, għalkemm pertinenti għal awtorità pubblika, ma jkunux rilevanti għal azzjonist tas-suq. Għalhekk, it-test tal-operatur f'ekonomija tas-suq jidher li ma huwiex applikabbli.

(b) It-tieni, il-finanzjament ma jistax jiġi valutat bħala li jista' jipprovdi redditu għall-azzjonisti proporzjonat mar-riskju meħud. Il-Portugall ma jsostnix li tali redditu fil-fatt se jinkiseb qabel tmiem il-perjodu ta' ristrutturar. Sadanittant, l-azzjonisti privati l-oħra tal-benefiċjarju qagħdu lura milli jipprovdu kwalunkwe kapital ġdid ieħor, aħseb u ara li laħqu l-ammonti meħtieġa biex jippreservaw il-proporzjon eżistenti tagħhom ta' parteċipazzjoni azzjonarja u sjieda li jintitolahom għal redditi possibbli minnhom. L-evidenza disponibbli turi li filwaqt li jkun kapaċi jipprovdi redditu u remunerazzjoni adegwati lill-Istat fi tmiem il-pjan ta' ristrutturar (il-premessi (48)(49) u t-Tabella 1), il-qligħ nett pożittiv tal-perjodu kollu ta' ristrutturar jammonta […] EUR […] miljun […]. […] EUR […] miljun […]% […].

(167) Għalhekk, il-miżuri jipprovdu finanzjament li l-benefiċjarju ma jistax u ma setax jikseb fis-suq. Operatur tas-suq f'sitwazzjoni kemm jista' jkun qrib dik tad-DGTF jew ta' Parpública ma jipprovdix finanzjament simili.

(168) Għalhekk, il-miżuri jagħtu vantaġġ ekonomiku lill-benefiċjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

6.1.3. *Selettività*

(169) Il-miżuri għandhom jingħataw permezz tal-eżerċizzju tad-diskrezzjoni għal ammont *ad hoc* determinat b'referenza għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-pjan ta' ristrutturar tal-benefiċjarju (il-premessi (38)-(43)). Il-finanzjament pubbliku ma huwiex, sew jekk bi strumenti jew b'ammont, parti minn miżura ta' politika ekonomika aktar wiesgħa, ġenerali, biex jiġi pprovdut appoġġ lil impriżi f'sitwazzjoni legali u ekonomika komparabbli li huma attivi fit-trasport bl-ajru jew f'setturi ekonomiċi oħra. Kif iddikjarat il-Qorti, fejn jikkonċerna l-għajnuna individwali, fil-prinċipju l-identifikazzjoni tal-vantaġġ ekonomiku hija biżżejjed biex tappoġġa l-preżunzjoni li miżura hija selettiva ([54]). Dan huwa minnu irrispettivament minn jekk ikunx hemm operaturi fis-swieq rilevanti li jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli.

(170) Għalhekk, il-miżuri huma selettivi skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

6.1.4. *Distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ*

(171) Is-settur tas-servizzi tat-trasport bl-ajru tal-passiġġieri u tal-merkanzija li fih huwa attiv il-benefiċjarju huwa miftuħ għall-kompetizzjoni u għall-kummerċ bejn l-Istati Membri. Linji tal-ajru oħra liċenzjati fl-Unjoni Ewropea jipprovdu servizzi tat-trasport bl-ajru li jgħaqqdu l-ajruporti Portugiżi, b'mod partikolari Liżbona, ma' bliet oħra tal-Unjoni. Għalhekk, billi jsostnu t-tkomplija tal-operat tas-servizzi tat-trasport bl-ajru li jipprovdi l-benefiċjarju, il-miżuri jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(172) Billi jagħti aċċess għall-finanzjament b'kundizzjonijiet li kieku ma kienx jikseb fis-suq, il-finanzjament pubbliku jista' jtejjeb il-pożizzjoni tal-benefiċjarju fir-rigward tal-impriżi kompetituri reali jew ta' dawk potenzjali li ma għandhomx aċċess għal appoġġ simili mill-Istat mill-Portugall jew li jkollhom jiffinanzjaw l-operazzjonijiet bil-kundizzjonijiet tas-suq.

(173) Il-miżuri nnotifikati għalhekk jistgħu joħolqu distorsjoni jew jheddu li joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni u jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

6.2. **Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna**

(174) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri nnotifikati favur TAP SGPS jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

([54]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Ġunju 2015, *Il-Kummissjoni vs MOL*, C-15/14 P, EU:C:2015:362, il-punt 60.

6.3. **Il-legalità tal-għajnuna**

(175) Wara li fid-19 ta' Mejju 2021 il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni inizjali dwar l-għajnuna għas-salvataġġ (il-premessa (2)), il-Qorti Ġenerali ssospendiet l-effetti tas-sentenza abbażi tal-Artikolu 264(2) tat-TFUE sakemm tiġi adottata deċiżjoni ġdida mill-Kummissjoni fi żmien perjodu ta' xahrejn. Fis-16 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni ġdida li tapprova l-għajnuna għas-salvataġġ lil TAP SGPS kif innotifikata fit-8 ta' Ġunju 2020, li b'riżultat tagħha l-għajnuna għas-salvataġġ lil TAP SGPS trid titqies bħala legali.

(176) Skont il-premessa (16) tad-deċiżjoni inizjali dwar l-għajnuna għas-salvataġġ, l-għajnuna għas-salvataġġ sa massimu ta' self ta' EUR 1,2 biljun jew kombinazzjoni ta' self u garanziji ta' self, kienet ippjanata li titħallas lura fi żmien sitt xhur mid-data tal-iżborż tal-ewwel pagament parzjali, sakemm il-Portugall ma kienx se jissottometti pjan ta' ristrutturar għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni qabel dik id-data. Fl-10 ta' Diċembru 2020, jiġifieri fi żmien sitt xhur wara li l-Kummissjoni approvat l-għajnuna għas-salvataġġ fid-deċiżjoni inizjali dwar l-għajnuna għas-salvataġġ, il-Portugall issottometta lill-Kummissjoni pjan ta' ristrutturar. Għalhekk, skont il-punt 55(d)(ii) tal-Linji Gwida R&R, l-awtorizzazzjoni tal-għajnuna għas-salvataġġ u l-perjodu ta' ħlas lura ġew estiżi awtomatikament sakemm il-Kummissjoni tieħu deċiżjoni finali dwar il-pjan ta' ristrutturar u l-għajnuna ta' sostenn.

(177) Fl-osservazzjonijiet tagħha dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ, EAA targumenta li bl-approvazzjoni tal-Liġi dwar il-Baġit Pubbliku tal-Istat għall-2021 f'Novembru 2020, li permezz tagħha l-Gvern Portugiż alloka EUR 500 miljun ta' appoġġ finanzjarju għal TAP SGPS, il-Portugall ta għajnuna illegali lil TAP SGPS (il-premessa (120)). Ta' min ifakkar li s-sempliċi dejjinjazzjoni ta' fondi għal għan speċjali f'baġit nazzjonali ma hijiex ekwivalenti għall-għoti ta' għajnuna. Biex l-għajnuna titqies li daħlet fis-seħħ, huwa meħtieġ li d-dritt li wieħed jirċievi appoġġ, mogħti permezz ta' riżorsi tal-Istat, jingħata lill-benefiċjarju skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, li ma kienx il-każ bl-EUR 500 miljun allokati.

(178) Fir-rigward tal-fondi msemmija hawn fuq, il-Portugall spjega li ma kienx adotta l-att ta' implimentazzjoni neċessarju u lanqas ma ġiet eżegwita d-dispożizzjoni baġitarja biex dawn ir-riżorsi jsiru disponibbli għal TAP SGPS jew biex TAP SGPS tkun intitolata li tirċevihom.. Għalhekk, il-Portugall ma tax għajnuna għar-ristrutturar bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

(179) Għaldaqstant, il-Portugall osserva l-obbligu ta' sospensjoni stabbilit fl-Artikolu 108(3) tat-TFUE u l-għajnuna għar-ristrutturar favur TAP SGPS tikkostitwixxi għajnuna legali mill-Istat.

6.4. **Il-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq intern**

(180) Skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, il-Kummissjoni tista' tawtorizza għajnuna maħsuba biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni.

(181) Għalhekk, sabiex tkun tista' titqies bħala kompatibbli mas-suq intern skont dik id-dispożizzjoni, l-għajnuna mill-Istat trid tissodisfa żewġ kundizzjonijiet, l-ewwel waħda hija li trid tkun maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi u, it-tieni, tkun espressa f'termini negattivi, jiġifieri li ma tistax taffettwa b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa punt li jmur kontra l-interess komuni. Dan ta' hawn fuq huwa mingħajr preġudizzju għall-fatt li d-deċiżjonijiet adottati mill-Kummissjoni fuq dik il-bażi jridu jiżguraw il-konformità mad-dritt tal-Unjoni ([55]).

(182) Fid-dawl tan-notifika u tal-informazzjoni miġbura matul l-investigazzjoni formali dwar l-għajnuna għar-ristrutturar, ma jirriżultax li l-għajnuna għar-ristrutturar jew il-kundizzjonijiet marbuta magħha, jew l-attivitajiet ekonomiċi faċilitati mill-għajnuna, jistgħu jinvolvu ksur ta' dispożizzjoni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-miżura tal-kompetizzjoni li tikkonsisti fi trasferiment ta' slots fl-ajruport ta' Lisbona hija bbażata fuq ir-regoli definiti fid-dritt tal-Unjoni (il-premessi (96) u (295)) u d-detentur tas-slots il-ġdid irid jimpenja ruħu li jikkonforma mal-liġi tax-xogħol applikabbli tal-Unjoni (il-premessa (88)(d)). Barra minn hekk, il-kritika minn EAA li l-għajnuna tikser il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fit-TFUE (il-premessa (121)) hija bla bażi. Fid-dritt tal-Unjoni, il-prinċipju ta' trattament ugwali ma jipprekludix l-għoti ta' għajnuna għar-ristrutturar ad hoc skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tinnota li l-pożizzjoni tal-benefiċjarju hija oġġettivament differenti minn dik tal-linji tal-ajru l-oħra li joperaw titjiriet fil-Portugall jew titjiriet lejn u mill-Portugall, kemm fid-dawl tal-eliġibbiltà tiegħu għall-għajnuna skont il-Linji Gwida R&R kif ukoll fid-dawl tal-konsegwenzi li l-falliment

([55]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Settembru 2020, *L-Awstrija vs Il-Kummissjoni*, C-594/18 P, EU:C:2020:742, il-punti 18 sa 20.

tiegħu jkun jinvolvi. Għalhekk, huwa miftuħ għall-Portugall li jiddeċiedi li jagħti għajnuna għar-ristrutturar lill-benefiċjarju biss, u mhux lil linji tal-ajru oħra li joperaw f'dak l-Istat Membru skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma bagħtitx opinjoni motivata lill-Portugall dwar ksur possibbli tad-dritt tal-Unjoni li jkollu relazzjoni ma' dan il-każ, u lanqas ma rċeviet ilmenti jew informazzjoni li jistgħu jissuġġerixxu li l-għajnuna mill-Istat, il-kundizzjonijiet marbuta magħha jew l-attivitajiet ekonomiċi faċilitati mill-għajnuna jistgħu jmorru kontra d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, minbarra l-Artikolu 107 u 108 tat-TFUE.

(183) Il-Portugall iqis li l-għajnuna għar-ristrutturar tista' tiġi ddikjarata bħala kompatibbli mas-suq intern skont il-Linji Gwida R&R.

(184) Fid-dawl tan-natura u tal-għanijiet tal-għajnuna mill-Istat inkwistjoni u l-affermazzjonijiet tal-awtoritajiet Portugiżi, il-Kummissjoni se tivvaluta jekk il-finanzjament ippjanat li jappoġġa l-għajnuna għar-ristrutturar jikkonformax mad-dispożizzjonijiet rilevanti stabbiliti fil-Linji Gwida R&R. Fil-Linji Gwida R&R, il-Kummissjoni tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li bihom l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà tista' titqies bħala kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE.

(185) Meta teżamina jekk l-għajnuna għar-ristrutturar ikollhiex effett negattiv fuq il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa punt li jmur kontra l-interess komuni, il-Kummissjoni twettaq test tal-ibbilanċjar skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE u l-Linji Gwida R&R. F'dak it-test, dment li l-benefiċjarju jkun eliġibbli li jirċievi għajnuna għar-ristrutturar, il-Kummissjoni tiżen l-effetti pożittivi tal-għajnuna għall-iżvilupp tal-attivitajiet li l-għajnuna tkun maħsuba li tappoġġa kontra l-effetti negattivi maħluqa mill-impatt tal-għajnuna mill-Istat fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri, billi tivvaluta b'mod partikolari kif il-miżura ta' għajnuna timminimizza d-distorsjonijiet fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ (il-ħtieġa għal intervent mill-Istat, l-adegwatezza, il-proporzjonalità, it-trasparenza tal-għajnuna, il-prinċipju ta' darba u tal-aħħar u l-miżuri biex jiġu limitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni).

Eliġibbiltà: impriża f'diffikultà

(186) Sabiex ikun eliġibbli għall-għajnuna għar-ristrutturar, benefiċjarju jrid jikkwalifika bħala impriża f'diffikultà skont it-tifsira tat-taqsima 2.2 tal-Linji Gwida R&R. B'mod partikolari, il-punt 20 tal-Linji Gwida R&R jispjega li impriża titqies li tkun f'diffikultà meta, mingħajr intervent mill-Istat, tkun kważi ċertament ikkundannata li tagħlaq l-operat tagħha fi żmien qasir jew medju. Dan ikun il-każ meta sseħħ mill-anqas waħda miċ-ċirkostanzi deskritti fl-ittri (a) sa (d) tal-punt 20 tal-Linji Gwida R&R.

(187) Kif spjegat fid-deċiżjoni tal-ftuħ (il-premessi (15)-(22)), TAP SGPS ippreżentat ammont ta' ekwità negattiva ta' madwar EUR […] miljun fi tmiem l-2019. Minn dak iż-żmien, is-sitwazzjoni finanzjarja ta' TAP SGPS marret għall-agħar. Skont il-kont konsolidat ta' TAP SGPS tal-2020, l-ekwità negattiva totali żdiedet sal-livell ta' EUR […] biljun. TAP Air Portugal kellha wkoll ekwità negattiva fl-2020, ugwali għal EUR […] biljun (il-premessa (26)). Dawk iċ-ċifri juru li mill-anqas nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt ta' TAP SGPS u TAP Air Portugal sparixxa u għalhekk iż-żewġ kumpaniji jikkwalifikaw bħala impriżi f'diffikultà skont il-punt 20(a) tal-Linji Gwida R&R.

(188) Skont il-punt 21 tal-Linji Gwida R&R, impriża maħluqa ġdida ma hijiex eliġibbli għall-għajnuna għas-salvataġġ. Il-benefiċjarju ma huwiex impriża maħluqa ġdida għall-finijiet tal-Linji Gwida R&R, peress li ġie stabbilit fl-2003, u għalhekk aktar minn tliet snin ilu (ara l-premessa (8)).

(189) Skont il-punt 22 tal-Linji Gwida R&R, kumpanija li tappartjeni għal, jew tittieħed minn grupp kummerċjali akbar, normalment ma tkunx eliġibbli għall-għajnuna għar-ristrutturar, ħlief meta jkun jista' jintwera li d-diffikultajiet tal-kumpanija jkunu intrinsiċi u ma jkunux ir-riżultat ta' allokazzjoni arbitrarja tal-kostijiet fi ħdan il-grupp u li d-diffikultajiet ikunu serji wisq biex jiġu indirizzati mill-grupp innifsu.

(190) Fit-tieni deċiżjoni dwar l-għajnuna għas-salvataġġ (il-premessi 113 sa 128), il-Kummissjoni kkonkludiet li TAP SGPS kienet tappartjeni għal grupp kummerċjali akbar fil-mument tan-notifika tal-għajnuna għas-salvataġġ fid-9 ta' Ġunju 2020. Minn naħa waħda, ma kien hemm l-ebda evidenza ta' allokazzjoni arbitrarja tal-kostijiet fost TAP SGPS, AGW u Parpública li artifiċjalment kienet qed titfa' piż fuq TAP SGPS mill-kumpaniji omm fil-perjodu rilevanti. (Barra minn hekk, mill-premessi (19) sa (22) ta' din id-deċiżjoni jirriżulta li d-diffikultajiet ta' TAP SGPS ma humiex ir-riżultat ta' allokazzjoni arbitrarja tal-kostijiet fi ħdan grupp u huma partikolari għat-trasport bl-ajru u s-setturi relatati li topera fuqhom.) Min-naħa l-oħra, il-konsorzju AGW bħala t-tieni l-akbar azzjonist li kellu 45 % f'TAP SGPS kien kumpanija b'responsabbiltà limitata kkontrollata minn azzjonisti individwali, is-Sur David

Neeleman, li kien jikkontrolla 50 % tal-ishma ta' AGW permezz ta' DGN Corporation (40 %) u Global Azulair Projects, SGPS, SA (10 %) u s-Sur Humberto Pedrosa, li kellu 50 % ta' AGW, permezz tal-kumpanija HPGB, SGPS, SA. Il-forma korporattiva tal-konsorzju AGW bħala tali kienet indipendenti u mhux relatata mal-ġid privat taż-żewġ azzjonisti indiretti u tal-persuni fiżiċi tiegħu, is-Sur Neeleman u s-Sur Pedrosa, li ma kinux personalment responsabbli għall-obbligi tal-konsorzju AGW. Konsegwentement, dawn iż-żewġ azzjonisti fiżiċi privati indiretti ma setgħux jinżammu responsabbli għad-diffikultajiet finanzjarji ta' TAP SGPS bil-ġid privat tagħhom.

(191) Kif sabet il-Kummissjoni fit-tieni deċiżjoni dwar l-għajnuna għas-salvataġġ (il-premessa (127)), l-azzjonisti li jikkontrollaw b'mod konġunt għajr Parpública (l-Istat) ma kellhomx il-kapaċitajiet neċessarji biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' likwidità stmati għal EUR 1,2 biljun meħtieġa biex tiġi żgurata l-kontinwità ta' TAP SGPS għal perjodu ta' sitt xhur u biex ikomplu jiffinanzjaw ir-ristrutturar ta' TAP SGPS (mingħajr l-għoti ta' għajnuna mill-Istat).

(192) Fir-rigward ta' TAP Air Portugal, ma hemm l-ebda evidenza li l-kundizzjonijiet finanzjarji prekarji tagħha jirriżultaw minn allokazzjoni arbitrarja tal-kostijiet fi ħdan il-grupp jew l-unità ekonomika. Dan huwa validu kemm għaż-żmien meta TAP Air Portugal kienet taħt il-kontroll konġunt finali ta' Parpública (l-Istat), HPGB u DGN, kif ukoll għas-sitwazzjoni preżenti meta hija taħt il-kontroll uniku tal-Istat Portugiż, fi ħdan l-istess unità ekonomika bħall-kumpanija oħt tagħha TAP SGPS, li għandha wkoll interess minoritarju nonkontrollanti f'TAP Air Portugal. (il-premessi (11) u (12)). Is-sejba fil-premessa (191) dwar in-nuqqas ta' kapaċità tal-azzjonisti ta' kontroll konġunt preċedenti li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' likwidità tal-kumpanija (mingħajr l-għoti ta' għajnuna mill-Istat) tapplika bl-istess mod għal TAP Air Portugal, li tinsab u kienet fl-istess unità ekonomika bħal TAP SGPS.

(193) Wara l-modifika tal-istruttura kapitali ta' TAP SGPS, li hija l-konsegwenza tal-akkwiżizzjoni ta' 22,5 % tal-ishma ta' TAP SGPS mid-DGTF, TAP SGPS hija kkontrollata biss mill-Istat […] (ara l-premessi (8), (11) u (12)). Għalhekk, TAP SGPS u TAP Air Portugal huma parti minn unità ekonomika (jew grupp kummerċjali akbar), li l-Kummissjoni tista' tikkunsidra bħala ċentru indipendenti tat-teħid ta' deċiżjonijiet fl-Istat li jipprovdi l-għajnuna għar-ristrutturar notifikata.

(194) Il-Kummissjoni tqis, għalhekk, li la l-entitajiet ta' kontroll konġunt, u lanqas sussegwentement l-Istat bħala l-uniku azzjonist ta' kontroll ma kienu f'pożizzjoni li jnaqqsu b'mod konformi mas-suq il-pożizzjoni ekonomika u finanzjarja taħt pressjoni ta' TAP SGPS, jew ta' TAP Air Portugal. Billi l-intervent finanzjarju tal-Istat biex jirrimedja d-diffikultajiet tal-kumpaniji kemm jekk direttament permezz tad-DGTF jew permezz ta' Parpública jkun jammonta għal għajnuna mill-Istat sakemm ma jitwettaqx, waħdu jew flimkien mal-entitajiet ta' kontroll konġunt, skont termini tas-suq. Parpública bħala entità ta' kontroll konġunt ma appoġġatx u ma setgħetx tappoġġa lil TAP SGPS skont termini tas-suq, u lanqas ma għamlu dan jew setgħu jagħmlu dan l-entitajiet privati ta' kontroll konġunt ([56]). Għalhekk, minħabba l-pożizzjoni diġà eżistenti tal-Istat bħala azzjonist li kellu 50 % ta' TAP SGPS […] u l-kontroll li kellu wara, id-diffikultajiet ta' TAP SGPS u ta' TAP Air Portugal ma jistgħux jiġu indirizzati minn grupp.

(195) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li kemm TAP SGPS kif ukoll TAP Air Portugal (inklużi s-sussidjarji kkontrollati tagħhom) huma impriżi f'diffikultajiet u huma eliġibbli għal għajnuna għar-ristrutturar.

6.4.1. *L-għajnuna tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi*

(196) Skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, l-għajnuna mill-Istat, biex titqies bħala kompatibbli mas-suq intern, trid tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi.

(197) F'dak ir-rigward, biex jintwera li l-għajnuna għar-ristrutturar tkun maħsuba biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' tali attivitajiet jew reġjuni, l-Istat Membru li jagħti dik l-għajnuna jrid juri li l-għajnuna jkollha l-għan li tipprevjeni t-tbatija soċjali jew tindirizza falliment tas-suq. Fil-kuntest speċifiku tal-għajnuna għar-ristrutturar, il-Kummissjoni tinnota li, kif rikonoxxut fil-punt 43 tal-Linji Gwida R&R, fil-fatt, il-ħruġ mis-suq huwa importanti għall-proċess aktar wiesa' tat-tkabbir fil-produttività, u b'hekk is-sempliċi prevenzjoni ta' impriża milli toħroġ mis-suq ma tiġġustifikax b'mod suffiċjenti l-għajnuna mill-Istat. Għall-kuntrarju, l-għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturar hija fost l-aktar tipi

([56]) Din is-sejba hija neċessarjament limitata għal AGW bħala veikolu għas-sjieda, eventwalment, ta' persuni fiżiċi, għall-eżami tar-riżorsi tal-entitajiet ta' kontroll konġunt fir-rigward tar-riżorsi ta' dawk l-entitajiet u mhux tar-riżorsi privati disponibbli għall-persuni fiżiċi li ma humiex personalment responsabbli għall-parteċipazzjonijiet ta' dawk l-entitajiet.

distortivi ta' għajnuna mill-Istat, peress li dawn jinterferixxu mal-proċess tal-ħruġ mis-suq. Madankollu, f'ċerti sitwazzjonijiet, ir-ristrutturar ta' impriża f'diffikultà jista' jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' attivitajiet jew reġjuni ekonomiċi, anke lil hinn mill-attivitajiet imwettqa mill-benefiċjarju stess. Dan huwa l-każ fejn fin-nuqqas ta' tali għajnuna, il-falliment tal-benefiċjarju jwassal għal sitwazzjonijiet ta' falliment tas-suq jew ta' tbatija soċjali, u b'hekk jimpedixxi l-iżvilupp tal-attivitajiet ekonomiċi u/jew tar-reġjuni li jkunu affettwati minn tali sitwazzjonijiet. Lista mhux eżawrjenti ta' sitwazzjonijiet bħal dawn hija stabbilita fil-punt 44 tal-Linji Gwida R&R.

(198) Sitwazzjonijiet bħal dawn iseħħu, fost l-oħrajn, fejn l-għajnuna tevita r-riskju ta' interruzzjoni għal servizz importanti, li jkun diffiċli li jiġi replikat u fejn ikun diffiċli għal kwalunkwe kompetitur sempliċiment li jintervjeni, jew fejn il-benefiċjarju jkollu rwol sistemiku importanti f'reġjun jew f'settur partikolari li l-ħruġ tiegħu minnu jkollu konsegwenzi negattivi potenzjali ([57]). Billi tippermetti lill-benefiċjarju jkompli bl-operazzjonijiet tiegħu, l-għajnuna b'hekk tipprevjeni tali falliment tas-suq jew tbatija soċjali. Fil-każ tal-għajnuna għar-ristrutturar, madankollu, dan jgħodd biss meta l-għajnuna tippermetti lill-benefiċjarju jikkompeti fis-suq fuq il-merti proprji tiegħu, li jista' jiġi żgurat biss jekk l-għajnuna tkun ibbażata fuq l-implimentazzjoni ta' pjan ta' ristrutturar li jirrestawra l-vijabbiltà fit-tul tal-benefiċjarju.

(199) Il-Kummissjoni, għalhekk, l-ewwel se tivvaluta jekk l-għajnuna hijiex maħsuba biex tipprevjeni sitwazzjoni ta' falliment tas-suq jew tbatija soċjali (it-taqsima 6.4.1.1) u jekk hijiex akkumpanjata minn pjan ta' ristrutturar li jirrestawra l-vijabbiltà fit-tul tal-benefiċjarju (it-taqsima 6.4.1.2).

6.4.1.1. Il-prevenzjoni ta' tbatija soċjali jew ta' falliment tas-suq li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-attività ekonomika

(200) Fost is-sitwazzjonijiet fejn is-salvataġġ ta' impriża f'diffikultà jista' jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' attivitajiet jew reġjuni ekonomiċi, il-punt 44(b) u (c) tal-Linji Gwida R&R isemmi każijiet fejn l-għajnuna tkun maħsuba biex tevita r-riskju li t-tkabbir ekonomiku jiġi mxekkel mit-tfixkil ta' servizz importanti bħala konsegwenza tal-ħruġ tal-benefiċjarju mis-suq (il-punt 44(b) tal-Linji Gwida R&R), jew bil-falliment ta' impriża bi rwol sistemiku importanti fis-settur jew fir-reġjun ikkonċernat (il-punt 44(c) tal-Linji Gwida R&R).

L-għajnuna tevita t-tfixkil ta' servizz importanti

(201) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni nnotat li l-objettiv tal-għajnuna għar-ristrutturar kien li jiġi evitat li TAP SGPS u, b'konsegwenza ta' dan, TAP Air Portugal, toħroġ min-negozju minħabba d-diffikultajiet li kienet qed tesperjenza u li kienu aggravati b'mod akut mill-kriżi tal-COVID-19. ([58]) Peress li linja tal-ajru jeħtieġ li tiggarantixxi likwidità suffiċjenti biex iżżomm il-liċenzja operattiva tagħha, huwa ċar fid-dawl tar-riżorsi disponibbli u t-telf operatorju riċenti u mistenni, li TAP Air Portugal ma tkunx tista' tissodisfa l-obbligi u l-obbligazzjonijiet ta' pagament tagħha u għalhekk tkun teħtieġ li tapplika għall-insolvenza u twaqqaf l-attività mingħajr l-għajnuna għar-ristrutturar (Tabella 1). Abbażi tal-informazzjoni pprovduta matul l-investigazzjoni formali, il-Kummissjoni sabet li fil-fatt hemm riskju konkret ta' nuqqas tal-benefiċjarju milli jissodisfa l-obbligi ta' pagament tiegħu li jwassal għal tfixkil fl-attività tat-trasport bl-ajru li għaddejja ta' TAP Air Portugal.

(202) F'dak ir-rigward, TAP Air Portugal tipprovdi servizzi uniċi ta' konnessjonijiet miċ-ċentru tagħha, l-ajruport ta' Liżbona, billi tipprovdi skedi tal-ivvjaġġar regolari (il-premessi (15) u (16)). Minbarra s-servizzi essenzjali tat-trasport bl-ajru pprovduti lill-komunità li titkellem bil-Portugiż, fil-livell nazzjonali u barra mill-pajjiż, TAP Air Portugal tappoġġa b'mod deċiżiv u sinifikanti t-tkabbir ekonomiku ta' waħda mill-aktar attivitajiet ekonomiċi rilevanti għall-Portugall, it-turiżmu. B'mod speċifiku, segment importanti tal-kumpaniji Portugiżi - jiġifieri il-lukandi, ir-ristoranti, l-avvenimenti soċjali u kulturali, il-ħwienet tal-bejgħ bl-imnut u attivitajiet oħra relatati mat-turiżmu, preżenti b'mod speċjali fl-akbar reġjuni ta' Liżbona u Porto u f'Algarve, ikollu aktar diffikultajiet biex jissopravvivi l-kriżi mingħajr appoġġ mill-operazzjonijiet ta' TAP Air Portugal li jġibu lill-vjaġġaturi.

(203) Kif jirrimarka l-Portugall, il-biċċa l-kbira ta' dawk il-kumpaniji li jistgħu jissopravvivu l-kriżi tal-COVID-19 biss minħabba l-appoġġ tal-gvern Portugiż permezz ta' xogħol temporanju ssussidjat u miżuri li jippermettulhom li jiddifferixxu l-pagamenti dovuti, jeħtieġu li t-turiżmu jiżdied. L-aġenziji tal-ivvjaġġar Portugiżi u r-rappreżentanti tar-reġjuni li ssottomettew kummenti jenfasizzaw li huma jiddependu fuq is-servizzi ta' TAP Air Portugal għal parti min-negozju u l-attivitajiet tagħhom, li jsofru telf konsiderevoli fil-fatturat mingħajr negozju ma' TAP Air Portugal.

([57]) Il-punt 44 (b) u (c) tal-Linji Gwida R&R.
([58]) Il-Premessa 71 tad-deċiżjoni tal-ftuħ.

(204) Il-Kummissjoni għalhekk tqis li fin-nuqqas ta' għajnuna għar-ristrutturar li tevita l-waqfien tal-attivitajiet ta' TAP Air Portugal, mhux biss il-vjaġġaturi iżda wkoll il-komunità tan-negozju tal-ivvjaġġar ikunu jiddependu kompletament fuq jekk kombinazzjoni ta' trasportaturi bi prezzijiet baxxi u trasportaturi fuq distanzi twal iffukati fuq konnessjonijiet minn punt għal punt fl-Unjoni u mal-bqija tad-dinja fit-92 destinazzjoni li TAP Air Portugal kienet toffri qabel ir-ristrutturar tagħha tkunx tista' u lesta li tistabbilixxi l-istess servizzi fil-frekwenza u l-firxa ġeografika, b'mod partikolari mal-Amerka ta' Fuq, l-Amerka Latina u l-Afrika (il-premessa (15)). Partijiet terzi – b'mod partikolari, sħab kummerċjali, bħall-aġenziji tal-ivvjaġġar, l-operaturi turistiċi, gruppi ewlenin ta' lukandi, l-aġenziji tal-biljetti u l-fornituri, minbarra korpi governattivi nazzjonali u barranin, inklużi l-korpi li jippromwovu t-turiżmu u l-iskambji kummerċjali jew kulturali - ikkonfermaw u jikkorroboraw is-sejba tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ li l-ħruġ mis-suq ta' TAP Air Portugal jirriskja li jikkawża telf ta' dawn il-konnessjonijiet (il-premessa (100)).

(205) Sabiex jirreplikaw ir-rwol ta' TAP Air Portugal, il-kompetituri jkun jeħtieġ li jibnu u jistabbilixxu network ta' destinazzjonijiet, li jieħu ammont konsiderevoli ta' żmien u jista' jirriskja li ma jintlaħaqx bl-istess servizzi fil-frekwenza u l-firxa ġeografika. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li l-objettiv tal-għajnuna għar-ristrutturar huwa li jiġi evitat li TAP Air Portugal toħroġ min-negozju minħabba d-diffikultajiet li kienet qed tesperjenza u li kienu aggravati b'mod akut mill-kriżi tal-COVID-19.

(206) Ir-rotot konkreti li kienu jiffurmaw in-network ta' TAP Air Portugal fl-2019 qabel il-pandemija bħalissa huma mnaqqsa fil-preżenza tal-miżuri restrittivi fuq l-ivvjaġġar li ġew stabbiliti għal raġunijiet ta' saħħa mill-awtoritajiet Portugiżi biex jiġi limitat it-tixrid tal-virus. Madankollu, il-previżjonijiet tal-irkupru tat-traffiku mill-IATA msemmija fid-deċiżjoni tal-ftuħ, li l-ebda parti ma kkontestat, jindikaw l-irkupru tad-domanda qabel l-2025 (il-premessa (223). F'sitwazzjoni bħal din, fix-xenarju prevedibbli tad-domanda għas-servizzi tat-trasport bl-ajru u l-konnettività fil-Portugall, in-network ta' TAP Air Portugal – jew wieħed dens daqsu – ikun fundamentali kif kien qabel il-pandemija biex tiġi ssodisfata d-domanda futura, speċjalment fir-rotot kollha jew f'uħud minnhom fejn TAP Air Portugal kienet l-unika linja tal-ajru li topera […] minn […] rotta fl-istaġun tas-sajf u […] minn […] rotta fl-istaġun tax-xitwa (il-premessi (15) u (16)).

(207) Fir-rigward ta' network ipotetiku li jirreplika dak ta' TAP Air Portugal, huwa improbabbli ħafna li kombinazzjoni ta' trasportaturi tradizzjonali jew bi prezzijiet baxxi eżistenti tkun kemm lesta kif ukoll kapaċi tibni f'perjodu ta' żmien raġonevoli l-konnessjonijiet tan-network meħtieġa, b'mod partikolari mal-pajjiżi li jitkellmu bil-Portugiż, biex tieħu f'idejha r-rwol ta' TAP Air Portugal fil-konnessjoni tal-Portugall mal-bqija tad-dinja. Fil-fatt, l-ebda wieħed miż-żewġ trasportaturi tal-ajru li intervjenew ma ssostanzja b'mod xieraq ir-rieda u l-kapaċità li jiżviluppa network tat-trasport nazzjonali simili jew li jippjana li jiżviluppa konnettività simili u rreferew biss b'mod ġeneriku għal linji tal-ajru oħra li ma intervjenewx fil-proċedimenti li jistgħu jirreplikaw parzjalment in-network ta' TAP Air Portugal, fil-fehma tagħhom. Bl-istess mod, filwaqt li l-istudji ppreżentati juru t-tkabbir u l-kompetizzjoni minn trasportaturi bi prezzijiet baxxi (il-premessa (105), huma ma jispjegawx, aħseb u ara juru li s-servizzi u n-network ta' TAP Air Portugal jistgħu jiġu replikati jew sostitwiti bi kważi ċertezza minn trasportatur wieħed jew kombinazzjonijiet speċifiċi tagħhom. Għall-kuntrarju, kif stabbilit fil-premessi ((100) u (132)), bosta partijiet terzi li jiddependu fuqhom esprimew tħassib dwar it-telf possibbli tas-servizzi ta' TAP Air Portugal. L-informazzjoni pprovduta matul l-investigazzjoni formali, għalhekk, tikkonferma s-sejba tal-Kummissjoni li hemm tabilħaqq riskju konkret ta' falliment immedjat tal-benefiċjarju milli jissodisfa l-obbligi tiegħu ta' pagament, li jwassal għal riskju ta' tfixkil tal-attività ekonomika tas-servizzi tat-trasport bl-ajru pprovduti minn TAP Air Portugal.

(208) Għalhekk, il-falliment tal-benefiċjarju min-naħa tiegħu jirriskja li jfixkel servizz importanti tat-trasport li jipprovdi konnettività u network internazzjonali u nazzjonali - li jgħaqqad lill-Portugall kontinentali u l-gżejjer tiegħu, kif ukoll lill-komunità li titkellem bil-Portugiż barra mill-pajjiż - li huwa diffiċli li jiġi replikat għal fornituri oħra kif stabbilit fil-punt 44(b) tal-Linji Gwida R&R.

L-għajnuna tappoġġa impriża bi rwol sistemiku

(209) L-għajnuna tfittex ukoll li tevita r-riskju ta' ħruġ ta' impriża li twettaq servizz importanti bi rwol sistemiku fil-Portugall skont it-tifsira tal-punt 44(c) tal-Linji Gwida R&R.

(210) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tqis li l-benefiċjarju bla dubju għandu rwol ewlieni fl-ekonomija Portugiża ([59]), mhux biss għall-iżvilupp tat-turiżmu u l-konnettività mal-pajjiżi li jitkellmu bil-Portugiż, iżda wkoll f'termini ta' impjiegi. L-ewwel nett, il-benefiċjarju għandu rwol sistemiku importanti għat-territorju Portugiż kollu peress li jappoġġa t-tkabbir tat-turiżmu Portugiż, wieħed mill-aktar setturi importanti tal-Istat Membru, li kien jirrappreżenta 14,6 % tal-prodott domestiku gross ("PDG") tal-Portugall fl-2018. Dak is-settur kien ta' importanza kbira għall-irkupru ekonomiku Portugiż mill-kriżi finanzjarja u tad-dejn sovran wara l-kriżi tal-2008. It-turiżmu jikkontribwixxi madwar EUR 19-il biljun għall-PDG tal-Portugall, li kien jirrappreżenta 8,7 % tal-PDG tal-2019 u ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-irkupru ekonomiku wara l-pandemija se jaffettwa b'mod sinifikanti l-kompożizzjoni tal-PDG Portugiż u l-kontribut tat-turiżmu għalih. It-tieni, b'madwar 10 000 impjegat (fl-2019), TAP SGPS hija wieħed mill-akbar impjegaturi fil-pajjiż u hija responsabbli għal aktar minn 110 000 impjieg indirett. Dawk iċ-ċifri juru li insolvenza possibbli li TAP SGPS tiffaċċja fin-nuqqas tal-għajnuna għar-ristrutturar ikollha effett konsegwenzjali negattiv sinifikanti fuq l-ekonomija Portugiża kollha.

Rieżami tal-affermazzjonijiet imqajma fl-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet ta' partijiet terzi

(211) Is-sejbiet preliminari tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ huma kkontestati minn Ryanair. Ryanair issostni, l-ewwel nett, li ma hemm ebda evidenza ta' riskju ta' tfixkil għal servizz importanti li huwa diffiċli li jiġi replikat. Skont Ryanair, il-kompetituri li qed jintervjenu jistgħu jirreplikaw is-servizzi ta' TAP Air Portugal. B'mod aktar preċiż, Ryanair issostni, l-ewwel nett, li hija tista' faċilment tissostitwixxi lil TAP Air Portugal fuq titjiriet fuq distanzi qosra, filwaqt li, fuq titjiriet fuq distanzi twal, hemm biżżejjed kompetituri li jtiru minn Liżbona li jistgħu jaqbżu l-kapaċitajiet ta' TAP Air Portugal. It-tieni, Ryanair issostni li TAP Air Portugal ma hijiex impriża sistemika u anke jekk wieħed jassumi li hija, id-deċiżjoni tal-ftuħ ma tispjegax jekk it-tnaqqis fid-daqs ta' TAP SGPS u s-soppressjoni tal-attivitajiet mhux sistemiċi jew li jagħmlu t-telf ma setgħux jippreservaw l-attivitajiet sistemiċi.

(212) L-affermazzjonijiet ta' Ryanair huma fil-biċċa l-kbira kkonfutati, l-ewwel nett, mis-sottomissjonijiet ta' partijiet terzi oħra u, it-tieni, mill-informazzjoni ppreżentata mill-Portugall (il-premessi (138) sa (141).

(213) Is-sejbiet preliminari tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ ġew appoġġati b'mod qawwi minn partijiet terzi. Minn 39 tweġiba għall-istedina biex jiġu sottomessi kummenti dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ, 36 parti esprimew l-appoġġ tagħhom għall-fehma tal-Kummissjoni dwar l-importanza ta' TAP Air Portugal bħala l-aktar fornitur importanti ta' konnettività bejn il-Portugall u l-pajjiżi l-oħra li jitkellmu bil-Portugiż (b'mod partikolari, il-Brażil, l-Angola, il-Mozambique u São Tomé), kif ukoll il-konnessjoni tal-Ewropa kollha mal-Portugall, u permezz taċ-ċentru tagħha ta' Liżbona, mal-pajjiżi msemmija hawn fuq. Il-partijiet ikkonċernati kollha minbarra ż-żewġ kompetituri diretti jappoġġaw il-pjanijiet għall-għajnuna għar-ristrutturar lil TAP SGPS u jikkonfermaw ir-rwol importanti li Tap Air Portugal għandha, b'mod partikolari, għall-ekonomija tal-Portugall.

(214) Abbażi tal-informazzjoni fil-pussess tagħha, il-Kummissjoni tinnota wkoll li, filwaqt li xi wħud mir-rotot ta' TAP Air Portugal jistgħu jkunu attraenti għal kompetitur fuq bażi awtonoma, ma hemm l-ebda indikazzjoni li xi kompetitur jista' jieħu f'idejh is-servizzi kollha ta' TAP SGPS. Għalhekk, il-ħruġ mis-suq ta' TAP SGPS x'aktarx li jwassal għal tbatija soċjali severa għall-klijenti, il-persunal u l-forniturituri tagħha.

(215) Il-Kummissjoni tinnota, b'mod partikolari, li, għall-kuntrarju tal-kompetituri tagħha, TAP Air Portugal bħalissa hija fornitur ewlieni ta' konnettività għall-passiġġieri li jivvjaġġaw lejn u mill-pajjiżi li jitkellmu bil-Portugiż. Kif diġà ssemma (it-taqsima 4.2), dik il-kumpanija għandha rwol kruċjali għall-konnettività tal-Portugall u tal-Ewropa kollha mal-Brażil, l-Angola, il-Mozambique u São Tomé. Filwaqt li s-servizzi ta' TAP Air Portugal jistgħu teoretikament jiġu sostitwiti minn diversi operaturi fil-perjodu tal-pjan ta' ristrutturar, tali sostituzzjoni tista' tkun biss parzjali u tinvolvi deterjorament importanti tas-servizzi b'mod partikolari għall-klijenti li jinsabu fil-Portugall. Sadanittant, it-tnaqqis fid-daqs ta' TAP Air Portugal li qed titlob Ryanair jinjora l-effetti konsegwenzjali negattivi tat-tnaqqis, fost affarijiet oħra, ta' għadd imdaqqas ta' konnessjonijiet intra-Unjoni fil-mudell ta' ċentru ta' TAP Air Portugal li jiddependi wkoll fuq rotot interkontinentali li jistgħu jiġu pperikolati b'mod irrimedjabbli f'perspettiva fuq medda medja ta' żmien ([60]).

([59]) Skont in-notifika, fl-2019, TAP SGPS ikkontribwiet EUR 3,3 biljun għall-PDG Portugiż (li jammonta għal 1,2 % tal-PDG totali tal-pajjiż) u EUR 300 miljun f'taxxi diretti u kontribuzzjonijiet soċjali. Il-kontribut ta' TAP SGPS għall-esportazzjonijiet Portugiżi huwa qrib EUR 2,6 biljun, filwaqt li l-valur tas-servizzi u l-prodotti mixtrija minn TAP SGPS mingħand aktar minn 1 000 fornitur nazzjonali huwa qrib EUR 1,3 biljun.

([60]) F'dak ir-rigward il-valutazzjoni, min-naħa tal-Kummissjoni, tal-impatt fuq il-vijabbiltà tal-miżura ta' kompetizzjoni li tikkonsisti fit-trasferiment ta' 18-il slot, timplika tnaqqis u tippermetti l-ftuħ ta' tliet rotot li jinvolvu tliet rotazzjonijiet fil-konnessjonijiet minn punt għal punt intra-Unjoni. L-effett huwa tnaqqis bi […] % fuq ir-redditu fuq il-kapital użat ta' TAP Air Portugal u […] tal-proporzjon ta' dejn-ekwità tagħha (Tabella 3). Il-valutazzjoni għalhekk timplika li tnaqqis aktar wiesa' u aktar sinifikanti tar-rotot li jagħmlu l-profitt, fit-titjiriet intra-Unjoni li jalimentaw it-titjiriet interkontinentali, jista' jippreġudika l-kapaċità tagħha li ssostni l-pożizzjoni tagħha fis-suq mingħajr aċċess għall-finanzjament mis-suq, u b'hekk tkun teħtieġ aktar għajnuna sa tmiem il-perjodu ta' ristrutturar.

(216) L-akbar linji tal-ajru l-oħra fil-Portugall (Ryanair, EasyJet) jipprovdu konnettività bejn il-Portugall u Stati Membri oħra tal-Unjoni biss u l-mudell ta' negozju tagħhom jeskludi titjiriet interkontinentali fuq distanzi twal. Trasportaturi tal-ajru ewlenin oħra tal-UE li joffru konnessjonijiet interkontinentali minn Liżbona joperaw mudell ta' hub-and-spoke. Dan ifisser li minflok ma jipprovdu titjiriet diretti lejn destinazzjonijiet barranin mill-ajruport ta' Liżbona, huma pjuttost jittrasferixxu passiġġieri mill-Portugall lejn iċ-ċentri tagħhom fi Stati Membri oħra bħal Orly/Roissy, Schiphol, Frankfurt jew Munich qabel ma jittrasportawhom lejn tali destinazzjonijiet. Dan min-naħa tiegħu jestendi b'mod importanti d-durata ġenerali tat-titjiriet mill-Portugall lejn destinazzjonijiet fil-Punent jew fin-Nofsinhar.

(217) Għalhekk, kemm bħala impjegatur kif ukoll bħala element ċentrali fil-katina ekonomika għal bosta impriżi Portugiżi oħra, il-benefiċjarju jista' jitqies bħala impriża bi rwol sistemiku skont il-punt 44(c) tal-Linji Gwida R&R.

(218) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-għajnuna tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-attività ekonomika tal-forniment ta' servizzi tat-trasport bl-ajru li jikkollegaw lill-Portugall billi tippermetti li jinżamm servizz importanti li jista' jirriskja li ma jiġix replikat fl-intier tiegħu jew f'portata li b'mod ġenerali tkun simili u mingħajr tbatija soċjali mill-kompetituri fuq perjodu qasir sa medju, b'konsegwenzi negattivi potenzjali fuq l-ekonomija aktar ġenerali tal-Portugall, wara l-kriżi attwali kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 (il-punt 44 (b) u (c) tal-Linji Gwida R&R).

6.4.1.2. Il-pjan ta' ristrutturar u r-ritorn għall-vijabbiltà fit-tul li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-attività jew tar-reġjun ekonomiċi

(219) Barra minn hekk, skont il-punt 46 tal-Linji Gwida R&R, l-għoti ta' għajnuna għar-ristrutturar irid ikun kondizzjonali fuq l-implimentazzjoni ta' pjan ta' ristrutturar li jirrestawra l-vijabbiltà tal-benefiċjarju. Ir-rimedju tal-kawżi li wasslu għad-diffikultà tal-benefiċjarju, billi jiġi faċilitat ir-ritorn tiegħu għall-vijabbiltà fit-tul, huwa kundizzjoni neċessarja biex l-għajnuna għar-ristrutturar isservi l-iżvilupp tal-attività/attivitajiet u r-reġjuni ekonomiċi fejn jopera l-benefiċjarju. L-għajnuna għar-ristrutturar tappoġġa pjan ta' ristrutturar wiesa' li jinkludi l-perimetru kollu tal-attivitajiet ta' TAP SGPS u ta' TAP Air Portugal.

(220) Skont il-punti 45 sa 48 tal-Linji Gwida R&R, l-għajnuna għar-ristrutturar jenħtieġ li tingħata biss biex tappoġġa pjan ta' ristrutturar realistiku, koerenti u estensiv, li l-miżuri tiegħu jridu jitfasslu biex jirrestawraw il-vijabbiltà fit-tul f'perjodu ta' żmien raġonevoli, waqt li tiġi eskluża kwalunkwe għajnuna ulterjuri lil hinn minn dik li tappoġġa l-pjan ta' ristrutturar tal-benefiċjarju. Il-pjan ta' ristrutturar irid jiddeskrivi kif il-miżuri ta' ristrutturar proposti se jirrimedjaw il-problemi sottostanti tal-benefiċjarju.

(221) Ir-riżultati tar-ristrutturar iridu jintwerew f'varjetà ta' xenarji, b'mod partikolari billi jiġu identifikati l-parametri ta' prestazzjoni u l-fatturi ta' riskju prevedibbli ewlenin. Ir-ritorn għall-vijabbiltà tal-benefiċjarju jrid jirriżulta f'redditu xieraq fuq il-kapital investit wara li jiġu koperti l-kostijiet, mingħajr ma jiddependi fuq suppożizzjonijiet ottimisti dwar fatturi bħall-varjazzjonijiet fil-prezz jew fid-domanda. Il-vijabbiltà fit-tul tinkiseb meta impriża tkun tista' tipprovdi redditu proġettat xieraq fuq il-kapital wara li tkun kopriet il-kostijiet kollha tagħha inklużi d-deprezzament u l-imposti finanzjarji u tkun tista' tikkompeti wkoll fis-suq fuq il-merti proprji tagħha.

(222) F'din it-taqsima, il-Kummissjoni l-ewwel se tivvaluta l-kredibbiltà tas-suppożizzjonijiet li fuqhom huwa bbażat il-pjan ta' ristrutturar tal-benefiċjarju u mbagħad l-evidenza tar-ritorn tal-benefiċjarju għall-vijabbiltà fi tmiem il-pjan ta' ristrutturar.

Valutazzjoni tas-suppożizzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-projezzjonijiet finanzjarji

(223) Fir-rigward tal-kredibbiltà tas-suppożizzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-projezzjonijiet tad-dħul, il-Kummissjoni tinnota li l-projezzjonijiet tal-irkupru tat-traffiku tal-ajru tal-benefiċjarju huma aktar konservattivi mill-previżjonijiet bażi tal-IATA. Filwaqt li l-IATA tbassar volum ta' passiġġieri fl-2025 ugwali għal 109 % ta' dak li kien fl-2019, il-benefiċjarju jassumi li […] % biss tal-passiġġieri tal-2019 se jkunu qed itiru fl-2025, fi tmiem il-pjan ta' ristrutturar (il-premessa (51)). Barra minn hekk, il-benefiċjarju jassumi rendiment daqsxejn aktar baxx fl-2025 (EUR ċenteżmu […]) vs l-2019 (EUR ċenteżmu […]), filwaqt li l-fattur tat-tagħbija fl-2025 huwa mistenni li jkun […] punti perċentwali ogħla milli kien fl-2019 ([…] % meta mqabbel ma' […] %). Fl-aħħar nett, id-dħul tal-benefiċjarju għal kull ASK huwa aktar baxx fl-2025 milli kien fl-2019 (EUR ċenteżmu […] meta mqabbel ma' EUR ċenteżmu […]), li jindika li l-benefiċjarju diġà kien kapaċi jikseb dħul simili għal kull mira ta' ASK immedjatament qabel il-bidu tal-perjodu ta' ristrutturar. Peress li l-projezzjonijiet tat-traffiku tal-benefiċjarju huma aktar konservattivi mit-tbassir tal-IATA, u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni relatati mad-dħul huma konformi mal-valuri storiċi tal-benefiċjarju fl-2019, il-Kummissjoni tqis il-projezzjonijiet tad-dħul tal-benefiċjarju bħala raġonevoli.

(224) Fir-rigward tal-projezzjonijiet tal-kostijiet, il-Kummissjoni tosserva li r-ritorn tal-benefiċjarju għall-profittabbiltà jiddependi fuq it-tnaqqis tal-kostijiet, speċjalment il-fjuwil u l-kostijiet lavorattivi, kif deskritt fit-taqsima 2.4.3. Fir-rigward tal-fjuwil, il-projezzjonijiet iqisu l-operazzjoni ta' inġenji tal-ajru aktar ġodda u aktar effiċjenti fl-użu tal-fjuwil u huma bbażati fuq l-aspettattivi implikati mis-suq dwar il-prezzijiet tal-fjuwil miksuba mill-bażi tad-*data* ta' Bloomberg. Peress li l-iskedi ta' konsenja tal-inġenji tal-ajru l-ġodda diġà ġew innegozjati mal-fornituri, il-konsum tal-fjuwil ta' dawn l-inġenji tal-ajru huwa *data* oġġettiva u verifikabbli u l-istess hija l-aspettattiva tal-prezzijiet tal-fjuwil; il-Kummissjoni għalhekk tqis il-projezzjonijiet tal-kostijiet tal-fjuwil bħala kredibbli.

(225) Fir-rigward tal-projezzjonijiet tal-kostijiet lavorattivi, il-Kummissjoni tinnota li l-benefiċjarju diġà ffirma ftehimiet mat-trade unions kollha tiegħu sal-2024 (il-Ftehimiet ta' Emerġenza), li huma applikabbli għall-impjegati kollha tiegħu. Il-Ftehimiet ta' Emerġenza jipprevedu tnaqqis fis-salarji, iffriżar taż-żidiet awtomatiċi fis-salarji u titjib fil-produttività. Barra minn hekk, il-benefiċjarju diġà kiseb tnaqqis ta' 1 200 FTE permezz tan-nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratti għal terminu fiss u beda l-proċess biex jikseb tnaqqis addizzjonali ta' 2 000 FTE permezz kemm ta' miżuri volontarji kif ukoll ta' sensji. Il-benefiċjarju beda jħejji wkoll in-negozjar ta' ftehimiet ta' negozjar kollettiv ġodda, li se jissostitwixxu l-Ftehimiet ta' Emerġenza, u diġà kiseb l-impenn ta' diversi unions tal-ħaddiema għall-miri tal-kostijiet tal-2025 tal-pjan ta' ristrutturar. B'mod ġenerali, meta jitqies li l-benefiċjarju diġà kiseb negozjati dwar il-biċċa l-kbira tas-suppożizzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-projezzjonijiet tal-kostijiet lavorattivi, il-Kummissjoni ssib dawk il-projezzjonijiet bħala kredibbli.

(226) Il-Kummissjoni tqis li l-elementi li ġejjin jikkontribwixxu wkoll għall-kredibbiltà tal-projezzjonijiet finanzjarji. L-ewwel nett, il-benefiċjarju diġà identifika u beda jimplimenta diversi miżuri li għandhom l-għan li jnaqqsu l-kostijiet għajr il-kostijiet lavorattivi u tal-fjuwil (il-premessa (35)). It-tieni, il-projezzjonijiet finanzjarji ma jinkludux żidiet fid-dħul ta' EUR […] miljun (minn EUR […] miljun) li l-benefiċjarju kien jipprevedi (it-taqsima 2.4.1.4), li joħloq buffer ta' sikurezza addizzjonali. It-tielet, il-pjan ta' ristrutturar jiffoka fuq in-negozju tal-avjazzjoni u jipprevedi l-bejgħ jew l-għeluq ta' attivitajiet mhux ewlenin, bħal M&E Brasil, li storikament kienet qed tagħmel it-telf u kkontribwiet għad-diffikultajiet tal-benefiċjarju (it-taqsima 2.4.1.1).

(227) Biex tivvaluta r-raġonevolezza ġenerali tal-projezzjonijiet finanzjarji tal-benefiċjarju, il-Kummissjoni qabblet il-marġni tal-EBIT mistenni tal-benefiċjarju (jiġifieri l-EBIT diviż bid-dħul) fl-2025 ma' dak ta' kampjun ta' pari li għalihom huma disponibbli previżjonijiet ta' analisti tas-suq tal-istokks għall-istess sena ([61]). Il-marġni medju tal-EBIT f'dak il-kampjun huwa ta' 13,1 %, filwaqt li dak tal-benefiċjarju huwa mistenni li jkun ta' […] %. Għalhekk, il-Kummissjoni ssib li l-projezzjonijiet tal-profittabbiltà tal-benefiċjarju fl-2025 huma konformi ma' dawk tal-pari medji tiegħu, li jipprovdi indikazzjoni addizzjonali tal-kredibbiltà tas-suppożizzjonijiet li fuqhom huwa bbażat il-pjan ta' ristrutturar.

Valutazzjoni tar-ritorn tal-benefiċjarju għall-vijabbiltà

(228) Wara li stabbiliet il-kredibbiltà tas-suppożizzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-projezzjonijiet finanzjarji, il-Kummissjoni issa se tivvaluta jekk, abbażi ta' dawk il-projezzjonijiet, il-benefiċjarju jistax jirritorna għall-vijabbiltà sa tmiem l-2025, it-tmiem tal-pjan ta' ristrutturar. B'mod aktar speċifiku, il-Kummissjoni se tivverifika jekk, fl-2025, il-benefiċjarju jistenniex li jiġġenera rata ta' redditu suffiċjenti mill-operat tiegħu u jkun jista' jikkompeti fuq il-merti proprji tiegħu.

([61]) Il-kampjun jinkludi: Lufthansa, IAG, SAS, Aegean u Finnair, Ryanair, Easy Jet u Wizz Air.

(229) Fir-rigward tal-kapaċità tal-benefiċjarju li jiġġenera redditu suffiċjenti mill-operazzjonijiet tiegħu fl-2025, approċċ konswetudinarju huwa li jitqabbel ir-redditu fuq il-kapital użat (ROCE) ([62]) fl-2025 mal-kost medju ponderat tal-kapital (WACC). Jekk tal-ewwel ikun akbar minn tal-aħħar, l-operazzjonijiet ta' kumpanija jkunu jistgħu jiġġeneraw profitti suffiċjenti biex ikopru l-kost tal-kapital tagħha, li hija indikazzjoni tal-vijabbiltà ta' dik il-kumpanija.

(230) L-ROCE tal-benefiċjarju, li l-kalkolu tiegħu jiddependi fuq il-projezzjonijiet finanzjarji li l-Kummissjoni vvalutat bħala kredibbli fil-premessi (223) - (227), huwa mistenni li jkun […] % fl-2025, skont il-Portugall (il-premessa (48)). Dak il-valur huwa l-proporzjon bejn l-EBIT qabel it-taxxa u l-kapital użat fl-2025. Madankollu, peress li t-test tal-vijabbiltà jikkonsisti fit-tqabbil tal-ROCE mad-WACC, li huwa rata ta' redditu wara t-taxxa, il-Kummissjoni tqis li huwa aktar xieraq li l-ROCE jiġi kkalkulat bl-użu tal-EBIT ta' wara t-taxxa. Barra minn hekk, sabiex jiġu solvuti l-fluttwazzjonijiet annwali fil-varjabbli tal-karta bilanċjali, il-Kummissjoni ssib ukoll li huwa raġonevoli li jintuża l-kapital medju użat fl-2024 u fl-2025, minflok il-kapital użat fl-2025, bħala d-denominatur tal-ROCE fl-2025. B'dawk iż-żewġ bidliet, il-Kummissjoni tikseb ROCE ta' […] %.

(231) Il-valur tal-ROCE ta' […] % huwa ogħla mid-WACC tal-benefiċjarju ta' […] %. Tali WACC, f'konformità mal-metodoloġija standard, jikkonsisti f'medja ponderata tal-kost tal-ekwità ([…]%) u tal-kost tad-dejn ([…]%) tal-benefiċjarju, b'ponderazzjonijiet ugwali għall-proporzjon tad-dejn fil-mira għad-dejn flimkien mal-ekwità tal-benefiċjarju ([…]%). Dawk il-komponenti tad-WACC huma ġġustifikati b'mod xieraq, abbażi ta' *data* tas-suq u informazzjoni finanzjarja dwar il-pari tal-benefiċjarju miksuba minn Capital IQ u Reuters (in-nota f'qiegħ il-paġna 61). B'mod aktar speċifiku, il-kalkolu tal-kost tal-ekwità jassumi rata mingħajr riskju ta' […] %, li hija ferm ogħla mir-rendimenti negattivi attwali fuq bonds tal-gvern Ġermaniżi ta' 10 snin, primjum tar-riskju ta' ekwità ta' 4,72 % u primjum tar-riskju tal-pajjiż ta' 1,95 %, li t-tnejn huma konformi mal-parametri referenzjarji disponibbli pubblikament ([63]), u beta ta' […]. ([64]) Tali beta huwa l-beta tal-istokk medju tal-pari tal-benefiċjarju fin-nota f'qiegħ il-paġna 61, aġġustat biex jirrifletti d-differenzi fil-proporzjonijiet ta' dejn-ekwità u r-rati tat-taxxa, f'konformità mal-formula standard ta' Hamada. Il-kost tal-ekwità jinkorpora wkoll primjum tar-riskju ta' daqs żgħir ta' 1,75 %, kif ikkalkulat minn Duff &Phelps. Fir-rigward tal-kost tad-dejn, dan huwa medja tar-rendiment attwali fuq id-dejn pendenti tal-benefiċjarju ([…] % qabel it-taxxa, […] % wara t-taxxa), li hija suppożizzjoni konservattiva peress li l-proporzjonijiet tad-dejn u tal-affidabbiltà kreditizja tal-benefiċjarju huma mistennija li jitjiebu matul il-perjodu tal-ippjanar. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-benefiċjarju se jkun jista' jirritorna għall-vijabbiltà fl-2025, abbażi tal-aspettattiva raġonevoli li l-ROCE tiegħu fl-2025 se jkun ogħla mid-WACC tiegħu.

(232) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-ROCE mistenni fl-2025 huwa ogħla mill-ROCE medjan tal-2019 ([…]%) tal-linji tal-ajru pari elenkati fin-nota f'qiegħ il-paġna 61. Din hija indikazzjoni ulterjuri tar-ritorn tal-benefiċjarju għall-vijabbiltà, peress li dawn il-linji tal-ajru, fl-2019, kienu kapaċi jikkompetu fis-suq fuq il-mertu proprju tagħhom.

(233) Ir-ritorn tal-benefiċjarju għall-vijabbiltà huwa kkorroborat minn approċċ alternattiv, jiġifieri t-tqabbil bejn ir-redditu fuq l-ekwità (ROE) u l-kost tal-ekwità. Dan l-approċċ jiffoka fuq il-profitti li jakkumulaw għall-azzjonisti, filwaqt li dak fil-premessa (230) jiddependi fuq il-profitti ġġenerati mill-operazzjonijiet ta' kumpanija. Mill-perspettiva tal-azzjonisti, kumpanija tkun vijabbli jekk tiġġenera ROE ogħla mill-kost tal-ekwità. Il-Kummissjoni tosserva li dan jgħodd għall-benefiċjarju fl-2025, peress li l-ROE mistenni huwa ta' […] % u l-kost tal-ekwità huwa ta' […] %.

(234) Biex tiġi żgurata r-robustezza tal-valutazzjoni tar-ritorn għall-vijabbiltà, il-Kummissjoni qieset approċċ alternattiv għall-kalkolu tad-WACC u tal-kost tal-ekwità. Dak l-approċċ jikkonsisti fl-użu tal-proporzjon mistenni ta' dejn-ekwità tal-benefiċjarju fl-2025 ([…]), minflok dak tal-pari (1.5), biex jiġi aġġustat il-valur beta tal-istokk tal-pari għad-differenzi fl-ingranaġġ u biex jiġu kkalkulati l-ponderazzjonijiet tad-dejn u tal-ekwità fil-formula tad-WACC. B'riżultat ta' dik is-suppożizzjoni, il-kost tal-ekwità jiżdied minn […] % għal […] %, li jirrifletti l-ingranaġġ ogħla u b'hekk ir-riskju tal-ekwità tal-benefiċjarju meta mqabbel mal-pari tiegħu. Barra minn hekk, id-WACC jgħaddi minn […] % għal […] %, minħabba l-effetti ta' kontrobilanċ ta' kost ogħla tal-ekwità u ponderazzjoni aktar baxxa tal-ekwità fl-istruttura kapitali tal-benefiċjarju. B'mod ġenerali, meta jitqies li l-ROCE (ROE) mistenni fl-2025 huwa […] % ([…] %), il-Kummissjoni tikkonkludi li t-testijiet tar-ritorn għall-vijabbiltà jiġu ssodisfati anki b'tali approċċ alternattiv għall-kalkolu tad-WACC u tal-kost tal-ekwità.

([62]) L-ROCE fis-sena t huwa definit bħala l-EBIT wara t-taxxa fis-sena t diviż bil-kapital medju użat fis-sena t u t-1.

([63]) Il-primjums tar-riskju tal-ekwità u tal-pajjiż huma disponibbli fuq is-sit web tal-Prof. Damodaran (https://pages.stern.nyu.edu/~adamodar/New_Home_Page/datafile/ctryprem.html).

([64]) Il-kost tal-ekwità huwa kkalkolat bħala s-somma tar-rata mingħajr riskju, il-primjum tar-riskju tal-pajjiż, il-primjum tar-riskju ta' daqs żgħir u l-prodott tal-beta u l-primjum tar-riskju tal-ekwità.

(235) Fir-rigward tal-kapaċità tal-benefiċjarju li jikkompeti fuq il-merti proprji tiegħu fi tmiem l-2025, it-tmiem tal-pjan ta' ristrutturar, il-Kummissjoni tistenna li l-benefiċjarju jerġa' jikseb l-aċċess sħiħ tiegħu għas-swieq kapitali mingħajr kofinanzjament pubbliku sal-2025, jiġifieri tliet snin wara l-aħħar appoġġ għall-ekwità. Dik l-aspettattiva tiddependi fuq l-argumenti li ġejjin. L-ewwel nett, il-projezzjonijiet finanzjarji juru żieda fid-dħul nett matul il-perjodu ta' ppjanar, li tikkontribwixxi għal livell ta' ekwità pożittiva ta' EUR […] miljun fl-2025. Dak il-valur huwa ogħla mill-pożizzjoni ta' ekwità ta' TAP Air Portugal ta' EUR […] miljun fl-2019, meta l-benefiċjarju seta' jiġbor EUR […] miljun ta' finanzjament fit-tul bil-kundizzjonijiet tas-suq (il-premessa (23)) ([65]). It-tieni, il-benefiċjarju jistenna proporzjon ta' dejn nett għall-EBITDA ta' […]. Tali proporzjon huwa […] mil-limitu ta' 3.5, li huwa l-limitu massimu konsistenti ma' klassifikazzjoni ta' grad ta' investiment u b'hekk jiżgura aċċess aktar faċli għas-swieq kapitali, skont il-prattika tas-suq. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tqis li l-benefiċjarju jista' jikkompeti fuq il-merti proprji tiegħu mingħajr aktar għajnuna għas-salvataġġ jew għar-ristrutturar sal-2025.

(236) Bħala evidenza ulterjuri tal-kapaċità tal-benefiċjarju li jaċċessa s-swieq kapitali mingħajr appoġġ mill-Istat u b'hekk jikkompeti fuq il-merti proprji tiegħu fil-futur, il-Kummissjoni tinnota b'mod promettenti li l-benefiċjarju diġà kiseb EUR […] miljun ta' kuntratti ta' lokazzjoni ta' inġenji tal-ajru u nnegozja self garantit diġà parzjalment mhux mill-Istat ma' […], li ddikjara li huwa kunfidenti ħafna fl-għeluq pożittiv tal-ħtiġijiet ta' finanzjament futuri sal-ammont ta' EUR […], jekk il-likwidità tkun teħtieġ li tissaħħaħ. Dawn iż-żewġ elementi huma diġà indikattivi tal-kapaċità tal-benefiċjarju li jirrestawra l-aċċess sħiħ tiegħu għas-swieq kapitali u jirrappreżentaw sinjal ta' fiduċja tas-suq fir-ritorn tiegħu għall-vijabbiltà ladarba l-għajnuna għar-ristrutturar tkun fis-seħħ.

(237) Minbarra x-xenarju bażi, il-Portugall ipprovda analiżi tas-sensittività u kkontempla diversi xenarji avversi (il-premessi (52) u (53)). L-analiżi preċedenti tikkonsisti f'aġġornament tal-projezzjonijiet finanzjarji meta mqabbla mal-pjan innotifikat ta' Ġunju 2021, b'kont meħud tat-titjib fil-previżjonijiet tat-traffiku tal-ajru, iżda wkoll iż-żieda fil-prezzijiet tal-fjuwil u l-aspettattivi taż-żieda fl-inflazzjoni. Ix-xenarji avversi jibnu fuq il-pjan innotifikat ta' Ġunju 2021 u jikkonsistu fis-simulazzjoni tal-effett ta' prezzijiet ogħla tal-fjuwil (żieda ta' […] %), rendimenti aktar baxxi (tnaqqis ta' […] %) u kombinazzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni tqis li dawk l-analiżijiet tas-sensittività u x-xenarji avversi huma raġonevoli, peress li jissimulaw l-effetti ta' bidliet negattivi f'elementi ewlenin għall-profittabbiltà tal-linji tal-ajru.

(238) Il-Kummissjoni tosserva li, filwaqt li dawk ix-xenarji avversi għandhom impatt negattiv fuq il-profittabbiltà u l-affidabbiltà kreditizja tal-benefiċjarju, huma ma jipperikolawx ir-ritorn tiegħu għall-vijabbiltà sal-2025. Fix-xenarju bi […] % prezz ogħla tal-fjuwil u […] % rendimenti aktar baxxi (il-premessa (52)), il-benefiċjarju jiġġenera EBIT pożittiv […], u jikseb EBIT ta' EUR […] miljun […], minflok EUR […] miljun. Fix-xenarju avvers bi projezzjonijiet finanzjarji aġġornati (il-premessa (53)), l-ROCE fl-2025 […], filwaqt li l-ROE jonqos minn […] % għal […] %. Dawk il-proporzjonijiet xorta jindikaw profittabbiltà sinifikanti u huma ogħla mil-limiti tal-vijabbiltà, anke jekk wieħed jassumi l-konfigurazzjoni l-aktar konservattiva tad-WACC ([…] %) u l-kost tal-ekwità ([…] %). Fir-rigward tal-kapaċità tal-benefiċjarju li jaċċessa s-swieq kapitali u jikkompeti fuq il-merti proprji tiegħu fl-2025, din ma tkunx ipperikolata, minħabba li l-pożizzjoni ta' ekwità xorta tkun pożittiva (EUR […] miljun) u l-proporzjon tad-dejn nett għall-EBITA ma jaqbiżx […], u jilħaq il-valur ta' […].

Konklużjoni dwar il-faċilitazzjoni tal-iżvilupp ta' attivitajiet u reġjuni ekonomiċi

(239) Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni tqis il-pjan ta' ristrutturar tal-benefiċjarju bħala realistiku, koerenti u kredibbli. Bħala tali, huwa adattat biex tiġi restawrata l-vijabbiltà fit-tul tal-benefiċjarju mingħajr dipendenza fuq aktar għajnuna mill-Istat f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Għalhekk, l-għajnuna għar-ristrutturar tissodisfa r-rekwiżiti previsti fil-punti 44(b) u (c) u 46 tal-Linji Gwida R&R, u b'hekk tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-attività ekonomika tas-servizzi tat-trasport bl-ajru li jgħaqqdu lill-Portugall, kif meħtieġ mill-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE.

6.4.2. *L-effetti pożittivi tal-għajnuna għar-reġjuni ekonomiċi jegħlbu l-effetti negattivi fuq il-kummerċ u l-kompetizzjoni*

(240) Sabiex jiġi valutat jekk l-għajnuna taffettwax indebitament il-kompetizzjoni u l-kundizzjonijiet tal-kummerċ, huwa neċessarju li jiġu eżaminati n-neċessità, l-adegwatezza u l-proporzjonalità tal-għajnuna, u li tiġi żgurata t-trasparenza. Huwa neċessarju wkoll li jiġu eżaminati l-effetti tal-għajnuna fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ u li l-effetti pożittivi tal-għajnuna għall-iżvilupp tal-attivitajiet u r-reġjuni ekonomiċi, kif ukoll effetti pożittivi oħra, li l-għajnuna għandha l-għan li tappoġġa, jiġu evalwati kontra l-effetti negattivi tagħha fuq is-suq intern.

([65]) Sors: Ir-rapport annwali ta' TAP Air Portugal għall-2019, il-paġna 53.

6.4.2.1. Neċessità

(241) Skont il-punt 53 tal-Linji Gwida R&R, l-Istati Membri li jkollhom l-intenzjoni li jagħtu għajnuna għar-ristrutturar iridu jipprovdu paragun ma' xenarju alternattiv kredibbli li ma jinvolvix għajnuna mill-Istat, li juri li l-iżvilupp tal-attivitajiet jew tar-reġjuni ekonomiċi mfittex mill-għajnuna, imsemmi fit-taqsima 3.1.1 tal-Linji Gwida R&R ma jkunx se jintlaħaq jew jintlaħaq fi grad anqas.

(242) L-objettiv tal-għajnuna għar-ristrutturar huwa li jiġi evitat li TAP SGPS ma tibqax fin-negozju, u b'hekk tiġi evitata sitwazzjoni ta' falliment tas-suq u tbatija soċjali li timpedixxi l-iżvilupp ta' servizzi tat-trasport bl-ajru li jgħaqqdu lill-Portugall. Dak l-objettiv jintlaħaq permezz tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar, parzjalment iffinanzjat mill-għajnuna għar-ristrutturar. Il-pjan ta' ristrutturar juri li kemm il-kwistjonijiet ta' likwidità kif ukoll dawk ta' solvenza tal-benefiċjarju jeħtieġ li jiġu indirizzati biex jiġu solvuti l-problemi finanzjarji tiegħu. Fuq medda qasira ta' żmien, TAP SGPS ma tistax tiżgura l-forniment kontinwu ta' trasport bl-ajru essenzjali, tikkonforma mal-obbligi finanzjarji jew ikollha aċċess għas-swieq finanzjarji. Fuq medda twila ta' żmien, minħabba l-ekwità negattiva kbira ta' EUR […] biljun li se tkompli għal perjodu fit-tul, TAP SGPS lanqas ma tista' tissodisfa l-obbligi finanzjarji tagħha. L-għajnuna għar-ristrutturar għalhekk hija meħtieġa għat-tlestija b'suċċess tal-pjan ta' ristrutturar, li l-implimentazzjoni tiegħu min-naħa tagħha tfittex li tiffaċilita l-iżvilupp ta' servizzi tat-trasport bl-ajru li jgħaqqdu lill-Portugall.

6.4.2.2. L-adegwatezza

(243) Skont il-punti 38(c) u 54 tal-Linji Gwida R&R, il-Kummissjoni mhux se tikkunsidra l-għajnuna għar-ristrutturar bħala kompatibbli mas-suq intern jekk miżuri oħra anqas distortivi jippermettu li jintlaħaq l-istess objettiv. L-għajnuna għar-ristrutturar trid tiġi remunerata b'mod xieraq u tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 58 tal-Linji Gwida R&R, sabiex l-istrumenti magħżula jkunu adegwati għall-kwistjoni tas-solvenza jew tal-likwidità li tkun maħsuba li tindirizza.

(244) Il-kompetituri kkontestaw is-sejba preliminari tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ li l-għajnuna għar-ristrutturar kienet xierqa fil-forma tagħha. Ryanair issostni li l-għajnuna ma hijiex xierqa, peress li d-deċiżjoni tal-ftuħ ma tippreżentax jew tqabbel l-għajnuna ma' opzjonijiet oħra li jinvolvu jew li ma jinvolvux għajnuna mill-Istat. EAA ssostni li l-forma tal-għajnuna, komposta prinċipalment minn injezzjoni ta' ekwità ma hijiex xierqa u tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju, peress li garanzija mill-Istat (mingħajr miżuri ta' ekwità) tkun suffiċjenti biex tiffaċilita l-aċċess għas-swieq kapitali u b'dan il-mod tirrestawra l-likwidità u s-solvenza ta' TAP. L-affermazzjoni ta' EAA ma hija ssostanzjata mill-ebda evidenza, filwaqt li Ryanair ma tqisx is-sitwazzjoni preżenti evidenzjata minn nuqqas ta' aċċess suffiċjenti għas-swieq kapitali biex jintgħażel investitur li jkun lest u kapaċi jipprovdi ekwità jew finanzjament fit-tul. B'kuntrast ma' dan, id-diskussjonijiet li jiżguraw finanzjament kemm immedjat kif ukoll kontinġenti ma' […] jikkorroboraw l-inkapaċità ta' TAP SGPS/TAP Air Portugal fil-preżent li jiġbru l-kapital fuq skala kbira ([66]).

(245) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għar-ristrutturar ta' EUR 2,55 biljun lil TAP SGPS hija xierqa fil-forma, għar-raġunijiet li ġejjin. L-ewwel nett, TAP SGPS kienet impriża f'diffikultà b'ekwità negattiva fl-2019 (EUR […] miljun). Hija rreġistrat telf ta' EUR […] biljun fl-2020 u tistenna dħul nett pożittiv […]. Fin-nuqqas tal-għajnuna għar-ristrutturar, il-benefiċjarju ma jkunx jista' jibni biżżejjed ekwità biex ipaċi l-madwar EUR […] biljun […], li mingħajrhom TAP SGPS jew TAP Air Portugal x'aktarx ma jkunux jistgħu jattiraw fondi sinifikanti ta' dejn jew ta' investiment fit-tul fis-swieq kapitali. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota wkoll li, fl-2025, il-benefiċjarju jistenna pożizzjoni ta' ekwità ta' EUR […] miljun, li ma hijiex eċċessiva meta mqabbla mad-dejn nett mistenni ta' EUR […] biljun. It-tieni, il-projezzjonijiet tal-likwidità juru li, fin-nuqqas tal-għajnuna għar-ristrutturar, il-benefiċjarju jkollu pożizzjoni ta' flus negattiva ta' madwar EUR […] biljun fl-2021, EUR […] biljun fl-2022 u EUR […] biljun fl-2023. Għal dawn iż-żewġ raġunijiet, il-Kummissjoni tikkonkludi li d-daqs u l-forma tal-għajnuna għar-ristrutturar ipprovduta prinċipalment permezz ta' miżuri ta' ekwità huma l-aktar xierqa biex jiġu indirizzati l-problemi ta' solvenza u ta' likwidità ta' TAP SGPS.

(246) Fir-rigward tar-remunerazzjoni tal-għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni tinnota li l-istruttura tal-intervent tal-Istat Portugiż hija tali li huwa se jkollu s-sjieda ta' 100 % tal-kapital azzjonarju ta' TAP Air Portugal. Il-Kummissjoni tqis il-valur ta' dak il-kapital azzjonarju, li l-Portugall jista' jirrealizza permezz ta' bejgħ, bħala r-remunerazzjoni tal-għajnuna mill-Istat. Biex tikkwantifika tali remunerazzjoni, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-ekwità ta' TAP Air Portugal (il-premessa (229)) abbażi tal-projezzjonijiet finanzjarji fil-pjan ta' ristrutturar innotifikat u billi bbażat fuq metodoloġiji ta' valwazzjoni standard, jiġifieri l-metodu tal-fluss tal-flus skontat u tal-multipli.

([66]) […].

(247) Biex tistma l-valur tal-ekwità ta' TAP Air Portugal, il-Kummissjoni l-ewwel stmat il-valur totali tal-intrapriża tagħha. Għal dak il-għan, hija skontat il-flussi tal-flus liberi lid-ditta (FCFF) matul il-perjodu ta' ppjanar, kif ukoll il-valur terminali, billi użat id-WACC imsemmi fil-premessa (230) bħala rata ta' skont. Il-Kummissjoni użat żewġ approċċi biex tikkalkula l-valur terminali. L-ewwel wieħed huwa l-approċċ tat-tkabbir ta' Gordon, li jassumi rata ta' tkabbir kostanti tal-flussi tal-flus liberi tal-kumpanija lid-ditta, mill-aħħar sena tal-pjan għal dejjem. It-tieni wieħed huwa l-metodu tal-multipli, li bih kumpanija tiswa multiplu tal-profitti tagħha. Il-Kummissjoni qieset l-EBITDA bħala l-metrika tal-profitt rilevanti, f'konformità mal-prattika tas-suq, u ġabet il-valur tal-intrapriża (li jħares 'il quddiem) għall-multiplu tal-EBITDA minn linji tal-ajru pari (in-nota f'qiegħ il-paġna 61). Wara li stmat il-valur totali tal-intrapriża ta' TAP Air Portugal, il-Kummissjoni tikkalkula l-valur tal-ekwità tagħha billi tnaqqas id-dejn nett.

(248) L-istimi tal-Kummissjoni juru żieda fil-valur tal-ekwità ta' TAP Air Portugal matul il-perjodu ta' ppjanar, li jiżdied minn EUR […] – EUR […] miljun fl-2022 għal EUR […] miljun fl-2025 ([67]). Il-Kummissjoni tqis li din hija aspettattiva raġonevoli, fil-preżent, tar-remunerazzjoni li l-Portugall jista' jaqla' fuq l-għajnuna mill-Istat billi jbigħ is-sehem tiegħu f'TAP Air Portugal.

(249) Minn dan isegwi li l-għajnuna għar-ristrutturar hija adegwata fil-forma u remunerata b'mod suffiċjenti.

6.4.2.3. Il-proporzjonalità tal-għajnuna: il-kontribuzzjoni proprja u l-kondiviżjoni tal-piżijiet

(250) Skont il-punt 38(e) tal-Linji Gwida R&R, l-għajnuna ma tridx taqbeż il-minimu meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv imfittex mill-għajnuna għar-ristrutturar. L-ammont u l-intensità tal-għajnuna għar-ristrutturar iridu jkunu limitati għall-minimu strett neċessarju biex ikun jista' jitwettaq ir-ristrutturar, fid-dawl tar-riżorsi finanzjarji eżistenti tal-benefiċjarju, tal-azzjonisti tiegħu jew tal-grupp kummerċjali li jagħmel parti minnu (il-punt 61 tal-Linji Gwida R&R). B'mod partikolari, irid jiġi żgurat livell suffiċjenti ta' kontribuzzjoni proprja għall-kostijiet tar-ristrutturar u, fejn l-appoġġ mill-Istat jingħata f'forma li ttejjeb il-pożizzjoni ta' ekwità tal-benefiċjarju, il-kondiviżjoni tal-piżijiet. Il-valutazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti se tqis kwalunkwe għajnuna ta' salvataġġ mogħtija minn qabel.

(251) Il-kontribuzzjoni proprja tal-benefiċjarju għall-pjan ta' ristrutturar trid tkun reali u attwali u normalment jenħtieġ li tkun komparabbli mal-għajnuna mogħtija f'termini tal-effett fuq il-pożizzjoni ta' solvenza jew ta' likwidità tal-benefiċjarju. Skont il-punt 63 tal-Linji Gwida R&R, il-Kummissjoni jeħtieġ li tivvaluta jekk id-diversi sorsi ta' kontribuzzjoni proprja humiex reali u ħielsa mill-għajnuna. Skont il-punt 64 tal-Linji Gwida R&R, il-Kummissjoni normalment tqis il-kontribuzzjoni proprja bħala adegwata jekk din tkun tammonta għal aktar minn 50 % tal-kostijiet tar-ristrutturar.

(252) Il-Kummissjoni jeħtieġ li tivverifika jekk id-diversi sorsi ta' finanzjament għall-pjan deskritt fil-premessi (43) sa (45), ikunux ħielsa mill-għajnuna u reali, jiġifieri suffiċjentement ċerti li jimmaterjalizzaw matul l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar, esklużi l-profitti futuri mistennija. Il-kontribuzzjonijiet mill-Istat fil-pożizzjoni tiegħu ta' azzjonist ta' TAP SGPS u ta' TAP Air Portugal ma humiex ħielsa mill-għajnuna u ma jistgħux jitqiesu fil-valutazzjoni.

(253) Il-pagament ta' indennizzi għar-ristrutturar tax-xogħol għal EUR […] miljun, li minnhom EUR […] miljun diġà tħallsu fl-2021 (il-premessa (43)a), jirrigwarda kostijiet li huma pertinenti għat-tnaqqis tal-impjegati previst mill-pjan ta' ristrutturar. Dawn il-kostijiet huma immedjati, minħabba li TAP Air Portugal diġà temmet kuntratti tax-xogħol, bħala parti mill-aġġustament tad-daqs u r-ristrutturar tax-xogħol imwettqa minn April 2020 u minuri fi proporzjon tad-dħul li diġà ngħata sa Diċembru 2021. L-ammont globali ta' indennizzi relatati mat-terminazzjoni tal-kuntratti ta' impjieg bħala konsegwenza tar-ristrutturar huwa rrappurtat mill-Portugall bħala ugwali għal EUR […] miljun, li minnhom dawn imsemmija jitħallsu direttament minn TAP Air Portugal bi fluss ta' flus operatorju, filwaqt li EUR […] miljun se jiġu ffinanzjati effettivament mill-Istat b'riżorsi li jirriżultaw mis-self għall-għajnuna għas-salvataġġ. Għalhekk, il-parti tal-indennizzi għar-ristrutturar tax-xogħol li ma hijiex iffinanzjata mill-għajnuna mill-Istat, la mill-ekwità u lanqas mis-self garantit mill-Istat, tista' titqies bħala l-kontribuzzjoni proprja tal-benefiċjarju għal dawn il-kostijiet u tista' titqies bħala reali, jiġifieri attwali, skont it-tifsira tal-punt 63 tal-Linji Gwida R&R.

([67]) Biex tikkalkula l-valur terminali bl-użu tal-mudell tat-tkabbir ta' Gordon, il-Kummissjoni tassumi rata ta' tkabbir ta' 1,5 %, investiment perpetwu ugwali għad-deprezzament fl-2025, EBIT perpetwu ugwali għall-EBIT fl-2025 u bidliet żero fil-kapital operatorju nett. Fir-rigward tal-metodu tal-multipli, il-Kummissjoni rkuprat valur medjan tal-intrapriża għall-proporzjon tal-EBITDA (li jħares 'il quddiem) ta' 4.16 billi użat *data* dwar il-linji tal-ajru pari tal-benefiċjarju minn Capital IQ. Li jħares 'il quddiem ifisser il-previżjoni tal-analisti tas-suq tal-istokks tal-EBITDA fl-2025.

(254) Bl-istess mod, il-pagament tal-kontinġenzi assoċjati maċ-ċessjoni […] EUR […] miljun (il-premessa (43)f)), jirreferi għall-kontinġenzi (b'mod partikolari, […] % […], […] % […] % […]), li fil-kuntest taċ-ċessjoni permezz tal-bejgħ ta' dan l-assi se jitħallas minn TAP SGPS u mhux se jiġi mgħoddi lill-akkwirent. Dawn jikkostitwixxu ammont predefinit ta' skopertura li l-benefiċjarju se jassumi mir-riżorsi proprji tiegħu, għal ammont affordabbli bid-dħul immedjat u ferm akbar tiegħu fl-2022 mid-dħul tiegħu u mhux mill-għajnuna mill-Istat. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li dawn jistgħu jiġu inklużi wkoll bħala kontribuzzjoni proprja u li huma reali u attwali, minħabba l-impenn għaċ-ċessjoni ta' dan l-assi sal-2022 kif stabbilit fil-pjan ta' ristrutturar (il-premessa (29)).

(255) Fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi jew il-miżuri ta' kosteffiċjenza li jammontaw għal EUR […] miljun (il-premessa (43)), il-Kummissjoni tinnota li t-tnaqqis permanenti fil-kostijiet imġarrab jew magħmul possibbli minn fornituri jew klijenti esterni mal-benefiċjarju jista' jammonta għal sorsi reali u attwali ta' kontribuzzjoni proprja, dment li dawn jirriżultaw minn ftehimiet vinkolanti u jkunu effettivi u mhux riversibbli. B'mod partikolari, it-tnaqqis fil-kostijiet imġarrab mill-partijiet ikkonċernati fir-rigward ta' dan it-tip ta' ffrankar fil-kostijiet irid ikun effettiv, dejjiemi u mhux riversibbli biex jammonta għal sors reali u attwali ta' kontribuzzjoni proprja ([68]). Il-Kummissjoni diġà qieset li t-tnaqqis tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali stabbilit fil-ftehimiet innegozjati mill-ġdid mal-fornituri u mal-lokaturi jammonta għal sorsi reali ta' kontribuzzjoni proprja: meta mqabbla mat-termini tal-ftehimiet inizjali, huma jilliberaw riżorsi li huma disponibbli għall-finanzjament tal-kostijiet tar-ristrutturar li kieku kien ikollhom jintefqu fuq il-ħlas lura tal-ammonti pagabbli assoċjati ([69]). L-istess jgħodd fir-rigward tal-fornituri u l-akkwirenti li jimpenjaw b'mod sod jew jemendaw it-termini tal-kuntratti tagħhom u b'hekk jilliberaw riżorsi mill-benefiċjarju ([70])

(256) Fid-dawl tal-fatt li l-aktar minn […] -il kuntratt innegozjati mill-ġdid minn TAP Air Portugal huma bbażati fuq atti legalment vinkolanti, li minnhom EUR […] miljun rappreżentati minn kuntratti diġà implimentati u EUR […] miljun rappreżentati minn kuntratti diġà impenjati, dawn il-miżuri ta' ristrutturar operazzjonali jistgħu jitqiesu bħala kontribuzzjonijiet reali u attwali. Fil-fatt, tali miżuri jaqsmu l-piż finanzjarju tal-kostijiet tar-ristrutturar ta' TAP SGPS ma' fornituri li kieku jkunu intitolati għal ammonti pagabbli ogħla fuq ir-riżultati operattivi pożittivi tagħha.

(257) Bl-istess mod, il-kontribuzzjonijiet marbuta mal-eliminazzjoni gradwali tal-assi u n-negozjar mill-ġdid mal-manifatturi tat-tagħmir oriġinali (b'mod partikolari […]) sa EUR […] miljun (il-premessa (43)d), jirrappreżentaw ir-rikavat mill-bejgħ tal-assi, jiġifieri […] ([…]), […]. Fil-fatt, peress li dawn il-miżuri huma rikavati fi flus u kontribuzzjonijiet mir-riżorsi proprji tal-benefiċjarju li jirriżultaw mix-xerrejja ta' tagħmir jew assi, huma jistgħu jitqiesu bħala riżorsi reali li kkontribwew għar-ristrutturar. Barra minn hekk, tali kontribuzzjonijiet jistgħu jitqiesu bħala attwali, minħabba li huma diġà implimentati permezz ta' kuntratti ffirmati mal-kontropartijiet tal-benefiċjarju. L-istess raġunament japplika għall-finanzjament miksub għal-lokazzjoni ta' inġenji tal-ajru ġodda sa EUR […] miljun (il-premessa (43)c)), b'kont meħud tal-evidenza ppreżentata mill-Portugall tal-impenji dwar il-finanzjament fir-rigward ta' disat idnub u żewġ magni ffirmati bħala parti mill-pjan ta' ristrutturar.

(258) Fir-rigward tal-garanziji parzjali mill-Istat ipprovduti fil-kuntest ta' operazzjoni ta' ristrutturar, il-Kummissjoni qieset li l-porzjon li jifdal tar-riskju mġarrab mill-atturi tas-suq tammonta għal kontribuzzjoni valida u reali għall-kostijiet tar-ristrutturar ([71]). Għalhekk, il-porzjon ([…] %) tal-EUR […] miljun ta' finanzjament, li ma huwiex garantit mill-Istat, jiġifieri EUR […] miljun (il-premessa (43)e)), jista' jitqies bħala kontribuzzjoni reali u attwali ta' mutwanti tas-suq għall-kostijiet tar-ristrutturar. Bl-istess mod, il-finanzjament ġdid innegozjat ma' istituzzjoni finanzjarja privata ([…]) sa EUR […] miljun jammonta għal kontribuzzjoni reali u attwali, li tista' tiġi eżegwita […] 'il quddiem, kontinġenti fuq il-ħtiġijiet ta' likwidità li jaqbżu l-flussi tal-flus operatorji (il-premessa (43)e)).

([68]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' April 2021 fil-Kawża SA.58101 (2020/C) u SA.62043 (2021/N) – Il-Portugall - Għajnuna għas-salvataġġ u għajnuna għar-ristrutturar lill-Grupp SATA (ĠU C 223, 11.6.2021, p. 37), il-premessa 72; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Lulju 2021 fil-kawża SA.63203 (2021/N) – Il-Ġermanja - Għajnuna għar-ristrutturar għal Condor (għadha ma ġietx ippubblikata)" il-premessa 132 c");). Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2016 fil-kawża SA.40419 (2015/NN) – Għajnuna għar-ristrutturar għal Polzela (ĠU C 258, 15.7.2016, p. 3), il-premessa 119.

([69]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Ġunju 2015 dwar l-għajnuna mill-Istat li s-Slovenja qiegħda tippjana li timplimenta għall-Grupp Cimos (SA.37792 (2014/C) (ex 2013/N)) (ĠU L 59, 4.3.2016, p. 168), il-premessa 80.

([70]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Awwissu 2018 fil-kawża SA.51408 (2018/N) – Għajnuna lil Terramass B.V. (ĠU C 406, 19.11.2018, p. 10), il-premessi 22 u 71.

([71]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Awwissu 2021 fil-kawża SA.64175 (2021/N) – CNIM – Aide à la restructuration (ĠU C 450, 5.11.2021, p. 2), il-premessi 18 u 71.

(259) Fil-każ ta' bonds u self sindakat għal ammont totali ta' EUR […], imsemmija fil-premessa (43)g), id-differimenti jipprovdu l-benefiċċju tal-posponiment tal-pagamenti li kienu dovuti u li kieku kienu jkunu infurzabbli. Fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' ristrutturar maqbula b'differimenti tad-dejn li jżommu obbligu ta' rimborż tal-ammont prinċipali dovut, il-Kummissjoni tqis, għall-kuntrarju tal-argument inizjali tal-awtoritajiet Portugiżi, li l-kontribuzzjoni għall-kostijiet tar-ristrutturar hija anqas mill-ammont nominali differit u tikkonsisti fil-valur nett preżenti tal-iskedar mill-ġdid maqbul tal-pagamenti ([72]). Id-differimenti jinvolvu ammont ta' valur totali ta' EUR […] miljun ta' kontribuzzjoni reali. L-ammont jiġi stmat billi tiġi kkalkulata d-differenza fil-valur nett preżenti bejn il-ħlas lura fid-data tal-maturità jew il-ħlas lura immedjat fl-applikazzjoni tal-patti rrinunzjati, skontati bir-rata tal-imgħax tas-suq ([…]) […]: EUR […] miljun […], EUR […] miljun […], […] EUR […] miljun […].

(260) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-ammont totali li jista' jitqies bħala kontribuzzjoni reali u attwali mill-benefiċjarju huwa ta' EUR […] miljun, ugwali għal […] % tal-kostijiet tar-ristrutturar. Minn dawn, EUR […] miljun ġejjin minn finanzjament ġdid bil-kundizzjonijiet tas-suq ipprovduti mir-rikavat mill-bejgħ ta' […], lokazzjoni finanzjarja li tkopri […] inġenji tal-ajru u magni u finanzjament ġdid minn […] (il-premessa (43)). Dawn l-ammonti jistgħu jiżdiedu fi ħdan id-durata tal-pjan ta' ristrutturar bir-rikavat minn […] iżda, li l-ammont tagħhom, madankollu, ma jistax jiġi stmat u stabbilit b'ċertezza suffiċjenti biex jitqies bħala kontribuzzjoni proprja attwali mill-benefiċjarju għall-kostijiet tar-ristrutturar.

(261) F'konformità mal-punt 64 tal-Linji Gwida R&R, il-Kummissjoni tista' taċċetta kontribuzzjoni li ma tilħaqx il-50 % tal-kostijiet tar-ristrutturar biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali u f'każijiet ta' tbatija partikolari, jekk l-ammont ta' dik il-kontribuzzjoni jibqa' sinifikanti.

(262) Fiċ-ċirkostanzi attwali wara t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni tqis li jista' jkun ġustifikat, skont il-każ individwali, li l-kontribuzzjonijiet proprji jibqgħu taħt il-limitu ta' 50 % tal-kostijiet tar-ristrutturar, sakemm jibqgħu sinifikanti u jinkludu finanzjament ġdid addizzjonali bil-kundizzjonijiet tas-suq ([73]). Bħala indikazzjoni ta' livell li l-Kummissjoni tqis xieraq f'dan il-każ, fil-prattika tal-każ tagħha, il-Kummissjoni qieset li kontribuzzjoni proprja li tammonta għal 24 % tal-kostijiet tar-ristrutturar tista' tkun sinifikanti u, għalhekk, li għajnuna għar-ristrutturar li tammonta għal 76 % tal-kostijiet tar-ristrutturar tista' tkun proporzjonata ([74]).

(263) Il-Kummissjoni tqis li l-Portugall wera l-preżenza ta' ċirkostanzi eċċezzjonali. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-pandemija tal-COVID-19 u l-miżuri meħuda biex tiġi kkontrollata ħolqu ċirkostanzi eċċezzjonali għall-benefiċjarju, fil-kuntest ta' tfixkil serju tal-ekonomija skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE, b'impatt immedjat fuq is-setturi tal-mobbiltà u tat-trasport bl-ajru u l-kapaċità tiegħu li jżid il-finanzjament mis-suq. Peress li l-kontribuzzjoni proprja tammonta għal […] % tal-kostijiet tar-ristrutturar u nofsha huwa pprovdut bħala finanzjament ġdid, il-Kummissjoni tikkonkludi li f'dan il-każ ammont ta' kontribuzzjoni anqas minn 50 % huwa aċċettabbli.

(264) Skont il-punti 65 sa 67 tal-Linji Gwida R&R, l-appoġġ mill-Istat mogħti f'forma li ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' ekwità tal-benefiċjarju jista' jkollu l-effett li jipproteġi lill-azzjonisti u lill-krediturі subordinati mill-konsegwenzi tal-għażla tagħhom li jinvestu fil-benefiċjarju, u b'hekk joħloq periklu morali u jimmina d-dixxiplina tas-suq. Konsegwentement, l-għajnuna biex tkopri t-telf jenħtieġ li tingħata biss fuq termini li jinvolvu kondiviżjoni adegwata tal-piżijiet mill-investituri eżistenti u l-intervent mill-Istat jenħtieġ li jseħħ wara li t-telf ikun ġie kkontabilizzat b'mod sħiħ u attribwit lill-azzjonisti eżistenti u lid-detenturi ta' dejn subordinat. Kondiviżjoni adegwata tal-piżijiet tfisser ukoll li kwalunkwe għajnuna mill-Istat li ttejjeb il-pożizzjoni ta' ekwità tal-benefiċjarju jenħtieġ li tingħata fuq termini li jagħtu lill-Istat sehem raġonevoli miż-żidiet futuri fil-valur tal-benefiċjarju, fid-dawl tal-ammont ta' ekwità mill-Istat injettat meta mqabbel mal-ekwità li jifdal tal-kumpanija wara li jkun ġie kontabilizzat it-telf.

([72]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Lulju 2014 fil-każ SA.38324 (2014/N) – Spanja –- Għajnuna għar-ristrutturar għal Alestis (ĠU C 418, 21.11.2014, p. 6), il-premessa 82.

([73]) Il-Qafas Temporanju kif emendat, il-punti 3 u 14 bis.

([74]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' April 2007 rigward il-miżura ta' għajnuna imwettqa mill-Belġju favur l-InterFerryBoats (C 46/05 (ex NN 9/04 u ex N 55/05)) (ĠU L 225, 27.8.2009, p. 1), il-premessi 348-350. F'dak il-każ, il-Kummissjoni applikat il-Linji Gwida R&R tal-1999 li kienu jirrikjedu li l-kontribuzzjoni proprja kellha tkun sinifikanti, mingħajr ma speċifikat limitu minimu ta' applikazzjoni, li ġie stabbilit għal 50 % fil-Linji Gwida R&R tal-2004.

(265) F'dan ir-rigward, filwaqt li l-għajnuna għar-ristrutturar tikkonsisti prinċipalment f'injezzjonijiet jew fil-konverżjoni ta' strumenti ta' dejn f'ekwità, l-Istat Portugiż eżerċita kontroll konġunt fuq il-benefiċjarju bħala azzjonist qabel ma ngħatat l-għajnuna għas-salvataġġ u issa għandu interess kontrollanti kemm fuq il-benefiċjarju kif ukoll fuq TAP Air Portugal (il-premessi (8) sa (12)). Minn dan isegwi li l-Istat Portugiż kien assoċjat mill-qrib mal-għażliet strateġiċi u finanzjarji deskritti fil-premessi (19) sa (22) li wasslu lill-benefiċjarju biex isir impriża f'diffikultà. Għaldaqstant, bil-għan li jiġi evitat il-periklu morali permezz ta' kondiviżjoni adegwata tal-piżijiet, huwa pertinenti li jiġi nnotat li l-intervent tal-Istat bħala fornitur ta' għajnuna għar-ristrutturar jindirizza sitwazzjoni ta' żbilanċi finanzjarji u telf li l-Istat kien assoċjat magħha bħala azzjonist b'kontroll konġunt fuq il-benefiċjarju. Kif indikat mill-Portugall, TAP SGPS se […] (il-premessa (45)).

(266) Minn dan isegwi li l-azzjonisti eżistenti tal-benefiċjarju, inkluż l-Istat Portugiż, se jaqsmu adegwatament il-piż tar-ristrutturar minħabba li, fil-prattika, il-valur tal-parteċipazzjonijiet preżenti tagħhom se jitnaqqas għal żero fl-assorbiment tat-telf. Barra minn hekk, TAP SGPS se ċċedi progressivament is-sussidjarji operattivi tagħha Cateringpor, Groundforce, M&E Brazil, u b'hekk titbattal minn attivitajiet kummerċjali. B'riżultat ta' dan, l-għajnuna għar-ristrutturar fil-forma ta' ekwità mill-Istat se tingħata fuq termini li jagħtu lill-Istat iż-żidiet futuri kollha fil-valur tal-benefiċjarju, meta mqabbel mal-ekwità li jifdal, u b'hekk tiġi ssodisfata l-kundizzjoni ta' kondiviżjoni adegwata tal-piżijiet tal-azzjonisti eżistenti stabbilita fil-punt 67 tal-Linji Gwida R&R.

(267) Fil-fatt, l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-investituri li għandhom bonds li huma kredituri tal-benefiċjarju u/jew is-sussidjarji tiegħu msemmija fil-premessi (67)a) u (43)g) għandhom dejn superjuri li la huwa subordinat għall-pagament ta' dejn finanzjarju ieħor iżda qabel l-azzjonisti fil-każ ta' insolvenza jew likwidazzjoni u lanqas ta' assorbiment tat-telf. Filwaqt li l-Linji Gwida R&R ma jirrikjedux li l-kredituri superjuri jikkondividu l-piż ta' operazzjoni ta' ristrutturar, f'dan il-każ, id-detenturi tal-bonds u l-istituzzjonijiet finanzjarji fil-fatt jikkontribwixxu biex ikopru l-kostijiet tar-ristrutturar tal-benefiċjarju (il-premessa (259)).

(268) Barra minn hekk, fir-rigward tad-detenturi tal-bonds u bil-għan li jiġi evitat il-periklu morali, huwa xieraq li jiġi nnotat li l-ħruġ tal-bonds tal-benefiċjarju seħħ f'Ġunju u f'Diċembru 2019 (il-premessa (23)), relattivament qrib il-pandemija. Għaldaqstant, dawn l-investituri jew il-mutwanti ma ffinanzjawx jew inċentivaw b'xi mod ieħor it-teħid ta' riskju eċċessiv jew l-espansjoni jew imġiba kummerċjali li kkontribwew għad-diffikultà tal-benefiċjarju. Minn dan isegwi li l-kondiviżjoni tal-piżijiet ipprovduta mill-azzjonisti eżistenti tal-benefiċjarju hija adegwata u suffiċjenti.

(269) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-għajnuna għar-ristrutturar hija proporzjonata u tinvolvi kondiviżjoni xierqa tal-piżijiet.

6.4.2.4. Effetti negattivi

(270) Skont il-punt 38(f) tal-Linji Gwida R&R, meta tingħata għajnuna għar-ristrutturar, iridu jittieħdu miżuri biex jiġu limitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, preferibbilment strutturali fil-forma ta' ċessjonijiet ta' attivitajiet awtonomi li jiffavorixxu l-espansjoni ta' kompetituri żgħar jew l-attività transfruntiera. Barra minn hekk, biex jitnaqqsu l-effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ, ir-riċevituri tal-għajnuna għas-salvataġġ jew għar-ristrutturar jenħtieġ li fil-prinċipju ma jkunux irċevew ukoll għajnuna simili fl-aħħar għaxar snin għax, kieku, pjanijiet ta' salvataġġ jew ta' ristrutturar rikorrenti jitfgħu dubji dwar il-kapaċità tal-benefiċjarju li jikkontribwixxi produttività aggregata u b'hekk, l-iżvilupp tal-attivitajiet jew tar-reġjuni ekonomiċi inkwistjoni, filwaqt li kompetituri aktar effiċjenti fis-suq intern jiffaċċjaw kompetizzjoni ssussidjata minn kumpanija li altrimenti kienet tisparixxi u b'hekk tillibera s-suq biex jikber u jkun involut.

6.4.2.5. Il-prinċipju ta' "darba u tal-aħħar"

(271) Skont il-punti 70 u 71 tal-Linji Gwida R&R, l-għajnuna tista' tingħata lil impriżi f'diffikultà fir-rigward ta' operazzjoni waħda biss ta' salvataġġ jew ristrutturar. Għalhekk, fejn ikunu għaddew anqas minn għaxar snin minn meta l-għajnuna għas-salvataġġ, l-għajnuna għar-ristrutturar jew l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar kienu ngħataw lill-benefiċjarju fil-passat, inkluża kwalunkwe għajnuna bħal din mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tal-Linji Gwida R&R u kwalunkwe għajnuna mhux notifikata, il-Kummissjoni mhux se tippermetti aktar għajnuna (il-prinċipju ta' "darba u tal-aħħar").

(272) Minbarra d-dikjarazzjoni tal-Portugall f'dak is-sens, il-verifika tar-rekords tal-Kummissjoni turi li matul dawn l-aħħar 10 snin, l-ebda waħda mill-kumpaniji fi ħdan l-unità ekonomika benefiċjarja (li tinkludi lil TAP SGPS, il-kumpanija oħt attwali tagħha TAP Air Portugal, u s-sussidjarji kkontrollati kollha tagħhom), ma bbenefikat minn xi għajnuna oħra għas-salvataġġ, għajnuna għar-ristrutturar jew appoġġ temporanju għar-ristrutturar. L-EUR 1,2 biljun ta' għajnuna għas-salvataġġ li ġiet approvata bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2021 tifforma parti mill-operazzjoni unika ta' ristrutturar appoġġata mill-għajnuna għar-ristrutturar, skont il-punt 72(a) tal-Linji Gwida R&R.

(273) F'April u f'Diċembru 2021, il-Kummissjoni ma qajmet l-ebda oġġezzjoni għall-kumpens għad-danni skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE lil TAP Air Portugal (in-nota f'qiegħ il-paġna 14). Madankollu, kif innotat fil-punt 15 tal-Qafas Temporanju, il-prinċipju ta' "darba u tal-aħħar" stabbilit fil-Linji Gwida R&R ma jkoprix għajnuna li l-Kummissjoni tiddikjara bħala kompatibbli skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE, peress li din it-tip ta' għajnuna tal-aħħar ma hijiex "għajnuna għas-salvataġġ, għajnuna għar-ristrutturar jew appoġġ temporanju għar-ristrutturar" skont it-tifsira tal-punt 71 tal-Linji Gwida R&R.

6.4.2.6. Miżuri li jillimitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni

(274) Kif spjegat fil-punti 87 sa 93 tal-Linji Gwida R&R, il-miżuri ta' kompetizzjoni jenħtieġ li jiġu stabbiliti b'mod proporzjonali għall-effetti distortivi tal-għajnuna, u b'mod partikolari: (i) għad-daqs u n-natura tal-għajnuna u l-kundizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi li fihom tingħata; (ii) għad-daqs u l-importanza relattiva tal-benefiċjarju fis-suq u l-karatteristiċi tas-suq ikkonċernat u (iii) għall-punt sa fejn jibqa' tħassib dwar il-periklu morali wara l-applikazzjoni tal-kontribuzzjoni proprja u l-miżuri ta' kondiviżjoni tal-piżijiet.

(275) Il-miżuri strutturali jistgħu jinkludu ċ-ċessjoni ta' assi, it-tnaqqis tal-kapaċità jew tal-preżenza fis-suq. Huma għandhom jiffavorixxu d-dħul ta' kompetituri ġodda, l-espansjoni ta' kompetituri żgħar eżistenti jew ta' attività transfruntiera, b'kont meħud tas-suq jew tas-swieq fejn il-benefiċjarju jkollu pożizzjoni sinifikanti fis-suq wara r-ristrutturar, b'mod partikolari dawk b'kapaċità eċċessiva. Il-miżuri ta' mġiba għandhom jiżguraw li l-għajnuna tiffinanzja biss ir-restawr tal-vijabbiltà fit-tul.

(276) Kif stabbilit fid-dettall fil-premessi (75) sa (98), il-Portugall jimpenja ruħu li TAP SGPS tieħu l-miżuri li ġejjin matul il-perjodu ta' ristrutturar sabiex tillimita d-distorsjoni tal-kompetizzjoni kkawżata mill-għajnuna:

(a) iċ-ċessjoni tal-ishma ta' TAP SGPS f'negozji mhux ewlenin, jiġifieri l-groundhandling (Groundforce), il-manutenzjoni (M&E Brasil) u l-catering (Cateringpor);

(b) limitu massimu fuq il-flotta tal-inġenji tal-ajru li ma jaqbiżx massimu ta' [90-100] inġenju tal-ajru;

(c) it-trasferiment sa 18-il slot ta' kuljum lil kompetitur reali jew potenzjali wieħed fl-ajruport ta' Liżbona;

(d) projbizzjoni fuq l-akkwiżizzjonijiet u

(e) projbizzjoni fuq ir-reklamar.

(i) Valutazzjoni taċ-ċessjoni tan-negozji mhux ewlenin

(277) Il-Kummissjoni tosserva li Groundforce u Cateringpor kienu kumpaniji li jagħmlu l-profitt u kienu vijabbli sal-2019. Id-diffikultajiet li qed jesperjenzaw dawn il-kumpaniji bħalissa huma biss minħabba l-kriżi tal-COVID-19, li affettwat b'mod negattiv lis-settur tal-avjazzjoni b'mod ġenerali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota b'mod pożittiv stima ta' EUR […] miljun tal-valur tas-sehem ta' TAP SGPS fi […], kif ukoll l-interess ta' investituri potenzjali fl-akkwiżizzjoni ta' […]. Interess bħal dan mill-investituri jissuġġerixxi li l-bejgħ ta' […] bħala negozju avvjat, segwit mir-ristrutturar tagħha u r-ritorn għall-vijabbiltà hekk kif is-suq tal-avjazzjoni jirkupra, huwa xenarju realistiku. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tikkonkludi li ċ-ċessjoni tal-ishma ta' TAP SGPS f'Cateringpor u Groundforce tissodisfa r-rekwiżiti tal-punt 80 tal-Linji Gwida R&R, peress li dawk iż-żewġ kumpaniji, li bħalissa qed jesperjenzaw diffikultajiet finanzjarji minħabba l-kriżi kkawżata mill-COVID-19 fis-settur tal-avjazzjoni, se jkunu jistgħu jikkompetu b'mod effettiv fuq medda twila ta' żmien, jekk jiġu operati minn akkwirent xieraq li jkun jista' jirristrutturahom u jreġġagħhom lura għall-vijabbiltà fuq perjodu fit-tul.

(278) Il-Kummissjoni tqis ukoll iċ-ċessjoni tal-ishma ta' TAP SGPS f'Cateringpor u Groundforce bħala miżura li tillimita d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Ir-raġunijiet għal dik il-valutazzjoni huma li ż-żewġ kumpaniji msemmija hawn fuq huma integrati vertikalment fi ħdan il-grupp TAP SGPS u jirrappreżentaw il-fornitur ewlieni tagħha għas-servizzi tal-catering u tal-groundhandling. Iċ-ċessjoni ta' Cateringpor u Groundforce għalhekk se tippermetti lil kumpaniji oħra minbarra TAP SGPS li jikkompetu fis-swieq rispettivi tagħhom u jservu d-domanda kbira għas-servizzi ta' TAP SGSP. Għaldaqstant, dawk iċ-ċessjonijiet jikkostitwixxu miżuri validi li jimmitigaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

(279) B'kuntrast ma' dan, il-Kummissjoni ma taċċettax iċ-ċessjoni ta' M&E Brasil bħala miżura li tillimita d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, minħabba li hija kumpanija li storikament tagħmel it-telf li d-diffikultajiet tagħha bdew qabel il-kriżi tal-COVID-19 (il-premessa (77)). Bħala tali, iċ-ċessjoni ta' tali kumpanija hija pjuttost miżura biex tiġi restawrata l-vijabbiltà fit-tul, f'konformità mal-punt 78 tal-Linji Gwida R&R.

(ii) Valutazzjoni tal-limitu massimu tal-flotta tal-inġenji tal-ajru

(280) Fost il-miżuri biex titnaqqas il-preżenza fis-suq jew il-kapaċità hemm il-limitu massimu tad-daqs tal-flotta ta' [90-100] inġenju tal-ajru sal-2025. Tali limitu massimu jirrappreżenta tnaqqis ta' […] inġenju tal-ajru, meta mqabbel mad-daqs tal-flotta ta' TAP Air Portugal fl-2019. Il-Portugall juri li l-limitu massimu huwa effettiv biex tiġi limitata l-preżenza fis-suq ta' TAP Air Portugal, li mhux se jkollha għadd suffiċjenti ta' inġenji tal-ajru biex tissodisfa b'mod sħiħ id-domanda tat-traffiku fl-2025 skont il-previżjonijiet tal-IATA ta' Ottubru 2021 ([75]) fix-xenarju bażi. B'riżultat ta' dan, il-benefiċjarju se jkollu preżenza mnaqqsa fis-suq mhux biss b'referenza għall-flotta tal-inġenji tal-ajru qabel ir-ristrutturar iżda wkoll b'referenza għall-pożizzjoni probabbli tiegħu fis-suq fi tmiem il-perjodu ta' ristrutturar. Barra minn hekk, dan it-tnaqqis fil-flotta tal-inġenji tal-ajru huwa konformi mal-miżuri ta' kompetizzjoni li l-Kummissjoni qieset adegwati fil-każ tar-ristrutturar tal-linji tal-ajru ([76]).

(281) Meta jitqiesu d-daqs u d-durata tat-tnaqqis tal-flotta u l-limitazzjonijiet li jimponi fuq l-operazzjonijiet tal-benefiċjarju, il-Kummissjoni tqis il-limitu massimu tad-daqs tal-flotta ta' [90-100] inġenju tal-ajru bħala miżura valida biex jitnaqqsu l-preżenza fis-suq u l-kapaċità.

(iii) Valutazzjoni tal-impenn għat-trasferiment ta' slots fl-ajruport ta' Liżbona

(282) Kif imfakkar fil-punt 78 tal-Linji Gwida R&R, il-miżuri biex jiġu limitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni jenħtieġ li jitwettqu b'mod partikolari fis-suq jew fis-swieq fejn l-impriża se jkollha pożizzjoni sinifikanti fis-suq wara r-ristrutturar. Meta jitqies li TAP Air Portugal bħalissa għandha u se żżomm pożizzjoni sinifikanti fis-suq fl-ajruport ta' Liżbona wara r-ristrutturar (ara l-premessa (32)), il-Portugall ippropona miżura strutturali speċifika biex jiġu limitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li jirriżultaw mill-għajnuna fuq is-servizzi tat-trasport bl-ajru tal-passiġġieri lejn u mill-ajruport ta' Liżbona.

Ambitu tal-impenn għat-trasferiment ta' slots fl-ajruport ta' Liżbona

(283) Skont il-punt 80 tal-Linji Gwida R&R, il-miżuri strutturali biex jiġu limitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni jenħtieġ li normalment jieħdu l-forma ta' ċessjonijiet fuq bażi ta' negozju avvjat ta' negozji awtonomi vijabbli li, jekk jiġu operati minn akkwirent xieraq, jistgħu jikkompetu b'mod effettiv fuq medda twila ta' żmien.

(284) Fit-3 ta' Diċembru 2021, il-Portugall ippropona impenn strutturali, li permezz tiegħu TAP Air Portugal tittrasferixxi lil riċevitur ta' rimedju sa 18-il slot ta' kuljum fl-ajruport ta' Liżbona abbażi tal-Artikolu 8b tar-Regolament dwar is-Slots. Ir-riċevitur tar-rimedju se jiġi approvat wara sejħa għal proposti ppubblikata mill-fiduċjarju tal-monitoraġġ.

([75]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 34.

([76]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Marzu 2007 fil-Kawża SA.20100 (C10/2006, ex N555/2005) Ristrutturar għal Cyprus Airways (ĠU L 49, 22.2.2008, p. 25), il-premessi 129 sa 133; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Settembru 2012 fil-Kawża SA.30908 (2011/C, ex N 176/2010) implimentata mir-Repubblika Ċeka għal České aerolinie, a.s. (ĠU L 92, 3.4.2013, p. 16), il-premessa 139; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ġunju 2012 fil-Kawża SA33015 (2012/C, ex 2011/N) Air Malta plc. (ĠU L 301, 30.10.2012, p. 29), il-premessa 130; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Lulju 2021 fil-Kawża SA.63203 (2021/N) – Il-Ġermanja - Għajnuna għar-ristrutturar għal Condor, għadha ma ġietx ippubblikata, il-premessa 145; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2020 fil-Kawża SA 58463 (2020/N) – Għajnuna għar-ristrutturar għal Corsair (ĠU C 41, 5.2.2021, p. 8), il-premessi 5, 34, 88 b) u 93.

(285) L-għan prinċipali tal-impenn strutturali fl-ajruport ta' Liżbona huwa li jiġi żgurat li TAP Air Portugal tittrasferixxi s-slots (drittijiet) meħtieġa għall-istabbiliment jew l-espansjoni ta' bażi operattiva minn kompetitur fl-ajruport konġestjonat fejn TAP Air Portugal għandha pożizzjoni sinifikanti fis-suq (l-ajruport ta' Liżbona) u li jinħolqu l-kundizzjonijiet biex tiġi sostnuta kompetizzjoni effettiva fit-tul f'dak l-ajruport. ([77]) Kif spjegat aktar fid-dettall hawn taħt, il-Kummissjoni tqis li dan l-għan jintlaħaq, billi l-impenn strutturali jgħaqqad (i) volum sinifikanti ta' slots (jiġifieri sa 18-il slot ta' kuljum), filwaqt li normalment ma jkun disponibbli l-ebda volum ta' slots bħal dan għad-dħul jew l-espansjoni fl-ajruport ta' Liżbona, b'mod partikolari fl-aktar ħinijiet beżlin tal-ġurnata jew fl-aktar ġimgħat beżlin; ([78]) u (ii) kundizzjonijiet adegwati għat-trasferiment ta' slots lil riċevitur ta' rimedju (jiġifieri trasferiment mingħajr ħlas u mingħajr kundizzjonijiet).

(286) Skont il-Memorandum ta' Spjegazzjoni għall-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Unjoni Ewropea, ([79]) *"kompetitur b'saħħtu li jibda jopera f'ajruport speċifiku jkun jeħtieġlu jibni portafoll ta' slots vijabbli biex ikun jista' realment jikkompeti mat-trasportatur dominanti f'dan l-ajruport (normalment it-trasportatur "nazzjonali")."*

(287) In-nuqqas ta' aċċess għas-slots jikkostitwixxi ostaklu sinifikanti għad-dħul jew għall-espansjoni fl-ajruporti l-aktar traffikużi tal-Ewropa. ([80]) In virtù tar-Regolament dwar is-Slots, is-slots huma essenzjali għall-operazzjonijiet tal-linji tal-ajru peress li trasportaturi tal-ajru biss li għandhom slots huma intitolati li jiksbu aċċess għas-servizzi tal-infrastruttura tal-ajruport ipprovduti mill-maniġers tal-ajruporti ta' ajruporti kkoordinati u, konsegwentement, li joperaw rotot lejn jew minn dawn l-ajruporti. Skont ir-Regolament dwar is-Slots, is-slots jistgħu jiġu skambjati jew ittrasferiti biss bejn il-linji tal-ajru f'ċerti ċirkostanzi speċifikati, soġġett għall-konferma espliċita mill-koordinatur tas-slots skont ir-Regolament dwar is-Slots.

(288) L-impenn li jikkonsisti fit-trasferiment ta' slots fl-ajruport ta' Liżbona għalhekk ineħħi l-ostaklu ewlieni għad-dħul u għall-espansjoni tal-kompetituri ta' TAP Air Portugal f'dak l-ajruport konġestjonat ħafna. Id-*data* miġbura mill-koordinatur Portuġiż tas-slots (Navegação Aérea de Portugal – NAV Portugal) turi li t-talbiet għas-slots fl-ajruport ta' Liżbona jaqbżu l-kapaċità disponibbli, ([81]) u li t-talbiet għal slots addizzjonali meħtieġa biex jiżdiedu materjalment l-operazzjonijiet fl-ajruport ta' Liżbona ma jistgħux jiġu akkomodati permezz tal-ħidma normali tal-proċedura ġenerali ta' allokazzjoni tas-slots, minħabba ġabra insuffiċjenti ta' slots mhux użati u l-allokazzjoni frammentata tal-ġabra ta' slots, li jagħmilha improbabbli li twassal għall-holqien ta' kompetitur b'saħħtu.

(289) Il-Kummissjoni tqis li impenn li TAP Air Portugal tittrasferixxi slots fl-ajruport konġestjonat fejn hija għandha pożizzjoni sinifikanti fis-suq, biex il-kompetituri jkunu jistgħu jistabbilixxu jew jespandu bażi, huwa l-aktar miżura ta' kompetizzjoni effettiva sabiex jiġu minimizzati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Barra minn hekk, minħabba pereżempju l-kriżi tal-industrija tal-avjazzjoni, li tista' twassal biex l-assi l-oħra meħtieġa biex jiġu operati s-slots trasferiti (eż. l-inġenji tal-ajru) ikunu disponibbli fis-suq b'termini attraenti għall-perjodu sħiħ ta' implimentazzjoni tal-impenji, il-fokus fuq is-slots fl-ambitu tal-pakkett li għandu jiġi offrut minn TAP Air Portugal ma jaffettwax il-vijabbiltà u l-kompetittività tagħha. ([82])

(290) Barra minn hekk, minħabba l-fatt li l-ħolqien jew l-espansjoni ta' bażi minn trasportatur kompetitur jimplikaw bidliet strutturali fix-xenarju kompetittiv fl-ajruport ta' Liżbona, il-Kummissjoni tirrikonoxxi n-natura strutturali tal-impenn ippreżentat mill-Portugall.

([77]) Il-Kummissjoni tinnota li hemm nuqqas ta' postijiet ta' parkeġġ tal-inġenji tal-ajru fl-ajruport ta' Liżbona, li jirriżulta f'regola lokali (https://www.nav.pt/en/slot-coordination-portugal/local-rules). Fl-1 ta' Diċembru 2021, l-awtoritajiet Portuġiżi kkonfermaw li kienu ġew infurmati mill-maniġer tal-ajruport ta' Liżbona li l-aċċess għall-infrastruttura tal-ajruport (inklużi l-postijiet tal-parkeġġ) kien se jkun disponibbli għar-riċevitur tar-rimedju.

([78]) Bħala eżempji, skont NAV Portugal, […].

([79]) COM/2011/827 final tal-1 ta' Diċembru 2011.

([80]) Ara pereżempju l-Kawża SA.57153 – *Il-Ġermanja – COVID-19 – Għajnuna lil Lufthansa*, il-premessa (224).

([81]) Bħala eżempju, skont NAV Portugal, it-talbiet inizjalment ippreżentati mil-linji tal-ajru kollha fl-ajruport ta' Liżbona għall-Istaġun tal-IATA tas-Sajf 2020 kienu jirrappreżentaw 167 264 slot, filwaqt li fil-bidu tal-istaġun, ġew allokati 121 331 slot.

([82]) Il-Kummissjoni fil-prattika deċiżjonali tagħha f'każijiet ta' fużjoni u antitrust aċċettat impenji oħra (eż. ftehimiet prorata speċjali jew aċċess għall-programmi ta' frequent flyers), bil-għan li jitneħħew ċerti ostakli għad-dħul jew għall-espansjoni fuq rotot speċifiċi, bħan-nuqqas ta' aċċess għat-traffiku alimentatur jew għall-passiġġieri kummerċjali (ħafna drabi membri tal-programmi ta' frequent flyers). F'dan il-każ, l-ostaklu rilevanti jikkonsisti fin-nuqqas ta' aċċess għall-infrastruttura kkonġestjonata tal-ajruport, li trasferiment ta' slots biss jista' jirrimedja b'mod effettiv.

(291) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-impenn li jikkonsisti fi trasferiment ta' slots huwa miżura xierqa biex jiġu minimizzati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni minħabba li se jippermetti kompetizzjoni strutturali ma' TAP Air Portugal għall-forniment ta' servizzi tat-trasport bl-ajru tal-passiġġieri lejn u mill-ajruport ta' Liżbona, fejn din għandha pożizzjoni fis-suq sinifikanti.

(292) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li l-ammont ta' 18-il slot kuljum huwa suffiċjenti biex ir-riċevitur tar-rimedju jistabbilixxi jew jespandi b'mod vijabbli l-operazzjonijiet ibbażati tiegħu fl-ajruport ta' Liżbona billi, pereżempju, jibbaża tliet inġenji tal-ajru u jopera tliet rotazzjonijiet kuljum b'kull wieħed minnhom. ([83]) Jekk ir-riċevitur tar-rimedju jkun trasportatur fuq distanzi twal, it-18-il slot kuljum jippermettulu li jibbaża għadd akbar ta' inġenji tal-ajru jew li jikseb aċċess għas-slots meħtieġa biex jopera titjiriet alimentaturi. Peress li s-slots ma humiex marbuta ma' xi rotta speċifika, il-linji tal-ajru jistgħu jużawhom skont il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tagħhom (jiġifieri fuq kwalunkwe rotta tal-għażla tagħhom). Dan jippermetti lir-riċevitur tar-rimedju li jikseb ekonomiji ta' skala u ambitu u li jikkompeti b'mod aktar effettiv ma' TAP Air Portugal. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li ż-żieda ta' tliet inġenji tal-ajru minn xi wieħed miż-żewġ kompetituri ta' TAP Air Portugal li jibbażaw l-akbar flotta fl-ajruport ta' Liżbona (jiġifieri Ryanair u easyJet) diġà żżid il-flotta bbażata tagħhom b'aktar minn 40 %, li ġġib kompetizzjoni effettiva addizzjonali sostanzjali fl-ajruport ta' Liżbona.

(293) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li d-daqs tal-pakkett ta' slots li għandu jiġi trasferit taħt l-impenn strutturali huwa xieraq u effettiv biex tissaħħaħ il-kompetizzjoni fl-ajruport ta' Liżbona billi jiskatta d-dħul effiċjenti ta' kompetitur ibbażat ġdid jew l-espansjoni ta' kompetitur diġà bbażat.

(294) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tqis li t-trasferiment ta' slots minn TAP Air Portugal lir-riċevitur ta' rimedju abbażi tal-Artikolu 8b tar-Regolament dwar is-Slots, kif stabbilit fl-impenn propost mill-Portugall, huwa xieraq kemm legalment kif ukoll operazzjonalment.

(295) L-Artikolu 8b tar-Regolament dwar is-Slots jippermetti legalment li s-slots jiġu trasferiti f'ċerti kuntesti mingħajr ma jsir disponibbli kumpens monetarju għad-detentur tas-slots oriġinali. Dawk il-kuntesti jinkludu s-slots trasferiti bħala parti mill-impenji offruti mill-Istat Membru rilevanti f'deċiżjoni finali dwar l-għajnuna mill-Istat. F'każ bħal dan, it-trasferiment ta' slots jista' jitqies bħala meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni. Mill-perspettiva tal-linja tal-ajru meħtieġa li tittrasferixxi slots jew diretta dwar kif tużahom, l-impenn mill-Istat Membru jew kundizzjoni imposta fuqha għandhom forza obbligatorja *de facto* għall-Istat Membru, peress li huwa biss billi tikkonforma mal-impenn jew mal-kundizzjoni li l-linja tal-ajru tista' tirċievi għajnuna mill-Istat kompatibbli. ([84])

(296) Minn perspettiva operazzjonali, is-slots jiġu trasferiti fuq bażi libera u mingħajr kundizzjonijiet, li jippermetti lir-riċevitur tar-rimedju jagħżel il-ħinijiet tas-slots li jaqblu l-aħjar mal-operazzjonijiet il-ġodda jew estiżi tiegħu fl-ajruport ta' Liżbona u li juża s-slots ittrasferiti b'mod flessibbli fuq kwalunkwe rotta lejn jew mill-ajruport ta' Liżbona. It-trasferiment ta' slots mingħajr ebda kundizzjoni ta' użu għalhekk jippermetti lir-riċevitur tar-rimedju (i) li jalloka s-slots trasferiti skont il-mudell ta' negozju tiegħu, u b'hekk jiżgura tkabbir aktar sostenibbli; (ii) li jalloka s-slots sabiex jimmassimizza l-ekonomiji ta' ambitu u densità; u (iii) li jaġġusta għall-evoluzzjoni tad-domanda jekk is-servizzi fuq ir-rotot inizjalment ippjanati ma jibqgħux profittabbli, li huwa essenzjali fi żmien fejn id-domanda għas-servizzi tat-trasport bl-ajru tal-passiġġieri hija volatili ħafna.

([83]) Abbażi tal-profil tas-slots ta' Liżbona użati nhar ta' Tnejn f'Awwissu 2019 mid-disa' inġenji tal-ajru bbażati fl-ajruport ta' Liżbona minn Ryanair u easyJet fl-2019, il-Portugall jistma li kull wieħed mill-inġenji tal-ajru bbażati juża medja ta' 5.55 slots kuljum. L-inġenji tal-ajru bbażati ta' TAP jużaw materjalment anqas slots kuljum bħala medja.

([84]) Għalkemm l-Artikolu 8b tar-Regolament dwar is-Slots ma jsemmix espliċitament ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, kif jagħmel għar-regoli dwar il-fużjonijiet jew dwar l-antitrust, l-Artikolu 8b jista' jinftiehem bħala li jinkludi r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Fil-fatt, l-Artikolu 8b ikopri l-limitazzjonijiet, ir-restrizzjonijiet jew l-eliminazzjonijiet ta' slots imposti skont id-dritt tal-Unjoni (l-ewwel sentenza) u dawn jinkludu dawk il-passi li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali tal-kompetizzjoni, l-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE u r-Regolament dwar l-Għaqdiet (it-tieni sentenza), iżda ma humiex limitati għal dawk l-istanzi, kif muri mill-ewwel sentenza tal-Artikolu 8b u l-premessa 17 tar-Regolament (KE) Nru 793/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 dwar regoli komuni għall-allokazzjoni ta' perjodi ta' użu fl-iskeda tal-ajruporti tal-Komunità (*"Biex jiġi evitat dubju, għandu jkun speċifikat li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament hija mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' kompetizzjoni tat-Trattat, b'mod partikolari l-Artikoli 81 u 82 tiegħu u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89 tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi"*). Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jinsabu fil-kapitolu tat-Trattat dwar il-kompetizzjoni, u huwa konformi ma' interpretazzjoni litterali tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 8b, u interpretazzjoni teleoloġika tad-dispożizzjoni b'mod ġenerali (moqrija fid-dawl tal-premessa 17 ta' hawn fuq), li jitqies li trasferiment ta' slots jista' jaqa' taħt dik id-dispożizzjoni meta dan jirriżulta mir-rekwiżiti tal-awtoritajiet pubbliċi stabbiliti f'deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

(297) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-għażla tal-ħinijiet tas-slots mir-riċevitur tar-rimedju tista' tidher ristretta miż-żewġ miżuri ta' salvagwardja mmirati biex jipproteġu l-operazzjonijiet hub-and-spoke ta' TAP Air Portugal fl-ajruport ta' Liżbona, jiġifieri: (i) il-limitu massimu fl-għadd ta' slots li għandhom jiġu trasferiti qabel it-8:00 ħin lokali, filgħodu u qabel it-20:00 ħin lokali; u (ii) il-perjodu ta' 20 jew 60 minuta li matulu TAP Air Portugal għandha tittrasferixxi s-slots (ara l-premessi (84) sa (85)). Madankollu, il-Kummissjoni tqis li dawk il-miżuri ta' salvagwardja ma jillimitawx b'mod materjali l-kapaċità tar-riċevitur tar-rimedju li jkollu aċċess għal ħinijiet ta' slots xierqa u li jikkompeti b'mod effettiv ma' TAP Air Portugal bl-użu tas-slots ta' rimedju. Fir-rigward tal-limitu massimu fl-għadd ta' slots għal kull perjodu tal-ġurnata, il-Kummissjoni użat id-*data* pprovduta mill-Portugall biex tivverifika li l-limiti massimi kienu kompatibbli mar-rotazzjonijiet tas-soltu tal-inġenji tal-ajru bbażati, jew, fejn ma kinux, li ma jkunux japplikaw. Bħala eżempju, il-limitu massimu fuq l-għadd ta' slots li għandhom jiġu trasferiti qabel it-20:00 ħin lokali ma japplikax għal inġenji tal-ajru bbażati li jużaw is-slots għall-operat ta' titjiriet fuq distanzi twal, sabiex jiġu akkomodati t-talbiet għal slots minn trasportaturi tal-ajru li jitilqu mill-ajruport ta' Liżbona waranofsinhar u li jtiru matul il-lejl. Fir-rigward tal-perjodu ta' żmien, l-impenn fih dispożizzjoni li tiżgura li TAP Air Portugal ma tistax teżerċita l-marġni tagħha għal diskrezzjoni għad-detriment tal-operazzjonijiet effiċjenti tar-riċevitur tar-rimedju. ([85])

(298) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li t-trasferiment ta' pakkett ta' 18-il slot jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-vijabbiltà u tal-attraenza tal-pakkett ta' negozju ċedut, u tat-tisħiħ strutturali tal-kompetizzjoni effettiva fl-ajruport ta' Liżbona.

Durata tal-impenn għat-trasferiment ta' slots fl-ajruport ta' Liżbona

(299) Skont il-punt 78 tal-Linji Gwida R&R, iċ-ċessjonijiet biex jiġu limitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni jenħtieġ li jsiru mingħajr dewmien żejjed, b'kont meħud tat-tip ta' assi li jiġi ċedut u kwalunkwe ostaklu għad-disponiment tiegħu, u fi kwalunkwe każ fi ħdan id-durata tal-pjan ta' ristrutturar.

(300) L-impenn ippreżentat mill-Portugall jipprevedi li s-slots se jiġu offruti lir-riċevituri potenzjali ta' rimedju sa tmiem il-perjodu ta' ristrutturar, li jfisser hekk kif il-Kummissjoni tapprova riċevitur ta' rimedju jew sa tmiem l-2025 (ara l-premessa (27)), skont liema jiġi l-ewwel. Barra minn hekk, is-sejħa għal proposti korrispondenti se tiġi ppubblikata suffiċjentement qabel il-bidu tal-proċedura ġenerali ta' allokazzjoni tas-slots għal kull Staġun tal-IATA sakemm jiġi approvat riċevitur ta' rimedju. Fi kliem ieħor, is-sejħa għal proposti se tiġi ppubblikata qabel kull Staġun tal-IATA, mill-Istaġun tal-IATA tax-Xitwa 2022/2023, ([86]) sal-2025, sakemm TAP Air Portugal ma tittrasferix slots lil riċevitur ta' rimedju approvat mill-Kummissjoni qabel dik id-data ta' skadenza.

(301) Il-Kummissjoni tqis li d-*data* pprovduta minn NAV Portugal dwar it-talbiet għal slots mil-linji tal-ajru fl-ajruport ta' Liżbona tagħti indikazzjonijiet qawwija li, minkejja l-kundizzjonijiet avversi tas-suq, il-kompetituri jkunu lesti li jieħdu slots addizzjonali u jidħlu jew jespandu fl-ajruport ta' Liżbona. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li huwa probabbli li s-slots jiġu trasferiti lil riċevitur ta' rimedju qabel tmiem il-perjodu ta' ristrutturar. Fi kwalunkwe każ, dak il-perjodu ta' żmien huwa mistenni li jkun twil biżżejjed biex is-settur tat-trasport bl-ajru tal-passiġġieri jirkupra mill-kriżi tal-COVID-19 u biex it-traffiku tal-ajru tal-passiġġieri jirritorna għal-livelli ta' qabel il-kriżi.

(302) Fid-dawl ta' dan kollu ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li d-durata tal-impenn hija adegwata.

Kriterji ta' eliġibbiltà għar-riċevitur ta' rimedju tas-slots fl-ajruport ta' Liżbona

(303) Skont il-punt 80 tal-Linji Gwida R&R, biex ikun xieraq, l-akkwirent tan-negozju ċedut jenħtieġ li jiżgura li dan tal-aħħar ikun jista' jikkompeti b'mod effettiv fuq medda twila ta' żmien.

(304) Skont l-impenn ippreżentat mill-Portugall, biex ikun eliġibbli biex jikseb is-slots, riċevitur potenzjali ta' rimedju jrid:

(a) ikun trasportatur tal-ajru li jkollu liċenzja operattiva valida maħruġa minn Stat Membru tal-UE/ŻEE;

([85]) *"Il-ħinijiet tas-slots tal-wasla u tat-tluq jenħtieġ li jkunu tali li jippermettu rotazzjoni raġonevoli tal-inġenji tal-ajru mir-riċevitur tar-rimedju sa fejn ikun possibbli, b'kont meħud tal-mudell ta' negozju tar-riċevitur tar-rimedju potenzjali eliġibbli u r-restrizzjonijiet tal-użu tal-inġenji tal-ajru."*

([86]) L-Istaġun tal-IATA tax-Xitwa 2022/2023 huwa l-ewwel Staġun tal-IATA li għalih il-proċedura ġenerali ta' allokazzjoni tas-slots ma bdietx fid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(b) ikun indipendenti minn u mhux konness ma' TAP Air Portugal;

(c) ma jkunx soġġett għal rimedji tal-kompetizzjoni wara li jkun rċieva strument ta' rikapitalizzazzjoni tal-COVID-19 ta' aktar minn EUR 250 miljun; ([87])

(d) jimpenja ruħu li jopera l-għadd ta' inġenji tal-ajru bbażati fl-ajruport ta' Liżbona bl-użu tas-slots ta' rimedju sa tmiem il-pjan ta' ristrutturar. Fil-proposti tagħhom, ir-riċevituri potenzjali ta' rimedju jindikaw l-għadd ta' inġenji tal-ajru li għandhom ikunu bbażati fl-ajruport ta' Liżbona bl-użu tas-slots ta' rimedju. Għal dak il-għan, riċevitur potenzjali ta' rimedju jrid jimpenja ruħu li jikkonforma mal-liġijiet applikabbli tal-UE u dawk nazzjonali dwar ix-xogħol, kif interpretati bħala rilevanti mill-qrati tal-UE (ara eż. Nogueira, il-Kawżi magħquda C-168/16 u C-169/16).

(305) Il-kriterju ta' eliġibbiltà relatat mal-liċenzja operattiva huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li r-riċevitur tar-rimedju jkollu l-kapaċità li jopera titjiriet domestiċi u intra-UE/ŻEE mingħajr restrizzjoni, u b'hekk jiggarantixxi l-konnettività fl-ajruport ta' Liżbona, li huwa kriterju ta' evalwazzjoni ewlieni mill-Kummissjoni.

(306) Il-kriterju ta' eliġibbiltà relatat mal-indipendenza u n-nuqqas ta' konnessjoni huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li r-riċevitur tar-rimedju jikkompeti b'mod effettiv ma' TAP Air Portugal.

(307) Il-kriterju ta' esklużjoni li japplika għall-benefiċjarji ta' għajnuna kbira ta' rikapitalizzazzjoni soġġetti għal rimedji tal-kompetizzjoni huwa meħtieġ biex jiġi evitat li l-kumpaniji li kienu soġġetti għal miżuri addizzjonali li kellhom l-għan li jerġgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet ekwi, kif imsemmi fil-punt 72 tal-Qafas Temporanju, ikunu jistgħu jiksbu vantaġġ kompetittiv permezz ta' miżuri strutturali simili biex jiġu limitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. ([88])

(308) Fir-rigward tal-kriterju finali ta' eliġibbiltà, relatat mal-bażi, huwa neċessarju li tiġi permessa kompetizzjoni effettiva, biex hekk tiġi żgurata l-effettività ta' dawn l-impenji. Barra minn hekk, din tappoġġa d-dħul jew l-espansjoni ta' kompetitur vijabbli fl-ajruport ta' Liżbona u tpoġġi lil TAP Air Portugal taħt it-theddida ta' kompetizzjoni fuq ir-rotot lejn jew mill-ajruport.

(309) Il-Kummissjoni tinnota li l-kriterju ta' eliġibbiltà relatat mal-bażi huwa kkomplementat minn żewġ dispożizzjonijiet fl-impenn li għandhom l-għan li jimmassimizzaw l-għadd ta' inġenji tal-ajru bbażati fl-ajruport ta' Liżbona bl-użu tas-slots ta' rimedju. L-ewwel dispożizzjoni tikkonsisti fir-rabta tal-għadd ta' slots li għandhom jiġu trasferiti qabel it-8:00 ħin lokali, li huma kummerċjalment ta' valur għoli, mal-għadd ta' inġenji tal-ajru bbażati. It-tieni dispożizzjoni tikkonsisti fil-kriterji ta' klassifikazzjoni, li jinċentivaw lir-riċevituri ta' rimedju biex jibbażaw l-inġenji tal-ajru fl-ajruport ta' Liżbona bl-użu tas-slots ta' rimedju. B'mod speċifiku, fil-każ ta' proposti li jikkompetu ma' xulxin, il-Kummissjoni se tagħti preferenza, f'ordni dixxendenti, lil dawk ippreżentati minn riċevituri potenzjali ta' rimedju li b'mod partikolari (i) se jipprovdu l-akbar kapaċità ta' siġġijiet fir-rigward tal-inġenji tal-ajru bbażati bl-użu tas-slots ta' rimedju mill-bidu tal-operazzjonijiet sa tmiem il-pjan ta' ristrutturar; u (ii) se jservu l-akbar għadd ta' destinazzjonijiet b'titjiriet diretti operati mill-inġenji tal-ajru bbażati bl-użu tas-slots ta' rimedju mill-bidu tal-operazzjonijiet sa tmiem il-pjan ta' ristrutturar (konnettività diretta, mingħajr ma jitqiesu l-frekwenzi).

(310) Għar-raġunijiet kollha ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kriterji ta' eliġibbiltà għar-riċevituri potenzjali ta' rimedju huma xierqa, peress li (i) huma jippermettu li għadd suffiċjenti ta' inġenji tal-ajru li jistgħu jkunu interessati fis-slots disponibbli jipparteċipaw fis-sejħa għal proposti, u (ii) huma jiżguraw rekwiżiti proporzjonati għall-aċċess għas-slots, u b'hekk jiffaċilitaw l-attivazzjoni tal-miżuri biex tiġi ppreservata kompetizzjoni effettiva.

L-impatt tat-trasferiment ta' slots fl-ajruport ta' Liżbona fuq il-prospetti tar-ritorn ta' TAP Air Portugal għall-vijabbiltà

(311) Skont il-punt 92 tal-Linji Gwida R&R, jenħtieġ li l-miżuri li jillimitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni ma jikkompromettux il-prospetti tar-ritorn tal-benefiċjarju għall-vijabbiltà, li jista' jkun il-każ jekk miżura tqum ħafna flus biex tiġi eżegwita jew, f'każijiet eċċezzjonali debitament issostanzjati mill-Istat Membru kkonċernat, tnaqqas l-attività tal-benefiċjarju sal-punt li r-ritorn tiegħu lejn il-vijabbiltà jiġi kompromess, u jenħtieġ li lanqas ma jiġu għad-detriment tal-konsumaturi u tal-kompetizzjoni.

([87]) Skont dak il-kriterju, ir-riċevituri potenzjali ta' rimedju li jissodisfaw b'mod kumulattiv iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin ma humiex eliġibbli: (i) ikunu bbenefikaw minn miżura ta' rikapitalizzazzjoni tal-COVID-19 ta' aktar minn EUR 250 miljun; u (ii) ikunu soġġetti għal miżuri addizzjonali biex tiġi ppreservata l-kompetizzjoni effettiva fis-swieq rilevanti fejn ikollhom saħħa sinifikanti fis-suq għall-finijiet tal-punt 72 tal-Qafas Temporanju.

([88]) Peress li l-għadd ta' riċevituri potenzjali ta' rimedju soġġetti għal rimedji tal-kompetizzjoni skont il-Qafas Temporanju huwa mistenni li jkun limitat, dak il-kriterju ta' esklużjoni ma jnaqqasx l-effettività tal-impenn li jiġu trasferiti slots fl-ajruport ta' Liżbona.

(312) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni vvalutat il-punt sa fejn it-trasferiment ta' 18-il slot ta' kuljum fl-ajruport ta' Liżbona (i) inaqqas l-operazzjonijiet ta' TAP Air Portugal, b'kont meħud tal-mudell ta' negozju hub-and-spoke tagħha fl-ajruport; u (ii) jaffettwa r-ritorn ta' TAP Air Portugal għall-vijabbiltà fi tmiem il-perjodu ta' ristrutturar (2025).

(313) Fir-rigward tal-impatt operazzjonali tat-trasferiment ta' 18-il slot ta' kuljum, il-Kummissjoni tinnota li l-impenn propost mill-Portugall huwa mfassal b'kont meħud tal-mudell strateġiku u ta' ċentru transatlantiku fuq distanzi twal ta' TAP Air Portugal. B'mod partikolari, l-impenn fih żewġ miżuri biex tiġi evitata l-konċentrazzjoni tas-slots li għandhom jiġu trasferiti matul is-sigħat li huma kruċjali għaċ-ċentru ta' Liżbona (prinċipalment is-sigħat ta' filgħodu) iżda li ma humiex kritiċi għall-operazzjonijiet mhux ta' ċentru. L-ewwel miżura tikkonsisti fil-limitazzjoni tal-għadd ta' slots li għandhom jiġu trasferiti matul tliet perjodi tal-ġurnata. B'mod speċifiku, TAP Air Portugal ma għandhiex tkun obbligata tittrasferixxi: (i) aktar minn slot wieħed qabel it-08:00 (ħin lokali) għal kull inġenju tal-ajru bbażat mir-riċevitur tar-rimedju fl-ajruport ta' Liżbona bl-użu tas-slots ta' rimedju; (ii) aktar minn nofs is-slots totali ta' rimedju qabel 12:00 (ħin lokali); u (iii) aktar slots qabel it-20:00 (ħin lokali) mis-slots totali ta' rimedju nieqes slot wieħed għal kull inġenju tal-ajru bbażat mir-riċevitur tar-rimedju fl-ajruport ta' Liżbona bl-użu tas-slots ta' rimedju għall-operazzjoni ta' titjiriet fuq distanzi qosra. It-tieni miżura tikkonsisti fl-għoti ta' ċerta flessibbiltà lil TAP Air Portugal fir-rigward tal-ħinijiet eżatti tas-slots li għandhom jiġu trasferiti, bil-kundizzjoni li l-aġġustament għall-ħinijiet mitluba ma jaffettwax b'mod negattiv l-operazzjonijiet ippjanati tar-riċevitur tar-rimedju, u b'hekk l-effettività tal-kompetizzjoni kkawżata mill-impenn. B'mod speċifiku, TAP Air Portugal għandha tittrasferixxi slot li jikkorrispondi għall-ħinijiet tas-slots mitluba mir-riċevitur tar-rimedju sa +/- 20 minuta għat-titjiriet fuq distanzi qosra u sa +/- 60 minuta għat-titjiriet fuq distanzi twal, sakemm TAP Air Portugal ma jkollhiex slots fil-perjodu ta' żmien rilevanti. Minbarra dawk iż-żewġ miżuri speċifiċi, il-Kummissjoni tinnota li r-riċevituri potenzjali ta' rimedju huma inċentivati jużaw is-slots ta' rimedju għall-operazzjonijiet ibbażati, li jkompli jnaqqas ir-riskji ta' talbiet għal slots ikkonċentrati matul għadd limitat ta' sigħat ta' filgħodu.

(314) B'konsegwenza ta' dan, l-impenn propost mill-Portugall fih dispożizzjonijiet li jimmitigaw b'mod utli r-riskju li t-trasferiment ta' slots jagħmel ħsara lin-network u lill-kontribut ta' TAP Air Portugal għall-konnettività taċ-ċentru ta' Liżbona, mingħajr ma jirrestrinġi bla bżonn l-operazzjonijiet ta' riċevitur ta' rimedju.

(315) Fir-rigward tal-impatt finanzjarju tat-trasferiment ta' 18-il slot ta' kuljum, il-Kummissjoni vvalutat jekk TAP Air Portugal kinitx se tirritorna għall-vijabbiltà fi tmiem ir-ristrutturar, kif definit fil-punt 52 tal-Linji Gwida R&R, ([89]) f'xenarju avvers li fih l-operazzjonijiet ta' TAP Air Portugal wara t-trasferiment tas-slots jitnaqqsu strutturalment meta mqabbel mal-pjan ta' ristrutturar innotifikat. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni bbażat fuq il-projezzjonijiet finanzjarji għall-2025 ipprovduti mill-Portugall bħala parti mill-analiżi tas-sensittività, aġġustati biex iqisu t-tnaqqis stmat fid-dħul ([90]), l-EBIT u d-dħul nett li jirriżulta mit-trasferiment ta' 18-il slot.

(316) Il-Kummissjoni applikat it-testijiet standard għar-ritorn għall-vijabbiltà bbażati fuq indikaturi tal-ROCE, tal-ROE, tad-dejn u tal-affidabbiltà kreditizja. Fuq dik il-bażi u kif spjegat fid-dettall fit-Tabella 3 hawn taħt, il-Kummissjoni sabet li, fi tmiem il-perjodu ta' ristrutturar, TAP Air Portugal:

(a) tipprovdi redditu fuq il-kapital użat ftit ogħla mill-kost (tal-opportunità) tal-ġbir ta' aktar kapital u dejn (it-test 1);

(b) tipprovdi redditu adegwat fuq l-ekwità tal-azzjonisti ogħla mill-kost (tal-opportunità) tal-ġbir ta' aktar kapital (it-test 2);

(c) tkun reġgħet stabbiliet l-ekwità (pożittiva) tagħha u kisbet pożizzjoni ta' dejn ferm aħjar minn dik attwali ta' impriża f'diffikultà (it-test 3); u

(d) ikollha proporzjon ta' affidabbiltà kreditizja li jippermetti l-aċċess għas-swieq kapitali mingħajr il-ħtieġa ta' kwalunkwe għajnuna mill-Istat (garanzija) (it-test 4).

([89]) Skont il-punt 52 tal-Linji Gwida R&R, il-vijabbiltà fit-tul tinkiseb meta l-benefiċjarju jkun jista' jipprovdi redditu proġettat adegwat fuq il-kapital u jkun jista' jikkompeti fis-suq fuq il-merti proprji tiegħu.

([90]) It-tnaqqis fid-dħul li jirriżulta mit-trasferiment ta' slots jikkorrispondi għad-defiċit tad-dħul għall-operazzjoni ta' anqas titjiriet fuq distanzi qosra milli mingħajr it-trasferiment ta' slots. Peress li t-titjiriet fuq distanzi qosra operati minn TAP Air Portugal jalimentaw ukoll in-network globali tagħha, it-tnaqqis fid-dħul jinkludi kemm it-telf ta' dħul dirett mill-passiġġieri ttrasportati fuq titjiriet qosra kif ukoll tad-dħul ta' konnessjoni minn passiġġieri li jikkonnettjaw minn titjiriet fuq distanzi qosra għal titjiriet fuq distanzi twal.

Tabella 3

L-impatt tat-trasferiment ta' 18-il slot fuq ir-ritorn ta' TAP Air Portugal għall-vijabbiltà

2025	**Pjan ta' ristrutturar** ***L-ebda trasferiment ta' slots***	**Analiżi tas-sensittività** ***Trasferiment ta' 18-il slot***
Test tal-vijabbiltà 1: ROCE > WACC ta' 7,5 %-8 %; test 2: ROE > il-kost tal-ekwità ta' 10,5 %-11 %		
ROCE (=(1-21 %)*EBIT/CE)	(…)	(…)
ROE (= Introjtu Nett/Ekwità)	(…)	(…)
Dejn u affidabbiltà kreditizja: test 3 f'diffikultà (UiD) jekk EBITDA/Imgħax < 1 Dejn/Ekwità > **7,5; test 4: Dejn/EBITDA < 3-3,5**		
Dejn/Ekwità Nett	(…)	(…)
Spiża ta' EBIDTA/Imgħax	(…)	(…)
Dejn/EBITDA nett	(…)	(…)

(317) Il-Kummissjoni ttestjat ukoll li, f'xenarji aktar avversi (sensittivitajiet), TAP Air Portugal ma tkunx teħtieġ aktar għajnuna (eż. l-introjtu nett ikun għadu pożittiv u l-kapaċità ta' aċċess għas-swieq finanzjarji tkun għadha ppruvata).

(318) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni ssib, minn naħa, li l-impenn ta' trasferiment ta' 18-il slot fl-ajruport ta' Liżbona ma jikkompromettix ir-ritorn ta' TAP Air Portugal għall-vijabbiltà.

(319) Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li fi tmiem il-perjodu ta' ristrutturar TAP Air Portugal tkun topera b'marġni pożittiv, iżda relattivament baxx (madwar […] % fl-2025). Barra minn hekk, il-livell tad-dejn tagħha kif imkejjel b'referenza għall-bażi ta' ekwità tagħha jkun […]. Barra minn hekk, filwaqt li l-analiżi tas-sensittività tibbaża fuq kundizzjonijiet tas-suq taħt stress, bħaż-żieda fil-kostijiet tal-fjuwil u l-inflazzjoni, hija ma tipprevedix l-impatt fuq il-vijabbiltà ta' TAP, ta' xokkijiet drammatiċi imprevedibbli fuq id-domanda, bħal dawk li jirriżultaw mill-pandemiji. Meta jitqies li t-tnaqqis fl-operazzjonijiet ta' TAP Air Portugal lil hinn minn dak imwettaq bħala parti mir-ristrutturar tagħha jaffettwa b'mod sproporzjonat l-introjtu nett ta' TAP Air Portugal, it-trasferiment ta' aktar minn 18-il slot jista' jqajjem dubji dwar ir-ritorn tagħha għall-vijabbiltà fl-aktar ċirkostanzi tas-suq avversi.

Konklużjoni dwar l-impenn għat-trasferiment ta' slots fl-ajruport ta' Liżbona

(320) Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-impenn propost mill-Portugall biex jiġu limitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fl-ajruport ta' Liżbona fejn TAP Air Portugal se jkollha pożizzjoni sinifikanti fis-suq wara r-ristrutturar jikkonforma ma', u se jiġi infurzat bħala l-kundizzjonijiet ta' aċċettabbiltà stabbiliti fil-Linji Gwida R&R.

(iv) Valutazzjoni tal-projbizzjoni fuq l-akkwiżizzjonijiet u l-projbizzjoni fuq ir-reklamar

(321) Fir-rigward tal-miżuri ta' mġiba, il-Portugall jimpenja ruħu għal dawk fil-punt 84 tal-Linji Gwida R&R, jiġifieri: (i) il-projbizzjoni fuq l-akkwiżizzjonijiet fir-rigward tal-ishma fi kwalunkwe kumpanija matul il-perjodu ta' ristrutturar, ħlief fejn dan ikun indispensabbli biex tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul tagħha u soġġett għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni, u (ii) li l-appoġġ mill-Istat ma jiġix pubbliċizzat bħala vantaġġ kompetittiv meta jiġu kummerċjalizzati l-prodotti u s-servizzi tagħha (il-premessa (98)). F'konformità mal-punt 83 tal-Linji Gwida R&R, dawk il-miżuri se jiżguraw li *"l-għajnuna tintuża biss biex tiffinanzja r-restawr tal-vijabbiltà fit-tul u li ma tiġix abbużata biex jiġu estiżi d-distorsjonijiet serji u persistenti tal-istruttura tas-suq jew biex il-benefiċjarju jiġi protett minn kompetizzjoni sana"*.

(322) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-miżuri biex jiġu limitati r-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni huma xierqa biex jitnaqqsu l-effetti negattivi tal-għajnuna għar-ristrutturar.

6.4.2.7. Trasparenza

(323) Skont il-punt 38(g) tal-Linji Gwida R&R, l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-operaturi ekonomiċi u l-pubbliku jrid ikollhom aċċess faċli għall-atti rilevanti u għall-informazzjoni pertinenti kollha dwar l-għajnuna mogħtija. Dan ifisser li l-Portugall irid jirrispetta d-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza stabbiliti fil-punt 96 tal-Linji Gwida R&R. Il-Kummissjoni tinnota li l-Portugall se jagħmel l-informazzjoni rilevanti disponibbli fuq is-sit web:

https://www.portaldiplomatico.mne.gov.pt/sobre-nos/gestao-e-transparencia/documentos-legais

6.5. **Konklużjoni dwar il-kompatibbiltà**

(324) Skont l-Artikolu 9(6) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 ([91]), id-deċiżjonijiet li jagħlqu l-proċedura ta' investigazzjoni formali għandhom jittieħdu malli jitneħħew id-dubji mqajma dwar il-kompatibbiltà mas-suq intern ta' miżura notifikata.

(325) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li, filwaqt li d-dubji li qajmet fid-deċiżjoni tal-ftuħ tneħħew, l-effetti negattivi tal-għajnuna għar-ristrutturar fuq is-settur tat-trasport bl-ajru huma limitati, minħabba b'mod partikolari l-miżuri li jillimitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, li l-Portugall jenħtieġ li jiżgura l-implimentazzjoni tagħhom. Konsegwentement, l-effetti pożittivi tal-għajnuna għar-ristrutturar fuq l-iżvilupp tal-attività ekonomika tat-trasport bl-ajru li tiżgura l-konnettività tal-Portugall u l-attivitajiet relatati fis-settur tat-turiżmu li jibbenefikaw minnu, dment li l-Portugall jiżgura l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar, jegħlbu l-effetti negattivi li jifdal fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ, li għalhekk ma humiex affettwati ħażin sa punt li jmur kontra l-interess komuni. Għalhekk, l-impenji pprovduti mill-Portugall jenħtieġ li jiġu stabbiliti bħala kundizzjonijiet għall-kompatibbiltà tal-għajnuna.

(326) Fil-valutazzjoni ġenerali tagħha, il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-għajnuna għar-ristrutturar tikkonforma mal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE peress li tiffaċilita l-iżvilupp tat-trasport bl-ajru u l-attivitajiet relatati u ma toħloqx distorsjoni tal-kompetizzjoni sa punt li jmur kontra l-interess komuni.

(327) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tqis li huwa neċessarju li l-Portugall jipprovdi rapporti regolari dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar kull sitt xhur sa tmiem il-perjodu ta' ristrutturar. Dawk ir-rapporti se jispeċifikaw, b'mod partikolari, id-dati tal-iżborż tal-finanzjament impenjat mill-Portugall u tal-kontribuzzjoni proprja tal-benefiċjarju, l-iżviluppi dwar l-inġenji tal-ajru u l-kapaċità tal-flotta ta' TAP Air Portugal, kwalunkwe devjazzjoni mit-trajettorji finanzjarji jew operazzjonali tal-pjan ta' ristrutturar f'termini ta' dħul, konteniment tal-kostijiet u tnaqqis fil-kostijiet mill-miżuri ta' ristrutturar u l-qligħ, u l-miżuri korrettivi previsti jew meħuda mill-Portugall jew mill-benefiċjarju fejn ikun xieraq,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-għajnuna għar-ristrutturar li r-Repubblika Portugiża qed tippjana li timplimenta għall-benefiċċju tal-unità ekonomika, attwalment taħt il-kontroll uniku tal-Istat Portugiż, li tinkludi lil Transportes Aéreos Portugueses SGPS S.A., Transportes Aéreos Portugueses S.A.-TAP Air Portugal u s-sussidjarji kkontrollati kollha tagħhom, fil-forma ta' miżuri li jammontaw għal EUR 2 550 miljun, hija kompatibbli mas-suq intern, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2.

Artikolu 2

(1) Ir-Repubblika Portugiża tiżgura li Transportes Aéreos Portugueses SGPS S.A., Transportes Aéreos Portugueses S.A.-TAP Air Portugal jew is-sussidjarji tagħhom kif ikun xieraq jimplimentaw b'mod sħiħ, fl-iskedi ta' żmien rilevanti, il-miżuri inklużi fil-pjan ta' ristrutturar kif deskritt f'din id-Deċiżjoni.

([91]) Ir-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).

(2) Ir-Repubblika Portugiża tiżgura li Transportes Aéreos Portugueses SGPS S.A., Transportes Aéreos Portugueses S.A.-TAP Air Portugal jew is-sussidjarji tagħhom kif ikun xieraq jimplimentaw b'mod sħiħ, fl-iskedi ta' żmien rilevanti tal-pjan ta' ristrutturar, il-miżuri li jillimitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni kif deskritti f'din id-Deċiżjoni, jiġifieri:

(a) li jċedu b'mod sħiħ il-parteċipazzjoni azzjonarja f'SPdH–Serviços Portugueses de Handling, S.A. u f'Catering de Portugal, S.A.;

(b) li jillimitaw il-flotta ta' Transportes Aéreos Portugueses S.A.-TAP Air Portugal għal massimu ta' [90-100] inġenju tal-ajru;

(c) li joffru għat-trasferiment tmintax-il slot ta' kuljum fl-ajruport ta' Liżbona;

(d) li ma jakkwistawx ishma fi kwalunkwe kumpanija ħlief fejn dan ikun indispensabbli biex tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul ta' Transportes Aéreos Portugueses SGPS S.A., Transportes Aéreos Portugueses S.A.-TAP Air Portugal jew is-sussidjarji tagħhom kif ikun xieraq u, f'dan il-każ soġġett għall-approvazzjoni tal-akkwiżizzjoni mill-Kummissjoni u

(e) li ma jippubbliċizzawx l-appoġġ mill-Istat bħala vantaġġ kompetittiv meta jikkummerċjalizzaw il-prodotti u s-servizzi tagħhom.

(3) Ir-Repubblika Portugiża tipprovdi lill-Kummissjoni rapporti regolari dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar kull sitt xhur mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni sa tmiem il-perjodu ta' ristrutturar fil-31 ta' Diċembru 2025. Dawk ir-rapporti se jispeċifikaw, b'mod partikolari, id-dati tal-iżborż reali tal-finanzjament imwettaq mill-Istat u l-kontribuzzjoni proprja tal-benefiċjarju, l-iżviluppi dwar in-network, il-pożizzjoni fis-suq, l-inġenji tal-ajru u l-kapaċità tal-flotta ta' Transportes Aéreos Portugueses S.A.-TAP Air Portugal, kwalunkwe devjazzjoni mit-trajettorji finanzjarji jew operazzjonali tal-pjan ta' ristrutturar f'termini ta' dħul, konteniment tal-kostijiet u tnaqqis fil-kostijiet u l-qligħ miksub mill-miżuri ta' ristrutturar, u l-miżuri korrettivi previsti jew meħuda mir-Repubblika Portugiża jew mill-benefiċjarju fejn ikun xieraq.

Artikolu 3

Ir-Repubblika Portugiża għandha tinforma lill-Kummissjoni, fi żmien xahrejn min-notifika ta' din id-Deċiżjoni, bil-miżuri meħuda biex tikkonforma magħha.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Portugiża.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Margrethe VESTAGER
Membru tal-Kummissjoni

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/764

tat-13 ta' April 2022

dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Kroazja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju

(notifikata bid-dokument C(2022) 2284)

(It-test bil-Kroat biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([1]), u b'mod partikolari il-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu (14)(2) tiegħu,

Billi:

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

(1) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 għandha titwaqqaf skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-Istati Membri għandhom ifasslu, fil-livell nazzjonali jew fil-livell ta' blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali ("FABs"), miri vinkolanti ta' prestazzjoni għal kull perjodu referenzjarju tal-iskema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Dawk il-miri tal-prestazzjoni jridu jkunu konsistenti mal-miri għall-Unjoni kollha adottati mill-Kummissjoni għall-perjodu referenzjarju kkonċernat. Il-Kummissjoni hija responsabbli biex tivvaluta jekk il-miri tal-prestazzjoni proposti li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mfassla mill-Istati Membri humiex konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha, billi tuża l-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(2) Mill-ewwel trimestru tas-sena kalendarja 2020, it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 ħalliet impatt sinifikanti fuq is-settur tat-trasport bl-ajru u meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-pandemija, naqqset b'mod konsiderevoli l-volumi tat-traffiku tal-ajru minħabba l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi biex tiġi kkontrollata l-pandemija.

(3) Il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju ("RP3") ġew oriġinarjament stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 ([3]). Minħabba li dawk il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha u l-abbozz tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fl-RP3 sussegwentement imressqin mill-Istati Membri tfasslu qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, dawn ma setgħux iqisu ċ-ċirkostanzi li rriżultaw u nbidlu b'mod sinifikanti għat-trasport bl-ajru.

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 (ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 tad-29 ta' Mejju 2019 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu ta' referenza li jibda fl-1 ta' Jannar 2020 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2024 (ĠU L 144, 3.6.2019, p. 49).

(4) Bi tweġiba għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-provvista tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, ġew stabbiliti miżuri eċċezzjonali għall-RP3, li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 ([4]). Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1627, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 ([5]) li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3 fit-2 ta' Ġunju 2021.

(5) Il-Kummissjoni tinnota li t-tbassir tat-traffiku bażi tas-Servizz tal-Istatistika u tat-Tbassir tal-Eurocontrol ("STATFOR") ta' Ottubru 2021 jipprevedi li t-traffiku tal-ajru fil-livell tal-Unjoni kollha se jilħaq il-livelli ta' qabel il-pandemija tiegħu matul l-2023 u se jaqbeż dawk il-livelli fl-2024. Madankollu, il-livell ta' inċertezza rigward l-iżvilupp tat-traffiku għadu partikolarment għoli minħabba r-riskji relatati mal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-COVID-19. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-irkupru tat-traffiku mhuwiex mistenni li jkun uniformi fl-Istati Membri kollha.

(6) L-Istati Membri kollha żviluppaw u adottaw abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni li fihom miri tal-prestazzjoni lokali riveduti għall-RP3, li tressqu mill-Kummissjoni għall-valutazzjoni sal-1 ta' Ottubru 2021. Wara l-verifika tal-kompletezza ta' dawk l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jressqu l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni aġġornati sas-17 ta' Novembru 2021. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ppreżentata f'din id-Deċiżjoni hija msejsa fuq l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni aġġornat imressaq mill-Kroazja.

(7) Il-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, li jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, ressaq rapport lill-Kummissjoni li jinkludi l-parir tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni tal-RP3.

(8) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni lokali proposti mill-Kroazja abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, u qieset iċ-ċirkostanzi lokali. Fir-rigward ta' kull qasam ewlieni tal-prestazzjoni u tal-miri tal-prestazzjoni relatati, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni billi rrieżaminat l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(9) Peress li l-Kroazja ma għandha l-ebda ajruport li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 fir-rigward tal-RP3, ma hemm l-ebda mira tal-prestazzjoni lokali għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal bħala parti mill-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-RP3 tagħha. Għalhekk, is-sejbiet li jinsabu f'din id-Deċiżjoni huma relatati biss mas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route*.

VALUTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza

(10) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri mressqin mill-Kroazja rigward l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza tal-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(11) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza proposti mill-Kroazja fir-rigward tal-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, imqassma skont l-objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza u espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, huma kif ġej:

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 tat-3 ta' Novembru 2020 dwar miżuri eċċezzjonali għat-tielet perjodu ta' referenza (2020-2024) tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti tal-ajru uniku Ewropew minħabba l-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 366, 4.11.2020, p. 7).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/891 tat-2 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu referenzjarju (2020-2024) u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903 (ĠU L 195, 3.6.2021, p. 3).

Il-Kroazja	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Croatia Control	Politika u objettivi tas-sikurezza	B	B	B	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	C	C	C	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	**C**

(12) Fir-rigward tal-abbozzi tal-miri tas-sikurezza proposti mill-Kroazja għall-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (BULATSA), il-Kummissjoni sabet li l-livell tal-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha huwa ppjanat li jintlaħaq fl-2024 fir-rigward tal-"politika u l-objettivi tas-sikurezza" kif ukoll għall-"ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza", filwaqt li għall-"objettivi tal-ġestjoni għas-sikurezza" l-oħrajn, il-miri tal-prestazzjoni lokali jilħqu l-livell tal-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(13) Il-Kummissjoni tinnota li l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Kroazja jistabbilixxi miżuri għall-Croatia Control biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza lokali, bħall-implimentazzjoni ta' sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza effiċjenti li kapaċi tidentifika u timmitiga riskju tas-sikurezza sa minn stadju bikri, l-applikazzjoni tal-klassifikazzjoni tas-severità tal-għodda għall-analiżi tar-riskji (RAT), ir-rapportar ta' "kultura ġusta" u għodod ta' sikurezza speċifiċi oħrajn. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ li jiġu deskritti miżuri speċifiċi sabiex juru kif il-Croatia Control se tilħaq il-miri tas-sikurezza fil-qasam tal-"politika u l-objettivi tas-sikurezza".

(14) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (12) u (13), u meta jitqies li l-miri tal-prestazzjoni tas-sikurezza mal-Unjoni kollha stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 iridu jintlaħqu sal-aħħar sena tal-RP3, jiġifieri l-2024, jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Kroazja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent

(15) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Kroazja rigward l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Kroazja tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti tal-effiċjenza tat-titjir orizzontali *en route* stabbiliti fil-Pjan ta' Titjib tan-Network Ewropew tar-Rotot ("ERNIP") disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(16) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni ambjentali lokali mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha tiġi vvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(17) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent proposti mill-Kroazja u l-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għall-RP3 mill-ERNIP, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali, huma kif ġej:

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tal-Kroazja, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**1,46 %**	**1,46 %**	**1,46 %**	**1,46 %**
Valuri referenzjarji għall-Kroazja	1,46 %	1,46 %	1,46 %	1,46 %

(18) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-ambjent proposti mill-Kroazja huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(19) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, il-Kroazja ppreżentat miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent lokali li jinkludu aktar kollaborazzjoni transfruntiera mal-Bożnija-Ħerzegovina fi ħdan l-Ispazju tal-Ajru b'Rotot Liberi tal-Inizjattiva Ajru Komuni tax-Xlokk (South East Common Sky Initiave Free Route Airspace, SECSI FRA), l-introduzzjoni tan-navigazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni kif ukoll miżuri biex jittejjeb aktar l-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li sa mill-2018, il-Kroazja diġà implimentat l-ispazju tal-ajru b'rotot liberi mil-livell 205 ta' titjir fir-Reġjun ta' Informazzjoni dwar it-Titjir ta' Zagreb.

(20) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (18) u (19), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Kroazja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità

(21) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Kroazja rigward id-dewmien medju tal-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ("ATFM") *en route* għal kull titjira abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Kroazja tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti stabbiliti fil-Pjan Operazzjonali tan-Network disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(22) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità lokali mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha tiġi vvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(23) L-abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* proposti mill-Kroazja għall-RP3, espressi f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira, kif ukoll il-valuri referenzjarji korrispondenti mill-Pjan Operazzjonali tan-Network huma kif ġej:

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tal-Kroazja, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,09**	**0,16**	**0,17**	**0,17**
Valuri referenzjarji għall-Kroazja	0,09	0,16	0,17	0,17

(24) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-kapaċità proposti mill-Kroazja huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(25) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tagħha, il-Kroazja ppreżentat firxa ta' miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali *en route*. Dawk il-miżuri jinkludu diversi aġġornamenti fis-sistema tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM), settur ġdid tal-ispazju tal-ajru kif ukoll żidiet notevoli fl-għadd ippjanat ta' FTEs tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru matul is-snin kalendarji 2022 sal-2024.

(26) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (24) u (25), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Kroazja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza

(27) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Awstrija rigward il-kostijiet unitarji ddeterminati ("DUC") għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route* abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-punti 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dawk il-kriterji jikkonsistu mix-xejra tad-DUC matul l-RP3, mix-xejra fit-tul tad-DUC matul it-tieni perjodu referenzjarju ("RP2") u l-RP3 (2015-2024), u mill-valur bażi għad-DUC fil-livell taż-żona tal-imposti meta mqabbel mal-valur medju taż-żoni tal-imposti fejn il-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom ambjent operazzjonali u ekonomiku simili.

(28) Il-valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali. Dan ġie kkomplementat mir-rieżami tal-fatturi u l-parametri ewlenin li jirfdu dawk il-miri kif speċifikat fil-punt 2.1(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(29) L-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* proposti mill-Kroazja għall-RP3 huma kif ġej:

Żona tal-imposti *en route* tal-Kroazja	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route,* espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**377,6 HRK**	**300,8 HRK**	**518,3 HRK**	**398,1 HRK**	**345,4 HRK**	**305,0 HRK**
	50,61 EUR	40,31 EUR	69,46 EUR	53,35 EUR	46,29 EUR	40,87 EUR

(30) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC *en route* tal-Kroazja fil-livell taż-żona tal-imposti ta' +0,3 % matul l-RP3 tisboq ix-xejra mal-Unjoni kollha ta' +1,0 % matul l-istess perjodu.

(31) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC *en route* tal-Kroazja fil-livell taż-żona tal-imposti matul l-RP2 u l-RP3 ta' -2,3 % tisboq ix-xejra fit-tul mal-Unjoni kollha ta' -1,3 % matul l-istess perjodu.

(32) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi tal-Kroazja għad-DUC ta' EUR 40,31 fl-EUR 2017 huwa 3,2 % ogħla mill-valur bażi medju ta' EUR 39,05 f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017 ("EUR 2017") tal-grupp komparatur rilevanti. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li fl-2024 il-kost unitarju ddeterminat *en route* tal-Kroazja se jkun taħt il-medja tal-grupp komparatur b'-1,8 %.

(33) Kif deskritt fil-premessi (30) u (31), huwa ċar li l-Kroazja tisboq kemm ix-xejra tad-DUC għall-RP3 mal-Unjoni kollha kif ukoll ix-xejra fit-tul tad-DUC mal-Unjoni kollha, b'din tal-aħħar issuperata b'marġni sinifikanti. Barra minn hekk, id-DUC tal-Kroazja fl-2024 huwa aktar baxx mill-valur bażi tal-2014 u huwa stabbli meta mqabbel mal-valur bażi tal-2019. Dan juri li l-Kroazja laħqet kisbiet fil-kosteffiċjenza fuq terminu twil, li huwa appoġġat ukoll mis-sejba li d-DUC tal-Kroazja għall-2024 huwa taħt il-medja tal-grupp komparatur. Wara li kkunsidrat il-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kroazja wriet evoluzzjoni tal-kosteffiċjenza li tisboq ix-xejriet mal-Unjoni kollha, li tipprovdi bażi suffiċjenti biex tiġi stabbilita konsistenza mal-miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza mal-Unjoni kollha għall-RP3.

(34) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (30) sa (33), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Kroazja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza.

KONKLUŻJONIJIET

(35) Abbażi tal-valutazzjoni stabbilita fil-premessi (10) sa (34), il-Kummissjoni sabet li l-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Kroazja huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha.

(36) Il-Kummissjoni tinnota li xi Stati Membri indikaw li bihsiebhom jinkludu l-entrati tal-kostijiet relatati mad-detezzjoni tad-droni tal-ajruport fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom. Ma kienx possibbli li jiġi stabbilit b'mod preċiż, abbażi tal-elementi li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, sa liema punt l-Istati Membri inkludew tali kostijiet iddeterminati fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom u, fejn ġew inklużi dawn il-kostijiet, sa liema punt jiġġarrbu fir-rigward tal-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u b'hekk jistgħux jitqiesu eliġibbli skont l-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti. Is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu talba għal informazzjoni *ad hoc* lill-Istati Membri kollha sabiex jiġbru informazzjoni rilevanti, u se jkomplu jeżaminaw il-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni fl-ajruporti rrapportati fil-kuntest tal-verifika tal-konformità tar-rata unitarja. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għas-sejbiet u għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-suġġett tal-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni.

(37) B'reazzjoni għall-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, li bdiet fl-24 ta' Frar 2022, l-Unjoni adottat miżuri restrittivi li jipprojbixxu lit-trasportaturi tal-ajru Russi, lil kwalunkwe inġenju tal-ajru rreġistrat fir-Russja u lil kwalunkwe inġenju tal-ajru mhux irreġistrat fir-Russja li huwa l-proprjetà jew mikri, jew ikkontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika Russa, minn entità jew minn korp Russu milli jinżlu fit-territorju tal-Unjoni, jew jitilqu minnu, jew jittajru fuqu. Dawk il-miżuri qed iwasslu għal tnaqqis fit-traffiku tal-ajru fl-ispazju tal-ajru fuq it-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-impatt fil-livell tal-Unjoni kollha ma jkunx komparabbli mat-tnaqqis tat-traffiku tal-ajru li rriżulta mit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 f'Marzu 2020. Għalhekk, jixraq li jinżammu l-miżuri u l-proċessi eżistenti għall-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni u tal-imposti fl-RP3.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Kroazja, skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 u elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Kroazja.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Adina VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Miri tal-prestazzjoni inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, imressaq mill-Kroazja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, li nstabu konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju.

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA

Effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza

Il-Kroazja	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Croatia Control	Politika u objettivi tas-sikurezza	B	B	B	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	C	C	C	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	**C**

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-AMBJENT

Effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tal-Kroazja, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**1,46 %**	**1,46 %**	**1,46 %**	**1,46 %**
Valuri referenzjarji għall-Kroazja	1,46 %	1,46 %	1,46 %	1,46 %

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ

Dewmien medju tal-ATFM *en route* f'minuti għal kull titjira

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tal-Kroazja, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,09**	**0,16**	**0,17**	**0,17**
Valuri referenzjarji għall-Kroazja	0,09	0,16	0,17	0,17

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

Kost unitarju ddeterminat għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route*

Żona tal-imposti *en route* tal-Kroazja	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bhala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**377,6 HRK**	**300,8 HRK**	**518,3 HRK**	**398,1 HRK**	**345,4 HRK**	**305,0 HRK**
	50,61 EUR	40,31 EUR	69,46 EUR	53,35 EUR	46,29 EUR	40,87 EUR

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/765

tat-13 ta' April 2022

dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Finlandja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju

(notifikata bid-dokument C(2022) 2285)

(It-testi bil-Finlandiż u bl-Iżvediż biss huma awtentiċi)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([1]), u b'mod partikolari il-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu (14)(2) tiegħu,

Billi:

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

(1) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 għandha titwaqqaf skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-Istati Membri għandhom ifasslu, fil-livell nazzjonali jew fil-livell ta' blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali ("FABs"), miri vinkolanti ta' prestazzjoni għal kull perjodu referenzjarju tal-iskema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Dawk il-miri tal-prestazzjoni jridu jkunu konsistenti mal-miri għall-Unjoni kollha adottati mill-Kummissjoni għall-perjodu referenzjarju kkonċernat. Il-Kummissjoni hija responsabbli biex tivvaluta jekk il-miri tal-prestazzjoni proposti li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mfassla mill-Istati Membri humiex konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha, billi tuża l-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(2) Mill-ewwel trimestru tas-sena kalendarja 2020, it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 ħalliet impatt sinifikanti fuq is-settur tat-trasport bl-ajru u meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-pandemija, naqqset b'mod konsiderevoli l-volumi tat-traffiku tal-ajru minħabba l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi biex tiġi kkontrollata l-pandemija.

(3) Il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju ("RP3") ġew oriġinarjament stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 ([3]). Minħabba li dawk il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha u l-abbozz tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fl-RP3 sussegwentement imressqin mill-Istati Membri tfasslu qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, dawn ma setgħux iqisu ċ-ċirkostanzi li rriżultaw u nbidlu b'mod sinifikanti għat-trasport bl-ajru.

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 (ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 tad-29 ta' Mejju 2019 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu ta' referenza li jibda fl-1 ta' Jannar 2020 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2024 (ĠU L 144, 3.6.2019, p. 49).

(4) Bi tweġiba għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-provvista tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, ġew stabbiliti miżuri eċċezzjonali għall-RP3, li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 ([4]). Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1627, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 ([5]) li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3 fit-2 ta' Ġunju 2021.

(5) Il-Kummissjoni tinnota li t-tbassir tat-traffiku bażi tas-Servizz tal-Istatistika u tat-Tbassir tal-Eurocontrol ("STATFOR") ta' Ottubru 2021 jipprevedi li t-traffiku tal-ajru fil-livell tal-Unjoni kollha se jilħaq il-livelli ta' qabel il-pandemija tiegħu matul l-2023 u se jaqbeż dawk il-livelli fl-2024. Madankollu, il-livell ta' inċertezza rigward l-iżvilupp tat-traffiku għadu partikolarment għoli minħabba r-riskji relatati mal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-COVID-19. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-irkupru tat-traffiku mhuwiex mistenni li jkun uniformi fl-Istati Membri kollha.

(6) L-Istati Membri kollha żviluppaw u adottaw abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni li fihom miri tal-prestazzjoni lokali riveduti għall-RP3, li tressqu mill-Kummissjoni għall-valutazzjoni sal-1 ta' Ottubru 2021. Wara l-verifika tal-kompletezza ta' dawk l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jressqu l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni aġġornati sas-17 ta' Novembru 2021. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ppreżentata f'din id-Deċiżjoni hija msejsa fuq l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni aġġornat imressaq mill-Finlandja.

(7) Il-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, li jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, ressaq rapport lill-Kummissjoni li jinkludi l-parir tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni tal-RP3.

(8) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni lokali proposti mill-Finlandja abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, u qieset iċ-ċirkostanzi lokali. Fir-rigward ta' kull qasam ewlieni tal-prestazzjoni u tal-miri tal-prestazzjoni relatati, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni billi rrieżaminat l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

VALUTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza

(9) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri mressqin mill-Finlandja rigward l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza tal-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(10) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza proposti mill-Finlandja fir-rigward tal-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, imqassma skont l-objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza u espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, huma kif ġej:

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 tat-3 ta' Novembru 2020 dwar miżuri eċċezzjonali għat-tielet perjodu ta' referenza (2020-2024) tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti tal-ajru uniku Ewropew minħabba l-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 366, 4.11.2020, p. 7).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/891 tat-2 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu referenzjarju (2020-2024) u li thassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903 (ĠU L 195, 3.6.2021, p. 3).

Il-Finlandja	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
ANS Finland	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	C	C	C	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	**C**

(11) Fir-rigward tal-abbozzi tal-miri tas-sikurezza proposti mill-Finlandja għall-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (ANS Finland), il-Kummissjoni sabet li l-livell tal-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha huwa ppjanat li jintlaħaq fl-2024 fir-rigward tal-objettiv tal-"ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza", filwaqt li għall-"objettivi tal-ġestjoni għas-sikurezza" l-oħrajn, il-miri tal-prestazzjoni lokali jilħqu l-livell tal-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(12) Il-Kummissjoni tinnota li l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Finlandja jistabbilixxi miżuri għal ANS Finland biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza lokali, bħall-implimentazzjoni kontinwa tal-miżuri konformi mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 ([6]), is-sorveljanza kontinwa tal-miri tal-prestazzjoni tas-sikurezza mill-maniġers tas-sikurezza, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' investimenti fis-sistemi li jottimizzaw l-ispazju tal-ajru u l-ġestjoni tar-riżorsi biex tittejjeb is-sikurezza u jissaħħaħ il-forniment dinamiku u kosteffiċjenti tas-servizzi transfruntiera.

(13) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (11) u (12), u meta jitqies li l-miri tal-prestazzjoni tas-sikurezza mal-Unjoni kollha stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 iridu jintlaħqu sal-aħħar sena tal-RP3, jiġifieri l-2024, jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Finlandja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent

(14) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Finlandja rigward l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Finlandja tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti tal-effiċjenza tat-titjir orizzontali *en route* stabbiliti fil-Pjan ta' Titjib tan-Network Ewropew tar-Rotot ("ERNIP") disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(15) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni ambjentali lokali mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha tiġi vvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 tal-1 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni għall-fornituri ta' servizzi fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u funzjonijiet oħrajn tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-sorveljanza tagħhom, iħassar ir-Regolament (KE) Nru 482/2008, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1034/2011, (UE) Nru 1035/2011 u (UE) 2016/1377 u jemenda r-Regolament (UE) Nru 677/2011 (ĠU L 62, 8.3.2017, p. 1).

(16) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent proposti mill-Finlandja u l-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għall-RP3 mill-ERNIP, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali, huma kif ġej:

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tal-Finlandja, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**0,88 %**	**0,88 %**	**0,88 %**	**0,88 %**
Valuri referenzjarji għall-Finlandja	0,88 %	0,88 %	0,88 %	0,88 %

(17) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-ambjent proposti mill-Finlandja huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(18) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, il-Finlandja ppreżentat miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent lokali fosthom l-implimentazzjoni kontinwa tal-Ispazju tal-Ajru b'Rotot Liberi (FRA), bejn il-livell 095 ta' titjir u l-livell 660 ta' titjir. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-Finlandja hija diġà parti mill-Inizjattiva tal-Ispazju tal-Ajru b'Rotot Liberi għat-Tramuntana tal-Ewropa (NEFRA) bejn l-Istati Membri tal-FAB tal-Grigal ("NE FAB") u l-FAB Danimarka-Żvezja ("DK-SE FAB").

(19) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (17) u (18), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Finlandja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità

(20) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Finlandja rigward id-dewmien medju tal-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ("ATFM") *en route* għal kull titjira abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Finlandja tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti stabbiliti fil-Pjan Operazzjonali tan-Network disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(21) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità lokali mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha tiġi vvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(22) L-abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* proposti mill-Finlandja għall-RP3, espressi f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira, kif ukoll il-valuri referenzjarji korrispondenti mill-Pjan Operazzjonali tan-Network huma kif ġej:

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tal-Finlandja, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,03**	**0,05**	**0,05**	**0,05**
Valuri referenzjarji għall-Finlandja	0,03	0,05	0,05	0,05

(23) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-kapaċità proposti mill-Finlandja huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(24) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, il-Finlandja ppreżentat firxa ta' miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali *en route*. Dawk il-miżuri jinkludu l-implimentazzjoni ta' datalink mil-livell 195 ta' titjir 'il fuq, multilaterazzjoni fuq żona wiesgħa kif ukoll is-settorizzazzjoni dinamika u transfruntiera fil-kuntest tal-proġett FINEST, inizjattiva transfruntiera bejn il-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru tal-Finlandja (ANS Finland) u tal-Estonja (EANS) bil-ħsieb li jippermettu l-ġestjoni dinamika tas-servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru bejn iċ-ċentri ta' kontroll tal-erja ta' Ħelsinki u ta' Tallinn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li l-Finlandja qed tippjana li timplimenta diversi aġġornamenti fis-sistema tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru matul l-RP3, fosthom sistema komuni mal-Estonja għall-ipproċessar tad-*data* dwar it-titjiriet biex tiżdied il-kollaborazzjoni transfruntiera, kif ukoll aġġornament tas-sistema ta' komunikazzjoni bil-vuċi (VCS).

(25) Il-Kummissjoni tosserva wkoll li l-Finlandja qed tippjana li mill-2022 'il quddiem iżżid bi ftit il-FTEs tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru (ATCO) u flimkien mal-Estonja, tintroduċi roster u ppjanar komuni tal-ATCOs.

(26) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (23) sa (25), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Finlandja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità.

Rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(27) Fir-rigward tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 kif stabbilit fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* bir-rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li dawk l-abbozzi tal-miri ma jqajmu l-ebda tħassib fir-rigward tal-Finlandja.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza

(28) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Finlandja rigward il-kost unitarju ddeterminat ("DUC") għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route* abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-punti 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dawk il-kriterji jikkonsistu mix-xejra tad-DUC matul l-RP3, mix-xejra fit-tul tad-DUC matul it-tieni perjodu referenzjarju ("RP2") u l-RP3 (2015-2024), u mill-valur bażi għad-DUC fil-livell taż-żona tal-imposti meta mqabbel mal-valur medju taż-żoni tal-imposti fejn il-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom ambjent operazzjonali u ekonomiku simili.

(29) Il-valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali. Dan ġie kkomplementat mir-rieżami tal-fatturi u l-parametri ewlenin li jirfdu dawk il-miri kif speċifikat fil-punt 2.1(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(30) L-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* proposti mill-Finlandja għall-RP3 huma kif ġej:

Żona tal-imposti *en route* tal-Finlandja	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**55,87 EUR**	**40,70 EUR**	**81,42 EUR**	**48,63 EUR**	**41,43 EUR**	**40,22 EUR**

(31) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC *en route* tal-Finlandja fil-livell taż-żona tal-imposti ta' -0,3 % matul l-RP3 tisboq ix-xejra mal-Unjoni kollha ta' +1,0 % matul l-istess perjodu.

(32) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC *en route* tal-Finlandja fil-livell taż-żona tal-imposti matul l-RP2 u l-RP3 ta' -3,6 % tisboq ix-xejra fit-tul mal-Unjoni kollha ta' -1,3 % matul l-istess perjodu.

(33) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi tal-Finlandja għad-DUC ta' EUR 40,70 f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017 ("EUR 2017") huwa 17,4 % inqas mill-valur bażi medju ta' EUR 49,28 fl-EUR 2017 tal-grupp komparatur rilevanti. Il-Kummissjoni tinnota li l-kost unitarju ddeterminat *en route* tal-Finlandja għadu taħt il-medja tal-grupp komparatur matul l-RP3 kollu, b'differenza ta' -13,6 % osservata għall-2024.

(34) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (31) sa (33), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Finlandja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza.

Rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(35) Fir-rigward tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 kif stabbilit fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* bir-rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li dawk l-abbozzi tal-miri ma jqajmu l-ebda tħassib fir-rigward tal-Finlandja.

Rieżami tal-iskemi ta' inċentivi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 li jikkomplementa l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità

(36) F'konformità mal-punt 2.1(f) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, b'rabta mal-valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha b'rieżami tal-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi jissodisfawx ir-rekwiżiti sostantivi stabbiliti fl-Artikolu 11(1) u (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li l-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Finlandja jqajmu tħassib.

(37) Il-Kummissjoni tosserva li l-iskema ta' inċentivi tal-kapaċità *en route* proposta fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-Finlandja tinkludi żvantaġġ finanzjarju massimu li jammonta għal 0,50 % tal-kostijiet iddeterminati, u vantaġġ finanzjarju massimu li jammonta għal 0,0 % tal-kostijiet iddeterminati.

(38) Il-Kummissjoni tosserva li l-iskema ta' inċentivi tal-kapaċità fit-terminal proposta fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-Finlandja tinkludi żvantaġġ finanzjarju massimu li jammonta għal 0,25 % tal-kostijiet iddeterminati, u vantaġġ finanzjarju massimu li jammonta għal 0,0 % tal-kostijiet iddeterminati.

(39) Fir-rigward ta' dawk l-iskemi ta' inċentivi, abbażi tal-parir espert ipprovdut mill-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni għandha dubji kbar dwar jekk l-iżvantaġġi finanzjarji massimi proposti, li jammontaw għal 0,50 % u 0,25 % tal-kostijiet iddeterminati rispettivi, humiex se jkollhom xi impatt materjali fuq id-dħul f'riskju, kif meħtieġ skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(40) Għalhekk, jenħtieġ li l-Finlandja tirrevedi, b'rabta mal-adozzjoni tal-pjan tal-prestazzjoni finali tagħha f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-iskemi ta' inċentivi tagħha għall-ilħuq tal-miri tal-kapaċità *en route* u fit-terminal sabiex l-iżvantaġġi finanzjarji massimi li jirriżultaw minn dawk l-iskemi ta' inċentivi jiġu stabbiliti f'livell li jkollu impatt materjali fuq id-dħul f'riskju, kif meħtieġ b'mod dirett skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, li fil-fehma tal-Kummissjoni jenħtieġ li jwassal għal żvantaġġ finanzjarju massimu li jkun daqs jew ogħla minn 1 % tal-kostijiet iddeterminati,

KONKLUŻJONIJIET

(41) Abbażi tal-valutazzjoni stabbilita fil-premessi (10) sa (40), il-Kummissjoni sabet li l-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Finlandja huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha.

(42) Il-Kummissjoni tinnota li xi Stati Membri indikaw li biħsiebhom jinkludu l-entrati tal-kostijiet relatati mad-detezzjoni tad-droni tal-ajruport fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom. Ma kienx possibbli li jiġi stabbilit b'mod preċiż, abbażi tal-elementi li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, sa liema punt l-Istati Membri inkludew tali kostijiet iddeterminati fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom u, fejn ġew inklużi dawn il-kostijiet, sa liema punt jiġġarrbu fir-rigward tal-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u b'hekk jistgħux jitqiesu eliġibbli skont l-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti. Is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu talba għal informazzjoni *ad hoc* lill-Istati Membri kollha sabiex jiġbru informazzjoni rilevanti, u se jkomplu jeżaminaw il-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni fl-ajruporti rrapportati fil-kuntest tal-verifika tal-konformità tar-rata unitarja. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għas-sejbiet u għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-suġġett tal-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni.

(43) B'reazzjoni għall-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, li bdiet fl-24 ta' Frar 2022, l-Unjoni adottat miżuri restrittivi li jipprojbixxu lit-trasportaturi tal-ajru Russi, lil kwalunkwe inġenju tal-ajru rreġistrat fir-Russja u lil kwalunkwe inġenju tal-ajru mhux irreġistrat fir-Russja li huwa l-proprjetà jew mikri, jew ikkontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika Russa, minn entità jew minn korp Russu milli jinżlu fit-territorju tal-Unjoni, jew jitilqu minnu, jew jittajru fuqu. Dawk il-miżuri qed iwasslu għal tnaqqis fit-traffiku tal-ajru fl-ispazju tal-ajru fuq it-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-impatt fil-livell tal-Unjoni kollha ma jkunx komparabbli mat-tnaqqis tat-traffiku tal-ajru li rriżulta mit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 f'Marzu 2020. Għalhekk, jixraq li jinżammu l-miżuri u l-proċessi eżistenti għall-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni u tal-imposti fl-RP3,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Finlandja, skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 u elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Finlandja.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Adina VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Miri tal-prestazzjoni inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, imressaq mill-Finlandja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, li nstabu konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju.

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA

Effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza

Il-Finlandja	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
ANS Finland	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	C	C	C	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	**C**

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-AMBJENT

Effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri ambjentali *en route* tal-Finlandja, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**0,88 %**	**0,88 %**	**0,88 %**	**0,88 %**
Valuri referenzjarji għall-Finlandja	0,88 %	0,88 %	0,88 %	0,88 %

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ

Dewmien medju tal-ATFM *en route* f'minuti għal kull titjira

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tal-Finlandja, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,03**	**0,05**	**0,05**	**0,05**
Valuri referenzjarji għall-Finlandja	0,03	0,05	0,05	0,05

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

Kost unitarju ddeterminat għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route*

Żona tal-imposti *en route* tal-Finlandja	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**55,87 EUR**	**40,70 EUR**	**81,42 EUR**	**48,63 EUR**	**41,43 EUR**	**40,22 EUR**

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/766

tat-13 ta' April 2022

dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Irlanda skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju

(notifikata bid-dokument C(2022) 2287)

(It-testi bl-Ingliż u bl-Irlandiż biss huma awtentiċi)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([1]), u b'mod partikolari il-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tiegħu,

Billi:

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

(1) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 għandha titwaqqaf skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-Istati Membri għandhom ifasslu, fil-livell nazzjonali jew fil-livell ta' blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali ("FABs"), miri vinkolanti ta' prestazzjoni għal kull perjodu referenzjarju tal-iskema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Dawk il-miri tal-prestazzjoni jridu jkunu konsistenti mal-miri għall-Unjoni kollha adottati mill-Kummissjoni għall-perjodu referenzjarju kkonċernat. Il-Kummissjoni hija responsabbli biex tivvaluta jekk il-miri tal-prestazzjoni proposti li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mfassla mill-Istati Membri humiex konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha, billi tuża l-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(2) Mill-ewwel trimestru tas-sena kalendarja 2020, it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 ħalliet impatt sinifikanti fuq is-settur tat-trasport bl-ajru u meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-pandemija, naqqset b'mod konsiderevoli l-volumi tat-traffiku tal-ajru minħabba l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi biex tiġi kkontrollata l-pandemija.

(3) Il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju ("RP3") ġew oriġinarjament stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 ([3]). Minħabba li dawk il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha u l-abbozz tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fl-RP3 sussegwentement imressqin mill-Istati Membri tfasslu qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, dawn ma setgħux iqisu ċ-ċirkostanzi li rriżultaw u nbidlu b'mod sinifikanti għat-trasport bl-ajru.

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 (ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 tad-29 ta' Mejju 2019 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu ta' referenza li jibda fl-1 ta' Jannar 2020 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2024 (ĠU L 144, 3.6.2019, p. 49).

(4) Bi tweġiba għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-provvista tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, ġew stabbiliti miżuri eċċezzjonali għall-RP3, li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 ([4]). Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1627, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 ([5]) li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3 fit-2 ta' Ġunju 2021.

(5) Il-Kummissjoni tinnota li t-tbassir tat-traffiku bażi tas-Servizz tal-Istatistika u tat-Tbassir tal-Eurocontrol ("STATFOR") ta' Ottubru 2021 jipprevedi li t-traffiku tal-ajru fil-livell tal-Unjoni kollha se jilħaq il-livelli ta' qabel il-pandemija tiegħu matul l-2023 u se jaqbeż dawk il-livelli fl-2024. Madankollu, il-livell ta' inċertezza rigward l-iżvilupp tat-traffiku għadu partikolarment għoli minħabba r-riskji relatati mal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-COVID-19. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-irkupru tat-traffiku mhuwiex mistenni li jkun uniformi fl-Istati Membri kollha.

(6) L-Istati Membri kollha żviluppaw u adottaw abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni li fihom miri tal-prestazzjoni lokali riveduti għall-RP3, li tressqu mill-Kummissjoni għall-valutazzjoni sal-1 ta' Ottubru 2021. Wara l-verifika tal-kompletezza ta' dawk l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jressqu l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni aġġornati sas-17 ta' Novembru 2021. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ppreżentata f'din id-Deċiżjoni hija msejsa fuq il-pjan tal-prestazzjoni aġġornat imressaq mill-Irlanda.

(7) Il-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, li jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, ressaq rapport lill-Kummissjoni li jinkludi l-parir tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni tal-RP3.

(8) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni lokali proposti mill-Irlanda abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, u qieset iċ-ċirkostanzi lokali. Fir-rigward ta' kull qasam ewlieni ta' prestazzjoni u l-miri ta' prestazzjoni relatati, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni billi rrieżaminat l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

VALUTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza

(9) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri mressqin mill-Irlanda rigward l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(10) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza proposti mill-Irlanda fir-rigward tal-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, imqassma skont l-objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza u espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, huma kif ġej:

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 tat-3 ta' Novembru 2020 dwar miżuri eċċezzjonali għat-tielet perjodu ta' referenza (2020-2024) tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti tal-ajru uniku Ewropew minħabba l-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 366, 4.11.2020, p. 7).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/891 tat-2 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu referenzjarju (2020-2024) u li thassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903 (ĠU L 195, 3.6.2021, p. 3).

L-Irlanda	Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
IAA	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	D	D	D	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	**C**

(11) Il-Kummissjoni sabet li l-abbozzi tal-miri tas-sikurezza proposti mill-Irlanda għall-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (IAA) huma ugwali għall-miri tas-sikurezza mal-Unjoni kollha għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(12) Il-Kummissjoni tinnota li l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Irlanda jirreferi għall-miżuri ppjanati mill-IAA fil-pjan ta' direzzjoni tan-negozju biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza lokali. Il-miżuri jinkludu l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 ([6]) kif ukoll l-investimenti relatati mas-sikurezza. L-NSA tistqarr li se tkompli tirrieżamina b'mod annwali l-eżiti tal-effettività tal-kwestjonarju dwar il-ġestjoni tas-sikurezza u se timponi miżuri ta' rimedju fi kwalunkwe qasam ta' nonkonformità sabiex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza lokali.

(13) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (11) u (12), u meta jitqies li l-miri tal-prestazzjoni tas-sikurezza mal-Unjoni kollha stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 iridu jintlaħqu sal-aħħar sena tal-RP3, jiġifieri l-2024, jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Irlanda jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent

(14) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Irlanda rigward l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Irlanda tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti tal-effiċjenza tat-titjir orizzontali *en route* stabbiliti fil-Pjan ta' Titjib tan-Network Ewropew tar-Rotot ("ERNIP") disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(15) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni ambjentali lokali mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha tiġi vvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 tal-1 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni għall-fornituri ta' servizzi fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u funzjonijiet oħrajn tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-sorveljanza tagħhom, iħassar ir-Regolament (KE) Nru 482/2008, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1034/2011, (UE) Nru 1035/2011 u (UE) 2016/1377 u jemenda r-Regolament (UE) Nru 677/2011 (ĠU L 62, 8.3.2017, p. 1).

(16) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent proposti mill-Irlanda u l-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għall-RP3 mill-ERNIP, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali, huma kif ġej:

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tal-Irlanda, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**1,13 %**	**1,13 %**	**1,13 %**	**1,13 %**
Valuri referenzjarji għall-Irlanda	1,13 %	1,13 %	1,13 %	1,13 %

(17) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-ambjent proposti mill-Irlanda huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(18) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, l-Irlanda ppreżentat diversi miżuri biex jintlaħqu l-miri ambjentali lokali fosthom ir-riorganizzazzjoni tar-Reġjun ta' Informazzjoni dwar it-Titjir (FIR) ta' Shannon kif ukoll l-implimentazzjoni tal-pjan ta' tranżizzjoni għan-navigazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni (PBN).

(19) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li l-Irlanda diġà implimentat l-ispazju tal-ajru b'rotot liberi (FRA) fl-ispazju tal-ajru ta' aktar 'il fuq kif ukoll fl-ispazju tal-ajru ta' aktar 'l isfel.

(20) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (17) sa (19), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Irlanda jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità

(21) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Irlanda rigward id-dewmien medju tal-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ("ATFM") *en route* għal kull titjira abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Irlanda tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti stabbiliti fil-Pjan Operazzjonali tan-Network disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(22) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustament retroattiv. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità lokali mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha tiġi vvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(23) L-abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* proposti mill-Irlanda għall-RP3, espressi f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira, kif ukoll il-valuri referenzjarji korrispondenti mill-Pjan Operazzjonali tan-Network huma kif ġej:

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tal-Irlanda, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,01**	**0,03**	**0,03**	**0,03**
Valuri referenzjarji għall-Irlanda	0,01	0,03	0,03	0,03

(24) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-kapaċità proposti mill-Irlanda huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(25) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tagħha, l-Irlanda ppreżentat firxa ta' miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali *en route*. Dawk il-miżuri jinkludu settorizzazzjoni flessibbli tal-ispazju tal-ajru, klassifikazzjonijiet multipli tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru (ATCOs), ċentru tal-operazzjonijiet ta' kontinġenza *en route* għaċ-Ċentru ta' Kontroll tal-Erja ta' Shannon (ACC) u proġetti b'enfasi fuq it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-settur.

(26) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (24) u (25), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Irlanda jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità.

Rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(27) Fir-rigward tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 kif stabbilit fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* bir-rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li dawk l-abbozzi tal-miri jqajmu tħassib fir-rigward tal-Irlanda.

(28) Il-Kummissjoni sabet li l-miri proposti għall-RP3 rigward id-dewmien medju tal-ATFM tal-wasla li jvarjaw minn 0,25 sa 0,20 minuta għal kull titjira għas-snin kalendarji 2021 sal-2024 huma ferm ogħla mill-prestazzjoni tad-dewmien tal-ATFM miksuba fis-snin kalendarji kollha ħlief waħda matul it-tieni perjodu referenzjarju ("RP2"), b'dewmien medju tal-ATFM ta' madwar 0,15 minuta għal kull titjira osservata matul dak il-perjodu.

(29) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li, b'rabta mal-adozzjoni tal-pjan tal-prestazzjoni finali tagħha f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, jenħtieġ li fid-dawl tal-osservazzjonijiet stabbiliti hawn fuq, l-Irlanda tiġġustifika ulterjorment il-miri tal-kapaċità fit-terminal jew tirrevedi 'l isfel l-abbozzi tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza

(30) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Irlanda rigward il-kost unitarju ddeterminat ("DUC") għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route* abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-punti 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dawk il-kriterji jikkonsistu mix-xejra tad-DUC matul l-RP3, mix-xejra fit-tul tad-DUC matul l-RP2 u l-RP3 (2015-2024), u mill-valur bażi għad-DUC fil-livell taż-żona tal-imposti meta mqabbel mal-valur medju taż-żoni tal-imposti fejn il-forniturи tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom ambjent operazzjonali u ekonomiku simili.

(31) Il-valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali. Dan ġie kkomplementat mir-rieżami tal-fatturi u l-parametri ewlenin li jirfdu dawk il-miri kif speċifikat fil-punt 2.1(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(32) L-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* proposti mill-Irlanda għall-RP3 huma kif ġej:

Żona tal-imposti *en route* tal-Irlanda	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**26,36 EUR**	**25,03 EUR**	**47,25 EUR**	**29,84 EUR**	**25,01 EUR**	**24,66 EUR**

(33) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC *en route* tal-Irlanda fil-livell taż-żona tal-imposti ta' -0,4 % kull sena matul l-RP3 hija inqas mix-xejra mal-Unjoni kollha ta' +1,0 % matul l-istess perjodu.

(34) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC *en route* tal-Irlanda fil-livell taż-żona tal-imposti matul l-RP2 u l-RP3 ta' -0,7 % kull sena hija inqas mix-xejra fit-tul mal-Unjoni kollha ta' -1,3 % matul l-istess perjodu.

(35) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi għad-DUC ta' EUR 25,03 tal-Irlanda f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017 ("EUR 2017") huwa 52,9 % inqas mill-valur bażi medju ta' EUR 53,20 fl-EUR 2017 tal-grupp komparatur rilevanti. Il-Kummissjoni tinnota li l-kost unitarju ddeterminat *en route* tal-Irlanda għall-2024 se jkompli jkun aktar baxx b'51,1 % mill-medja tal-grupp komparatur.

(36) Kif speċifikat fil-premessa (33), huwa ċar li fil-biċċa l-kbira, ix-xejra tad-DUC tal-Irlanda matul l-RP3 tisboq ix-xejra tad-DUC mal-Unjoni kollha. Barra minn hekk, id-DUC tal-Irlanda fl-2024 huwa aktar baxx mill-valuri bażi tal-2014 u tal-2019 u dan juri li ntlaħqu kisbiet effettivi fil-kosteffiċjenza kemm fuq terminu medju kif ukoll fuq terminu twil. Fl-aħħar, b'referenza għall-premessa (35), l-Irlanda turi prestazzjoni tal-kosteffiċjenza b'saħħitha f'termini tal-livell tad-DUC, peress li l-valur bażi għall-2019 u d-DUC għall-2024 tal-Irlanda huma t-tnejn ferm aktar baxxi (b'aktar minn 50 %) mill-valuri medji korrispondenti tal-grupp komparatur. Wara li kkunsidrat il-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li d-devjazzjoni mix-xejra fit-tul tad-DUC mal-Unjoni kollha osservata fil-premessa (34) ma tipprekludix li tiġi stabbilita konsistenza mal-miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza mal-Unjoni kollha fir-rigward tal-Irlanda.

(37) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (33) sa (36), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Irlanda jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza.

Rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(38) Fir-rigward tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 kif stabbilit fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* bir-rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li dawk l-abbozzi tal-miri ma jqajmu l-ebda tħassib fir-rigward tal-Irlanda.

Rieżami tal-iskemi ta' inċentivi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 li jikkomplementa l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità

(39) F'konformità mal-punt 2.1(f) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, b'rabta mal-valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha b'rieżami tal-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi jissodisfawx ir-rekwiżiti sostantivi stabbiliti fl-Artikolu 11(1) u (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li l-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Irlanda jqajmu tħassib.

(40) Il-Kummissjoni tosserva li kemm l-iskema ta' inċentivi tal-kapaċità *en route* kif ukoll l-iskema ta' inċentivi tal-kapaċità fit-terminal proposti fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Irlanda jinkludu żvantaġġ finanzjarju massimu li jammonta għal 0,50 % tal-kostijiet iddeterminati u vantaġġ finanzjarju massimu li jammonta għal 0,0 % tal-kostijiet iddeterminati.

(41) Fir-rigward ta' dawk l-iskemi ta' inċentivi, abbażi tal-parir espert ipprovdut mill-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni għandha dubji kbar dwar jekk l-iżvantaġġ finanzjarju massimu propost, li jammonta għal 0,50 % tal-kostijiet iddeterminati, huwiex se jkollu xi impatt materjali fuq id-dħul f'riskju, kif meħtieġ skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(42) Għalhekk, jenħtieġ li l-Irlanda tirrevedi, b'rabta mal-adozzjoni tal-pjan tal-prestazzjoni finali tagħha f'konformità mal-Artikolu 16(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-iskemi ta' inċentivi tagħha għall-ilħuq tal-miri tal-kapaċità *en route* u fit-terminal sabiex l-iżvantaġġi finanzjarji massimi li jirriżultaw minn dawk l-iskemi ta' inċentivi jiġu stabbiliti f'livell li jkollu impatt materjali fuq id-dħul f'riskju, kif meħtieġ b'mod dirett skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, li fil-fehma tal-Kummissjoni jenħtieġ li jwassal għal żvantaġġ finanzjarju massimu li jkun daqs jew ogħla minn 1 % tal-kostijiet iddeterminati.

KONKLUŻJONIJIET

(43) Abbażi tal-valutazzjoni stabbilita fil-premessi (9) sa (42), il-Kummissjoni sabet li l-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Irlanda huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha.

(44) Il-Kummissjoni tinnota li xi Stati Membri indikaw li bħsiebhom jinkludu l-entrati tal-kostijiet relatati mad-detezzjoni tad-droni tal-ajruport fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom. Ma kienx possibbli li jiġi stabbilit b'mod preċiż, abbażi tal-elementi li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, sa liema punt l-Istati Membri inkludew tali kostijiet iddeterminati fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom u, fejn ġew inklużi dawn il-kostijiet, sa liema punt jiġġarrbu fir-rigward tal-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u b'hekk jistgħux jitqiesu eliġibbli skont l-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti. Is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu talba għal informazzjoni *ad hoc* lill-Istati Membri kollha sabiex jiġbru informazzjoni rilevanti, u se jkomplu jeżaminaw il-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni fl-ajruporti rrapportati fil-kuntest tal-verifika tal-konformità tar-rata unitarja. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għas-sejbiet u għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-suġġett tal-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni.

(45) B'reazzjoni għall-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, li bdiet fl-24 ta' Frar 2022, l-Unjoni adottat miżuri restrittivi li jipprojbixxu lit-trasportaturi tal-ajru Russi, lil kwalunkwe inġenju tal-ajru rreġistrat fir-Russja u lil kwalunkwe inġenju tal-ajru mhux irreġistrat fir-Russja li huwa l-proprjetà jew mikri, jew ikkontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika Russa, minn entità jew minn korp Russu milli jinżlu fit-territorju tal-Unjoni, jew jitilqu minnu, jew jittajru fuqu. Dawk il-miżuri qed iwasslu għal tnaqqis fit-traffiku tal-ajru fl-ispazju tal-ajru fuq it-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-impatt fil-livell tal-Unjoni kollha ma jkunx komparabbli mat-tnaqqis tat-traffiku tal-ajru li rriżulta mit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 f'Marzu 2020. Għalhekk, jixraq li jinżammu l-miżuri u l-proċessi eżistenti għall-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni u tal-imposti fl-RP3,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Irlanda, skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 u elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Irlanda.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Adina VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Miri tal-prestazzjoni inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, imressaq mill-Irlanda skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, li nstabu konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju.

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA

Effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza

L-Irlanda	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
IAA	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	D	D	D	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	**C**

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-AMBJENT

Effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tal-Irlanda, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**1,13 %**	**1,13 %**	**1,13 %**	**1,13 %**
Valuri referenzjarji għall-Irlanda	1,13 %	1,13 %	1,13 %	1,13 %

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ

Dewmien medju tal-ATFM *en route* f'minuti għal kull titjira

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tal-Irlanda, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,01**	**0,03**	**0,03**	**0,03**
Valuri referenzjarji għall-Irlanda	0,01	0,03	0,03	0,03

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

Kost unitarju ddeterminat għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route*

Żona tal-imposti *en route* tal-Irlanda	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**26,36 EUR**	**25,03 EUR**	**47,25 EUR**	**29,84 EUR**	**25,01 EUR**	**24,66 EUR**

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/767

tat-13 ta' April 2022

dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Portugall skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju

(notifikata bid-dokument C(2022) 2288)

(It-test bil-Portugiż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([1]), u b'mod partikolari il-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tiegħu,

Billi:

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

(1) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 għandha titwaqqaf skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-Istati Membri għandhom ifasslu, fil-livell nazzjonali jew fil-livell ta' blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali ("FABs"), miri vinkolanti ta' prestazzjoni għal kull perjodu referenzjarju tal-iskema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Dawk il-miri tal-prestazzjoni jridu jkunu konsistenti mal-miri għall-Unjoni kollha adottati mill-Kummissjoni għall-perjodu referenzjarju kkonċernat. Il-Kummissjoni hija responsabbli biex tivvaluta jekk il-miri tal-prestazzjoni proposti li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mfassla mill-Istati Membri humiex konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha, billi tuża l-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(2) Mill-ewwel trimestru tas-sena kalendarja 2020, it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 ħalliet impatt sinifikanti fuq is-settur tat-trasport bl-ajru u meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-pandemija, naqqset b'mod konsiderevoli l-volumi tat-traffiku tal-ajru minħabba l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi biex tiġi kkontrollata l-pandemija.

(3) Il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju ("RP3") ġew oriġinarjament stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 ([3]). Minħabba li dawk il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha u l-abbozz tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fl-RP3 sussegwentement imressqin mill-Istati Membri tfasslu qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, dawn ma setgħux iqisu ċ-ċirkostanzi li rriżultaw u nbidlu b'mod sinifikanti għat-trasport bl-ajru.

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 (ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 tad-29 ta' Mejju 2019 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu ta' referenza li jibda fl-1 ta' Jannar 2020 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2024 (ĠU L 144, 3.6.2019, p. 49).

(4) Bi tweġiba għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-provvista tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, ġew stabbiliti miżuri eċċezzjonali għall-RP3, li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 ([4]). Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1627, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 ([5]) li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3 fit-2 ta' Ġunju 2021.

(5) Il-Kummissjoni tinnota li t-tbassir tat-traffiku bażi tas-Servizz tal-Istatistika u tat-Tbassir tal-Eurocontrol ("STATFOR") ta' Ottubru 2021 jipprevedi li t-traffiku tal-ajru fil-livell tal-Unjoni kollha se jilħaq il-livelli ta' qabel il-pandemija tiegħu matul l-2023 u se jaqbeż dawk il-livelli fl-2024. Madankollu, il-livell ta' inċertezza rigward l-iżvilupp tat-traffiku għadu partikolarment għoli minħabba r-riskji relatati mal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-COVID-19. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-irkupru tat-traffiku mhuwiex mistenni li jkun uniformi fl-Istati Membri kollha.

(6) L-Istati Membri kollha żviluppaw u adottaw abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni li fihom miri tal-prestazzjoni lokali riveduti għall-RP3, li tressqu mill-Kummissjoni għall-valutazzjoni sal-1 ta' Ottubru 2021. Wara l-verifika tal-kompletezza ta' dawk l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jressqu l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni aġġornati sas-17 ta' Novembru 2021. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ppreżentata f'din id-Deċiżjoni hija msejsa fuq l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni aġġornat imressaq mill-Portugall.

(7) Il-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, li jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, ressaq rapport lill-Kummissjoni li jinkludi l-parir tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni tal-RP3.

(8) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni lokali proposti mill-Portugall abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, u qieset iċ-ċirkostanzi lokali. Fir-rigward ta' kull qasam ewlieni tal-prestazzjoni u tal-miri tal-prestazzjoni relatati, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni billi rrieżaminat l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

VALUTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza

(9) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri mressqin mill-Portugall rigward l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza tal-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(10) L-abbozzi tal-miri ta' prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza proposti mill-Portugall fir-rigward tal-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, imqassma skont l-objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza u espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, huma kif ġej:

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 tat-3 ta' Novembru 2020 dwar miżuri eċċezzjonali għat-tielet perjodu ta' referenza (2020-2024) tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti tal-ajru uniku Ewropew minħabba l-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 366, 4.11.2020, p. 7).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/891 tat-2 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu referenzjarju (2020-2024) u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903 (ĠU L 195, 3.6.2021, p. 3).

Il-Portugall	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
NAV Portugal	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	C	C	C	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	**C**

(11) Fir-rigward tal-abbozzi tal-miri tas-sikurezza proposti mill-Portugall għall-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (NAV Portugal), il-Kummissjoni sabet li l-livell tal-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha huwa ppjanat li jintlaħaq fl-2024 fir-rigward tal-objettiv tal-"ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza", filwaqt li għall-"objettivi tal-ġestjoni għas-sikurezza" l-oħrajn, il-miri tal-prestazzjoni lokali jilħqu l-livell tal-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(12) Il-Kummissjoni tinnota li l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Portugall jistabbilixxi miżuri għal NAV Portugal biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza lokali, bħall-aġġornament ta' għodod eżistenti, it-titjib tal-proċess ta' monitoraġġ tal-indikaturi tas-sikurezza u tar-rapportar dwar il-kultura tas-sikurezza, kif ukoll ir-reviżjoni tal-istruttura ta' taħriġ rigward is-sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza.

(13) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (11) u (12), u meta jitqies li l-miri tal-prestazzjoni tas-sikurezza mal-Unjoni kollha stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 iridu jintlaħqu sal-aħħar sena tal-RP3, jiġifieri l-2024, jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Portugall jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent

(14) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, ġiet ivvalutatata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Portugall rigward l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali en route tat-trajettorja reali abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Portugall tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti tal-effiċjenza tat-titjir orizzontali en route stabbiliti fil-Pjan ta' Titjib tan-Network Ewropew tar-Rotot ("ERNIP") disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(15) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni ambjentali lokali mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha tiġi vvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(16) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent proposti mill-Portugall u l-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għall-RP3 mill-ERNIP, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali en route tat-trajettorja reali, huma kif ġej:

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tal-Portugall, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**1,80 %**	**1,80 %**	**1,80 %**	**1,80 %**
Valuri referenzjarji għall-Portugall	1,80 %	1,80 %	1,80 %	1,80 %

(17) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-ambjent proposti mill-Portugall huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(18) Fir-rigward tal-punt 2.1 (a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni, il-Portugall ippreżenta diversi miżuri biex jintlaħqu l-miri ambjentali lokali li jinkludu l-ottimizzazzjoni u l-estensjoni taż-Żona ta' Kontroll tat-Terminal (TMA) ta' Madeira, l-implimentazzjoni ta' pjan ta' tranżizzjoni għan-navigazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni (PBN), strutturi ġodda tat-Tluq Strumentali Standard (SID) u tal-Wasliet Strumentali Standard (STAR) f'Cascais, sistema "point merge" tat-TMA ta' Lisbona kif ukoll diversi miżuri biex tiżdied il-kollaborazzjoni transfruntiera ma' Franza, Spanja u l-Marokk.

(19) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li l-Portugall diġà implimenta l-ispazju tal-ajru b'rotot liberi (FRA) mil-livell 245 ta' titjir fir-Reġjun ta' Informazzjoni dwar it-Titjir (FIR) ta' Lisbona u qed jippjana biex lejn tmiem l-2024, jestendi l-FRA sal-FIR ta' Santa Maria.

(20) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (17) sa (19), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Portugall jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità

(21) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Portugall rigward id-dewmien medju tal-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ("ATFM") en route għal kull titjira abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Portugall tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti stabbiliti fil-Pjan Operazzjonali tan-Network disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(22) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità lokali mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha tiġi vvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(23) L-abbozzi tal-miri tal-kapaċità en route proposti mill-Portugall għall-RP3, espressi f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira, kif ukoll il-valuri referenzjarji korrispondenti mill-Pjan Operazzjonali tan-Network huma kif ġej:

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tal-Portugall, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,09**	**0,13**	**0,13**	**0,13**
Valuri referenzjarji għall-Portugall	0,09	0,13	0,13	0,13

(24) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-kapaċità proposti mill-Portugall huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(25) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tiegħu, il-Portugall ippreżenta firxa ta' miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali en route. Dawk il-miżuri jinkludu t-tranżizzjoni lejn sistema ġdida tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) u sala ġdida tal-Operazzjonijiet (OPS), bidliet fl-ispazju tal-ajru inkluż l-inizjattivi transfruntiera tal-FRA, it-tisħiħ tal-proċeduri tal-Ġestjoni tal-Fluss u tal-Kapaċità tat-Traffiku tal-Ajru (ATFCM) kif ukoll l-implimentazzjoni ta' pjan ta' reklutaġġ biex l-FTEs tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru jiżdiedu b'mod sinifikanti (+ 25 % sal-2024 meta mqabbel mal-livelli tal-2019).

(26) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (24) u (25), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Portugall jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità.

Rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(27) Fir-rigward tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 kif stabbilit fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità en route bir-rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li dawk l-abbozzi tal-miri jqajmu tħassib fir-rigward tal-Portugall.

(28) Il-Kummissjoni tosserva li meta tqabbel l-abbozzi tal-miri nazzjonali dwar id-dewmien medju tal-ATFM tal-wasla mal-prestazzjoni ta' ajruporti simili fil-livell tal-ajruport matul it-tieni perjodu referenzjarju ("RP2"), il-Kummissjoni sabet li l-ajruporti ta' Lisbona u Porto huma mistennija jesperjenzaw dewmien tal-ATFM ogħla minn dak previst għal ajruporti simili.

(29) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li, b'rabta mal-adozzjoni tal-pjan tal-prestazzjoni finali tagħha f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, jenħtieġ li fid-dawl tal-osservazzjonijiet stabbiliti hawn fuq, il-Portugall jiġġustifika ulterjorment il-miri tal-kapaċità fit-terminal, jew jirrevedi 'l isfel dawk il-miri.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza

(30) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Portugall rigward il-kostijiet unitarji ddeterminati ("DUC") għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-punti 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dawk il-kriterji jikkonsistu mix-xejra tad-DUC matul l-RP3, mix-xejra fit-tul tad-DUC matul l-RP2 u l-RP3 (2015-2024), u mill-valur bażi għad-DUC fil-livell taż-żona tal-imposti meta mqabbel mal-valur medju taż-żoni tal-imposti fejn il-forniturи tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom ambjent operazzjonali u ekonomiku simili.

(31) Il-valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza en route saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali. Dan ġie kkomplementat mir-rieżami tal-fatturi u l-parametri ewlenin li jirfdu dawk il-miri kif speċifikat fil-punt 2.1(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(32) L-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza en route proposti mill-Portugall għall-RP3 huma kif ġej:

Żona tal-imposti *en route* tal-Portugall Kontinentali	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**36,13 EUR**	**34,88 EUR**	**65,82 EUR**	**40,78 EUR**	**40,37 EUR**	**37,87 EUR**

(33) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC *en route* tal-Portugall fil-livell taż-żona tal-imposti ta' +2,1 % kull sena matul l-RP3 hija inqas mix-xejra mal-Unjoni kollha ta' +1,0 % matul l-istess perjodu.

(34) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC *en route* tal-Portugall fil-livell taż-żona tal-imposti matul l-RP2 u l-RP3 ta' +0,5 % kull sena hija inqas mix-xejra fit-tul mal-Unjoni kollha ta' -1,3 % matul l-istess perjodu.

(35) Madankollu, meta jitqabblu x-xejriet tad-DUC lokali u tal-Unjoni kollha msemmija fil-premessi (33) u (34), jenħtieġ li jitqies li t-tbassir tat-tkabbir fit-traffiku *en route* mill-Eurocontrol STATFOR għall-Portugall matul l-RP3 huwa previst li jkun ferm aktar baxx mit-tkabbir medju tat-traffiku fil-livell tal-Unjoni kollha. Dan jagħmilha aktar diffiċli għall-Portugall biex jissodisfa x-xejriet tad-DUC mal-Unjoni kollha.

(36) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi għad-DUC ta' EUR 34,88 tal-Portugall f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017 (EUR 2017) huwa 12,2 % inqas mill-valur bażi medju ta' EUR 39,73 fl-EUR 2017 tal-grupp komparatur rilevanti. Il-Kummissjoni tinnota li l-kost unitarju ddeterminat *en route* tal-Portugall għall-2024 se jkompli jkun aktar baxx b'9,8 % mill-medja tal-grupp komparatur.

(37) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk id-devjazzjonijiet osservati fil-premessi (33) u (34) jistgħux jitqiesu neċessarji u proporzjonati skont il-punt 1.4(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, diment li d-devjazzjonijiet osservati mix-xejra tad-DUC mal-Unjoni kollha jew mix-xejra fit-tul tad-DUC mal-Unjoni kollha jkunu dovuti esklussivament għall-kostijiet iddeterminati addizzjonali relatati mal-miżuri neċessarji biex jintlaħqu l-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità jew għall-miżuri ta' ristrutturar skont it-tifsira tal-Artikolu 2(18) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(38) Fir-rigward tal-kriterju speċifikat fil-punt 1.4(d)(i) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tiegħu, il-Portugall ippreżenta miżuri u investimenti li għandhom jiġu implimentati mill-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, jiġifieri NAV Portugal, għall-fini li jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali.

(39) Partikolarment, il-Portugall qed jippjana li jqiegħed fis-servizz sistema ġdida tal-ATM, peress li s-sistema li qed tintuża bħalissa laħqet tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja tagħha u għandha tiġi sostitwita. Din l-azzjoni hija tabilħaqq importanti sabiex fil-futur tiġi pprovduta kapaċità adegwata, peress li s-sistema tal-ATM eżistenti kienet responsabbli għal parti sostanzjali mid-dewmien tal-ATFM iġġenerat min-NAV Portugal fl-RP2, fiċ-ċirkostanzi ta' qabel il-COVID. Is-sistema ġdida tal-ATM se tnaqqas l-ammont ta' xogħol tal-ATCO għal kull inġenju u se tippermetti funzjonalitajiet ġodda, u b'hekk twassal għal kisbiet operazzjonali.

(40) Barra minn hekk, il-Portugall qed jippjana li matul l-RP3, iżid b'mod sinifikanti n-numru ta' ATCOs ekwivalenti għall-full time fl-operat. Dan l-iżvilupp huwa essenzjali sabiex jippermetti l-ftuħ ta' għadd akbar ta' setturi fl-ispazju tal-ajru *en route* tal-Portugall sa tmiem l-RP3, li se jtejjeb il-kapaċità pprovduta.

(41) Abbażi tal-analiżi dettaljata mill-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni tqis li l-miżuri rilevanti deskritti mill-Portugall fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni huma fil-fatt neċessarji biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali. Barra minn hekk, wara li tqieset l-evalwazzjoni li saret mill-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, jista' jiġi konkluż li l-kostijiet addizzjonali ta' dawk il-miżuri huma akbar mid-devjazzjonijiet mix-xejra tad-DUC mal-Unjoni kollha u mix-xejra fit-tul tad-DUC mal-Unjoni kollha msemmija fil-premessi (33) u (34).

(42) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi (38) sa (41), il-Kummissjoni għalhekk issib li l-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(i) ġie ssodisfat fir-rigward tal-Portugall.

(43) Mill-osservazzjonijiet preċedenti jirriżulta li mhuwiex neċessarju li jiġi eżaminat ulterjorment jekk il-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(ii) huwiex se jiġi sodisfatt fir-rigward tal-Portugall.

(44) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (33) sa (43), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Portugall jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza.

Rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(45) Fir-rigward tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 kif stabbilit fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza en route bir-rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Ma nstabx li dawk l-abbozzi tal-miri jqajmu tħassib fir-rigward tal-Portugall.

Rieżami tal-iskemi ta' inċentivi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 li jikkomplementa l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità

(46) F'konformità mal-punt 2.1(f) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, b'rabta mal-valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha b'rieżami tal-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi jissodisfawx ir-rekwiżiti sostantivi stabbiliti fl-Artikolu 11(1) u (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li l-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Portugall iqajmu tħassib.

(47) Il-Kummissjoni tosserva li kemm l-iskema ta' inċentivi tal-kapaċità *en route* kif ukoll l-iskema ta' inċentivi tal-kapaċità fit-terminal proposti fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Portugall jinkludu żvantaġġ finanzjarju massimu li jammonta għal 0,5 % tal-kostijiet iddeterminati u vantaġġ finanzjarju massimu li jammonta għal 0,5 % tal-kostijiet iddeterminati.

(48) Fir-rigward ta' dawk l-iskemi ta' inċentivi, abbażi tal-parir espert ipprovdut mill-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni għandha dubji kbar dwar jekk l-iżvantaġġ finanzjarju massimu propost, li jammonta għal 0,5 % tal-kostijiet iddeterminati, huwiex se jkollu xi impatt materjali fuq id-dħul f'riskju, kif meħtieġ skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(49) Għalhekk, jenħtieġ li l-Portugall jirrevedi, b'rabta mal-adozzjoni tal-pjan tal-prestazzjoni finali tiegħu f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-iskemi ta' inċentivi tiegħu għall-ilħuq tal-miri tal-kapaċità en route u fit-terminal sabiex l-iżvantaġġi finanzjarji massimi li jirriżultaw minn dawk l-iskemi ta' inċentivi jiġu stabbiliti f'livell li jkollu impatt materjali fuq id-dħul f'riskju, kif meħtieġ b'mod dirett skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, li fil-fehma tal-Kummissjoni jenħtieġ li jwassal għal żvantaġġ finanzjarju massimu li jkun daqs jew ogħla minn 1 % tal-kostijiet iddeterminati.

KONKLUŻJONIJIET

(50) Abbażi tal-valutazzjoni stabbilita fil-premessi (9) sa (49), il-Kummissjoni sabet li l-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Portugall huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha.

(51) Il-Kummissjoni tinnota li xi Stati Membri indikaw li bihsiebhom jinkludu l-entrati tal-kostijiet relatati mad-detezzjoni tad-droni tal-ajruport fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom. Ma kienx possibbli li jiġi stabbilit b'mod preċiż, abbażi tal-elementi li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, sa liema punt l-Istati Membri inkludew tali kostijiet iddeterminati fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom u, fejn ġew inklużi dawn il-kostijiet, sa liema punt jiġġarrbu fir-rigward tal-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u b'hekk jistgħux jitqiesu eliġibbli skont l-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti. Is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu talba għal informazzjoni *ad hoc* lill-Istati Membri kollha sabiex jiġbru informazzjoni rilevanti, u se jkomplu jeżaminaw il-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni fl-ajruporti rrapportati fil-kuntest tal-verifika tal-konformità tar-rata unitarja. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għas-sejbiet u għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-suġġett tal-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni.

(52) B'reazzjoni għall-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, li bdiet fl-24 ta' Frar 2022, l-Unjoni adottat miżuri restrittivi li jipprojbixxu lit-trasportaturi tal-ajru Russi, lil kwalunkwe inġenju tal-ajru rreġistrat fir-Russja u lil kwalunkwe inġenju tal-ajru mhux irreġistrat fir-Russja li huwa l-proprjetà jew mikri, jew ikkontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika Russa, minn entità jew minn korp Russu milli jinżlu fit-territorju tal-Unjoni, jew jitilqu minnu, jew jittajru fuqu. Dawk il-miżuri qed iwasslu għal tnaqqis fit-traffiku tal-ajru fl-ispazju tal-ajru fuq it-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-impatt fil-livell tal-Unjoni kollha ma jkunx komparabbli mat-tnaqqis tat-traffiku tal-ajru li rriżulta mit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 f'Marzu 2020. Għalhekk, jixraq li jinżammu l-miżuri u l-proċessi eżistenti għall-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni u tal-imposti fl-RP3,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Portugall, skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 u elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Portugiża.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Adina VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Miri tal-prestazzjoni inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, imressaq mill-Portugall skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, li nstabu konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju.

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA

Effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza

Il-Portugall	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
NAV Portugal	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	C	C	C	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	**C**

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-AMBJENT

Effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri ambjentali *en route* tal-Portugall, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**1,80 %**	**1,80 %**	**1,80 %**	**1,80 %**
Valuri referenzjarji għall-Portugall	1,80 %	1,80 %	1,80 %	1,80 %

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ

Dewmien medju tal-ATFM *en route* f'minuti għal kull titjira

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tal-Portugall, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,09**	**0,13**	**0,13**	**0,13**
Valuri referenzjarji għall-Portugall	0,09	0,13	0,13	0,13

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

Kost unitarju ddeterminat għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route*

Żona tal-imposti *en route* tal-Portugall Kontinentali	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**36,13 EUR**	**34,88 EUR**	**65,82 EUR**	**40,78 EUR**	**40,37 EUR**	**37,87 EUR**

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/768

tat-13 ta' April 2022

dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mis-Slovakkja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju

(notifikata bid-dokument C(2022) 2289)

(It-test bis-Slovakk biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([1]), u b'mod partikolari il-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu (14)(2) tiegħu,

Billi:

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

(1) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 għandha titwaqqaf skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-Istati Membri għandhom ifasslu, fil-livell nazzjonali jew fil-livell ta' blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali ("FABs"), miri vinkolanti ta' prestazzjoni għal kull perjodu referenzjarju tal-iskema tal-prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Dawk il-miri tal-prestazzjoni għandhom ikunu konsistenti mal-miri mal-Unjoni kollha adottati mill-Kummissjoni għall-perjodu referenzjarju kkonċernat. Il-Kummissjoni hija responsabbli biex tivvaluta jekk il-miri tal-prestazzjoni proposti li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mfassla mill-Istati Membri humiex konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha, billi tuża l-kriterji tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(2) Mill-ewwel trimestru tas-sena kalendarja 2020, it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 ħalliet impatt sinifikanti fuq is-settur tat-trasport bl-ajru u mqabbla mal-livelli ta' qabel il-pandemija, naqqset b'mod konsiderevoli l-volumi tat-traffiku tal-ajru minħabba l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi biex tiġi kkontrollata l-pandemija.

(3) Il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju ("RP3") ġew oriġinarjament stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 ([3]). Minħabba li dawk il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha u l-abbozz tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fl-RP3 sussegwentement imressqin mill-Istati Membri tfasslu qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, dawn ma setgħux iqisu ċ-ċirkostanzi li rriżultaw u nbidlu b'mod sinifikanti għat-trasport bl-ajru.

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 (ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 tad-29 ta' Mejju 2019 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu ta' referenza li jibda fl-1 ta' Jannar 2020 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2024 (ĠU L 144, 3.6.2019, p. 49).

(4) Bi tweġiba għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-provvista tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, miżuri eċċezzjonali għall-RP3, li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, ġew stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 ([4]). Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1627, fit-2 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 ([5]) li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3.

(5) Il-Kummissjoni tinnota li t-tbassir tat-traffiku bażi tas-Servizz tal-Istatistika u tat-Tbassir tal-Eurocontrol ("STATFOR") ta' Ottubru 2021 jipprevedi li t-traffiku tal-ajru fil-livell tal-Unjoni kollha se jilħaq il-livelli ta' qabel il-pandemija tiegħu matul l-2023 u se jaqbeż dawk il-livelli fl-2024. Madankollu, il-livell ta' inċertezza rigward l-iżvilupp tat-traffiku għadu partikolarment għoli minħabba r-riskji relatati mal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-COVID-19. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-irkupru tat-traffiku mhuwiex mistenni li jkun uniformi fl-Istati Membri kollha.

(6) L-Istati Membri kollha żviluppaw u adottaw abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni li fihom miri tal-prestazzjoni lokali riveduti għall-RP3, li ġew imressqin mill-Kummissjoni għall-valutazzjoni sal-1 ta' Ottubru 2021. Wara l-verifika tal-kompletezza ta' dawk l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jressqu l-abbozzi aġġornati tal-pjanijiet tal-prestazzjoni sas-17 ta' Novembru 2021. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ppreżentata f'din id-Deċiżjoni hija msejsa fuq l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni aġġornat imressaq mis-Slovakkja.

(7) Il-korp tal-analiżi tal-prestazzjoni, li jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, ressaq rapport lill-Kummissjoni li jinkludi l-parir tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni tal-RP3.

(8) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni lokali proposti mis-Slovakkja abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, u qieset iċ-ċirkostanzi lokali. Fir-rigward ta' kull qasam ewlieni tal-prestazzjoni u tal-miri tal-prestazzjoni relatati, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni billi rrieżaminat l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(9) Minħabba li s-Slovakkja m'għandha l-ebda ajruport li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 fir-rigward tal-RP3, ma hemm l-ebda mira tal-prestazzjoni lokali għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal bħala parti mill-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tagħha fl-RP3. Għaldaqstant, is-sejbiet li jinsabu f'din id-Deċiżjoni huma relatati biss mas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route*.

VALUTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza

(10) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri mressqin mis-Slovakkja rigward l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza tal-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(11) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza proposti mis-Slovakkja fir-rigward tal-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, imqassma skont l-objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza u espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, huma kif ġej:

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 tat-3 ta' Novembru 2020 dwar miżuri eċċezzjonali għat-tielet perjodu ta' referenza (2020-2024) tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti tal-ajru uniku Ewropew minħabba l-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 366, 4.11.2020, p. 7).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/891 tat-2 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu referenzjarju (2020-2024) u li thassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903 (ĠU L 195, 3.6.2021, p. 3).

Is-Slovakkja	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
LPS SR	Politika u objettivi tas-sikurezza	B	B	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	C	C	C	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	B	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	B	B	C	**C**

(12) Fir-rigward tal-abbozzi tal-miri tas-sikurezza proposti mis-Slovakkja għall-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (LPS SR), il-Kummissjoni tosserva, li fir-rigward tal-"promozzjoni tas-sikurezza", il-miri tal-prestazzjoni lokali jissodisfaw il-livell tal-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024. Fir-rigward tal-"assigurazzjoni tas-sikurezza", il-miri lokali huma allinjati mal-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha mis-sena 2022 'il quddiem, filwaqt li fl-oqsma tal-"politika u objettivi tas-sikurezza" u tal-"kultura tas-sikurezza", il-mira mal-Unjoni kollha hija ppjanata li tinkiseb mill-2023 'il quddiem. Fl-aħħar, fir-rigward tal-"ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza", il-konsistenza mal-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha hija ppjanata li tintlaħaq sal-2024.

(13) Il-Kummissjoni tinnota li l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mis-Slovakkja jistabbilixxi miżuri li għandhom jittieħdu mil-LPS SR biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza lokali, bħal attivitajiet biex tissaħħaħ il-"kultura ġusta", it-tisħiħ tal-proċeduri ta' rispons għall-emerġenzi kif ukoll azzjonijiet li jikkonċernaw it-taħriġ tal-persunal b'rabta mal-ġestjoni tas-sikurezza.

(14) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (12) u (13), u meta wieħed iqis li l-miri tal-prestazzjoni tas-sikurezza mal-Unjoni kollha stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 iridu jintlaħqu sal-aħħar sena tal-RP3, jiġifieri l-2024, jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tas-Slovakkja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent

(15) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, il-konsistenza tal-miri mressqin mis-Slovakkja rigward l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali ġiet ivvalutata abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tas-Slovakkja tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti tal-effiċjenza tat-titjir orizzontali *en route* stabbiliti fil-Pjan ta' Titjib tan-Network Ewropew tar-Rotot ("ERNIP") disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(16) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqa sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni ambjentali lokali tiġi vvalutata mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(17) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent proposti mis-Slovakkja u l-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għall-RP3 mill-ERNIP, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali en route tat-trajettorja reali, huma kif ġej:

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tas-Slovakkja, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**2,15 %**	**2,13 %**	**2,13 %**	**2,13 %**
Valuri referenzjarji għas-Slovakkja	2,15 %	2,13 %	2,13 %	2,13 %

(18) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-ambjent proposti mis-Slovakkja huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(19) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, is-Slovakkja ppreżentat diversi miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent lokali li jinkludu progress ulterjuri fl-implimentazzjoni tal-Ispazju tal-Ajru b'Rotot Liberi għax-Xlokk tal-Ewropa (SEE FRA), aktar kollaborazzjoni transfruntiera, u r-risettorizzazzjoni tal-ispazju tal-ajru taċ-Ċentru ta' Kontroll tal-Erja ta' Bratislava.

(20) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li s-Slovakkja diġà implimentat spazju tal-ajru b'rotot liberi fuq bażi ta' 24 siegħa.

(21) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (18) sa (20), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tas-Slovakkja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità

(22) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, il-konsistenza tal-miri mressqin mis-Slovakkja rigward id-dewmien medju fil-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ("ATFM") *en route* għal kull titjira ġie vvalutat abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tas-Slovakkja tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti stabbiliti fil-Pjan Operazzjonali tan-Network disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(23) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità lokali tiġi vvalutata mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(24) L-abbozzi tal-miri tal-kapaċità en route proposti mis-Slovakkja għall-RP3, espressi f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira, kif ukoll il-valuri referenzjarji korrispondenti mill-Pjan Operazzjonali tan-Network huma kif ġej:

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità en route tas-Slovakkja, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,05**	**0,07**	**0,08**	**0,07**
Valuri referenzjarji għas-Slovakkja	0,05	0,07	0,08	0,07

(25) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-kapaċità proposti mis-Slovakkja huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(26) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tagħha, is-Slovakkja ppreżentat firxa ta' miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali en route. Dawk il-miżuri jinkludu titjib fis-sistema tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM), l-implimentazzjoni ta' datalink bejn l-ajru u l-art, l-evalwazzjoni mill-ġdid u ż-żieda fil-kapaċità tas-settur, il-parteċipazzjoni fil-proġett SEE FRA, titjib fit-tekniki tal-ġestjoni tal-fluss u tal-kapaċità tat-traffiku tal-ajru, kif ukoll żieda fir-reklutaġġ tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru (ATCOs) li sa tmiem l-RP3 jwasslu għal żieda kumplessiva fl-FTEs tal-ATCO.

(27) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (25) u (26), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tas-Slovakkja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza

(28) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, il-konsistenza tal-miri mressqin mis-Slovakkja rigward il-kost unitarju ddeterminat ("DUC") għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route ġiet ivvalutata abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-punti 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dawk il-kriterji jikkonsistu mix-xejra tad-DUC matul l-RP3, mix-xejra fit-tul tad-DUC matul it-tieni perjodu referenzjarju ("RP2") u l-RP3 (2015-2024), u mill-valur bażi għad-DUC fil-livell taż-żona tal-imposti mqabbel mal-valur medju taż-żoni tal-imposti fejn il-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom ambjent operazzjonali u ekonomiku simili.

(29) Il-valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza en route saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali. Dan ġie kkomplementat mir-rieżami tal-fatturi u tal-parametri ewlenin li jirfdu dawk il-miri kif speċifikat fil-punt 2.1(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(30) L-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* proposti mis-Slovakkja għall-RP3 huma kif ġej:

Żona tal-imposti *en route* tas-Slovakkja	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**57,08 EUR**	**47,18 EUR**	**80,51 EUR**	**68,51 EUR**	**59,12 EUR**	**51,88 EUR**

(31) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC *en route* tas-Slovakkja fil-livell taż-żona tal-imposti ta' +2,4 % kull sena matul l-RP3 hija inqas mix-xejra ta' +1,0 % mal-Unjoni kollha matul l-istess perjodu.

(32) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul ta' -1,1 % tad-DUC *en route* tas-Slovakkja fil-livell taż-żona tal-imposti matul l-RP2 u l-RP3 kull sena hija inqas mix-xejra fit-tul ta' -1,3 % mal-Unjoni kollha matul l-istess perjodu.

(33) Madankollu, meta jitqabblu x-xejriet tad-DUC lokali u mal-Unjoni kollha msemmija fil-premessi (31) u (32), jenħtieġ li jitqies li t-tbassir tat-tkabbir fit-traffiku *en route* mill-Eurocontrol STATFOR għas-Slovakkja matul l-RP3 huwa previst li jkun ferm aktar baxx mit-tkabbir medju tat-traffiku fil-livell tal-Unjoni kollha. Dan jagħmilha aktar diffiċli għas-Slovakkja biex tissodisfa x-xejriet tad-DUC mal-Unjoni kollha.

(34) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi ta' EUR 47,18 għad-DUC tas-Slovakkja fl-EUR 2017 huwa 23,5 % ogħla mill-valur bażi medju ta' EUR 38,19 f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017 ("EUR 2017") tal-grupp komparatur rilevanti. Il-Kummissjoni tinnota li dik id-differenza ssir saħansitra ikbar matul l-RP3, peress li l-kost unitarju ddeterminat *en route* tas-Slovakkja għall-2024 huwa ogħla b'28,9 % mill-medja tal-grupp komparatur.

(35) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk id-devjazzjonijiet osservati fil-premessi (31), (32) u (34) jistgħux jitqiesu neċessarji u proporzjonati skont il-punt 1.4(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, diment li d-devjazzjonijiet osservati mix-xejra tad-DUC mal-Unjoni kollha u mix-xejra fit-tul tad-DUC mal-Unjoni kollha jkunu esklużivament dovuti għall-kostijiet iddeterminati addizzjonali relatati mal-miżuri meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità jew għall-miżuri ta' ristrutturar skont it-tifsira tal-Artikolu 2(18) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(36) Fir-rigward tal-kriterju speċifikat fil-punt 1.4(d)(i) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tagħha, is-Slovakkja ppreżentat miżuri u investimenti li għandhom jiġu implimentati mill-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, jiġifieri l-LPS SR, għall-fini li jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali.

(37) B'mod partikolari, is-Slovakkja qed tippjana, żieda notevoli fl-għadd ta' ATCOs ekwivalenti għall-full-time fl-operat sa tmiem l-RP3. Kif spjegat mis-Slovakkja, l-LPS SR kellu jagħmel użu mis-sigħat ta' xogħol wara l-ħin tal-ATCO sabiex jakkomoda d-domanda tat-traffiku fiċ-ċirkostanzi ta' qabel il-COVID. Wieħed jista' jifhem li fit-terminu twil dan mhux se jkun sostenibbli operazzjonalment u finanzjarjament, u li għalhekk, l-LPS SR qed jippjana jsegwi r-reklutaġġ u t-taħriġ ta' ATCOs addizzjonali sabiex tiġi koperta d-domanda tat-traffiku futura mbassra. Huwa previst titjib ulterjuri tal-kapaċità permezz ta' aġġornamenti tas-sistema tal-ATM, fosthom l-implimentazzjoni tal-funzjonalità tad-datalink bejn l-ajru u l-art u l-introduzzjoni ta' "għodda kumplessa" li jippermettu ġestjoni aktar avvanzata tal-kapaċità tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru.

(38) Abbażi tal-analiżi dettaljata mill-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni tqis li l-miżuri rilevanti deskritti mis-Slovakkja fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni huma fil-fatt meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali. Barra minn hekk, wara li tqieset l-evalwazzjoni li saret mill-korp tal-analiżi tal-prestazzjoni, jista' jiġi konkluż li l-kostijiet addizzjonali ta' dawk il-miżuri huma akbar mid-devjazzjonijiet mix-xejra tad-DUC fl-Unjoni kollha u mix-xejra tad-DUC fit-tul madwar l-Unjoni kollha msemmija fil-premessi (31) u (32).

(39) Għalhekk, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi (36) sa (38), il-Kummissjoni ssib li l-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(i) ġie ssodisfat fir-rigward tas-Slovakkja.

(40) Mill-osservazzjonijiet preċedenti jirriżulta li mhuwiex neċessarju li jiġi eżaminat ulterjorment jekk il-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(ii) huwiex se jiġi sodisfatt fir-rigward tas-Slovakkja.

(41) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (28) sa (40), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tas-Slovakkja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza.

KONKLUŻJONIJIET

(42) Abbażi tal-valutazzjoni stabbilita fil-premessi (10) sa (41), il-Kummissjoni sabet li l-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mis-Slovakkja huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha.

(43) Il-Kummissjoni tinnota li xi Stati Membri indikaw li bihsiebhom jinkludu l-entrati tal-kostijiet relatati mad-detezzjoni tad-droni tal-ajruport fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom. Abbażi tal-elementi li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, ma kienx possibbli li jiġi stabbilit b'mod preċiż, sa liema punt l-Istati Membri inkludew tali kostijiet iddeterminati fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom u, fejn dawn il-kostijiet ġew inklużi, sa liema punt jiġġarrbu b'rabta mal-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għalhekk jistgħu jitqiesu eliġibbli skont l-iskema tal-prestazzjoni u tal-imposti. Is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu talba għal informazzjoni *ad hoc* lill-Istati Membri kollha sabiex jiġbru informazzjoni rilevanti, u se jkomplu jeżaminaw il-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni fl-ajruporti rrapportati fil-kuntest tal-verifika tal-konformità tar-rata unitarja. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għas-sejbiet u għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-suġġett tal-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni.

(44) B'reazzjoni għall-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, li bdiet fl-24 ta' Frar 2022, l-Unjoni adottat miżuri restrittivi li jipprojbixxu lit-trasportaturi tal-ajru Russi, lil kwalunkwe inġenju tal-ajru rreġistrat fir-Russja u lil kwalunkwe inġenju tal-ajru mhux irreġistrat fir-Russja li huwa l-proprjetà jew mikri, jew ikkontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika Russa, minn entità jew minn korp Russu milli jinżlu fit-territorju tal-Unjoni, jew jitilqu minnu, jew jittajru fuqu. Dawk il-miżuri qed iwasslu għal tnaqqis fit-traffiku tal-ajru fl-ispazju tal-ajru fuq it-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-impatt fil-livell tal-Unjoni kollha ma jkunx komparabbli mat-tnaqqis tat-traffiku tal-ajru li rriżulta mit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 f'Marzu 2020. Għalhekk, jixraq li jinżammu l-miżuri u l-proċessi eżistenti għall-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni u tal-imposti fl-RP3.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mis-Slovakkja, skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, u elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Slovakka.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Adina VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Miri tal-prestazzjoni inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, imressaq mis-Slovakkja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, li nstabu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju.

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA

Effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza

Is-Slovakkja	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
LPS SR	Politika u objettivi tas-sikurezza	B	B	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	C	C	C	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	B	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	B	B	C	**C**

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-AMBJENT

Effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tas-Slovakkja, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**2,15 %**	**2,13 %**	**2,13 %**	**2,13 %**
Valuri referenzjarji għas-Slovakkja	2,15 %	2,13 %	2,13 %	2,13 %

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ

Dewmien medju tal-ATFM *en route* f'minuti għal kull titjira

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tas-Slovakkja, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,05**	**0,07**	**0,08**	**0,07**
Valuri referenzjarji għas-Slovakkja	0,05	0,07	0,08	0,07

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

Bidla tal-kost unitarju ddeterminat għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route*

Żona tal-imposti *en route* tas-Slovakkja	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bhala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**57,08 EUR**	**47,18 EUR**	**80,51 EUR**	**68,51 EUR**	**59,12 EUR**	**51,88 EUR**

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/769

tat-13 ta' April 2022

dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mil-Litwanja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju

(notifikata bid-dokument C(2022) 2290)

(It-test bil-Litwan biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([1]), u b'mod partikolari il-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu (14)(2) tiegħu,

Billi:

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

(1) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 għandha titwaqqaf skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-Istati Membri għandhom ifasslu, fil-livell nazzjonali jew fil-livell ta' blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali ("FABs"), miri vinkolanti ta' prestazzjoni għal kull perjodu referenzjarju tal-iskema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Dawk il-miri tal-prestazzjoni jridu jkunu konsistenti mal-miri għall-Unjoni kollha adottati mill-Kummissjoni għall-perjodu referenzjarju kkonċernat. Il-Kummissjoni hija responsabbli biex tivvaluta jekk il-miri tal-prestazzjoni proposti li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mfassla mill-Istati Membri humiex konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha, billi tuża l-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(2) Mill-ewwel trimestru tal-2020, it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 ħalliet impatt sinifikanti fuq is-settur tat-trasport bl-ajru u meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-pandemija, naqqset b'mod konsiderevoli l-volumi tat-traffiku tal-ajru minħabba l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi biex tiġi kkontrollata l-pandemija.

(3) Il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju ("RP3") ġew oriġinarjament stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 ([3]). Minħabba li dawk il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha u l-abbozz tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fl-RP3 sussegwentement imressqin mill-Istati Membri tfasslu qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, dawn ma setgħux iqisu ċ-ċirkostanzi li rriżultaw u nbidlu b'mod sinifikanti għat-trasport bl-ajru.

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 (ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 tad-29 ta' Mejju 2019 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu ta' referenza li jibda fl-1 ta' Jannar 2020 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2024 (ĠU L 144, 3.6.2019, p. 49).

(4) Bi tweġiba għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-provvista tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, ġew stabbiliti miżuri eċċezzjonali għall-RP3, li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 ([4]). Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1627, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 ([5]) li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3 fit-2 ta' Ġunju 2021.

(5) Il-Kummissjoni tinnota li t-tbassir tat-traffiku bażi tas-Servizz tal-Istatistika u tat-Tbassir tal-Eurocontrol ("STATFOR") ta' Ottubru 2021 jipprevedi li t-traffiku tal-ajru fil-livell tal-Unjoni kollha se jilħaq il-livelli ta' qabel il-pandemija tiegħu matul l-2023 u se jaqbeż dawk il-livelli fl-2024. Madankollu, il-livell ta' inċertezza rigward l-iżvilupp tat-traffiku għadu partikolarment għoli minħabba r-riskji relatati mal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-COVID-19. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-irkupru tat-traffiku mhuwiex mistenni li jkun uniformi fl-Istati Membri kollha.

(6) L-Istati Membri kollha żviluppaw u adottaw abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni li fihom miri tal-prestazzjoni lokali riveduti għall-RP3, li tressqu mill-Kummissjoni għall-valutazzjoni sal-1 ta' Ottubru 2021. Wara l-verifika tal-kompletezza ta' dawk l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jressqu l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni aġġornati sas-17 ta' Novembru 2021. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ppreżentata f'din id-Deċiżjoni hija msejsa fuq l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni aġġornat imressaq mil-Litwanja.

(7) Il-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, li jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, ressaq rapport lill-Kummissjoni li jinkludi l-parir tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni tal-RP3.

(8) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni lokali proposti mil-Litwanja abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, u qieset iċ-ċirkostanzi lokali. Fir-rigward ta' kull qasam ewlieni tal-prestazzjoni u tal-miri tal-prestazzjoni relatati, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni billi rrieżaminat l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(9) Peress li l-Litwanja ma għandha l-ebda ajruport li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, fir-rigward tal-RP3, ma hemm l-ebda mira tal-prestazzjoni lokali għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal bħala parti mill-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-RP3 tagħha. Għalhekk, is-sejbiet li jinsabu f'din id-Deċiżjoni huma relatati biss mas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route*.

VALUTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza

(10) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri mressqin mil-Litwanja rigward l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza tal-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(11) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza proposti mil-Litwanja fir-rigward tal-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, imqassma skont l-objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza u espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, huma kif ġej:

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 tat-3 ta' Novembru 2020 dwar miżuri eċċezzjonali għat-tielet perjodu ta' referenza (2020-2024) tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti tal-ajru uniku Ewropew minħabba l-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 366, 4.11.2020, p. 7).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/891 tat-2 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu referenzjarju (2020-2024) u li thassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903 (ĠU L 195, 3.6.2021, p. 3).

Il-Litwanja	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Oro Navigacija	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	D	D	D	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	**C**

(12) Il-Kummissjoni sabet li l-abbozzi tal-miri tas-sikurezza proposti mil-Litwanja għall-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (Oro Navigacija) huma ugwali għall-miri tas-sikurezza mal-Unjoni kollha fir-rigward ta' kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(13) Il-Kummissjoni tinnota li l-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni ppreżentat mil-Litwanja jistabbilixxi miżuri għall-Oro Navigacija biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza lokali bħall-implimentazzjoni ta' sistema ġdida ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru ("ATM") b'funzjonijiet tas-sikurezza addizzjonali, rieżamijiet regolari tal-politika tas-sikurezza li jqisu r-regolamenti nazzjonali u internazzjonali, tisħiħ fit-taħriġ dwar is-sikurezza, u żieda fil-kooperazzjoni ċivili-militari.

(14) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (12) u (13), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Litwanja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent

(15) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mil-Litwanja rigward l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Litwanja tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti tal-effiċjenza tat-titjir orizzontali *en route* stabbiliti fil-Pjan ta' Titjib tan-Network Ewropew tar-Rotot ("ERNIP") disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(16) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li l-implimentazzjoni tagħha għalhekk kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni ambjentali lokali mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha tiġi vvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(17) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent proposti mil-Litwanja u l-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għall-RP3 mill-ERNIP, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali, huma kif ġej:

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tal-Litwanja, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**1,93 %**	**1,92 %**	**1,92 %**	**1,92 %**
Valuri referenzjarji għal-Litwanja	1,93 %	1,92 %	1,92 %	1,92 %

(18) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-ambjent proposti mil-Litwanja huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(19) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, il-Litwanja ppreżentat miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent lokali fosthom l-estensjoni tal-proċeduri tal-ispazju tal-ajru b'rotot liberi fi ħdan il-FAB tal-Baltiku sa Frar 2022 kif ukoll il-miżuri rrakkomandati fl-ERNIP mill-Maniġer tan-Network, fosthom pjan ta' tranżizzjoni għan-navigazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni u rikonfigurazzjoni kbira tal-ispazju tal-ajru.

(20) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (18) u (19), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Litwanja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità

(21) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mil-Litwanja rigward id-dewmien medju tal-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ("ATFM") *en route* għal kull titjira abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Litwanja tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti stabbiliti fil-Pjan Operazzjonali tan-Network disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(22) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità lokali mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha tiġi vvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(23) L-abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* proposti mil-Litwanja għall-RP3, espressi f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira, kif ukoll il-valuri referenzjarji korrispondenti mill-Pjan Operazzjonali tan-Network huma kif ġej:

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tal-Litwanja, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,01**	**0,03**	**0,03**	**0,03**
Valuri referenzjarji għal-Litwanja	0,01	0,03	0,03	0,03

(24) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-kapaċità proposti mil-Litwanja huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(25) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tagħha, il-Litwanja ppreżentat firxa ta' miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali *en route*. Dawk il-miżuri jinkludu l-ottimizzazzjoni tal-ispazju tal-ajru taċ-Ċentru ta' Kontroll tal-Erja ta' Vilnius, l-implimentazzjoni ta' sistema ġdida tal-ATM kif ukoll l-introduzzjoni ta' sistema ta' roster ġdida għall-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru (ATCO) fl-2022.

(26) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (24) u (25), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Litwanja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza

(27) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mil-Litwanja rigward il-kost unitarju ddeterminat ("DUC") għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route* abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-punti 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dawk il-kriterji jikkonsistu mix-xejra tad-DUC matul l-RP3, mix-xejra fit-tul tad-DUC matul l-RP2 u l-RP3 (2015-2024), u mill-valur bażi għad-DUC fil-livell taż-żona tal-imposti meta mqabbel mal-valur medju taż-żoni tal-imposti fejn il-forniturijiet tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom ambjent operazzjonali u ekonomiku simili.

(28) Il-valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali. Dan ġie kkomplementat mir-rieżami tal-fatturi u tal-parametri ewlenin li jirfdu dawk il-miri kif speċifikat fil-punt 2.1(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(29) L-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* proposti mil-Litwanja għall-RP3 huma kif ġej:

Żona tal-imposti *en route* tal-Litwanja	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**45,12 EUR**	**37,64 EUR**	**50,51 EUR**	**44,40 EUR**	**41,02 EUR**	**37,52 EUR**

(30) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC *en route* tal-Litwanja fil-livell taż-żona tal-imposti ta' -0,1 % matul l-RP3 tisboq ix-xejra mal-Unjoni kollha ta' +1,0 % matul l-istess perjodu.

(31) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC *en route* tal-Litwanja fil-livell taż-żona tal-imposti matul l-RP2 u l-RP3 ta' -2,0 % tisboq ix-xejra fit-tul mal-Unjoni kollha ta' -1,3 % matul l-istess perjodu.

(32) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi tal-Litwanja għad-DUC ta' EUR 37,64 f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017 (EUR 2017) huwa 42,7 % ogħla mill-valur bażi medju ta' EUR 26,39 fl-EUR 2017 tal-grupp komparatur rilevanti. Il-Kummissjoni tinnota li l-kost unitarju ddeterminat *en route* tal-Litwanja għadu aktar mill-medja tal-grupp komparatur matul l-RP3 kollu, b'differenza ta' 23,0 % osservata għall-2024.

(33) Kif deskritt fil-premessi (30) u (31), huwa ċar li l-Litwanja tisboq kemm ix-xejra tad-DUC għall-RP3 mal-Unjoni kollha kif ukoll ix-xejra fit-tul tad-DUC mal-Unjoni kollha. Barra minn hekk, id-DUC tal-Litwanja fl-2024 huwa aktar baxx mill-valur bażi tal-2014 u huwa stabbli meta mqabbel mal-valur bażi tal-2019. Irrispettivament mid-differenza bejn il-valur bażi tal-Litwanja u l-medja tal-grupp komparatur osservata fil-premessa (32), il-Litwanja wriet evoluzzjoni tal-kosteffiċjenza li hija ogħla mix-xejriet mal-Unjoni kollha u li tipprovdi bażi suffiċjenti biex tiġi stabbilita konsistenza mal-miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza mal-Unjoni kollha għall-RP3.

(34) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (27) sa (33), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Litwanja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza.

KONKLUŻJONIJIET

(35) Abbażi tal-valutazzjoni stabbilita fil-premessi (10) sa (34), il-Kummissjoni sabet li l-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mil-Litwanja huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha.

(36) Il-Kummissjoni tinnota li xi Stati Membri indikaw li biħsiebhom jinkludu l-entrati tal-kostijiet relatati mad-detezzjoni tad-droni tal-ajruport fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom. Ma kienx possibbli li jiġi stabbilit b'mod preċiż, abbażi tal-elementi li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, sa liema punt l-Istati Membri inkludew tali kostijiet iddeterminati fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom u, fejn ġew inklużi dawn il-kostijiet, sa liema punt jiġġarrbu fir-rigward tal-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u b'hekk jistgħux jitqiesu eliġibbli skont l-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti. Is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu talba għal informazzjoni *ad hoc* lill-Istati Membri kollha sabiex jiġbru informazzjoni rilevanti, u se jkomplu jeżaminaw il-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni fl-ajruporti rrapportati fil-kuntest tal-verifika tal-konformità tar-rata unitarja. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għas-sejbiet u għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-suġġett tal-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni.

(37) B'reazzjoni għall-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, li bdiet fl-24 ta' Frar 2022, l-Unjoni adottat miżuri restrittivi li jipprojbixxu lit-trasportaturi tal-ajru Russi, lil kwalunkwe inġenju tal-ajru rreġistrat fir-Russja u lil kwalunkwe inġenju tal-ajru mhux irreġistrat fir-Russja li huwa l-proprjetà jew mikri, jew ikkontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika Russa, minn entità jew minn korp Russu milli jinżlu fit-territorju tal-Unjoni, jew jitilqu minnu, jew jittajru fuqu. Dawk il-miżuri qed iwasslu għal tnaqqis fit-traffiku tal-ajru fl-ispazju tal-ajru fuq it-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-impatt fil-livell tal-Unjoni kollha ma jkunx komparabbli mat-tnaqqis tat-traffiku tal-ajru li rriżulta mit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 f'Marzu 2020. Għalhekk, jixraq li jinżammu l-miżuri u l-proċessi eżistenti għall-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni u tal-imposti fl-RP3,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mil-Litwanja, skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 u elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju (RP3) stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Litwanja.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Adina VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Miri tal-prestazzjoni inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, imressaq mil-Litwanja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, li nstabu konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju.

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA

Effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza

Il-Litwanja	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Oro Navigacija	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	D	D	D	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	**C**

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-AMBJENT

Effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tal-Litwanja, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**1,93 %**	**1,92 %**	**1,92 %**	**1,92 %**
Valuri referenzjarji għal-Litwanja	1,93 %	1,92 %	1,92 %	1,92 %

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ

Dewmien medju tal-ATFM *en route* f'minuti għal kull titjira

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tal-Litwanja, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,01**	**0,03**	**0,03**	**0,03**
Valuri referenzjarji għal-Litwanja	0,01	0,03	0,03	0,03

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

Kost unitarju ddeterminat għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route*

Żona tal-imposti *en route* tal-Litwanja	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**45,12 EUR**	**37,64 EUR**	**50,51 EUR**	**44,40 EUR**	**41,02 EUR**	**37,52 EUR**

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/770

tat-13 ta' April 2022

dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mid-Danimarka skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju

(notifikata bid-dokument C(2022) 2291)

(It-test bid-Daniż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([1]), u b'mod partikolari il-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu (14)(2) tiegħu,

Billi:

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

(1) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 għandha titwaqqaf skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-Istati Membri għandhom ifasslu, fil-livell nazzjonali jew fil-livell ta' blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali ("FABs"), miri vinkolanti ta' prestazzjoni għal kull perjodu referenzjarju tal-iskema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Dawk il-miri tal-prestazzjoni jridu jkunu konsistenti mal-miri għall-Unjoni kollha adottati mill-Kummissjoni għall-perjodu referenzjarju kkonċernat. Il-Kummissjoni hija responsabbli biex tivvaluta jekk il-miri tal-prestazzjoni proposti li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mfassla mill-Istati Membri humiex konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha, billi tuża l-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(2) Mill-ewwel trimestru tas-sena kalendarja 2020, it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 ħalliet impatt sinifikanti fuq is-settur tat-trasport bl-ajru u meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-pandemija, naqqset b'mod konsiderevoli l-volumi tat-traffiku tal-ajru minħabba l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi biex tiġi kkontrollata l-pandemija.

(3) Il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju ("RP3") ġew oriġinarjament stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 ([3]). Minħabba li dawk il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha u l-abbozz tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fl-RP3 sussegwentement imressqin mill-Istati Membri tfasslu qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, dawn ma setgħux iqisu ċ-ċirkostanzi li rriżultaw u nbidlu b'mod sinifikanti għat-trasport bl-ajru.

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 (ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 tad-29 ta' Mejju 2019 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu ta' referenza li jibda fl-1 ta' Jannar 2020 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2024 (ĠU L 144, 3.6.2019, p. 49).

(4) Bi tweġiba għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-provvista tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, ġew stabbiliti miżuri eċċezzjonali għall-RP3, li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 ([4]). Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1627, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 ([5]) li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3 fit-2 ta' Ġunju 2021.

(5) Il-Kummissjoni tinnota li t-tbassir tat-traffiku bażi tas-Servizz tal-Istatistika u tat-Tbassir tal-Eurocontrol ("STATFOR") ta' Ottubru 2021 jipprevedi li t-traffiku tal-ajru fil-livell tal-Unjoni kollha se jilħaq il-livelli ta' qabel il-pandemija tiegħu matul l-2023 u se jaqbeż dawk il-livelli fl-2024. Madankollu, il-livell ta' inċertezza rigward l-iżvilupp tat-traffiku għadu partikolarment għoli minħabba r-riskji relatati mal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-COVID-19. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-irkupru tat-traffiku mhuwiex mistenni li jkun uniformi fl-Istati Membri kollha.

(6) L-Istati Membri kollha żviluppaw u adottaw abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni li fihom miri tal-prestazzjoni lokali riveduti għall-RP3, li tressqu mill-Kummissjoni għall-valutazzjoni sal-1 ta' Ottubru 2021. Wara l-verifika tal-kompletezza ta' dawk l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jressqu l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni aġġornati sas-17 ta' Novembru 2021. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ppreżentata f'din id-Deċiżjoni hija msejsa fuq l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni aġġornat imressaq mid-Danimarka.

(7) Il-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, li jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, ressaq rapport lill-Kummissjoni li jinkludi l-parir tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni tal-RP3.

(8) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni lokali proposti mid-Danimarka abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, u qieset iċ-ċirkostanzi lokali. Fir-rigward ta' kull qasam ewlieni tal-prestazzjoni u tal-miri tal-prestazzjoni relatati, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni billi rrieżaminat l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

VALUTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza

(9) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri mressqin mid-Danimarka rigward l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza tal-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(10) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza proposti mid-Danimarka fir-rigward tal-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, imqassma skont l-objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza u espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, huma kif ġej:

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 tat-3 ta' Novembru 2020 dwar miżuri eċċezzjonali għat-tielet perjodu ta' referenza (2020-2024) tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti tal-ajru uniku Ewropew minħabba l-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 366, 4.11.2020, p. 7).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/891 tat-2 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu referenzjarju (2020-2024) u li thassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903 (ĠU L 195, 3.6.2021, p. 3).

Id-Danimarka	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Naviair	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	B	C	D	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	B	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	B	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	B	C	C	**C**

(11) Fir-rigward tal-abbozzi tal-miri tas-sikurezza proposti mid-Danimarka għall-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (Naviair), il-Kummissjoni sabet li l-livell tal-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha huwa ppjanat li jintlaħaq fl-2023 fir-rigward tal-objettiv tal-"ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza", filwaqt li għall-"objettivi tal-ġestjoni għas-sikurezza" l-oħrajn, il-miri tal-prestazzjoni lokali jilħqu l-livell tal-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024, minbarra l-"politika u l-objettivi tas-sikurezza", fejn il-livell tal-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha jkun ippjanat li jintlaħaq għal kull sena kalendarja tal-perjodu referenzjarju.

(12) Il-Kummissjoni tinnota li l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mid-Danimarka jistabbilixxi miżuri għal Naviair biex jintlaħqu l-miri lokali tas-sikurezza, bħall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' konformità imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 ([6]), kif ukoll l-aħjar prattiki deskritti mill-Manwali tal-Ġestjoni tas-Sikurezza tal-ICAO, ta' CANSO u tal-Eurocontrol. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ li jiġu pprovduti aktar dettalji dwar il-miżuri previsti matul il-monitoraġġ tas-snin li fadal tal-RP3.

(13) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (11) u (12), u meta jitqies li l-miri tal-prestazzjoni tas-sikurezza mal-Unjoni kollha stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 iridu jintlaħqu sal-aħħar sena tal-RP3, jiġifieri l-2024, jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tad-Danimarka jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent

(14) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mid-Danimarka rigward l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tad-Danimarka tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti tal-effiċjenza tat-titjir orizzontali *en route* stabbiliti fil-Pjan ta' Titjib tan-Network Ewropew tar-Rotot ("ERNIP") disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 tal-1 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni għall-fornituri ta' servizzi fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u funzjonijiet oħrajn tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-sorveljanza tagħhom, iħassar ir-Regolament (KE) Nru 482/2008, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1034/2011, (UE) Nru 1035/2011 u (UE) 2016/1377 u jemenda r-Regolament (UE) Nru 677/2011 (ĠU L 62, 8.3.2017, p. 1).

(15) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni ambjentali lokali tiġi vvalutata mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(16) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent proposti mid-Danimarka u l-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għall-RP3 mill-ERNIP, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali, huma kif ġej:

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tad-Danimarka, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**1,14 %**	**1,14 %**	**1,14 %**	**1,14 %**
Valuri referenzjarji għad-Danimarka	1,14 %	1,14 %	1,14 %	1,14 %

(17) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-ambjent proposti mid-Danimarka huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(18) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, id-Danimarka ppreżentat miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent lokali fosthom l-implimentazzjoni tan-navigazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni u d-disinn mill-ġdid tar-rotot tat-tluq u tal-wasla tal-istrument standard.

(19) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li d-Danimarka diġà implimentat l-ispazju tal-ajru b'rotot liberi (FRA) mil-livell 285 ta' titjir u tħeġġeġ lid-Danimarka ssegwi implimentazzjoni ulterjuri tal-FRA.

(20) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (17) sa (19), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tad-Danimarka jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità

(21) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mid-Danimarka rigward id-dewmien medju tal-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ("ATFM") *en route* għal kull titjira abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tad-Danimarka tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti stabbiliti fil-Pjan Operazzjonali tan-Network disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(22) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità lokali mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha tiġi vvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(23) L-abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* proposti mid-Danimarka għall-RP3, espressi f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira, kif ukoll il-valuri referenzjarji korrispondenti mill-Pjan Operazzjonali tan-Network huma kif ġej:

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tad-Danimarka, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,03**	**0,06**	**0,06**	**0,05**
Valuri referenzjarji għad-Danimarka	0,03	0,06	0,06	0,05

(24) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-kapaċità proposti mid-Danimarka huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(25) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tagħha, id-Danimarka ppreżentat firxa ta' miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali *en route*. Dawk il-miżuri jinkludu titjib kontinwu fin-network tar-rotot għas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, żieda fil-kooperazzjoni ċivili-militari biex jiġi ottimizzat l-użu tal-FRA, aġġornamenti żgħar fis-sistema tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, u l-implimentazzjoni ta' tekniki mtejbin tal-ġestjoni tal-fluss u tal-kapaċità tat-traffiku tal-ajru.

(26) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (24) u (25), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tad-Danimarka jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità.

Rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(27) Fir-rigward tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 kif stabbilit fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* bir-rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li dawk l-abbozzi tal-miri ma jqajmu l-ebda tħassib fir-rigward tad-Danimarka

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza

(28) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mid-Danimarka rigward il-kostijiet unitarji ddeterminati ("DUC") għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route* abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-punti 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dawk il-kriterji jikkonsistu mix-xejra tad-DUC matul l-RP3, mix-xejra fit-tul tad-DUC matul it-tieni perjodu referenzjarju ("RP2") u l-RP3 (2015-2024), u mill-valur bażi għad-DUC fil-livell taż-żona tal-imposti meta mqabbel mal-valur medju taż-żoni tal-imposti fejn il-forniturи tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom ambjent operazzjonali u ekonomiku simili.

(29) Il-valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali. Dan ġie kkomplementat mir-rieżami tal-fatturi u l-parametri ewlenin li jirfdu dawk il-miri kif speċifikat fil-punt 2.1(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(30) L-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* proposti mid-Danimarka għall-RP3 huma kif ġej:

Żona tal-imposti *en route* tad-Danimarka	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**488,1 DKK**	**428,7 DKK**	**935,4 DKK**	**479,4 DKK**	**423,3 DKK**	**393,9 DKK**
	65,63 EUR	57,64 EUR	125,78 EUR	64,47 EUR	56,92 EUR	52,97 EUR

(31) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC *en route* tad-Danimarka fil-livell taż-żona tal-imposti ta' -2,1 % matul l-RP3 tisboq ix-xejra mal-Unjoni kollha ta' +1,0 % matul l-istess perjodu.

(32) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC *en route* tad-Danimarka fil-livell taż-żona tal-imposti matul l-RP2 u l-RP3 ta' -2,4 % tisboq ix-xejra fit-tul mal-Unjoni kollha ta' -1,3 % matul l-istess perjodu.

(33) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi tad-Danimarka għad-DUC ta' EUR 57,64 f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017 ("EUR 2017") huwa 28,0 % ogħla mill-valur bażi medju ta' EUR 45,04 fl-EUR 2017 tal-grupp komparatur rilevanti. Il-Kummissjoni tinnota li l-kost unitarju ddeterminat *en route* tad-Danimarka għadu aktar mill-medja tal-grupp komparatur matul l-RP3 kollu, b'differenza ta' 22,2 % osservata għall-2024.

(34) Kif deskritt fil-premessi (31) u (32), huwa ċar li d-Danimarka tisboq b'mod sinifikanti kemm ix-xejra tad-DUC għall-RP3 mal-Unjoni kollha kif ukoll ix-xejra fit-tul tad-DUC mal-Unjoni kollha. Barra minn hekk, id-DUC tad-Danimarka fl-2024 huwa aktar baxx mill-valuri bażi tal-2014 u tal-2019 u dan juri li ntlaħqu kisbiet effettivi fil-kosteffiċjenza kemm fuq terminu medju kif ukoll fuq terminu twil. Irrispettivament mid-differenza bejn il-valur bażi tad-Danimarka u l-medja tal-grupp komparatur osservata fil-premessa (33), id-Danimarka wriet evoluzzjoni tal-kosteffiċjenza li tisboq ix-xejriet mal-Unjoni kollha, li tipprovdi bażi suffiċjenti biex tiġi stabbilita konsistenza mal-miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza mal-Unjoni kollha għall-RP3.

(35) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (31) sa (34), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tad-Danimarka jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza.

Rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(36) Fir-rigward tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 kif stabbilit fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* bir-rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li dawk l-abbozzi tal-miri ma jqajmu l-ebda tħassib fir-rigward tad-Danimarka.

Rieżami tal-iskemi ta' inċentivi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 li jikkomplementa l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità

(37) F'konformità mal-punt 2.1(f) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, b'rabta mal-valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha b'rieżami tal-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi jissodisfawx ir-rekwiżiti sostantivi stabbiliti fl-Artikolu 11(1) u (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li l-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tad-Danimarka jqajmu tħassib.

(38) Il-Kummissjoni tosserva li kemm l-iskema ta' inċentivi tal-kapaċità *en route* kif ukoll l-iskema ta' inċentivi tal-kapaċità fit-terminal proposti fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tad-Danimarka jinkludu żvantaġġ finanzjarju massimu li jammonta għal 0,50 % tal-kostijiet iddeterminati u vantaġġ finanzjarju massimu li jammonta għal 0,40 % tal-kostijiet iddeterminati.

(39) Fir-rigward ta' dawk l-iskemi ta' inċentivi, abbażi tal-parir espert ipprovdut mill-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni għandha dubji kbar dwar jekk l-iżvantaġġi finanzjarji massimi proposti, li jammontaw għal 0,50 % tal-kostijiet iddeterminati, humiex se jkollhom xi impatt materjali fuq id-dħul f'riskju, kif meħtieġ skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(40) Għalhekk, jenħtieġ li d-Danimarka tirrevedi, b'rabta mal-adozzjoni tal-pjan tal-prestazzjoni finali tagħha f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-iskemi ta' inċentivi tagħha għall-ilħuq tal-miri tal-kapaċità *en route* u fit-terminal sabiex l-iżvantaġġi finanzjarji massimi li jirriżultaw minn dawk l-iskemi ta' inċentivi jiġu stabbiliti f'livell li jkollu impatt materjali fuq id-dħul f'riskju, kif meħtieġ b'mod dirett skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, li fil-fehma tal-Kummissjoni jenħtieġ li jwassal għal żvantaġġ finanzjarju massimu li jkun daqs jew ogħla minn 1 % tal-kostijiet iddeterminati.

KONKLUŻJONIJIET

(41) Abbażi tal-valutazzjoni stabbilita fil-premessi (9) sa (40), il-Kummissjoni sabet li l-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin mid-Danimarka huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha.

(42) Il-Kummissjoni tinnota li xi Stati Membri indikaw li bħsiebhom jinkludu l-entrati tal-kostijiet relatati mad-detezzjoni tad-droni tal-ajruport fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom. Ma kienx possibbli li jiġi stabbilit b'mod preċiż, abbażi tal-elementi li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, sa liema punt l-Istati Membri inkludew tali kostijiet iddeterminati fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom u, fejn ġew inklużi dawn il-kostijiet, sa liema punt jiġġarrbu fir-rigward tal-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u b'hekk jistgħux jitqiesu eliġibbli skont l-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti. Is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu talba għal informazzjoni *ad hoc* lill-Istati Membri kollha sabiex jiġbru informazzjoni rilevanti, u se jkomplu jeżaminaw il-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni fl-ajruporti rrapportati fil-kuntest tal-verifika tal-konformità tar-rata unitarja. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għas-sejbiet u għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-suġġett tal-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni.

(43) B'reazzjoni għall-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, li bdiet fl-24 ta' Frar 2022, l-Unjoni adottat miżuri restrittivi li jipprojbixxu lit-trasportaturi tal-ajru Russi, lil kwalunkwe inġenju tal-ajru rreġistrat fir-Russja u lil kwalunkwe inġenju tal-ajru mhux irreġistrat fir-Russja li huwa l-proprjetà jew mikri, jew ikkontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika Russa, minn entità jew minn korp Russu milli jinżlu fit-territorju tal-Unjoni, jew jitilqu minnu, jew jittajru fuqu. Dawk il-miżuri qed iwasslu għal tnaqqis fit-traffiku tal-ajru fl-ispazju tal-ajru fuq it-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-impatt fil-livell tal-Unjoni kollha ma jkunx komparabbli mat-tnaqqis tat-traffiku tal-ajru li rriżulta mit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 f'Marzu 2020. Għalhekk, jixraq li jinżammu l-miżuri u l-proċessi eżistenti għall-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni u tal-imposti fl-RP3.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mid-Danimarka, skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 u elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tad-Danimarka.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Adina VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Miri tal-prestazzjoni inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, imressaq mid-Danimarka skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, li nstabu konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA

Effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza

Id-Danimarka	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Naviair	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	B	C	D	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	B	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	B	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	B	C	C	**C**

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-AMBJENT

Effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tad-Danimarka, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**1,14 %**	**1,14 %**	**1,14 %**	**1,14 %**
Valuri referenzjarji għad-Danimarka	1,14 %	1,14 %	1,14 %	1,14 %

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ

Dewmien medju tal-ATFM *en route* f'minuti għal kull titjira

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tad-Danimarka, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,03**	**0,06**	**0,06**	**0,05**
Valuri referenzjarji għad-Danimarka	0,03	0,06	0,06	0,05

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

Kost unitarju ddeterminat għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route*

Żona tal-imposti *en route* tad-Danimarka	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**488,1 DKK**	**428,7 DKK**	**935,4 DKK**	**479,4 DKK**	**423,3 DKK**	**393,9 DKK**
	65,63 EUR	57,64 EUR	125,78 EUR	64,47 EUR	56,92 EUR	52,97 EUR

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/771

tat-13 ta' April 2022

dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Estonja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju

(notifikata bid-dokument C(2022) 2292)

(It-test bl-Estonjan biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([1]), u b'mod partikolari il-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu (14)(2) tiegħu,

Billi:

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

(1) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 għandha titwaqqaf skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-Istati Membri għandhom ifasslu, fil-livell nazzjonali jew fil-livell ta' blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali ("FABs"), miri vinkolanti ta' prestazzjoni għal kull perjodu referenzjarju tal-iskema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Dawk il-miri tal-prestazzjoni jridu jkunu konsistenti mal-miri għall-Unjoni kollha adottati mill-Kummissjoni għall-perjodu referenzjarju kkonċernat. Il-Kummissjoni hija responsabbli biex tivvaluta jekk il-miri tal-prestazzjoni proposti li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mfassla mill-Istati Membri humiex konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha, billi tuża l-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(2) Mill-ewwel trimestru tas-sena kalendarja 2020, it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 ħalliet impatt sinifikanti fuq is-settur tat-trasport bl-ajru u meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-pandemija, naqqset b'mod konsiderevoli l-volumi tat-traffiku tal-ajru minħabba l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi biex tiġi kkontrollata l-pandemija.

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 (ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1).

(3) Il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju ("RP3") ġew oriġinarjament stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 ([3]). Minħabba li dawk il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha u l-abbozz tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fl-RP3 sussegwentement imressqin mill-Istati Membri tfasslu qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, dawn ma setgħux iqisu ċ-ċirkostanzi li rriżultaw u nbidlu b'mod sinifikanti għat-trasport bl-ajru.

(4) Bi tweġiba għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-provvista tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, ġew stabbiliti miżuri eċċezzjonali għall-RP3, li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 ([4]). Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1627, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 ([5]) li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3 fit-2 ta' Ġunju 2021.

(5) Il-Kummissjoni tinnota li t-tbassir tat-traffiku bażi tas-Servizz tal-Istatistika u tat-Tbassir tal-Eurocontrol ("STATFOR") ta' Ottubru 2021 jipprevedi li t-traffiku tal-ajru fil-livell tal-Unjoni kollha se jilħaq il-livelli ta' qabel il-pandemija tiegħu matul l-2023 u se jaqbeż dawk il-livelli fl-2024. Madankollu, il-livell ta' inċertezza rigward l-iżvilupp tat-traffiku għadu partikolarment għoli minħabba r-riskji relatati mal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-COVID-19. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-irkupru tat-traffiku mhuwiex mistenni li jkun uniformi fl-Istati Membri kollha.

(6) L-Istati Membri kollha żviluppaw u adottaw abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni li fihom miri tal-prestazzjoni lokali riveduti għall-RP3, li tressqu mill-Kummissjoni għall-valutazzjoni sal-1 ta' Ottubru 2021. Wara l-verifika tal-kompletezza ta' dawk l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jressqu l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni aġġornati sas-17 ta' Novembru 2021. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ppreżentata f'din id-Deċiżjoni hija msejsa fuq l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni aġġornat imressaq mill-Estonja.

(7) Il-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, li jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, ressaq rapport lill-Kummissjoni li jinkludi l-parir tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni tal-RP3.

(8) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni lokali proposti mill-Estonja abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, u qieset iċ-ċirkostanzi lokali. Fir-rigward ta' kull qasam ewlieni tal-prestazzjoni u tal-miri tal-prestazzjoni relatati, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni billi rrieżaminat l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

VALUTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza

(9) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri mressqin mill-Estonja rigward l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza tal-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 tad-29 ta' Mejju 2019 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu ta' referenza li jibda fl-1 ta' Jannar 2020 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2024 (ĠU L 144, 3.6.2019, p. 49).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 tat-3 ta' Novembru 2020 dwar miżuri eċċezzjonali għat-tielet perjodu ta' referenza (2020-2024) tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti tal-ajru uniku Ewropew minħabba l-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 366, 4.11.2020, p. 7).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/891 tat-2 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu referenzjarju (2020-2024) u li thassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903 (ĠU L 195, 3.6.2021, p. 3).

(10) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza proposti mill-Estonja fir-rigward tal-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, imqassma skont l-objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza u espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, huma kif ġej:

L-Estonja	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
EANS	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	D	D	D	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	**C**

(11) Il-Kummissjoni sabet li l-abbozzi tal-miri tas-sikurezza proposti mill-Estonja għall-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (EANS) huma ugwali għall-miri tas-sikurezza mal-Unjoni kollha fir-rigward ta' kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(12) Il-Kummissjoni tinnota li l-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni mressaq mill-Estonja jistabbilixxi miżuri għal EANS biex jintlaħqu l-miri lokali tas-sikurezza, fosthom attivitajiet f'konformità mal-Programm tal-Istat għas-Sikurezza, il-parteċipazzjoni fl-Istudju tal-Eurocontrol u tal-CANSO dwar l-Istandard ta' Eċċellenza għall-Maturità fil-qafas tas-Sikurezza u azzjonijiet ulterjuri meħuda bħala parti mill-Istrateġija tas-Sikurezza tal-EANS.

(13) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (11) u (12), u meta jitqies li l-miri tal-prestazzjoni tas-sikurezza mal-Unjoni kollha stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 iridu jintlaħqu sal-aħħar sena tal-RP3, jiġifieri l-2024, jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Estonja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent

(14) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Estonja rigward l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali en route tat-trajettorja reali abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 tal-Estonja. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti tal-effiċjenza tat-titjir orizzontali en route stabbiliti fil-Pjan ta' Titjib tan-Network Ewropew tar-Rotot ("ERNIP") disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(15) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li l-implimentazzjoni tagħha għalhekk kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni ambjentali lokali mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha tiġi vvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(16) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent proposti mill-Estonja u l-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għall-RP3 mill-ERNIP, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali en route tat-trajettorja reali, huma kif ġej:

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tal-Estonja, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**1,22 %**	**1,22 %**	**1,22 %**	**1,22 %**
Valuri referenzjarji għall-Estonja	1,22 %	1,22 %	1,22 %	1,22 %

(17) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-ambjent proposti mill-Estonja huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(18) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, l-Estonja ppreżentat miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent lokali fosthom pjan ta' tranżizzjoni għan-navigazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni (PBN) kif ukoll kollaborazzjoni transfruntiera kontinwa mal-Finlandja fi ħdan il-proġett FINEST.

(19) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li l-Estonja diġà implimentat l-ispazju tal-ajru b'rotot liberi (FRA) bejn il-livell 95 ta' titjir (FL) u l-FL660.

(20) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (17) sa (19), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Estonja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità

(21) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Estonja rigward id-dewmien medju tal-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ("ATFM") *en route* għal kull titjira abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Estonja tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti stabbiliti fil-Pjan Operazzjonali tan-Network disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(22) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità lokali mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha tiġi ivvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(23) L-abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* proposti mill-Estonja għall-RP3, espressi f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira, kif ukoll il-valuri referenzjarji korrispondenti mill-Pjan Operazzjonali tan-Network huma kif ġej:

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tal-Estonja, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,01**	**0,03**	**0,03**	**0,03**
Valuri referenzjarji għall-Estonja	0,01	0,03	0,03	0,03

(24) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-kapaċità proposti mill-Estonja huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(25) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, l-Estonja ppreżentat miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità *en route*, b'mod partikolari l-kollaborazzjoni transfruntiera kontinwa mal-Finlandja fi ħdan il-proġett FINEST li tippermetti settorizzazzjoni transfruntiera dinamika.

(26) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (24) u (25), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Estonja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità.

Rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(27) Fir-rigward tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 kif stabbilit fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* bir-rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li dawk l-abbozzi tal-miri ma jqajmu l-ebda tħassib fir-rigward tal-Estonja.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza

(28) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Estonja rigward il-kostijiet unitarji ddeterminati ("DUC") għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route* abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-punti 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dawk il-kriterji jikkonsistu mix-xejra tal-kost unitarju ddeterminat matul l-RP3, mix-xejra fit-tul tad-DUC matul it-tieni perjodu referenzjarju ("RP2") u l-RP3 (2015-2024), u mill-valur bażi għad-DUC fil-livell taż-żona tal-imposti meta mqabbel mal-valur medju taż-żoni tal-imposti fejn il-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom ambjent operazzjonali u ekonomiku simili.

(29) Il-valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali. Dan ġie kkomplementat mir-rieżami tal-fatturi u l-parametri ewlenin li jirfdu dawk il-miri kif speċifikat fil-punt 2.1(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(30) L-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza en route proposti mill-Estonja għall-RP3 huma kif ġej:

Żona tal-imposti *en route* tal-Estonja	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**25,16 EUR**	**32,13 EUR**	**60,19 EUR**	**34,80 EUR**	**30,57 EUR**	**29,97 EUR**

(31) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC *en route* tal-Estonja fil-livell taż-żona tal-imposti ta' -1,7 % matul l-RP3 tisboq ix-xejra mal-Unjoni kollha ta' +1,0 % matul l-istess perjodu.

(32) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC *en route* tal-Estonja fil-livell taż-żona tal-imposti matul l-RP2 u l-RP3 ta' +2,0 % hija inqas mix-xejra fit-tul mal-Unjoni kollha ta' -1,3 % matul l-istess perjodu.

(33) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi għad-DUC ta' EUR 32,13 tal-Estonja f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017 ("EUR 2017") huwa 19,8 % ogħla mill-valur bażi medju ta' EUR 26,81 fl-EUR 2017 tal-grupp komparatur rilevanti. Madankollu, id-DUC tal-Estonja huwa ogħla mill-grupp komparatur matul il-perjodu referenzjarju u għalhekk fl-2024 se jilħaq livell li jkun inqas b'3,0 % mill-medja tal-grupp komparatur.

(34) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk id-devjazzjonijiet osservati fil-premessi (32) u (33) jistgħux jitqiesu neċessarji u proporzjonati skont il-punt 1.4(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, diment li d-devjazzjoni osservata mix-xejra fit-tul tad-DUC mal-Unjoni kollha tkun dovuta esklussivament għall-kostijiet iddeterminati addizzjonali relatati mal-miżuri neċessarji biex jintlaħqu l-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità jew għall-miżuri ta' ristrutturar skont it-tifsira tal-Artikolu 2(18) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(35) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit skont il-punt 1.4(d)(i) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Estonja, il-Kummissjoni ma sabitx informazzjoni li tissuġġerixxi li d-devjazzjoni mix-xejra tad-DUC fit-tul mal-unjoni kollha msemmija fil-premessa (32) se tkun dovuta esklussivament għall-kostijiet iddeterminati addizzjonali relatati mal-miżuri neċessarji biex jintlaħqu l-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità lokali. Għalhekk, il-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(i) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 mhuwiex issodisfat fir-rigward tal-Estonja.

(36) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(ii) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tagħha, l-Estonja invokat bħala kostijiet ta' ristrutturar, il-kostijiet assoċjati mal-proġett FINEST li ġġarrbu fil-qafas ta' kooperazzjoni bilaterali bejn il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru Estonjani u Finlandiżi għall-fini ta' implimentazzjoni tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru transfruntiera dinamiċi. Il-Kummissjoni tinnota li l-proġett FINEST għandu l-għan li joħloq ambjent tal-ispazju tal-ajru b'rotot liberi u mingħajr fruntieri fl-ispazju tal-ajru Estonjan u Finlandiż, biex jippermetti s-settorizzazzjoni transfruntiera u dinamika tal-ispazju tal-ajru, u jinħolqu s-sinerġiji permezz tal-użu konġunt u tal-ippjanar tar-riżorsi. Diġà ġew implimentati firxa wiesgħa ta' miżuri preparatorji fil-qafas tal-proġett FINEST bl-objettiv li sa tmiem l-2022, jibdew jiġu pprovduti servizzi transfruntiera.

(37) L-Estonja tirrapporta li l-proġett FINEST iwassal għal kostijiet relatati mal-persunal, mal-attivitajiet ta' taħriġ, ma' vjaġġar għall-implimentazzjoni tal-proġetti, kif ukoll ma' software u sistemi ġodda. L-Estonja tenfasizza li l-investimenti fil-hardware u fis-software tas-sistema tal-ATM matul l-RP3 huma prekondizzjoni għall-kooperazzjoni FINEST, peress li l-proġett jinkludi l-implimentazzjoni ta' sistema tal-ATM unifikata fl-Estonja u fil-Finlandja.

(38) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-proġett FINEST huwa previst li jwassal benefiċċji sostanzjali f'termini ta' flessibbiltà, ta' effiċjenza u ta' kwalità tas-servizzi, filwaqt li jimminimizza d-dewmien fil-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru. Il-kisbiet finanzjarji li rriżultaw ġew kkwantifikati mill-Estonja bħala parti minn analiżi tal-kost-benefiċċji, li abbażi tagħha l-Estonja tistma li se jimmaterjalizza benefiċċju finanzjarju nett għall-utenti tal-ispazju tal-ajru ladarba t-traffiku jirkupra għal-livelli ta' qabel il-pandemija.

(39) Abbażi tal-analiżi dettaljata mill-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni tal-miżuri rrappurtati mill-Estonja fir-rigward tal-proġett FINEST, il-Kummissjoni tqis li l-kostijiet relatati jikkwalifikaw bħala kostijiet ta' ristrutturar skont it-tifsira tal-Artikolu 2(18) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, minħabba li l-proġett iwassal mudell u proċeduri ta' negozju għal forniment integrat tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fuq bażi transfruntiera. Barra minn hekk, wara li qieset l-evalwazzjoni li saret mill-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni sabet li d-devjazzjoni mix-xejra tad-DUC fit-tul mal-Unjoni kollha msemmija fil-premessa (32) tista' tiġi attribwita lill-kostijiet ta' ristrutturar irrapportati mill-Estonja fir-rigward tal-proġett FINEST.

(40) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi (36) sa (39), il-Kummissjoni ssib li l-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(ii) huwa ssodisfat fir-rigward tal-Estonja.

(41) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (28) sa (40), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Estonja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza.

Rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(42) Fir-rigward tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 kif stabbilit fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* bir-rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Ma nstabx li dawk l-abbozzi tal-miri jqajmu tħassib fir-rigward tal-Estonja.

Rieżami tal-iskemi ta' inċentivi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 li jikkomplementa l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità

(43) F'konformità mal-punt 2.1(f) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, b'rabta mal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha b'rieżami tal-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi jissodisfawx ir-rekwiżiti sostantivi stabbiliti fl-Artikolu 11(1) u (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li l-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Estonja jqajmu tħassib.

(44) Il-Kummissjoni tosserva li kemm l-iskema ta' inċentivi tal-kapaċità *en route* kif ukoll l-iskema ta' inċentivi tal-kapaċità fit-terminal proposti fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Estonja jinkludu żvantaġġ finanzjarju massimu li jammonta għal 0,5 % tal-kostijiet iddeterminati u vantaġġ finanzjarju massimu li jammonta għal 0,0 % tal-kostijiet iddeterminati.

(45) Fir-rigward ta' dawk l-iskemi ta' inċentivi, abbażi tal-parir espert ipprovdut mill-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni għandha dubji kbar dwar jekk l-iżvantaġġ finanzjarju massimu propost, li jammonta għal 0,5 % tal-kostijiet iddeterminati, huwiex se jkollu xi impatt materjali fuq id-dħul f'riskju, kif meħtieġ skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(46) Għalhekk, jenħtieġ li l-Estonja tirrevedi, b'rabta mal-adozzjoni tal-pjan tal-prestazzjoni finali tagħha f'konformità mal-Artikolu 16(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-iskemi ta' inċentivi tagħha għall-ilħuq tal-miri tal-kapaċità *en route* u fit-terminal sabiex l-iżvantaġġi finanzjarji massimi li jirriżultaw minn dawk l-iskemi ta' inċentivi jiġu stabbiliti f'livell li jkollu impatt materjali fuq id-dħul f'riskju, kif meħtieġ b'mod dirett skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, li fil-fehma tal-Kummissjoni jenħtieġ li jwassal għal żvantaġġ finanzjarju massimu li jkun daqs jew ogħla minn 1 % tal-kostijiet iddeterminati.

KONKLUŻJONIJIET

(47) Abbażi tal-valutazzjoni stabbilita fil-premessi (10) sa (46), il-Kummissjoni sabet li l-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin mill-Estonja huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha.

(48) Il-Kummissjoni tinnota li xi Stati Membri indikaw li bihsiebhom jinkludu l-entrati tal-kostijiet relatati mad-detezzjoni tad-droni tal-ajruport fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom. Ma kienx possibbli li jiġi stabbilit b'mod preċiż, abbażi tal-elementi li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, sa liema punt l-Istati Membri inkludew tali kostijiet iddeterminati fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom u, fejn ġew inklużi dawn il-kostijiet, sa liema punt jiġġarrbu fir-rigward tal-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u b'hekk jistgħux jitqiesu eliġibbli skont l-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti. Is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu talba għal informazzjoni *ad hoc* lill-Istati Membri kollha sabiex jiġbru informazzjoni rilevanti, u se jkomplu jeżaminaw il-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni fl-ajruporti rrapportati fil-kuntest tal-verifika tal-konformità tar-rata unitarja. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għas-sejbiet u għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-suġġett tal-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni.

(49) B'reazzjoni għall-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, li bdiet fl-24 ta' Frar 2022, l-Unjoni adottat miżuri restrittivi li jipprojbixxu lit-trasportaturi tal-ajru Russi, lil kwalunkwe inġenju tal-ajru rreġistrat fir-Russja u lil kwalunkwe inġenju tal-ajru mhux irreġistrat fir-Russja li huwa l-proprjetà jew mikri, jew ikkontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika Russa, minn entità jew minn korp Russu milli jinżlu fit-territorju tal-Unjoni, jew jitilqu minnu, jew jittajru fuqu. Dawk il-miżuri qed iwasslu għal tnaqqis fit-traffiku tal-ajru fl-ispazju tal-ajru fuq it-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-impatt fil-livell tal-Unjoni kollha ma jkunx komparabbli mat-tnaqqis tat-traffiku tal-ajru li rriżulta mit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 f'Marzu 2020. Għalhekk, jixraq li jinżammu l-miżuri u l-proċessi eżistenti għall-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni u tal-imposti fl-RP3.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Estonja, skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 u elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Estonja.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Adina VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Miri tal-prestazzjoni inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, imressaq mill-Estonja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, li nstabu konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju.

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA

Effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza

L-Estonja	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
EANS	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	D	D	D	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	**C**

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-AMBJENT

Effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tal-Estonja, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**1,22 %**	**1,22 %**	**1,22 %**	**1,22 %**
Valuri referenzjarji għall-Estonja	1,22 %	1,22 %	1,22 %	1,22 %

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ

Dewmien medju tal-ATFM *en route* f'minuti għal kull titjira

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tal-Estonja, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,01**	**0,03**	**0,03**	**0,03**
Valuri referenzjarji għall-Estonja	0,01	0,03	0,03	0,03

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

Kost unitarju ddeterminat għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route*

Żona tal-imposti *en route* tal-Estonja	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bhala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**25,16 EUR**	**32,13 EUR**	**60,19 EUR**	**34,80 EUR**	**30,57 EUR**	**29,97 EUR**

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/772

tat-13 ta' April 2022

dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mir-Repubblika Ċeka skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju

(notifikata bid-dokument C(2022) 2293)

(It-test biċ-Ċek biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([1]), u b'mod partikolari il-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu (14)(2) tiegħu,

Billi:

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

(1) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 għandha titwaqqaf skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-Istati Membri għandhom ifasslu, fil-livell nazzjonali jew fil-livell ta' blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali ("FABs"), miri vinkolanti ta' prestazzjoni għal kull perjodu referenzjarju tal-iskema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Dawk il-miri tal-prestazzjoni jridu jkunu konsistenti mal-miri mal-Unjoni kollha adottati mill-Kummissjoni għall-perjodu referenzjarju kkonċernat. Il-Kummissjoni hija responsabbli biex tivvaluta jekk il-miri tal-prestazzjoni proposti li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mfassla mill-Istati Membri humiex konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha, billi tuża l-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(2) Mill-ewwel trimestru tas-sena kalendarja 2020, it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 ħalliet impatt sinifikanti fuq is-settur tat-trasport bl-ajru u meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-pandemija, naqqset b'mod konsiderevoli l-volumi tat-traffiku tal-ajru minħabba l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi biex tiġi kkontrollata l-pandemija.

(3) Il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju ("RP3") ġew oriġinarjament stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 ([3]). Minħabba li dawk il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha u l-abbozz tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fl-RP3 sussegwentement imressqin mill-Istati Membri tfasslu qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, dawn ma setgħux iqisu ċ-ċirkostanzi li rriżultaw u nbidlu b'mod sinifikanti għat-trasport bl-ajru.

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 (ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 tad-29 ta' Mejju 2019 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu ta' referenza li jibda fl-1 ta' Jannar 2020 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2024 (ĠU L 144, 3.6.2019, p. 49).

(4) Bi tweġiba għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-provvista tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, ġew stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 ([4]) miżuri eċċezzjonali għall-RP3, li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1627, fit-2 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 ([5]) li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3.

(5) Il-Kummissjoni tinnota li t-tbassir tat-traffiku bażi tas-Servizz tal-Istatistika u tat-Tbassir tal-Eurocontrol ("STATFOR") ta' Ottubru 2021 jipprevedi li t-traffiku tal-ajru fil-livell tal-Unjoni kollha se jilħaq il-livelli li kellu qabel il-pandemija matul l-2023 u se jaqbeż dawk il-livelli fl-2024. Madankollu, il-livell ta' inċertezza rigward l-iżvilupp tat-traffiku għadu partikolarment għoli minħabba r-riskji relatati mal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-COVID-19. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-irkupru tat-traffiku mhuwiex mistenni li jkun uniformi fl-Istati Membri kollha.

(6) L-Istati Membri kollha żviluppaw u adottaw abbozzi ta' pjanijiet tal-prestazzjoni li fihom miri tal-prestazzjoni lokali riveduti għall-RP3, li ġew imressqin mill-Kummissjoni għall-valutazzjoni sal-1 ta' Ottubru 2021. Wara l-verifika tal-kompletezza ta' dawk l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jressqu l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni aġġornati sas-17 ta' Novembru 2021. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ppreżentata f'din id-Deċiżjoni hija msejsa fuq l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni aġġornat imressaq mir-Repubblika Ċeka.

(7) Il-korp tal-analiżi tal-prestazzjoni, li jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, ressaq rapport lill-Kummissjoni li jinkludi l-parir tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni tal-RP3.

(8) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni lokali proposti mir-Repubblika Ċeka abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, u qieset iċ-ċirkostanzi lokali. Fir-rigward ta' kull qasam ewlieni tal-prestazzjoni u tal-miri tal-prestazzjoni relatati, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni billi rrieżaminat l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

VALUTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza

(9) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri mressqin mir-Repubblika Ċeka rigward l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza tal-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(10) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza proposti mir-Repubblika Ċeka fir-rigward tal-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, imqassmin skont l-objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza u espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, huma kif ġej:

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 tat-3 ta' Novembru 2020 dwar miżuri eċċezzjonali għat-tielet perjodu ta' referenza (2020-2024) tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti tal-ajru uniku Ewropew minħabba l-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 366, 4.11.2020, p. 7).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/891 tat-2 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu referenzjarju (2020-2024) u li thassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903 (ĠU L 195, 3.6.2021, p. 3).

Ir-Repubblika Ċeka	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
ANS CR	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	D	D	D	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	**C**

(11) Il-Kummissjoni sabet li l-abbozzi tal-miri tas-sikurezza proposti mir-Repubblika Ċeka għall-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (ANS CR) huma ugwali għall-miri tas-sikurezza mal-Unjoni kollha fir-rigward tas-sena kalendarja 2024 kif ukoll tas-snin preċedenti tal-perjodu referenzjarju.

(12) Il-Kummissjoni tinnota li l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mir-Repubblika Ċeka jistabbilixxi miżuri għall-ANS CR biex jintlaħqu l-miri lokali tas-sikurezza, bħall-iżvilupp ulterjuri tas-sistemi ta' rapportar obbligatorji u volontarji, l-istabbiliment ta' Bord tas-Sikurezza li jinkludi l-NSA u l-ANS CR, u l-iżvilupp u l-appoġġ tas-sistema ta' ġestjoni tar-riskju tal-għeja fl-ANS CR.

(13) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (11) u (12), u meta jitqies li l-miri tal-prestazzjoni tas-sikurezza mal-Unjoni kollha stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 iridu jintlaħqu sal-aħħar sena tal-RP3, jiġifieri l-2024, jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tar-Repubblika Ċeka jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent

(14) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, il-konsistenza tal-miri mressqin mir-Repubblika Ċeka rigward l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali en route tat-trajettorja reali ġiet ivvalutata abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tar-Repubblika Ċeka tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti tal-effiċjenza tat-titjir orizzontali en route stabbiliti fil-Pjan ta' Titjib tan-Network Ewropew tar-Rotot ("ERNIP") disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati għall-ksib tal-miri tal-ambjent fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2.1.(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(15) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva, u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni ambjentali lokali tiġi vvalutata mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(16) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent proposti mir-Repubblika Ċeka u l-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għall-RP3 mill-ERNIP, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali en route tat-trajettorja reali, huma kif ġej:

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tar-Repubblika Ċeka, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**2,05 %**	**2,05 %**	**2,05 %**	**2,05 %**
Valuri referenzjarji għar-Repubblika Ċeka	2,05 %	2,05 %	2,05 %	2,05 %

(17) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-ambjent proposti mir-Repubblika Ċeka huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(18) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, ir-Repubblika Ċeka ppreżentat diversi miżuri biex jintlaħqu l-miri ambjentali lokali li jinkludu setturi ġodda għar-Reġjun ta' Informazzjoni dwar it-Titjir ta' Praga, it-trażżin tar-rotot fiż-Żona ta' Kontroll tat-Terminal ta' Praga (TMA) kif ukoll aktar kollaborazzjoni transfruntiera.

(19) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li sa minn Frar 2021, ir-Repubblika Ċeka diġà lestiet l-implimentazzjoni tal-ispazju tal-ajru b'rotot liberi (FRA) bejn il-livell 95 ta' titjir u l-livell 660 ta' titjir.

(20) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (17) sa (19), jenħtieġ li l-miri proposti inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tar-Repubblika Ċeka jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità

(21) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, il-konsistenza tal-miri mressqin mir-Repubblika Ċeka rigward id-dewmien medju fil-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ("ATFM") en route għal kull titjira ġie vvalutat abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tar-Repubblika Ċeka tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti stabbiliti fil-Pjan Operazzjonali tan-Network disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(22) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva, u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità lokali tiġi vvalutata mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(23) L-abbozzi tal-miri tal-kapaċità en route proposti mir-Repubblika Ċeka għall-RP3, espressi f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira, kif ukoll il-valuri referenzjarji korrispondenti mill-Pjan Operazzjonali tan-Network huma kif ġej:

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tar-Repubblika Ċeka, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,06**	**0,11**	**0,11**	**0,11**
Valuri referenzjarji għar-Repubblika Ċeka	0,06	0,11	0,11	0,11

(24) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-kapaċità proposti mir-Repubblika Ċeka huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(25) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tagħha, ir-Repubblika Ċeka ppreżentat firxa ta' miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali en route. Dawk il-miżuri jinkludu t-tranżizzjoni għas-sistema l-ġdida tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM), l-implimentazzjoni tal-proġett tal-ottimizzazzjoni u tar-ristrutturar tal-ATM, l-introduzzjoni ta' għodda għall-ġestjoni tal-ispazju tal-ajru, settur ġdid kif ukoll żieda sinifikanti fl-għadd ta' kontrolluri tat-traffiku tal-ajru (ATCOs) fl-operazzjonijiet sa tmiem l-RP3.

(26) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (24) u (25), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tar-Repubblika Ċeka jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità.

Rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(27) Fir-rigward tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 kif stabbilit fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità en route bir-rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li dawk l-abbozzi tal-miri jqajmu tħassib fir-rigward tar-Repubblika Ċeka.

(28) B'mod speċifiku, il-Kummissjoni sabet li l-miri proposti għall-RP3 għad-dewmien medju tal-ATFM tal-wasla ta' 0,40 minuta għal kull titjira għas-snin kalendarji 2021 sal-2024 huma ferm ogħla mill-prestazzjoni miksuba b'rabta mad-dewmien tal-ATFM matul it-tieni perjodu referenzjarju ("RP2"), li tvarja minn 0,01 sa 0,16 minuta għal kull titjira.

(29) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li, b'rabta mal-adozzjoni tal-pjan tal-prestazzjoni finali tagħha f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, jenħtieġ li fid-dawl tal-osservazzjonijiet stabbiliti fil-premessa (28), ir-Repubblika Ċeka tiġġustifika ulterjorment il-miri tal-kapaċità fit-terminal għall-RP3, jew li tirrevedi 'l isfel dawk il-miri.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza

(30) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, il-konsistenza tal-miri mressqin mir-Repubblika Ċeka rigward il-kost unitarju ddeterminat ("DUC") għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route ġiet ivvalutata abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-punti 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dawk il-kriterji jikkonsistu mix-xejra tal-kost unitarju ddeterminat matul l-RP3, ix-xejra fit-tul tal-kost unitarju ddeterminat matul l-RP2 u l-RP3 (2015-2024), u l-valur bażi għad-DUC fil-livell taż-żona tal-imposti meta mqabbel mal-valur medju taż-żoni tal-imposti fejn il-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom ambjent operazzjonali u ekonomiku simili.

(31) Il-valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza en route saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali. Dan ġie kkomplementat mir-rieżami tal-fatturi u l-parametri ewlenin li jirfdu dawk il-miri kif speċifikat fil-punt 2.1(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(32) L-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza en route proposti mir-Repubblika Ċeka għall-RP3 huma kif ġej:

Żona tal-imposti *en route* tar-Repubblika Ċeka	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**1 224,0 CZK**	**1 103,6 CZK**	**2 090,6 CZK**	**1 557,2 CZK**	**1 381,7 CZK**	**1 212,0 CZK**
	46,52 EUR	41,95 EUR	79,46 EUR	59,18 EUR	52,51 EUR	46,06 EUR

(33) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC en route tar-Repubblika Ċeka fil-livell taż-żona tal-imposti ta' +2,4 % kull sena matul l-RP3 hija inqas mix-xejra mal-Unjoni kollha ta' +1,0 % matul l-istess perjodu.

(34) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC en route tar-Repubblika Ċeka fil-livell taż-żona tal-imposti matul l-RP2 u l-RP3 ta' -0,1 % kull sena hija inqas mix-xejra fit-tul mal-Unjoni kollha ta' -1,3 % matul l-istess perjodu.

(35) Madankollu, meta jitqabblu x-xejriet tad-DUC lokali u tal-Unjoni kollha msemmija fil-premessi (33) u (34), jenħtieġ li jitqies li t-tbassir tat-tkabbir fit-traffiku *en route* mill-Eurocontrol STATFOR għar-Repubblika Ċeka matul l-RP3 huwa previst li jkun ferm aktar baxx mit-tkabbir medju tat-traffiku fil-livell tal-Unjoni kollha. Dan jagħmilha aktar diffiċli għar-Repubblika Ċeka biex tissodisfa x-xejriet tad-DUC mal-Unjoni kollha.

(36) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi għad-DUC ta' EUR 41,95 tar-Repubblika Ċeka f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017 ("EUR 2017") huwa 8,0 % ogħla mill-valur bażi medju ta' EUR 38,85 fl-EUR 2017 tal-grupp komparatur rilevanti. Il-Kummissjoni tinnota li dik id-differenza ssir saħansitra ikbar matul l-RP3, peress li l-kost unitarju ddeterminat en route tar-Repubblika Ċeka għall-2024 huwa ogħla b'12,4 % mill-medja tal-grupp komparatur.

(37) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk id-devjazzjonijiet osservati fil-premessi (33), (34) u (36) jistgħux jitqiesu neċessarji u proporzjonati skont il-punt 1.4(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, diment li d-devjazzjonijiet osservati mix-xejra tad-DUC mal-Unjoni kollha u mix-xejra fit-tul tad-DUC mal-Unjoni kollha jkunu esklussivament dovuti għall-kostijiet iddeterminati addizzjonali relatati mal-miżuri meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità jew għall-miżuri ta' ristrutturar skont it-tifsira tal-Artikolu 2(18) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(38) Fir-rigward tal-kriterju speċifikat fil-punt 1.4(d)(i) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tagħha, ir-Repubblika Ċeka tistabbilixxi firxa wiesgħa ta' miżuri meħuda mill-ANSP (ANS CR) għall-fini li jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali. Ir-Repubblika Ċeka ssostni li mingħajr investimenti kbar f'sistemi, fi proċeduri u f'persunal li jopera matul l-RP3, l-ANS CR ma tkunx tista' takkomoda l-livell ta' traffiku rreġistrat fl-2019, fil-kuntest ta' qabel il-COVID, anke minħabba li l-kumplessità tat-traffiku qiegħda tiżdied b'mod kontinwu.

(39) Fil-fatt, il-miżuri għat-titjib tal-kapaċità deskritti fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni għandhom l-għan li jwasslu għal żieda strutturali fil-kapaċità u fil-produttività fir-rigward tas-servizzi en route, b'mod partikolari billi jippermettu lill-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru li qabel kienu responsabbli għall-kontroll tal-ajrudrom fl-ajruporti reġjonali, jieħdu f'idejhom responsabbiltajiet ġodda fir-rigward tal-kontroll tal-ispazju tal-ajru en route ta' aktar 'l isfel. Il-miżuri sottostanti jinkludu proċess ta' taħriġ iddedikat għall-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru kkonċernati, ir-riorganizzazzjoni tax-xogħol fi ħdan il-kumpanija u r-risettorizzazzjoni tal-ispazju tal-ajru. Abbażi ta' din l-inizjattiva u tar-reklutaġġ ta' kontrolluri ġodda tat-traffiku tal-ajru, l-għadd ippjanat ta' kontrolluri tat-traffiku tal-ajru en route juri żieda sinifikanti matul l-RP3 meta mqabbel mal-livelli tal-2019. Huwa mistenni kontribut pożittiv ieħor għall-kapaċità dovut għas-sistema l-ġdida tal-ATM ippjanata li tibda topera fl-2022.

(40) Abbażi tal-analiżi dettaljata mill-korp tal-analiżi tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni tqis li l-miżuri rilevanti deskritti mir-Repubblika Ċeka fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni huma fil-fatt meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali. Barra minn hekk, wara li tqieset l-evalwazzjoni li saret mill-korp tal-analiżi tal-prestazzjoni, jista' jiġi konkluż li l-kostijiet addizzjonali ta' dawk il-miżuri huma akbar mid-devjazzjonijiet mix-xejra tad-DUC fl-Unjoni kollha u mix-xejra tad-DUC fit-tul madwar l-Unjoni kollha msemmija fil-premessi (33) u (34).

(41) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi (38) sa (40), il-Kummissjoni ssib li l-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(i) ġie ssodisfat fir-rigward tar-Repubblika Ċeka.

(42) Mill-osservazzjonijiet preċedenti jirriżulta li mhuwiex neċessarju li jiġi eżaminat ulterjorment jekk il-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(ii) huwiex se jiġi sodisfatt fir-rigward tar-Repubblika Ċeka.

(43) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (33) sa (42), jenħtieġ li l-miri proposti inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tar-Repubblika Ċeka jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza.

Rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(44) Fir-rigward tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 kif stabbilit fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza en route bir-rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li dawk l-abbozzi tal-miri jqajmu tħassib fir-rigward tar-Repubblika Ċeka.

(45) Meta qabblet id-DUC fit-terminal mal-prestazzjoni ta' ajruporti simili għall-RP3, il-Kummissjoni osservat li d-DUC għall-Ajruport ta' Praga huwa stmat ogħla b'marġni sinifikanti ħafna mid-DUC medjan tal-ajruporti rilevanti.

(46) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li, b'rabta mal-adozzjoni tal-pjan tal-prestazzjoni finali tagħha f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, jenħtieġ li fid-dawl tal-osservazzjonijiet stabbiliti fil-premessa (45), ir-Repubblika Ċeka tiġġustifika ulterjorment il-miri tal-kosteffiċjenza fit-terminal għall-RP3, jew li tirrevedi 'l isfel dawk il-miri.

Rieżami tal-iskemi ta' inċentivi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 li jikkomplementa l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità

(47) F'konformità mal-punt 2.1(f) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, b'rabta mal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha b'rieżami tal-abbozzi ta' skemi ta' inċentivi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-abbozzi ta' skemi ta' inċentivi jissodisfawx ir-rekwiżiti sostantivi stabbiliti fl-Artikolu 11(1) u (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. L-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tar-Repubblika Ċeka nstabu li jqajmu tħassib.

(48) Il-Kummissjoni tosserva li kemm l-iskema ta' inċentivi tal-kapaċità en route kif ukoll l-iskema ta' inċentivi tal-kapaċità fit-terminal proposti fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tar-Repubblika Ċeka jinkludu żvantaġġ finanzjarju massimu li jammonta għal 0,50 % tal-kostijiet iddeterminati u vantaġġ finanzjarju massimu li jammonta għal 0,50 % tal-kostijiet iddeterminati.

(49) Fir-rigward ta' dawk l-iskemi ta' inċentivi, abbażi tal-parir espert ipprovdut mill-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni għandha dubji kbar dwar jekk l-iżvantaġġ finanzjarju massimu propost, li jammonta għal 0,50 % tal-kostijiet iddeterminati, huwiex se jkollu xi impatt materjali fuq id-dħul f'riskju, kif meħtieġ skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(50) Għalhekk, jenħtieġ li r-Repubblika Ċeka tirrevedi, b'rabta mal-adozzjoni tal-pjan tal-prestazzjoni finali tagħha f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-iskemi ta' inċentivi tagħha għall-ksib tal-miri tal-kapaċità en route u fit-terminal sabiex l-iżvantaġġi finanzjarji massimi li jirriżultaw minn dawk l-iskemi ta' inċentivi jiġu stabbiliti f'livell li jkollu impatt materjali fuq id-dħul f'riskju, kif meħtieġ b'mod dirett skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, li fil-fehma tal-Kummissjoni jenħtieġ li jwassal għal żvantaġġ finanzjarju massimu li jkun ugwali għal 1 % tal-kostijiet iddeterminati jew ogħla minnu.

KONKLUŻJONIJIET

(51) Abbażi tal-valutazzjoni stabbilita fil-premessi (9) sa (50), il-Kummissjoni sabet li l-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mir-Repubblika Ċeka huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha.

(52) Il-Kummissjoni tinnota li xi Stati Membri indikaw li bħsiebhom jinkludu l-entrati tal-kostijiet relatati mad-detezzjoni tad-droni tal-ajruport fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom. Ma kienx possibbli li jiġi stabbilit b'mod preċiż, abbażi tal-elementi li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, sa liema punt l-Istati Membri inkludew tali kostijiet iddeterminati fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom u, fejn dawn il-kostijiet ġew inklużi, sa liema punt jiġġarrbu b'rabta mal-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għalhekk jistgħu jitqiesu eliġibbli skont l-iskema tal-prestazzjoni u tal-imposti. Is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu talba għal informazzjoni *ad hoc* lill-Istati Membri kollha sabiex jiġbru informazzjoni rilevanti, u se jkomplu jeżaminaw il-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni fl-ajruporti rrapportati fil-kuntest tal-verifika tal-konformità tar-rata unitarja. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għas-sejbiet u għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-suġġett tal-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni.

(53) B'reazzjoni għall-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, li bdiet fl-24 ta' Frar 2022, l-Unjoni adottat miżuri restrittivi li jipprojbixxu lit-trasportaturi tal-ajru Russi, lil kwalunkwe inġenju tal-ajru rreġistrat fir-Russja u lil kwalunkwe inġenju tal-ajru mhux irreġistrat fir-Russja li huwa l-proprjetà jew mikri, jew ikkontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika Russa, minn entità jew minn korp Russu milli jinżlu fit-territorju tal-Unjoni, jew jitilqu minnu, jew jittajru fuqu. Dawk il-miżuri qed iwasslu għal tnaqqis fit-traffiku tal-ajru fl-ispazju tal-ajru fuq it-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-impatt fil-livell tal-Unjoni kollha ma jkunx komparabbli mat-tnaqqis tat-traffiku tal-ajru li rriżulta mit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 f'Marzu 2020. Għalhekk, jixraq li jinżammu l-miżuri u l-proċessi eżistenti għall-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni u tal-imposti fl-RP3,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mir-Repubblika Ċeka, skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 u elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ċeka.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Adina VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Miri tal-prestazzjoni inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, imressaq mir-Repubblika Ċeka skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, li nstabu konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju.

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA

Effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza

Ir-Repubblika Ċeka	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
ANS CR	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	D	D	D	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	**C**

QASAM EWLIENI TAl-PRESTAZZJONI TAL-AMBJENT

Effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tar-Repubblika Ċeka, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**2,05 %**	**2,05 %**	**2,05 %**	**2,05 %**
Valuri referenzjarji għar-Repubblika Ċeka	2,05 %	2,05 %	2,05 %	2,05 %

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ

Dewmien medju tal-ATFM *en route* f'minuti għal kull titjira

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tar-Repubblika Ċeka, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,06**	**0,11**	**0,11**	**0,11**
Valuri referenzjarji għar-Repubblika Ċeka	0,06	0,11	0,11	0,11

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

Kost unitarju ddeterminat għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route*

Żona tal-imposti *en route* tar-Repubblika Ċeka	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**1 224,0 CZK**	**1 103,6 CZK**	**2 090,6 CZK**	**1 557,2 CZK**	**1 381,7 CZK**	**1 212,0 CZK**
	46,52 EUR	41,95 EUR	79,46 EUR	59,18 EUR	52,51 EUR	46,06 EUR

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/773

tat-13 ta' April 2022

dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Italja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju

(notifikata bid-dokument C(2022) 2294)

(It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([1]), u b'mod partikolari il-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu (14)(2) tiegħu,

Billi:

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

(1) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 għandha titwaqqaf skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-Istati Membri għandhom ifasslu, fil-livell nazzjonali jew fil-livell ta' blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali ("FABs"), miri vinkolanti ta' prestazzjoni għal kull perjodu referenzjarju tal-iskema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Dawk il-miri tal-prestazzjoni jridu jkunu konsistenti mal-miri għall-Unjoni kollha adottati mill-Kummissjoni għall-perjodu referenzjarju kkonċernat. Il-Kummissjoni hija responsabbli biex tivvaluta jekk il-miri tal-prestazzjoni proposti li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mfassla mill-Istati Membri humiex konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha, billi tuża l-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(2) Mill-ewwel trimestru tas-sena kalendarja 2020, it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 ħalliet impatt sinifikanti fuq is-settur tat-trasport bl-ajru u meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-pandemija, naqqset b'mod konsiderevoli l-volumi tat-traffiku tal-ajru minħabba l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi biex tiġi kkontrollata l-pandemija.

(3) Il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju ("RP3") ġew oriġinarjament stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 ([3]). Minħabba li dawk il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha u l-abbozz tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fl-RP3 sussegwentement imressqin mill-Istati Membri tfasslu qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, dawn ma setgħux iqisu ċ-ċirkostanzi li rriżultaw u nbidlu b'mod sinifikanti għat-trasport bl-ajru.

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 (ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 tad-29 ta' Mejju 2019 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu ta' referenza li jibda fl-1 ta' Jannar 2020 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2024 (ĠU L 144, 3.6.2019, p. 49).

(4) Bi tweġiba għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-provvista tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, ġew stabbiliti miżuri eċċezzjonali għall-RP3, li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 ([4]). Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1627, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 ([5]) li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3 fit-2 ta' Ġunju 2021.

(5) Il-Kummissjoni tinnota li t-tbassir tat-traffiku bażi tas-Servizz tal-Istatistika u tat-Tbassir tal-Eurocontrol ("STATFOR") ta' Ottubru 2021 jipprevedi li t-traffiku tal-ajru fil-livell tal-Unjoni kollha se jilħaq il-livelli ta' qabel il-pandemija tiegħu matul l-2023 u se jaqbeż dawk il-livelli fl-2024. Madankollu, il-livell ta' inċertezza rigward l-iżvilupp tat-traffiku għadu partikolarment għoli minħabba r-riskji relatati mal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-COVID-19. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-irkupru tat-traffiku mhuwiex mistenni li jkun uniformi fl-Istati Membri kollha.

(6) L-Istati Membri kollha żviluppaw u adottaw abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni li fihom miri tal-prestazzjoni lokali riveduti għall-RP3, li tressqu mill-Kummissjoni għall-valutazzjoni sal-1 ta' Ottubru 2021. Wara l-verifika tal-kompletezza ta' dawk l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jressqu l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni aġġornati sas-17 ta' Novembru 2021. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ppreżentata f'din id-Deċiżjoni hija msejsa fuq l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni aġġornat imressaq mill-Italja.

(7) Il-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, li jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, ressaq rapport lill-Kummissjoni li jinkludi l-parir tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni tal-RP3.

(8) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni lokali proposti mill-Italja abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, u qieset iċ-ċirkostanzi lokali. Fir-rigward ta' kull qasam ewlieni tal-prestazzjoni u tal-miri tal-prestazzjoni relatati, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni billi rrieżaminat l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

VALUTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza

(9) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri mressqin mill-Italja rigward l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza tal-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(10) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza proposti mill-Italja fir-rigward tal-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, imqassma skont l-objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza u espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, huma kif ġej:

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 tat-3 ta' Novembru 2020 dwar miżuri eċċezzjonali għat-tielet perjodu ta' referenza (2020-2024) tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti tal-ajru uniku Ewropew minħabba l-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 366, 4.11.2020, p. 7).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/891 tat-2 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu referenzjarju (2020-2024) u li thassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903 (ĠU L 195, 3.6.2021, p. 3).

L-Italja	Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
ENAV	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	C	C	D	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	**C**

(11) Fir-rigward tal-abbozzi tal-miri tas-sikurezza proposti mill-Italja għall-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (ENAV), il-Kummissjoni sabet li l-livell tal-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha huwa ppjanat li jintlaħaq fl-2023 fir-rigward tal-objettiv tal-"ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza", filwaqt li għall-"objettivi tal-ġestjoni għas-sikurezza" l-oħrajn, il-miri tal-prestazzjoni lokali jilħqu l-livell tal-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(12) Il-Kummissjoni tinnota li l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Italja jistabbilixxi varjetà ta' miżuri għal ENAV biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza lokali, bħaċ-ċentralizzazzjoni tad-*data* tas-sikurezza u l-iżvilupp ta' metodoloġiji ġodda għall-investigazzjonijiet tas-sikurezza, it-titjib tal-"kultura tas-sikurezza" u tal-"effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza" permezz ta' stħarriġiet u pjanijiet ta' azzjoni ġodda, kif ukoll it-titjib tal-"ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza" permezz ta' valutazzjoni msaħħa u proċessi ta' monitoraġġ.

(13) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (11) u (12), u meta jitqies li l-miri tal-prestazzjoni tas-sikurezza mal-Unjoni kollha stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 iridu jintlaħqu sal-aħħar sena tal-RP3, jiġifieri l-2024, jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Italja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent

(14) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Italja rigward l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Italja tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti tal-effiċjenza tat-titjir orizzontali *en route* stabbiliti fil-Pjan ta' Titjib tan-Network Ewropew tar-Rotot ("ERNIP") disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(15) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni ambjentali lokali mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha tiġi vvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(16) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent proposti mill-Italja u l-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għall-RP3 mill-ERNIP, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali, huma kif ġej:

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tal-Italja, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**2,67 %**	**2,67 %**	**2,67 %**	**2,67 %**
Valuri referenzjarji għall-Italja	2,67 %	2,67 %	2,67 %	2,67 %

(17) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-ambjent proposti mill-Italja huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(18) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, l-Italja ppreżentat miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent lokali fosthom pjan ta' tranżizzjoni għal navigazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni, titjib fil-ġestjoni tal-wasliet f'ħames ajruporti ewlenin, ir-riorganizzazzjoni ta' diversi żoni ta' kontroll kif ukoll l-applikazzjoni mtejba tal-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru biex twieġeb għad-domanda b'mod aktar adegwat.

(19) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li l-Italja diġà implimentat l-ispazju tal-ajru b'rotot liberi mil-livell 305 ta' titjir 'il fuq u tħeġġeġ lill-Italja testendi l-applikazzjoni tagħha tal-FRA matul l-RP3.

(20) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (17) u (19), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Italja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità

(21) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Italja rigward id-dewmien medju tal-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ("ATFM") *en route* għal kull titjira abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Italja tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti stabbiliti fil-Pjan Operazzjonali tan-Network disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(22) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità lokali mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha tiġi vvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(23) L-abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* proposti mill-Italja għall-RP3, espressi f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira, kif ukoll il-valuri referenzjarji korrispondenti mill-Pjan Operazzjonali tan-Network huma kif ġej:

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tal-Italja, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,07**	**0,11**	**0,11**	**0,11**
Valuri referenzjarji għall-Italja	0,07	0,11	0,11	0,11

(24) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-kapaċità proposti mill-Italja huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(25) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, l-Italja ppreżentat firxa ta' miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali *en route*. Dawk il-miżuri jinkludu aktar titjib fl-applikazzjoni tal-Kunċett ta' Konfigurazzjoni Flessibli, l-introduzzjoni ta' sistema ġdida ta' Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM), żieda fl-FTEs tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru (ATCO) fiċ-ċentri ta' kontroll tal-erja kif ukoll diversi miżuri biex tittejjeb il-ġestjoni tal-ispazju tal-ajru.

(26) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (24) u (25), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Italja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità.

Rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(27) Fir-rigward tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 kif stabbilit fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* bir-rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li dawk l-abbozzi tal-miri jqajmu tħassib fir-rigward tal-Italja.

(28) Il-Kummissjoni sabet li l-miri proposti għall-RP3 b'rabta mad-dewmien medju tal-ATFM tal-wasla ta' bejn 0,41 sa 0,30 minuta għal kull titjira għas-snin kalendarji 2021 sal-2024 huma ogħla mill-prestazzjoni tad-dewmien tal-ATFM tal-wasla miksuba lejn tmiem it-tieni perjodu referenzjarju ("RP2"), ta' bejn 0,12 sa 0,29 minuta għal kull titjira għas-snin kalendarji 2018 u 2019 rispettivament.

(29) It-tieni, meta tqabbel l-abbozzi tal-miri nazzjonali dwar id-dewmien medju tal-ATFM tal-wasla mal-prestazzjoni ta' ajruporti simili fil-livell tal-ajruport matul l-RP2, il-Kummissjoni sabet li l-ajruporti ta' Milan-Linate u ta' huma mistennija jesperjenzaw dewmien tal-ATFM ogħla minn dak previst għal ajruporti simili.

(30) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li, b'rabta mal-adozzjoni tal-pjan tal-prestazzjoni finali tagħha f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, jenħtieġ li fid-dawl tal-osservazzjonijiet fil-premessi (28) u (29), l-Italja tiġġustifika ulterjorment il-miri tal-kapaċità fit-terminal għall-RP3 jew tirrevedi 'l isfel dawk il-miri.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza

(31) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Italja rigward il-kost unitarju ddeterminat ("DUC") għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route* abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-punti 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dawk il-kriterji jikkonsistu mix-xejra tad-DUC matul l-RP3, mix-xejra fit-tul tad-DUC matul l-RP2 u l-RP3 (2015-2024), u mill-valur bażi għad-DUC fil-livell taż-żona tal-imposti meta mqabbel mal-valur medju taż-żoni tal-imposti fejn il-forniturи tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom ambjent operazzjonali u ekonomiku simili.

(32) Il-valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali. Dan ġie kkomplementat mir-rieżami tal-fatturi u l-parametri ewlenin li jirfdu dawk il-miri kif speċifikat fil-punt 2.1(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(33) L-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* proposti mill-Italja għall-RP3 huma kif ġej:

Żona tal-imposti *en route* tal-Italja	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**79,97 EUR**	**63,46 EUR**	**123,72 UR**	**73,67 EUR**	**61,52 EUR**	**57,80 EUR**

(34) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC *en route* tal-Italja fil-livell taż-żona tal-imposti ta' -2,3 % matul l-RP3 tisboq ix-xejra mal-Unjoni kollha ta' +1,0 % matul l-istess perjodu.

(35) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC *en route* tal-Italja fil-livell taż-żona tal-imposti matul l-RP2 u l-RP3 ta' -3,5 % tisboq ix-xejra fit-tul mal-Unjoni kollha ta' -1,3 % matul l-istess perjodu.

(36) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi tal-Italja għad-DUC ta' EUR 63,46 f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017 ("EUR 2017") huwa 7,2 % ogħla mill-valur bażi medju ta' EUR 59,18 fl-EUR 2017 tal-grupp komparatur rilevanti. Il-Kummissjoni tinnota li l-kost unitarju ddeterminat *en route* tal-Italja għadu iaktar mill-medja tal-grupp komparatur matul l-RP3 kollu, b'differenza ta' 3,6 % osservata għall-2024.

(37) Kif deskritt fil-premessi (34) u (35), huwa ċar li l-Italja tisboq b'marġni sinifikanti kemm ix-xejra tad-DUC għall-RP3 mal-Unjoni kollha kif ukoll ix-xejra fit-tul tad-DUC mal-Unjoni kollha. Barra minn hekk, id-DUC tal-Italja fl-2024 huwa aktar baxx mill-valuri bażi tal-2014 u tal-2019 u dan juri li ntlaħqu kisbiet effettivi fil-kosteffiċjenza kemm fuq terminu medju kif ukoll fuq terminu twil. Irrispettivament mid-differenza bejn il-valur bażi tal-Italja u l-medja tal-grupp komparatur osservata fil-premessa (36), l-Italja wriet evoluzzjoni tal-kosteffiċjenza li tisboq ix-xejriet mal-Unjoni kollha, li tipprovdi bażi suffiċjenti biex tiġi stabbilita konsistenza mal-miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza mal-Unjoni kollha għall-RP3.

(38) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (34) sa (37), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Italja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza.

Rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(39) Fir-rigward tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 kif stabbilit fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha bir-rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li dawk l-abbozzi tal-miri jqajmu tħassib fir-rigward tal-Italja.

(40) Meta qabblet id-DUC fit-terminal mal-prestazzjoni ta' ajruporti simili għall-RP3, il-Kummissjoni osservat li d-DUC għall-ajruporti ta' Fiumicino u ta' Milan Linate rispettivament huwa stmat li huwa ogħla mid-DUC medjan tal-ajruporti rilevanti b'marġni sinifikanti.

(41) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li, b'rabta mal-adozzjoni tal-pjan tal-prestazzjoni finali tagħha f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, jenħtieġ li fid-dawl tal-osservazzjonijiet stabbiliti fil-premessa (40), l-Italja tiġġustifika ulterjorment il-miri tal-kosteffiċjenza fit-terminal għall-RP3 jew tirrevedi 'l isfel dawk il-miri.

KONKLUŻJONIJIET

(42) Abbażi tal-valutazzjoni stabbilita fil-premessi (9) sa (41), il-Kummissjoni sabet li l-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Italja huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha.

(43) Il-Kummissjoni tinnota li xi Stati Membri indikaw li bħsiebhom jinkludu l-entrati tal-kostijiet relatati mad-detezzjoni tad-droni tal-ajruport fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom. Ma kienx possibbli li jiġi stabbilit b'mod preċiż, abbażi tal-elementi li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, sa liema punt l-Istati Membri inkludew tali kostijiet iddeterminati fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom u, fejn ġew inklużi dawn il-kostijiet, sa liema punt jiġġarrbu fir-rigward tal-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u b'hekk jistgħux jitqiesu eliġibbli skont l-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti. Is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu talba għal informazzjoni *ad hoc* lill-Istati Membri kollha sabiex jiġbru informazzjoni rilevanti, u se jkomplu jeżaminaw il-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni fl-ajruporti rrapportati fil-kuntest tal-verifika tal-konformità tar-rata unitarja. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għas-sejbiet u għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-suġġett tal-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni.

(44) B'reazzjoni għall-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, li bdiet fl-24 ta' Frar 2022, l-Unjoni adottat miżuri restrittivi li jipprojbixxu lit-trasportaturi tal-ajru Russi, lil kwalunkwe inġenju tal-ajru rreġistrat fir-Russja u lil kwalunkwe inġenju tal-ajru mhux irreġistrat fir-Russja li huwa l-proprjetà jew mikri, jew ikkontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika Russa, minn entità jew minn korp Russu milli jinżlu fit-territorju tal-Unjoni, jew jitilqu minnu, jew jittajru fuqu. Dawk il-miżuri qed iwasslu għal tnaqqis fit-traffiku tal-ajru fl-ispazju tal-ajru fuq it-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-impatt fil-livell tal-Unjoni kollha ma jkunx komparabbli mat-tnaqqis tat-traffiku tal-ajru li rriżulta mit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 f'Marzu 2020. Għalhekk, jixraq li jinżammu l-miżuri u l-proċessi eżistenti għall-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni u tal-imposti fl-RP3.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Italja, skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 u elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Adina VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Miri tal-prestazzjoni inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, imressaq mill-Italja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, li nstabu konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju.

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA

Effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza

L-Italja	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
ENAV	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	C	C	D	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	**C**

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-AMBJENT

Effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tal-Italja, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**2,67 %**	**2,67 %**	**2,67 %**	**2,67 %**
Valuri referenzjarji għall-Italja	2,67 %	2,67 %	2,67 %	2,67 %

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ

Dewmien medju tal-ATFM *en route* f'minuti għal kull titjira

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tal-Italja, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,07**	**0,11**	**0,11**	**0,11**
Valuri referenzjarji għall-Italja	0,07	0,11	0,11	0,11

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

Kost unitarju ddeterminat għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route*

Żona tal-imposti *en route* tal-Italja	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bhala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**79,97 EUR**	**63,46 EUR**	**123,72 EUR**	**73,67 EUR**	**61,52 EUR**	**57,80 EUR**

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/774

tat-13 ta' April 2022

dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Awstrija skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju

(notifikata bid-dokument C(2022) 2297)

(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([1]), u b'mod partikolari il-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu (14)(2) tiegħu,

Billi:

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

(1) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 għandha titwaqqaf skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-Istati Membri għandhom ifasslu, fil-livell nazzjonali jew fil-livell ta' blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali ("FABs"), miri vinkolanti ta' prestazzjoni għal kull perjodu referenzjarju tal-iskema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Dawk il-miri tal-prestazzjoni jridu jkunu konsistenti mal-miri għall-Unjoni kollha adottati mill-Kummissjoni għall-perjodu referenzjarju kkonċernat. Il-Kummissjoni hija responsabbli biex tivvaluta jekk il-miri tal-prestazzjoni proposti li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mfassla mill-Istati Membri humiex konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha, billi tuża l-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(2) Mill-ewwel trimestru tas-sena kalendarja 2020, it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 ħalliet impatt sinifikanti fuq is-settur tat-trasport bl-ajru u meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-pandemija, naqqset b'mod konsiderevoli l-volumi tat-traffiku tal-ajru minħabba l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi biex tiġi kkontrollata l-pandemija.

(3) Il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju ("RP3") ġew oriġinarjament stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 ([3]). Minħabba li dawk il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha u l-abbozz tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fl-RP3 sussegwentement imressqin mill-Istati Membri tfasslu qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, dawn ma setgħux iqisu ċ-ċirkostanzi li rriżultaw u nbidlu b'mod sinifikanti għat-trasport bl-ajru.

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 (ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 tad-29 ta' Mejju 2019 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu ta' referenza li jibda fl-1 ta' Jannar 2020 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2024 (ĠU L 144, 3.6.2019, p. 49).

(4) Bi tweġiba għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-provvista tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, ġew stabbiliti miżuri eċċezzjonali għall-RP3, li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 ([4]). Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1627, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 ([5]) li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3 fit-2 ta' Ġunju 2021.

(5) Il-Kummissjoni tinnota li t-tbassir tat-traffiku bażi tas-Servizz tal-Istatistika u tat-Tbassir tal-Eurocontrol ("STATFOR") ta' Ottubru 2021 jipprevedi li t-traffiku tal-ajru fil-livell tal-Unjoni kollha se jilħaq il-livelli ta' qabel il-pandemija tiegħu matul l-2023 u se jaqbeż dawk il-livelli fl-2024. Madankollu, il-livell ta' inċertezza rigward l-iżvilupp tat-traffiku għadu partikolarment għoli minħabba r-riskji relatati mal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-COVID-19. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-irkupru tat-traffiku mhuwiex mistenni li jkun uniformi fl-Istati Membri kollha.

(6) L-Istati Membri kollha żviluppaw u adottaw abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni li fihom miri tal-prestazzjoni lokali riveduti għall-RP3, li tressqu mill-Kummissjoni għall-valutazzjoni sal-1 ta' Ottubru 2021. Wara l-verifika tal-kompletezza ta' dawk l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jressqu l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni aġġornati sas-17 ta' Novembru 2021. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ppreżentata f'din id-Deċiżjoni hija msejsa fuq l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni aġġornat imressaq mill-Awstrija.

(7) Il-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, li jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, ressaq rapport lill-Kummissjoni li jinkludi l-parir tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni tal-RP3.

(8) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni lokali proposti mill-Awstrija abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, u qieset iċ-ċirkostanzi lokali. Fir-rigward ta' kull qasam ewlieni ta' prestazzjoni u l-miri ta' prestazzjoni relatati, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni billi rrieżaminat l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

VALUTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza

(9) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri mressqin mill-Awstrija rigward l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza tal-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(10) L-abbozzi tal-miri ta' prestazzjoni fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tas-sikurezza proposti mill-Awstrija fir-rigward tal-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, imqassma skont l-objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza u espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, huma kif ġej:

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 tat-3 ta' Novembru 2020 dwar miżuri eċċezzjonali għat-tielet perjodu ta' referenza (2020-2024) tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti tal-ajru uniku Ewropew minħabba l-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 366, 4.11.2020, p. 7).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/891 tat-2 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu referenzjarju (2020-2024) u li thassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903 (ĠU L 195, 3.6.2021, p. 3).

L-Awstrija	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Austro Control	Politika u objettivi tas-sikurezza	B	B	B	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	C	C	C	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	B	B	B	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	B	B	B	**C**
	Kultura tas-sikurezza	B	B	B	**C**

(11) Il-Kummissjoni sabet li l-abbozzi tal-miri tas-sikurezza proposti mill-Awstrija għall-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (Austro Control) huma ugwali għall-miri tas-sikurezza mal-Unjoni kollha fir-rigward tas-sena kalendarja 2024.

(12) Il-Kummissjoni tinnota li l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Awstrija jistabbilixxi miżuri għall-Austro Control biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza lokali, bħall-investiment fir-riżorsi fil-qasam tal-"ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza", titjib fil-kooperazzjoni tas-sikurezza transfruntiera permezz ta' stħarriġiet, kif ukoll taħriġ u sensibilizzazzjoni fiż-żona tal-"kultura tas-sikurezza".

(13) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (11) u (12), u meta jitqies li l-miri tal-prestazzjoni tas-sikurezza mal-Unjoni kollha stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 iridu jintlaħqu sal-aħħar sena tal-RP3, jiġifieri l-2024, jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Awstrija jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent

(14) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Awstrija rigward l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Awstrija tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti tal-effiċjenza tat-titjir orizzontali *en route* stabbiliti fil-Pjan ta' Titjib tan-Network Ewropew tar-Rotot ("ERNIP") disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(15) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni ambjentali lokali mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha tiġi vvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(16) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent proposti mill-Awstrija u l-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għall-RP3 mill-ERNIP, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali, huma kif ġej:

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tal-Awstrija, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**1,96 %**	**1,96 %**	**1,96 %**	**1,96 %**
Valuri referenzjarji għall-Awstrija	1,96 %	1,96 %	1,96 %	1,96 %

(17) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-ambjent proposti mill-Awstrija huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(18) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, l-Awstrija ppreżentat miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent lokali fosthom il-parteċipazzjoni tagħha fl-Ispazju tal-Ajru b'Rotot Liberi tal-Inizjattiva Ajru Komuni tax-Xlokk (South East Common Sky Initiative Free Route Airspace, SECSI FRA), attivitajiet ta' kollaborazzjoni transfruntiera kif ukoll l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-ispazju tal-ajru lokali u sottoreġjonali biex tittejjeb il-koordinazzjoni ċivili-militari.

(19) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (17) u (18), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Awstrija jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità

(20) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Awstrija rigward id-dewmien medju tal-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ("ATFM") *en route* għal kull titjira abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Awstrija tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti stabbiliti fil-Pjan Operazzjonali tan-Network disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(21) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità lokali mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha tiġi vvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(22) L-abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* proposti mill-Awstrija għall-RP3, espressi f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira, kif ukoll il-valuri referenzjarji korrispondenti mill-Pjan Operazzjonali tan-Network huma kif ġej:

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tal-Awstrija, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,10**	**0,17**	**0,17**	**0,16**
Valuri referenzjarji għall-Awstrija	0,10	0,17	0,17	0,16

(23) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-kapaċità proposti mill-Awstrija huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(24) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tagħha, l-Awstrija ppreżentat firxa ta' miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali *en route*. Dawk il-miżuri jinkludu r-reklutaġġ u t-taħriġ kontinwu tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru, sistemi ta' rosters flessibbli u ċċentralizzati, it-titjib permanenti fl-attivitajiet tal-ATFM u l-kollaborazzjoni transfruntiera mal-pajjiżi ġirien.

(25) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (23) u (24), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Awstrija jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità.

Rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(26) Fir-rigward tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 kif stabbilit fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* bir-rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li dawk l-abbozzi tal-miri jqajmu tħassib fir-rigward tal-Awstrija.

(27) L-ewwel nett, il-Kummissjoni sabet li l-miri proposti għall-RP3 għal dewmien medju tal-ATFM tal-wasla ta' 0,87 minuta, ta' 0,84 minuta u ta' 0,82 minuta għal kull titjira għas-snin kalendarji 2022, 2023 u 2024 rispettivament, huma ogħla mill-prestazzjoni miksuba b'rabta mad-dewmien tal-ATFM matul it-tieni perjodu referenzjarju ("RP2"), li tvarja minn 0,49 sa 0,81 minuta għal kull titjira.

(28) It-tieni, meta qabblet l-abbozzi tal-miri nazzjonali dwar id-dewmien medju tal-ATFM tal-wasla mal-prestazzjoni ta' ajruporti simili fil-livell tal-ajruport matul l-RP2, il-Kummissjoni sabet li l-Ajruporti ta' Vjenna, ta' Innsbruck u ta' Salzburg huma mistennija jesperjenzaw dewmien ikbar tal-ATFM minn dak previst f'ajruporti simili.

(29) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li, b'rabta mal-adozzjoni tal-pjan tal-prestazzjoni finali tagħha f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, jenħtieġ li fid-dawl tal-osservazzjonijiet stabbiliti fil-premessi (27) u (28), l-Awstrija tiġġustifika ulterjorment il-miri tal-kapaċità fit-terminal għall-RP3 jew tirrevedi 'l isfel dawk il-miri.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza

(30) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Awstrija rigward il-kost unitarju ddeterminat ("DUC") għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route* abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-punti 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dawk il-kriterji jikkonsistu mix-xejra tad-DUC matul l-RP3, mix-xejra fit-tul tad-DUC matul l-RP2 u l-RP3 (2015-2024), u mill-valur bażi għad-DUC fil-livell taż-żona tal-imposti meta mqabbel mal-valur medju taż-żoni tal-imposti fejn il-forniturи tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom ambjent operazzjonali u ekonomiku simili.

(31) Il-valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali. Dan ġie kkomplementat mir-rieżami tal-fatturi u l-parametri ewlenin li jirfdu dawk il-miri kif speċifikat fil-punt 2.1(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(32) L-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* proposti mill-Awstrija għall-RP3 huma kif ġej:

Żona tal-imposti *en route* tal-Awstrija	Valur bażi tal-2014	Valur bażi tal-2019	2020 - 2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**69,54 EUR**	**63,19 EUR**	**109,28 EUR**	**62,09 EUR**	**54,65 EUR**	**50,07 EUR**

(33) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC *en route* tal-Awstrija fil-livell taż-żona tal-imposti ta' -5,7 % matul l-RP3 tisboq ix-xejra mal-Unjoni kollha ta' +1,0 % matul l-istess perjodu.

(34) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC *en route* tal-Awstrija fil-livell taż-żona tal-imposti matul l-RP2 u l-RP3 ta' -3,6 % tisboq ix-xejra fit-tul mal-Unjoni kollha ta' -1,3 % matul l-istess perjodu.

(35) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi tal-Awstrija għad-DUC ta' EUR 63,19 f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017 (EUR 2017) huwa 21,3 % inqas mill-valur bażi medju ta' EUR 80,26 fl-EUR 2017 tal-grupp komparatur rilevanti. Il-Kummissjoni tinnota li l-kost unitarju ddeterminat *en route* tal-Awstrija jibqa' ferm taħt il-medja tal-grupp komparatur matul l-RP3 kollu, b'differenza ta' -42,6 % osservata għall-2024.

(36) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (33) sa (35), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Awstrija jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza.

Rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(37) Fir-rigward tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 kif stabbilit fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* bir-rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li dawk l-abbozzi tal-miri jqajmu tħassib fir-rigward tal-Awstrija.

(38) Meta qabblet id-DUC fit-terminal mal-prestazzjoni ta' ajruporti simili għall-RP3, il-Kummissjoni osservat li d-DUC għall-ajruport ewlieni ta' Vjenna huwa stmat li huwa ogħla mid-DUC medjan tal-ajruporti rilevanti b'marġni sinifikanti.

(39) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li, b'rabta mal-adozzjoni tal-pjan tal-prestazzjoni finali tagħha f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, jenħtieġ li fid-dawl tal-osservazzjonijiet stabbiliti fil-premessa (38), l-Awstrija tiġġustifika ulterjorment il-miri tal-kosteffiċjenza fit-terminal għall-RP3 jew tirrevedi 'l isfel dawk il-miri.

Rieżami tal-iskemi ta' inċentivi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 li jikkomplementa l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità

(40) F'konformità mal-punt 2.1(f) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, b'rabta mal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha b'rieżami tal-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi jissodisfawx ir-rekwiżiti sostantivi stabbiliti fl-Artikolu 11(1) u (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. L-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Awstrija nstabu li jqajmu tħassib.

(41) Il-Kummissjoni tosserva li kemm l-iskema ta' inċentivi tal-kapaċità *en route* kif ukoll l-iskema ta' inċentivi tal-kapaċità fit-terminal proposti fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Awstrija jinkludu żvantaġġ finanzjarju massimu li jammonta għal 0,50 % tal-kostijiet iddeterminati u vantaġġ finanzjarju massimu li jammonta għal 0,50 % tal-kostijiet iddeterminati.

(42) Fir-rigward ta' dawk l-iskemi ta' inċentivi, abbażi tal-parir espert ipprovdut mill-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni għandha dubji kbar dwar jekk l-iżvantaġġi finanzjarji massimi proposti, li jammontaw għal 0,50 % tal-kostijiet iddeterminati, humiex se jkollhom xi impatt materjali fuq id-dħul f'riskju, kif meħtieġ skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(43) Għalhekk, jenħtieġ li l-Awstrija tirrevedi, b'rabta mal-adozzjoni tal-pjan tal-prestazzjoni finali tagħha f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-iskemi ta' inċentivi tagħha għall-ilħuq tal-miri tal-kapaċità *en route* u fit-terminal sabiex l-iżvantaġġi finanzjarji massimi li jirriżultaw minn dawk l-iskemi ta' inċentivi jiġu stabbiliti f'livell li jkollu impatt materjali fuq id-dħul f'riskju, kif meħtieġ b'mod dirett skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, li fil-fehma tal-Kummissjoni jenħtieġ li jwassal għal żvantaġġ finanzjarju massimu li jkun daqs jew ogħla minn 1 % tal-kostijiet iddeterminati.

KONKLUŻJONIJIET

(44) Abbażi tal-valutazzjoni stabbilita fil-premessi (10) sa (43), il-Kummissjoni sabet li l-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Awstrija huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha.

(45) Il-Kummissjoni tinnota li xi Stati Membri indikaw li biħsiebhom jinkludu l-entrati tal-kostijiet relatati mad-detezzjoni tad-droni tal-ajruport fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom. Ma kienx possibbli li jiġi stabbilit b'mod preċiż, abbażi tal-elementi li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, sa liema punt l-Istati Membri inkludew tali kostijiet iddeterminati fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom u, fejn ġew inklużi dawn il-kostijiet, sa liema punt jiġġarrbu fir-rigward tal-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u b'hekk jistgħux jitqiesu eliġibbli skont l-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti. Is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu talba għal informazzjoni *ad hoc* lill-Istati Membri kollha sabiex jiġbru informazzjoni rilevanti, u se jkomplu jeżaminaw il-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni fl-ajruporti rrapportati fil-kuntest tal-verifika tal-konformità tar-rata unitarja. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għas-sejbiet u għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-suġġett tal-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni.

(46) B'reazzjoni għall-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, li bdiet fl-24 ta' Frar 2022, l-Unjoni adottat miżuri restrittivi li jipprojbixxu lit-trasportaturi tal-ajru Russi, lil kwalunkwe inġenju tal-ajru rreġistrat fir-Russja u lil kwalunkwe inġenju tal-ajru mhux irreġistrat fir-Russja li huwa l-proprjetà jew mikri, jew ikkontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika Russa, minn entità jew minn korp Russu milli jinżlu fit-territorju tal-Unjoni, jew jitilqu minnu, jew jittajru fuqu. Dawk il-miżuri qed iwasslu għal tnaqqis fit-traffiku tal-ajru fl-ispazju tal-ajru fuq it-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-impatt fil-livell tal-Unjoni kollha ma jkunx komparabbli mat-tnaqqis tat-traffiku tal-ajru li rriżulta mit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 f'Marzu 2020. Għalhekk, jixraq li jinżammu l-miżuri u l-proċessi eżistenti għall-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni u tal-imposti fl-RP3,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Awstrija, skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 u elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Awstrija.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Adina VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Miri tal-prestazzjoni inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, imressaq mill-Awstrija skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, li nstabu konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju.

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA

Effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza

L-Awstrija	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Austro Control	Politika u objettivi tas-sikurezza	B	B	B	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	C	C	C	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	B	B	B	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	B	B	B	**C**
	Kultura tas-sikurezza	B	B	B	**C**

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-AMBJENT

Effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tal-Awstrija, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**1,96 %**	**1,96 %**	**1,96 %**	**1,96 %**
Valuri referenzjarji għall-Awstrija	1,96 %	1,96 %	1,96 %	1,96 %

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ

Dewmien medju tal-ATFM *en route* f'minuti għal kull titjira

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tal-Awstrija, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,10**	**0,17**	**0,17**	**0,16**
Valuri referenzjarji għall-Awstrija	0,10	0,17	0,17	0,16

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

Kost unitarju ddeterminat għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route*

Żona tal-imposti *en route* tal-Awstrija	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route,* espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**69,54 EUR**	**63,19 EUR**	**109,28 EUR**	**62,09 EUR**	**54,65 EUR**	**50,07 EUR**

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/775

tat-13 ta' April 2022

dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Ungerija skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju

(notifikata bid-dokument C(2022) 2298)

(It-test bl-Ungeriż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([1]), u b'mod partikolari il-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu (14)(2) tiegħu,

Billi:

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

(1) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 għandha titwaqqaf skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-Istati Membri għandhom ifasslu, fil-livell nazzjonali jew fil-livell ta' blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali ("FABs"), miri vinkolanti ta' prestazzjoni għal kull perjodu referenzjarju tal-iskema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Dawk il-miri tal-prestazzjoni jridu jkunu konsistenti mal-miri għall-Unjoni kollha adottati mill-Kummissjoni għall-perjodu referenzjarju kkonċernat. Il-Kummissjoni hija responsabbli biex tivvaluta jekk il-miri tal-prestazzjoni proposti li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mfassla mill-Istati Membri humiex konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha, billi tuża l-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(2) Mill-ewwel trimestru tas-sena kalendarja 2020, it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 ħalliet impatt sinifikanti fuq is-settur tat-trasport bl-ajru u meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-pandemija, naqqset b'mod konsiderevoli l-volumi tat-traffiku tal-ajru minħabba l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi biex tiġi kkontrollata l-pandemija.

(3) Il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju ("RP3") ġew oriġinarjament stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 ([3]). Minħabba li dawk il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha u l-abbozz tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fl-RP3 sussegwentement imressqin mill-Istati Membri tfasslu qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, dawn ma setgħux iqisu ċ-ċirkostanzi li rriżultaw u nbidlu b'mod sinifikanti għat-trasport bl-ajru.

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 (ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 tad-29 ta' Mejju 2019 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu ta' referenza li jibda fl-1 ta' Jannar 2020 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2024 (ĠU L 144, 3.6.2019, p. 49).

(4) Bi tweġiba għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-provvista tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, ġew stabbiliti miżuri eċċezzjonali għall-RP3, li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 ([4]). Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1627, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 ([5]) li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3 fit-2 ta' Ġunju 2021.

(5) Il-Kummissjoni tinnota li t-tbassir tat-traffiku bażi tas-Servizz tal-Istatistika u tat-Tbassir tal-Eurocontrol ("STATFOR") ta' Ottubru 2021 jipprevedi li t-traffiku tal-ajru fil-livell tal-Unjoni kollha se jilħaq il-livelli ta' qabel il-pandemija tiegħu matul l-2023 u se jaqbeż dawk il-livelli fl-2024. Madankollu, il-livell ta' inċertezza rigward l-iżvilupp tat-traffiku għadu partikolarment għoli minħabba r-riskji relatati mal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-COVID-19. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-irkupru tat-traffiku mhuwiex mistenni li jkun uniformi fl-Istati Membri kollha.

(6) L-Istati Membri kollha żviluppaw u adottaw abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni li fihom miri tal-prestazzjoni lokali riveduti għall-RP3, li tressqu mill-Kummissjoni għall-valutazzjoni sal-1 ta' Ottubru 2021. Wara l-verifika tal-kompletezza ta' dawk l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jressqu l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni aġġornati sas-17 ta' Novembru 2021. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ppreżentata f'din id-Deċiżjoni hija msejsa fuq l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni aġġornat imressaq mill-Ungerija.

(7) Il-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, li jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, ressaq rapport lill-Kummissjoni li jinkludi l-parir tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni tal-RP3.

(8) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni lokali proposti mill-Ungerija abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, u qieset iċ-ċirkostanzi lokali. Fir-rigward ta' kull qasam ewlieni tal-prestazzjoni u tal-miri tal-prestazzjoni relatati, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni billi rrieżaminat l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

VALUTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza

(9) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri mressqin mill-Ungerija rigward l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza tal-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(10) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza proposti mill-Ungerija fir-rigward tal-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, imqassma skont l-objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza u espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, huma kif ġej:

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 tat-3 ta' Novembru 2020 dwar miżuri eċċezzjonali għat-tielet perjodu ta' referenza (2020-2024) tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti tal-ajru uniku Ewropew minħabba l-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 366, 4.11.2020, p. 7).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/891 tat-2 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu referenzjarju (2020-2024) u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903 (ĠU L 195, 3.6.2021, p. 3).

L-Ungerija	Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Hungarocontrol	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	C	C	D	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	**C**

(11) Fir-rigward tal-abbozzi tal-miri tas-sikurezza proposti mill-Ungerija għall-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (Hungarocontrol), il-Kummissjoni sabet li l-livell tal-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha huwa ppjanat li jintlaħaq fl-2023 fir-rigward tal-objettiv tal-"ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza", filwaqt li għall-"objettivi tal-ġestjoni għas-sikurezza" l-oħrajn, il-miri tal-prestazzjoni lokali jilħqu l-livell tal-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(12) Il-Kummissjoni tinnota li l-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni mressaq mill-Ungerija jistabbilixxi firxa wiesgħa ta' miżuri għal Hungarocontrol biex jintlaħqu l-miri lokali tas-sikurezza, li jkopru l-iżviluppi fit-teknoloġija, il-kwistjonijiet relatati mal-fattur uman, il-monitoraġġ tal-konformità u tal-prestazzjoni, is-sikurezza ċibernetika u tad-*data*, il-"kultura ġusta" u l-"kultura tas-sikurezza". L-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni fih 70 azzjoni, inkluż dawk b'rabta mal-implimentazzjoni ta' sistema ġdida tal-ATM, mal-għodda kumplessa tas-settur għall-ippjanar tad-distribuzzjoni tal-volum ta' xogħol, mal-iskema ġdida ta' settorizzazzjoni, mas-sistema tar-radju li ssib id-direzzjoni għal għarfien aħjar tas-sitwazzjoni tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru ("ATCOs") u mas-sistema ta' ġestjoni tar-riskju tal-għeja.

(13) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (11) u (12), u meta jitqies li l-miri tal-prestazzjoni tas-sikurezza mal-Unjoni kollha stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 iridu jintlaħqu sal-aħħar sena tal-RP3, jiġifieri l-2024, jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Ungerija jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent

(14) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Ungerija rigward l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali en route tat-trajettorja reali abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Ungerija tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti tal-effiċjenza tat-titjir orizzontali en route stabbiliti fil-Pjan ta' Titjib tan-Network Ewropew tar-Rotot ("ERNIP") disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(15) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni ambjentali lokali mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha tiġi vvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(16) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent proposti mill-Ungerija u l-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għall-RP3 mill-ERNIP, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali en route tat-trajettorja reali, huma kif ġej:

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tal-Ungerija, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**1,50 %**	**1,49 %**	**1,49 %**	**1,49 %**
Valuri referenzjarji għall-Ungerija	1,50 %	1,49 %	1,49 %	1,49 %

(17) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-ambjent proposti mill-Ungerija huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għas-snin kalendarji 2021 sal-2024.

(18) Fir-rigward l-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, l-Ungerija ppreżentat diversi miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent lokali fosthom pjan ta' tranżizzjoni għan-navigazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni u l-parteċipazzjoni fl-implimentazzjoni ulterjuri tal-proġett tal-Ispazju tal-Ajru b'Rotot Liberi għax-Xlokk tal-Ewropa (SEE FRA).

(19) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li l-Ungerija diġà implimentat l-ispazju tal-ajru b'rotot liberi mil-livell 095 ta' titjir sal-livell 660 ta' titjir.

(20) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (17) sa (19), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Ungerija jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità

(21) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Ungerija rigward id-dewmien medju tal-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ("ATFM") en route għal kull titjira abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Ungerija tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti stabbiliti fil-Pjan Operazzjonali tan-Network disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(22) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità lokali mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha tiġi vvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(23) L-abbozzi tal-miri tal-kapaċità en route proposti mill-Ungerija għall-RP3, espressi f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira, kif ukoll il-valuri referenzjarji korrispondenti mill-Pjan Operazzjonali tan-Network huma kif ġej:

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tal-Ungerija, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,06**	**0,11**	**0,11**	**0,11**
Valuri referenzjarji għall-Ungerija	0,06	0,11	0,11	0,11

(24) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-kapaċità proposti mill-Ungerija huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja tal-RP3.

(25) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tagħha, l-Ungerija ppreżentat firxa ta' miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali en route. Dawk il-miżuri jinkludu r-riorganizzazzjoni taċ-Ċentru ta' Kontroll tal-Erja ta' Budapest, programm ta' taħriġ ġdid tal-ATCO, aġġornament fis-sistema tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) kif ukoll żieda fl-għadd ippjanat ta' FTEs tal-ATCO sa tmiem l-RP3.

(26) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (24) u (25), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Ungerija jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità.

Rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(27) Fir-rigward tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 kif stabbilit fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità en route bir-rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li dawk l-abbozzi tal-miri ma jqajmu l-ebda tħassib fir-rigward tal-Ungerija.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza

(28) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Ungerija rigward il-kostijiet unitarji ddeterminati ("DUC") għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-punti 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dawk il-kriterji jikkonsistu mix-xejra tad-DUC matul l-RP3, mix-xejra fit-tul tad-DUC matul l-RP2 u l-RP3 (2015-2024), u mill-valur bażi għad-DUC fil-livell taż-żona tal-imposti meta mqabbel mal-valur medju taż-żoni tal-imposti fejn il-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom ambjent operazzjonali u ekonomiku simili.

(29) Il-valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza en route saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali. Dan ġie kkomplementat mir-rieżami tal-fatturi u l-parametri ewlenin li jirfdu dawk il-miri kif speċifikat fil-punt 2.1(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(30) L-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza en route proposti mill-Ungerija għall-RP3 huma kif ġej:

Żona tal-imposti *en route* tal-Ungerija	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**11 916 HUF**	**9 803 HUF**	**17 628 HUF**	**14 127 HUF**	**11 842 HUF**	**10 946 HUF**
	38,56 EUR	31,72 EUR	57,05 EUR	45,72 EUR	38,32 EUR	35,42 EUR

(31) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC *en route* tal-Ungerija fil-livell taż-żona tal-imposti ta' +2,8 % matul l-RP3 hija inqas mix-xejra mal-Unjoni kollha ta' +1,0 % matul l-istess perjodu.

(32) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC *en route* tal-Ungerija fil-livell taż-żona tal-imposti matul l-RP2 u l-RP3 ta' -0,9 % hija inqas mix-xejra fit-tul mal-Unjoni kollha ta' -1,3 % matul l-istess perjodu.

(33) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi tal-Ungerija għad-DUC ta' EUR 31,72 f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017 ("EUR 2017") huwa inqas b'21 % mill-valur bażi medju ta' EUR 40,13 fl-EUR 2017 tal-grupp komparatur rilevanti. Il-Kummissjoni tinnota li l-kost unitarju ddeterminat *en route* tal-Ungerija għadu taħt il-medja tal-grupp komparatur matul l-RP3 kollu. Madankollu, id-differenza tonqos għal -16 % fir-rigward tas-sena 2024.

(34) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk id-devjazzjonijiet osservati fil-premessi (31) u (32) jistgħux jitqiesu neċessarji u proporzjonati skont il-punt 1.4(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, diment li d-devjazzjoni mix-xejra tad-DUC mal-Unjoni kollha jew mix-xejra fit-tul tad-DUC mal-Unjoni kollha tkun dovuta esklussivament għall-kostijiet iddeterminati addizzjonali relatati mal-miżuri neċessarji biex jintlaħqu l-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità jew għall-miżuri ta' ristrutturar skont it-tifsira tal-Artikolu 2(18) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(35) Fir-rigward tal-kriterju speċifikat fil-punt 1.4(d)(i) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tagħha, l-Ungerija ssostni li d-devjazzjonijiet tal-kostijiet mix-xejra tad-DUC mal-Unjoni kollha u mix-xejra fit-tul tad-DUC mal-Unjoni huma kollha dovuti esklussivament għall-miżuri meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità.

(36) Il-Kummissjoni tosserva li fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tagħha, l-Ungerija tistabbilixxi firxa wiesgħa ta' miżuri li ttieħdu mill-ANSP (Hungarocontrol) għall-fini li jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali u li għalihom jiġġarrbu kostijiet addizzjonali. Dawk il-miżuri huma ddettaljati u kkwantifikati fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni.

(37) L-Ungerija tispjega li fiċ-ċirkostanzi ta' qabel il-COVID, fl-2019, deher ċar li l-għadd ta' ATCOs fl-operazzjonijiet ma kienx biżżejjed biex ikopri l-volum u l-kumplessità tat-traffiku. Għalhekk, bil-ħsieb li jiġu akkomodati l-livelli tat-traffiku mistennija fil-futur, Hungarocontrol daħħlet fis-seħħ programm ta' taħriġ bil-ħsieb li jiżdied l-għadd ta' ATCOs matul l-RP3. Il-kostijiet assoċjati rilevanti jinkludu l-kostijiet tal-persunal għar-remunerazzjonijiet tal-istudenti l-ġodda fil-fażi ta' taħriġ inizjali u tal-istudenti liċenzjati bħala kontrolluri tat-traffiku tal-ajru, kif ukoll il-kostijiet operatorji l-oħra mġarrba għat-taħriġ ta' dawk ir-rekluti l-ġodda.

(38) Iż-żidiet fil-kapaċità meħtieġa biex tiġi ssodisfata d-domanda futura tat-traffiku se jkunu appoġġati wkoll minn investimenti f'tagħmir tal-ogħla livell. Il-Kummissjoni tinnota li għalhekk hemm ippjanat diversi aġġornamenti għall-komponenti tas-sistema tal-ATM, fosthom l-implimentazzjoni ta' funzjoni tar-radju li ssib id-direzzjoni u ta' għodda kumplessa, titjib fil-funzjonalitajiet tal-ġestjoni tal-ispazju tal-ajru, u l-introduzzjoni ta' titjib fit-tekniki ta' ġestjoni tal-fluss u tal-kapaċità. It-twettiq f'waqtu ta' dawn l-investimenti matul l-RP3 huwa mistenni li jippermetti żidiet notevoli fil-kapaċità.

(39) Abbażi tal-analiżi dettaljata mill-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni tqis li l-miżuri rilevanti deskritti mill-Ungerija fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni huma fil-fatt neċessarji biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali. Barra minn hekk, wara li tqieset l-evalwazzjoni li saret mill-korp tal-analiżi tal-prestazzjoni, jista' jiġi konkluż li l-kostijiet addizzjonali ta' dawk il-miżuri huma akbar mid-devjazzjonijiet mix-xejra tad-DUC mal-Unjoni kollha u mix-xejra fit-tul tad-DUC mal-Unjoni kollha msemmija fil-premessi (31) u (32).

(40) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi (35) sa (39), il-Kummissjoni ssib li l-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(i) huwa ssodisfat fir-rigward tal-Ungerija.

(41) Mill-osservazzjonijiet preċedenti jirriżulta li mhuwiex neċessarju li jiġi eżaminat ulterjorment jekk il-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(ii) huwiex se jiġi sodisfatt fir-rigward tal-Ungerija.

(42) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (31) sa (41), jenħtieġ li l-miri proposti inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Ungerija jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza.

Rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(43) Fir-rigward tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 kif stabbilit fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza en route bir-rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li dawk l-abbozzi tal-miri jqajmu tħassib fir-rigward tal-Ungerija.

(44) L-ewwel nett, meta qabblet ix-xejra tal-kost unitarju ddeterminat fit-terminal għall-RP3 max-xejra tad-DUC *en route*, il-Kummissjoni sabet li x-xejra tad-DUC fit-terminal taż-Żona tal-Imposti fit-Terminal tal-Ungerija ta' +11,0 % hija ogħla mix-xejra tad-DUC *en route* tal-Ungerija fil-livell taż-żona tal-imposti ta' +2,8 % matul l-RP3.

(45) It-tieni, il-Kummissjoni tosserva li l-abbozz tal-miri għax-xejra tad-DUC fit-terminal għaż-żona tal-imposti fit-terminal tal-Ungerija ta' +11,0 % matul l-RP3 hija ogħla mix-xejra reali tad-DUC fit-terminal ta' -4,7 % osservata matul l-RP2.

(46) It-tielet, meta qabblet id-DUC fit-terminal mal-prestazzjoni ta' ajruporti simili għall-RP3, il-Kummissjoni osservat li d-DUC għall-Ajruport ta' Budapest huwa stmat li huwa ogħla mid-DUC medjan tal-ajruporti rilevanti b'marġni sinifikanti ħafna.

(47) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li, b'rabta mal-adozzjoni tal-pjan tal-prestazzjoni finali tagħha f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, jenħtieġ li fid-dawl tal-osservazzjonijiet stabbiliti fil-premessi (44) sa (46), l-Ungerija tiġġustifika ulterjorment il-miri tal-kosteffiċjenza fit-terminal għall-RP3 jew tirrevedi 'l isfel dawk il-miri.

Rieżami tal-iskemi ta' inċentivi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 li jikkomplementa l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità

(48) F'konformità mal-punt 2.1(f) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, b'rabta mal-valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha b'rieżami tal-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi jissodisfawx ir-rekwiżiti sostantivi stabbiliti fl-Artikolu 11(1) u (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li l-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Ungerija jqajmu tħassib.

(49) Il-Kummissjoni tosserva li kemm l-iskema ta' inċentivi tal-kapaċità *en route* kif ukoll l-iskema ta' inċentivi tal-kapaċità fit-terminal proposti fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-Ungerija jinkludu żvantaġġ finanzjarju massimu li jammonta għal 0,5 % tal-kostijiet iddeterminati u vantaġġ finanzjarju massimu li jammonta għal 0,5 % tal-kostijiet iddeterminati.

(50) Fir-rigward ta' dawk l-iskemi ta' inċentivi, abbażi tal-parir espert ipprovdut mill-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni għandha dubji kbar dwar jekk l-iżvantaġġ finanzjarju massimu propost, li jammonta għal 0,5 % tal-kostijiet iddeterminati, huwiex se jkollu xi impatt materjali fuq id-dħul f'riskju, kif meħtieġ skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(51) Għalhekk, jenħtieġ li l-Ungerija tirrevedi, b'rabta mal-adozzjoni tal-pjan tal-prestazzjoni finali tagħha f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-iskemi ta' inċentivi tagħha għall-ilħuq tal-miri tal-kapaċità *en route* u fit-terminal sabiex l-iżvantaġġi finanzjarji massimi li jirriżultaw minn dawk l-iskemi ta' inċentivi jiġu stabbiliti f'livell li jkollu impatt materjali fuq id-dħul f'riskju, kif meħtieġ b'mod dirett skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, li fil-fehma tal-Kummissjoni jenħtieġ li jwassal għal żvantaġġ finanzjarju massimu li jkun daqs jew ogħla minn 1 % tal-kostijiet iddeterminati.

KONKLUŻJONIJIET

(52) Abbażi tal-valutazzjoni stabbilita fil-premessi (10) sa (51), il-Kummissjoni sabet li l-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin mill-Ungerija huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha.

(53) Il-Kummissjoni tinnota li xi Stati Membri indikaw li bihsiebhom jinkludu l-entrati tal-kostijiet relatati mad-detezzjoni tad-droni tal-ajruport fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom. Ma kienx possibbli li jiġi stabbilit b'mod preċiż, abbażi tal-elementi li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, sa liema punt l-Istati Membri inkludew tali kostijiet iddeterminati fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom u, fejn ġew inklużi dawn il-kostijiet, sa liema punt jiġġarrbu fir-rigward tal-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u b'hekk jistgħux jitqiesu eliġibbli skont l-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti. Is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu talba għal informazzjoni *ad hoc* lill-Istati Membri kollha sabiex jiġbru informazzjoni rilevanti, u se jkomplu jeżaminaw il-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni fl-ajruporti rrapportati fil-kuntest tal-verifika tal-konformità tar-rata unitarja. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għas-sejbiet u għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-suġġett tal-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni.

(54) B'reazzjoni għall-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, li bdiet fl-24 ta' Frar 2022, l-Unjoni adottat miżuri restrittivi li jipprojbixxu lit-trasportaturi tal-ajru Russi, lil kwalunkwe inġenju tal-ajru rreġistrat fir-Russja u lil kwalunkwe inġenju tal-ajru mhux irreġistrat fir-Russja li huwa l-proprjetà jew mikri, jew ikkontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika Russa, minn entità jew minn korp Russu milli jinżlu fit-territorju tal-Unjoni, jew jitilqu minnu, jew jittajru fuqu. Dawk il-miżuri qed iwasslu għal tnaqqis fit-traffiku tal-ajru fl-ispazju tal-ajru fuq it-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-impatt fil-livell tal-Unjoni kollha ma jkunx komparabbli mat-tnaqqis tat-traffiku tal-ajru li rriżulta mit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 f'Marzu 2020. Għalhekk, jixraq li jinżammu l-miżuri u l-proċessi eżistenti għall-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni u tal-imposti fl-RP3.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Ungerija, skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 u elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Ungerija.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Adina VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Miri tal-prestazzjoni inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, imressaq mill-Ungerija skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, li nstabu konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju.

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA

Effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza

L-Ungerija	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Hungarocontrol	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	C	C	D	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	**C**

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-AMBJENT

Effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tal-Ungerija, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**1,50 %**	**1,49 %**	**1,49 %**	**1,49 %**
Valuri referenzjarji għall-Ungerija	1,50 %	1,49 %	1,49 %	1,49 %

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ

Dewmien medju tal-ATFM *en route* f'minuti għal kull titjira

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tal-Ungerija, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,06**	**0,11**	**0,11**	**0,11**
Valuri referenzjarji għall-Ungerija	0,06	0,11	0,11	0,11

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

Kost unitarju ddeterminat għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route*

Żona tal-imposti *en route* tal-Ungerija	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**11 916 HUF**	**9 803 HUF**	**17 628 HUF**	**14 127 HUF**	**11 842 HUF**	**10 946 HUF**
	38,56 EUR	31,72 EUR	57,05 EUR	45,72 EUR	38,32 EUR	35,42 EUR

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/776

tat-13 ta' April 2022

dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq minn Spanja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju

(notifikata bid-dokument C(2022) 2300)

(It-test bl-Ispanjol biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([1]), u b'mod partikolari il-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu (14)(2) tiegħu,

Billi:

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

(1) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 għandha titwaqqaf skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-Istati Membri għandhom ifasslu, fil-livell nazzjonali jew fil-livell ta' blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali ("FABs"), miri vinkolanti ta' prestazzjoni għal kull perjodu referenzjarju tal-iskema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Dawk il-miri tal-prestazzjoni jridu jkunu konsistenti mal-miri għall-Unjoni kollha adottati mill-Kummissjoni għall-perjodu referenzjarju kkonċernat. Il-Kummissjoni hija responsabbli biex tivvaluta jekk il-miri tal-prestazzjoni proposti li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mfassla mill-Istati Membri humiex konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha, billi tuża l-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(2) Dawn il-miri tal-prestazzjoni jridu jkunu konsistenti mal-miri għall-Unjoni kollha adottati mill-Kummissjoni għall-perjodu referenzjarju kkonċernat. Il-Kummissjoni hija responsabbli biex tivvaluta jekk il-miri tal-prestazzjoni proposti li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni humiex konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha billi tuża l-kriterji tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(3) Mill-ewwel trimestru tas-sena kalendarja 2020, it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 ħalliet impatt sinifikanti fuq is-settur tat-trasport bl-ajru u meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-pandemija, naqqset b'mod konsiderevoli l-volumi tat-traffiku tal-ajru minħabba l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi biex tiġi kkontrollata l-pandemija.

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 (ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1).

(4) Il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju ("RP3") ġew oriġinarjament stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 ([3]). Minħabba li dawk il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha u l-abbozz tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fl-RP3 sussegwentement imressqin mill-Istati Membri tfasslu qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, dawn ma setgħux iqisu ċ-ċirkostanzi li rriżultaw u nbidlu b'mod sinifikanti għat-trasport bl-ajru.

(5) Bi tweġiba għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-provvista tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, ġew stabbiliti miżuri eċċezzjonali għall-RP3, li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 ([4]). Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1627, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 ([5]) li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3 fit-2 ta' Ġunju 2021.

(6) Il-Kummissjoni tinnota li t-tbassir tat-traffiku bażi tas-Servizz tal-Istatistika u tat-Tbassir tal-Eurocontrol ("STATFOR") ta' Ottubru 2021 jipprevedi li t-traffiku tal-ajru fil-livell tal-Unjoni kollha se jilħaq il-livelli ta' qabel il-pandemija tiegħu matul l-2023 u se jaqbeż dawk il-livelli fl-2024. Madankollu, il-livell ta' inċertezza rigward l-iżvilupp tat-traffiku għadu partikolarment għoli minħabba r-riskji relatati mal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-COVID-19. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-irkupru tat-traffiku mhuwiex mistenni li jkun uniformi fl-Istati Membri kollha.

(7) L-Istati Membri kollha żviluppaw u adottaw abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni li fihom miri tal-prestazzjoni lokali riveduti għall-RP3, li tressqu mill-Kummissjoni għall-valutazzjoni sal-1 ta' Ottubru 2021. Wara l-verifika tal-kompletezza ta' dawk l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jressqu l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni aġġornati sas-17 ta' Novembru 2021. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ppreżentata f'din id-Deċiżjoni hija msejsa fuq l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni aġġornat imressaq minn Spanja.

(8) Il-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, li jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, ressaq rapport lill-Kummissjoni li jinkludi l-parir tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni tal-RP3.

(9) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni lokali proposti minn Spanja abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, u qieset iċ-ċirkostanzi lokali. Fir-rigward ta' kull qasam ewlieni tal-prestazzjoni u l-miri tal-prestazzjoni relatati, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni billi rrieżaminat l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

VALUTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza

(10) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri mressqin minn Spanja rigward l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza tal-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 tad-29 ta' Mejju 2019 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu ta' referenza li jibda fl-1 ta' Jannar 2020 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2024 (ĠU L 144, 3.6.2019, p. 49).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 tat-3 ta' Novembru 2020 dwar miżuri eċċezzjonali għat-tielet perjodu ta' referenza (2020-2024) tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti tal-ajru uniku Ewropew minħabba l-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 366, 4.11.2020, p. 7).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/891 tat-2 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu referenzjarju (2020-2024) u li thassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903 (ĠU L 195, 3.6.2021, p. 3).

(11) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza proposti minn Spanja fir-rigward tal-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, imqassma skont l-objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza u espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, huma kif ġej:

Spanja	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernati	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
ENAIRE, FERRONATS	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	C	C	C	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	**C**

(12) Fir-rigward tal-abbozzi tal-miri tas-sikurezza proposti minn Spanja għall-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (ENAIRE u FERRONATS), il-Kummissjoni sabet li l-livell tal-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha huwa ppjanat li jintlaħaq fl-2024 fir-rigward tal-objettiv tal-ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza, filwaqt li għall-objettivi tal-ġestjoni għas-sikurezza l-oħrajn, il-miri tal-prestazzjoni lokali jilħqu l-livell tal-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(13) Il-Kummissjoni tinnota li l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq minn Spanja jistabbilixxi miżuri għall-ANSPs biex jintlaħqu l-miri lokali tas-sikurezza, bħat-tisħiħ ta' kultura ġusta u l-implimentazzjoni tal-pjan strateġiku "Ajru Diġitali" biex jiġu mmodernizzati s-servizzi ta' komunikazzjoni, ta' navigazzjoni u ta' sorveljanza għal ENAIRE, kif ukoll l-avvanz tal-kultura tas-sikurezza u t-titjib tal-proċeduri tal-awditjar u tal-istħarriġ għas-sistemi ta' ġestjoni tas-sikurezza għal FERRONATS.

(14) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (12) u (13), u meta jitqies li l-miri tal-prestazzjoni tas-sikurezza mal-Unjoni kollha stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 iridu jintlaħqu sal-aħħar sena tal-RP3, jiġifieri l-2024, jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni ta' Spanja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent

(15) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin minn Spanja rigward l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni ta' Spanja tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti tal-effiċjenza tat-titjir orizzontali *en route* stabbiliti fil-Pjan ta' Titjib tan-Network Ewropew tar-Rotot ("ERNIP") disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(16) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent. Għalhekk jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni ambjentali lokali tiġi vvalutata mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(17) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent proposti minn Spanja u l-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għall-RP3 mill-ERNIP, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali, huma kif ġej:

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* ta' Spanja, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**3,08 %**	**3,08 %**	**3,08 %**	**3,08 %**
Valuri referenzjarji għal Spanja	3,08 %	3,08 %	3,08 %	3,08 %

(18) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-ambjent proposti minn Spanja huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(19) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, Spanja ppreżentat miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent lokali li jinkludu bosta titjib fin-network tar-rotot, tibdiliet fir-rigward tas-setturi fi ħdan iċ-Ċentru ta' Kontroll tal-Erja (ACC) tal-Kanarji, riorganizzazzjoni taż-Żoni ta' Kontroll tat-Terminal ta' Madrid u ta' Palma kif ukoll miżuri biex tiżdied il-kollaborazzjoni transfruntiera.

(20) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li Spanja diġà implimentat l-ispazju tal-ajru b'rotot liberi (FRA) fi ħdan is-setturi ta' Santiago u ta' Asturji fir-Reġjun ta' Informazzjoni dwar it-Titjir (FIR) ta' Madrid, u bdiet diversi proġetti ta' implimentazzjoni tal-FRA (pereż. HISPAFRA).

(21) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (18) sa (20), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni ta' Spanja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità

(22) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin minn Spanja rigward id-dewmien medju tal-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ("ATFM") *en route* għal kull titjira abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni ta' Spanja tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti stabbiliti fil-Pjan Operazzjonali tan-Network disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(23) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità lokali mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha tiġi vvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(24) L-abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* proposti minn Spanja għall-RP3, espressi f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira, kif ukoll il-valuri referenzjarji korrispondenti mill-Pjan Operazzjonali tan-Network huma kif ġej:

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* ta' Spanja, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,12**	**0,20**	**0,19**	**0,19**
Valuri referenzjarji għal Spanja	0,12	0,20	0,19	0,19

(25) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-kapaċità proposti minn Spanja huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(26) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tagħha, Spanja ppreżentat firxa ta' miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali *en route*. Dawk il-miżuri jinkludu modernizzazzjoni komprensiva tas-sistema tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, żieda fil-kapaċitajiet tas-settur, ottimizzazzjoni tal-wasliet, reklutaġġ ta' kontrolluri tat-traffiku tal-ajru (ATCOs) biex jissostitwixxu l-persunal li jirtira, kif ukoll titjib fl-effiċjenza tal-proċess tar-roster tal-ATCO.

(27) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (25) u (26), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni ta' Spanja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità.

Rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(28) Fir-rigward tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 kif stabbilit fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* bir-rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li dawk l-abbozzi tal-miri ma jqajmu l-ebda tħassib fir-rigward ta' Spanja.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza

(29) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin minn Spanja rigward il-kostijiet unitarji ddeterminati ("DUC") għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route* abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-punti 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dawk il-kriterji jikkonsistu mix-xejra tad-DUC matul l-RP3, mix-xejra fit-tul tad-DUC matul it-tieni perjodu referenzjarju ("RP2") u l-RP3 (2015-2024), u mill-valur bażi għad-DUC fil-livell taż-żona tal-imposti meta mqabbel mal-valur medju taż-żoni tal-imposti fejn il-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom ambjent operazzjonali u ekonomiku simili.

(30) Il-valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali. Dan ġie kkomplementat mir-rieżami tal-fatturi u l-parametri ewlenin li jirfdu dawk il-miri kif speċifikat fil-punt 2.1(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(31) L-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* proposti minn Spanja għaż-żoni tal-imposti ta' Spanja Kontinentali u tal-Kanarji ta' Spanja għall-RP3 huma kif ġej:

Żona tal-imposti *en route* ta' Spanja	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, ta' Spanja Kontinentali, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**69,88 EUR**	**52,06 EUR**	**107,71 EUR**	**53,64 EUR**	**51,69 EUR**	**48,19 EUR**

Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* tal-Kanarji ta' Spanja, espressi bħala kost unitarju ddeterminat en route (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**70,11 EUR**	**52,39 EUR**	**104,97 EUR**	**66,92 EUR**	**58,97 EUR**	**53,93 EUR**

(32) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC *en route* ta' Spanja fil-livelli taż-żona tal-imposti ta' Spanja Kontinentali (-1,9 %) u tal-Kanarji ta' Spanja (+ 0,7 %) matul l-RP3 huma t-tnejn ogħla mix-xejra ta' +1,0 % mal-Unjoni kollha matul l-istess perjodu.

(33) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC *en route* ta' Spanja fil-livell taż-żona tal-imposti matul l-RP2 u l-RP3 ta' Spanja Kontinentali (-4,0 %) u tal-Kanarji ta' Spanja (-2,9 %) huma t-tnejn ogħla mix-xejra fit-tul mal-Unjoni kollha ta' -1,3 % matul l-istess perjodu.

(34) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi medju ta' Spanja għaż-żoni tal-imposti tad-DUC ta' Spanja Kontinentali u tal-Kanarji ta' Spanja ta' EUR 52,11 f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017 ("EUR 2017") huwa 17,2 % inqas mill-valur bażi medju ta' EUR 62,97 fl-EUR 2017 tal-grupp komparatur rilevanti. Il-Kummissjoni tinnota li l-kost unitarju ddeterminat *en route* ta' Spanju għadu taħt il-medja tal-grupp komparatur matul l-RP3 kollu, b'differenza ta' -16,8 % osservata għall-2024.

(35) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (32) sa (34), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni ta' Spanja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza.

Rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(36) Fir-rigward tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 kif stabbilit fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* bir-rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li dawk l-abbozzi tal-miri ma jqajmux tħassib fir-rigward ta' Spanja.

Rieżami tal-iskemi ta' inċentivi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 li jikkomplementa l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità

(37) F'konformità mal-punt 2.1(f) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, b'rabta mal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha b'rieżami tal-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi jissodisfawx ir-rekwiżiti sostantivi stabbiliti fl-Artikolu 11(1) u (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li l-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni ta' Spanja jqajmu tħassib.

(38) Il-Kummissjoni tosserva li kemm l-iskema ta' inċentivi tal-kapaċità *en route* kif ukoll l-iskema ta' inċentivi tal-kapaċità fit-terminal proposti fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni ta' Spanja jinkludu żvantaġġ finanzjarju massimu li jammonta għal 0,50 % tal-kostijiet iddeterminati u vantaġġ finanzjarju massimu li jammonta għal 0,00 % tal-kostijiet iddeterminati.

(39) Fir-rigward ta' dawk l-iskemi ta' inċentivi, abbażi tal-parir espert ipprovdut mill-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni għandha dubji kbar dwar jekk l-iżvantaġġi finanzjarji massimi proposti, li jammontaw għal 0,50 % tal-kostijiet iddeterminati rispettivament, humiex se jkollhom xi impatt materjali fuq id-dħul f'riskju, kif meħtieġ skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(40) Għalhekk, jenħtieġ li Spanja tirrevedi, b'rabta mal-adozzjoni tal-pjan tal-prestazzjoni finali tagħha f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-iskemi ta' inċentivi tagħha għall-ilħuq tal-miri tal-kapaċità *en route* u fit-terminal sabiex l-iżvantaġġi finanzjarji massimi li jirriżultaw minn dawk l-iskemi ta' inċentivi jiġu stabbiliti f'livell li jkollu impatt materjali fuq id-dħul f'riskju, kif meħtieġ skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, li fil-fehma tal-Kummissjoni jenħtieġ li jwassal għal żvantaġġ finanzjarju massimu li jkun daqs jew ogħla minn 1 % tal-kostijiet iddeterminati.

KONKLUŻJONIJIET

(41) Abbażi tal-valutazzjoni stabbilita fil-premessi (10) sa (40), il-Kummissjoni sabet li l-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin minn Spanja huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha.

(42) Il-Kummissjoni tinnota li xi Stati Membri indikaw li bħsiebhom jinkludu l-entrati tal-kostijiet relatati mad-detezzjoni tad-droni tal-ajruport fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom. Ma kienx possibbli li jiġi stabbilit b'mod preċiż, abbażi tal-elementi li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, sa liema punt l-Istati Membri inkludew tali kostijiet iddeterminati fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom u, fejn ġew inklużi dawn il-kostijiet, sa liema punt jiġġarrbu fir-rigward tal-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u b'hekk jistgħux jitqiesu eliġibbli skont l-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti. Is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu talba għal informazzjoni *ad hoc* lill-Istati Membri kollha sabiex jiġbru informazzjoni rilevanti, u se jkomplu jeżaminaw il-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni fl-ajruporti rrapportati fil-kuntest tal-verifika tal-konformità tar-rata unitarja. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għas-sejbiet u għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-suġġett tal-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni.

(43) B'reazzjoni għall-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, li bdiet fl-24 ta' Frar 2022, l-Unjoni adottat miżuri restrittivi li jipprojbixxu lit-trasportaturi tal-ajru Russi, lil kwalunkwe inġenju tal-ajru rreġistrat fir-Russja u lil kwalunkwe inġenju tal-ajru mhux irreġistrat fir-Russja li huwa l-proprjetà jew mikri, jew ikkontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika Russa, minn entità jew minn korp Russu milli jinżlu fit-territorju tal-Unjoni, jew jitilqu minnu, jew jittajru fuqu. Dawk il-miżuri qed iwasslu għal tnaqqis fit-traffiku tal-ajru fl-ispazju tal-ajru fuq it-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-impatt fil-livell tal-Unjoni kollha ma jkunx komparabbli mat-tnaqqis tat-traffiku tal-ajru li rriżulta mit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 f'Marzu 2020. Għalhekk, jixraq li jinżammu l-miżuri u l-proċessi eżistenti għall-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni u tal-imposti fl-RP3,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq minn Spanja, skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 u elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Adina VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Miri tal-prestazzjoni inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, imressaq minn Spanja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, li nstabu konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju.

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA

Effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza

Spanja	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernati	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
ENAIRE, FERRONATS	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	C	C	C	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	**C**

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-AMBJENT

Effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* ta' Spanja, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**3,08 %**	**3,08 %**	**3,08 %**	**3,08 %**
Valuri referenzjarji għal Spanja	3,08 %	3,08 %	3,08 %	3,08 %

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ

Dewmien medju tal-ATFM *en route* f'minuti għal kull titjira

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* ta' Spanja, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,12**	**0,20**	**0,19**	**0,19**
Valuri referenzjarji għal Spanja	0,12	0,20	0,19	0,19

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

Kost unitarju ddeterminat għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route*

Żona tal-imposti *en route* ta' Spanja	Valur bażi tal-2014	Valur bażi tal-2019	2020 - 2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* ta' Spanja Kontinentali, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**69,88 EUR**	**52,06 EUR**	**107,71 EUR**	**53,64 EUR**	**51,69 EUR**	**48,19 EUR**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* tal-Kanarji ta' Spanja, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**70,11 EUR**	**52,39 EUR**	**104,97 EUR**	**66,92 EUR**	**58,97 EUR**	**53,93 EUR**

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/777

tat-13 ta' April 2022

dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mis-Slovenja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju

(notifikata bid-dokument C(2022) 2302)

(It-test bis-Sloven biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([1]), u b'mod partikolari il-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu (14)(2) tiegħu,

Billi:

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

(1) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 għandha titwaqqaf skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-Istati Membri għandhom ifasslu, fil-livell nazzjonali jew fil-livell ta' blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali ("FABs"), miri vinkolanti ta' prestazzjoni għal kull perjodu referenzjarju tal-iskema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Dawk il-miri tal-prestazzjoni jridu jkunu konsistenti mal-miri għall-Unjoni kollha adottati mill-Kummissjoni għall-perjodu referenzjarju kkonċernat. Il-Kummissjoni hija responsabbli biex tivvaluta jekk il-miri tal-prestazzjoni proposti li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mfassla mill-Istati Membri humiex konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha, billi tuża l-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(2) Mill-ewwel trimestru tas-sena kalendarja 2020, it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 ħalliet impatt sinifikanti fuq is-settur tat-trasport bl-ajru u meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-pandemija, naqqset b'mod konsiderevoli l-volumi tat-traffiku tal-ajru minħabba l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi biex tiġi kkontrollata l-pandemija.

(3) Il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju ("RP3") ġew oriġinarjament stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 ([3]). Minħabba li dawk il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha u l-abbozz tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fl-RP3 sussegwentement imressqin mill-Istati Membri tfasslu qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, dawn ma setgħux iqisu ċ-ċirkostanzi li rriżultaw u nbidlu b'mod sinifikanti għat-trasport bl-ajru.

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 (ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 tad-29 ta' Mejju 2019 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu ta' referenza li jibda fl-1 ta' Jannar 2020 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2024 (ĠU L 144, 3.6.2019, p. 49).

(4) Bi tweġiba għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-provvista tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, ġew stabbiliti miżuri eċċezzjonali għall-RP3, li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 ([4]). Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1627, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 ([5]) li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3 fit-2 ta' Ġunju 2021.

(5) Il-Kummissjoni tinnota li t-tbassir tat-traffiku bażi tas-Servizz tal-Istatistika u tat-Tbassir tal-Eurocontrol ("STATFOR") ta' Ottubru 2021 jipprevedi li t-traffiku tal-ajru fil-livell tal-Unjoni kollha se jilħaq il-livelli ta' qabel il-pandemija tiegħu matul l-2023 u se jaqbeż dawk il-livelli fl-2024. Madankollu, il-livell ta' inċertezza rigward l-iżvilupp tat-traffiku għadu partikolarment għoli minħabba r-riskji relatati mal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-COVID-19. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-irkupru tat-traffiku mhuwiex mistenni li jkun uniformi fl-Istati Membri kollha.

(6) L-Istati Membri kollha żviluppaw u adottaw abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni li fihom miri tal-prestazzjoni lokali riveduti għall-RP3, li tressqu mill-Kummissjoni għall-valutazzjoni sal-1 ta' Ottubru 2021. Wara l-verifika tal-kompletezza ta' dawk l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jressqu l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni aġġornati sas-17 ta' Novembru 2021. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ppreżentata f'din id-Deċiżjoni hija msejsa fuq l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni aġġornat imressaq mis-Slovenja.

(7) Il-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, li jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, ressaq rapport lill-Kummissjoni li jinkludi l-parir tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni tal-RP3.

(8) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni lokali proposti mis-Slovenja abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, u qieset iċ-ċirkostanzi lokali. Fir-rigward ta' kull qasam ewlieni ta' prestazzjoni u l-miri ta' prestazzjoni relatati, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni billi rrieżaminat l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(9) Peress li s-Slovenja ma għandha l-ebda ajruport li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 fir-rigward tal-RP3, ma hemm l-ebda mira tal-prestazzjoni lokali għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal bħala parti mill-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-RP3 tagħha. Għalhekk, is-sejbiet li jinsabu f'din id-Deċiżjoni huma relatati biss mas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route*.

VALUTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza

(10) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri mressqin mis-Slovenja rigward l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza tal-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(11) L-abbozzi tal-miri ta' prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza proposti mis-Slovenja fir-rigward tal-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, imqassma skont l-objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza u espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, huma kif ġej:

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 tat-3 ta' Novembru 2020 dwar miżuri eċċezzjonali għat-tielet perjodu ta' referenza (2020-2024) tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti tal-ajru uniku Ewropew minħabba l-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 366, 4.11.2020, p. 7).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/891 tat-2 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu referenzjarju (2020-2024) u li thassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903 (ĠU L 195, 3.6.2021, p. 3).

Is-Slovenja	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Slovenia Control	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	C	C	C	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	**C**

(12) Fir-rigward tal-abbozzi tal-miri tas-sikurezza proposti mis-Slovenja għall-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (Slovenia Control), il-Kummissjoni sabet li l-livell tal-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha huwa ppjanat li jintlaħaq fl-2024 fir-rigward tal-objettiv tal-ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza, filwaqt li għall-objettivi tal-ġestjoni għas-sikurezza l-oħrajn, il-miri tal-prestazzjoni lokali jilħqu l-livell tal-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(13) Il-Kummissjoni tinnota li l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mis-Slovenja jistabbilixxi miżuri għas-Slovenia Control biex jintlaħqu l-miri lokali tas-sikurezza, fosthom is-sorveljanza kontinwa mill-NSA, kif ukoll il-monitoraġġ intern u estern regolari tal-proċessi u tal-outputs tas-sikurezza li jsegwu l-protokolli miftiehma fil-livell tal-Eurocontrol, tal-CANSO u tal-EASA.

(14) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (12) u (13), u meta jitqies li l-miri tal-prestazzjoni tas-sikurezza mal-Unjoni kollha stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 iridu jintlaħqu sal-aħħar sena tal-RP3, jiġifieri l-2024, jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tas-Slovenja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent

(15) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, ġiet vvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mis-Slovenja rigward l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tas-Slovenja tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti tal-effiċjenza tat-titjir orizzontali *en route* stabbiliti fil-Pjan ta' Titjib tan-Network Ewropew tar-Rotot ("ERNIP") disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(16) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni ambjentali lokali mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha tiġi vvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(17) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent proposti mis-Slovenja u l-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għall-RP3 mill-ERNIP, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali, huma kif ġej:

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tas-Slovenja, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**1,55 %**	**1,55 %**	**1,55 %**	**1,55 %**
Valuri referenzjarji għas-Slovenja	1,55 %	1,55 %	1,55 %	1,55 %

(18) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-ambjent proposti mis-Slovenja huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(19) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, is-Slovenja ppreżentat miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent lokali li jinkludu aktar kollaborazzjoni transfruntiera, bħall-espansjoni tar-rotot liberi bħala parti mill-Ispazju tal-Ajru b'Rotot Liberi tal-Inizjattiva Ajru Komuni tax-Xlokk (South East Common Sky Initiative Free Route Airspace, SECSI FRA).

(20) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (18) u (19), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tas-Slovenja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità

(21) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mis-Slovenja rigward id-dewmien medju tal-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ("ATFM") *en route* għal kull titjira abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tas-Slovenja tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti stabbiliti fil-Pjan Operazzjonali tan-Network disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(22) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità lokali mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha tiġi vvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(23) L-abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* proposti mis-Slovenja għall-RP3, espressi f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira, kif ukoll il-valuri referenzjarji korrispondenti mill-Pjan Operazzjonali tan-Network huma kif ġej:

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tas-Slovenja, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,05**	**0,09**	**0,09**	**0,09**
Valuri referenzjarji għas-Slovenja	0,05	0,09	0,09	0,09

(24) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-kapaċità proposti mis-Slovenja huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(25) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tagħha, is-Slovenja ppreżentat firxa ta' miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali *en route*. Dawk il-miżuri jinkludu t-tisħiħ tal-ġestjoni tal-fluss u tal-kapaċità tat-traffiku tal-ajru, it-titjib fis-settorizzazzjoni f'konformità mal-Pjan tal-Ispazju tal-Ajru tal-Blokk tal-Ispazju tal-Ajru Funzjonali għall-Ewropa Ċentrali (FAB CE), aktar flessibbiltà fil-kapaċità tas-settur abbażi tad-domanda, ir-reklutaġġ ta' kontrolluri tat-traffiku tal-ajru (ATCOs) addizzjonali kif ukoll titjib fir-roster tal-ATCOs.

(26) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (24) u (25), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tas-Slovenja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza

(27) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, ġiet vvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mis-Slovenja rigward il-kostijiet unitarji ddeterminati ("DUC") għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route* abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-punti 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dawk il-kriterji jikkonsistu mix-xejra tad-DUC matul l-RP3, mix-xejra fit-tul tad-DUC matul it-tieni perjodu referenzjarju ("RP2") u l-RP3 (2015-2024), u mill-valur bażi għad-DUC fil-livell taż-żona tal-imposti meta mqabbel mal-valur medju taż-żoni tal-imposti fejn il-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom ambjent operazzjonali u ekonomiku simili.

(28) Il-valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali. Dan ġie kkomplementat mir-rieżami tal-fatturi u l-parametri ewlenin li jirfdu dawk il-miri kif speċifikat fil-punt 2.1(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(29) L-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* proposti mis-Slovenja għall-RP3 huma kif ġej:

Żona tal-imposti *en route* tas-Slovenja	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**67,08 EUR**	**54,19 EUR**	**101,44 EUR**	**62,11 EUR**	**59,84 EUR**	**56,19 EUR**

(30) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC *en route* tas-Slovenja fil-livell taż-żona tal-imposti ta' +0,9 % matul l-RP3 tisboq ix-xejra mal-Unjoni kollha ta' +1,0 % matul l-istess perjodu.

(31) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC *en route* tas-Slovenja fil-livell taż-żona tal-imposti matul l-RP2 u l-RP3 ta' -1,9 % tisboq ix-xejra fit-tul mal-Unjoni kollha ta' -1,3 % matul l-istess perjodu.

(32) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi tas-Slovenja għad-DUC ta' EUR 54,19 f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017 ("EUR 2017") huwa 45,2 % ogħla mill-valur bażi medju ta' EUR 37,32 fl-EUR 2017 tal-grupp komparatur rilevanti. Il-Kummissjoni tinnota li l-kost unitarju ddeterminat *en route* tas-Slovenja għadu aktar mill-medja tal-grupp komparatur matul l-RP3 kollu, b'differenza ta' 41,5 % osservata għall-2024.

(33) Kif deskritt fil-premessi (30) u (31), huwa ċar li s-Slovenja tissodisfa kemm ix-xejra tad-DUC għall-RP3 mal-Unjoni kollha kif ukoll ix-xejra fit-tul tad-DUC mal-Unjoni kollha. Barra minn hekk, id-DUC tas-Slovenja fl-2024 huwa aktar baxx mill-valur bażi tal-2014. Irrispettivament mid-differenza bejn il-valur bażi tas-Slovenja u l-medja tal-grupp komparatur osservata fil-premessa (32), is-Slovenja wriet evoluzzjoni tal-kosteffiċjenza li tissodisfa x-xejriet mal-Unjoni kollha, li tipprovdi bażi suffiċjenti biex tiġi stabbilita konsistenza mal-miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza mal-Unjoni kollha għall-RP3.

(34) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (27) sa (33), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tas-Slovenja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza.

KONKLUŻJONIJIET

(35) Abbażi tal-valutazzjoni stabbilita fil-premessi (10) sa (34), il-Kummissjoni sabet li l-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mis-Slovenja huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha.

(36) Il-Kummissjoni tinnota li xi Stati Membri indikaw li biħsiebhom jinkludu l-entrati tal-kostijiet relatati mad-detezzjoni tad-droni tal-ajruport fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom. Ma kienx possibbli li jiġi stabbilit b'mod preċiż, abbażi tal-elementi li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, sa liema punt l-Istati Membri inkludew tali kostijiet iddeterminati fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom u, fejn ġew inklużi dawn il-kostijiet, sa liema punt jiġġarrbu fir-rigward tal-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u b'hekk jistgħux jitqiesu eliġibbli skont l-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti. Is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu talba għal informazzjoni *ad hoc* lill-Istati Membri kollha sabiex jiġbru informazzjoni rilevanti, u se jkomplu jeżaminaw il-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni fl-ajruporti rrapportati fil-kuntest tal-verifika tal-konformità tar-rata unitarja. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għas-sejbiet u għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-suġġett tal-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni.

(37) B'reazzjoni għall-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, li bdiet fl-24 ta' Frar 2022, l-Unjoni adottat miżuri restrittivi li jipprojbixxu lit-trasportaturi tal-ajru Russi, lil kwalunkwe inġenju tal-ajru rreġistrat fir-Russja u lil kwalunkwe inġenju tal-ajru mhux irreġistrat fir-Russja li huwa l-proprjetà jew mikri, jew ikkontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika Russa, minn entità jew minn korp Russu milli jinżlu fit-territorju tal-Unjoni, jew jitilqu minnu, jew jittajru fuqu. Dawk il-miżuri qed iwasslu għal tnaqqis fit-traffiku tal-ajru fl-ispazju tal-ajru fuq it-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-impatt fil-livell tal-Unjoni kollha ma jkunx komparabbli mat-tnaqqis tat-traffiku tal-ajru li rriżulta mit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 f'Marzu 2020. Għalhekk, jixraq li jinżammu l-miżuri u l-proċessi eżistenti għall-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni u tal-imposti fl-RP3.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mis-Slovenja, skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 u elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tas-Slovenja.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Adina VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Miri tal-prestazzjoni inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, imressaq mis-Slovenja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, li nstabu konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA

Effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza

Is-Slovenja	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Slovenia Control	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	C	C	C	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	**C**

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-AMBJENT

Effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tas-Slovenja, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**1,55 %**	**1,55 %**	**1,55 %**	**1,55 %**
Valuri referenzjarji għas-Slovenja	1,55 %	1,55 %	1,55 %	1,55 %

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ

Dewmien medju tal-ATFM *en route* f'minuti għal kull titjira

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tas-Slovenja, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,05**	**0,09**	**0,09**	**0,09**
Valuri referenzjarji għas-Slovenja	0,05	0,09	0,09	0,09

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

Kost unitarju ddeterminat għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route*

Żona tal-imposti *en route* tas-Slovenja	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**67,08 EUR**	**54,19 EUR**	**101,44 EUR**	**62,11 EUR**	**59,84 EUR**	**56,19 EUR**

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/778

tat-13 ta' April 2022

dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Bulgarija skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju

(notifikata bid-dokument C(2022) 2303)

(Il-test bil-Bulgaru biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([1]), u b'mod partikolari il-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu (14)(2) tiegħu,

Billi:

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

(1) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 għandha titwaqqaf skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-Istati Membri għandhom ifasslu, fil-livell nazzjonali jew fil-livell ta' blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali ("FABs"), miri vinkolanti ta' prestazzjoni għal kull perjodu referenzjarju tal-iskema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Dawk il-miri tal-prestazzjoni jridu jkunu konsistenti mal-miri għall-Unjoni kollha adottati mill-Kummissjoni għall-perjodu referenzjarju kkonċernat. Il-Kummissjoni hija responsabbli biex tivvaluta jekk il-miri tal-prestazzjoni proposti li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mfassla mill-Istati Membri humiex konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha, billi tuża l-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(2) Mill-ewwel trimestru tas-sena kalendarja 2020, it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 ħalliet impatt sinifikanti fuq is-settur tat-trasport bl-ajru u meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-pandemija, naqqset b'mod konsiderevoli l-volumi tat-traffiku tal-ajru minħabba l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi biex tiġi kkontrollata l-pandemija.

(3) Il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju ("RP3") ġew oriġinarjament stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 ([3]). Minħabba li dawk il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha u l-abbozz tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fl-RP3 sussegwentement imressqin mill-Istati Membri tfasslu qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, dawn ma setgħux iqisu ċ-ċirkostanzi li rriżultaw u nbidlu b'mod sinifikanti għat-trasport bl-ajru.

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 (ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 tad-29 ta' Mejju 2019 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu ta' referenza li jibda fl-1 ta' Jannar 2020 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2024 (ĠU L 144, 3.6.2019, p. 49).

(4) Bi tweġiba għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-provvista tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, ġew stabbiliti miżuri eċċezzjonali għall-RP3, li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 ([4]). Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1627, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 ([5]) li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3 fit-2 ta' Ġunju 2021.

(5) Il-Kummissjoni tinnota li t-tbassir tat-traffiku bażi tas-Servizz tal-Istatistika u tat-Tbassir tal-Eurocontrol ("STATFOR") ta' Ottubru 2021 jipprevedi li t-traffiku tal-ajru fil-livell tal-Unjoni kollha se jilħaq il-livelli ta' qabel il-pandemija tiegħu matul l-2023 u se jaqbeż dawk il-livelli fl-2024. Madankollu, il-livell ta' inċertezza rigward l-iżvilupp tat-traffiku għadu partikolarment għoli minħabba r-riskji relatati mal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-COVID-19. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-irkupru tat-traffiku mhuwiex mistenni li jkun uniformi fl-Istati Membri kollha.

(6) L-Istati Membri kollha żviluppaw u adottaw abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni li fihom miri tal-prestazzjoni lokali riveduti għall-RP3, li tressqu mill-Kummissjoni għall-valutazzjoni sal-1 ta' Ottubru 2021. Wara l-verifika tal-kompletezza ta' dawk l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jressqu l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni aġġornati sas-17 ta' Novembru 2021. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ppreżentata f'din id-Deċiżjoni hija msejsa fuq l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni aġġornat imressaq mill-Bulgarija.

(7) Il-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, li jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, ressaq rapport lill-Kummissjoni li jinkludi l-parir tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni tal-RP3.

(8) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni lokali proposti mill-Bulgarija abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, u qieset iċ-ċirkostanzi lokali. Fir-rigward ta' kull qasam ewlieni ta' prestazzjoni u l-miri ta' prestazzjoni relatati, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni billi rrieżaminat l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(9) Peress li l-Bulgarija ma għandha l-ebda ajruport li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 fir-rigward tal-RP3, ma hemm l-ebda mira tal-prestazzjoni lokali għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal bħala parti mill-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-RP3 tagħha. Għalhekk, is-sejbiet li jinsabu f'din id-Deċiżjoni huma relatati biss mas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route*.

VALUTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza

(10) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri mressqin mill-Bulgarija rigward l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza tal-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(11) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza proposti mill-Bulgarija fir-rigward tal-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, imqassma skont l-objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza u espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, huma kif ġej:

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 tat-3 ta' Novembru 2020 dwar miżuri eċċezzjonali għat-tielet perjodu ta' referenza (2020-2024) tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti tal-ajru uniku Ewropew minħabba l-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 366, 4.11.2020, p. 7).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/891 tat-2 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu referenzjarju (2020-2024) u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903 (ĠU L 195, 3.6.2021, p. 3).

Il-Bulgarija	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
BULATSA	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	C	C	D	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	**C**

(12) Fir-rigward tal-abbozzi tal-miri tas-sikurezza proposti mill-Bulgarija għall-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (BULATSA), il-Kummissjoni sabet li l-livell tal-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha huwa ppjanat li jintlaħaq fl-2023 fir-rigward tal-objettiv tal-"ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza", filwaqt li għall-"objettivi tal-ġestjoni għas-sikurezza" l-oħrajn, il-miri tal-prestazzjoni lokali jilħqu l-livell tal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(13) Il-Kummissjoni tinnota li l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Bulgarija jistabbilixxi firxa ta' miżuri għal BULATSA biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza lokali fosthom: l-għeja u l-ġestjoni tal-istress biex tittejjeb il-prestazzjoni umana; l-implimentazzjoni ta' sistema biex jiġu vvalutati l-bidliet, jiġu identifikati l-perikli u jiġu ġestiti r-riskji; il-promozzjoni kontinwa tas-sensibilizzazzjoni dwar is-sikurezza; u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi maturi biex tittejjeb is-sikurezza.

(14) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (12) u (13), u meta jitqies li l-miri tal-prestazzjoni tas-sikurezza mal-Unjoni kollha stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 iridu jintlaħqu sal-aħħar sena tal-RP3, jiġifieri l-2024, jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Bulgarija jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent

(15) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, ġiet vvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Bulgarija rigward l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Bulgarija tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti tal-effiċjenza tat-titjir orizzontali *en route* stabbiliti fil-Pjan ta' Titjib tan-Network Ewropew tar-Rotot ("ERNIP") disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(16) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni ambjentali lokali mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha tiġi vvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(17) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent proposti mill-Bulgarija u l-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għall-RP3 mill-ERNIP, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali, huma kif ġej:

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tal-Bulgarija, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**2,25 %**	**2,25 %**	**2,25 %**	**2,25 %**
Valuri referenzjarji għall-Bulgarija	2,25 %	2,25 %	2,25 %	2,25 %

(18) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-ambjent proposti mill-Bulgarija huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(19) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, il-Bulgarija ppreżentat miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent lokali fosthom progress ulterjuri fl-implimentazzjoni tal-proġett tal-Ispazju tal-Ajru b'Rotot Liberi għx-Xlokk tal-Ewropa ("SEE FRA"), li jinkludi lir-Rumanija, lill-Ungerija u lis-Slovakkja.

(20) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (18) u (19), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Bulgarija jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità

(21) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, ġiet vvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Bulgarija rigward id-dewmien medju tal-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ("ATFM") *en route* għal kull titjira abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Bulgarija tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti stabbiliti fil-Pjan Operazzjonali tan-Network disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(22) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li l-implimentazzjoni tagħha għalhekk kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità lokali mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha tiġi vvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(23) L-abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* proposti mill-Bulgarija għall-RP3, espressi f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira, kif ukoll il-valuri referenzjarji korrispondenti mill-Pjan Operazzjonali tan-Network huma kif ġej:

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tal-Bulgarija, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,04**	**0,08**	**0,07**	**0,08**
Valuri referenzjarji għall-Bulgarija	0,04	0,08	0,07	0,08

(24) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-kapaċità proposti mill-Bulgarija huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(25) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tagħha, il-Bulgarija ppreżentat firxa ta' miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali *en route*. Dawk il-miżuri jinkludu l-użu ta' għodod li janalizzaw il-kumplessità tat-traffiku, l-ippjanar adattat għall-FTE tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru (ATCO) matul l-RP3 f'konformità mal-livelli tat-traffiku previsti, kif ukoll għadd ta' azzjonijiet biex jittejjeb id-disinn tal-ispazju tal-ajru, fosthom ir-risettorizzazzjoni u s-settorizzazzjoni dinamika.

(26) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (24) u (25), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Bulgarija jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza

(27) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Bulgarija rigward il-kostijiet unitarji ddeterminati ("DUC") għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route* abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-punti 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dawk il-kriterji jikkonsistu mix-xejra tal-kost unitarju ddeterminat matul l-RP3, mix-xejra fit-tul tal-kost unitarju ddeterminat matul it-tieni perjodu referenzjarju ("RP2") u l-RP3 (2015-2024), u mill-valur bażi għall-kost unitarju ddeterminat fil-livell taż-żona tal-imposti meta mqabbel mal-valur medju taż-żoni tal-imposti fejn il-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom ambjent operattiv u ekonomiku simili.

(28) Il-valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali. Dan ġie kkomplementat mir-rieżami tal-fatturi u l-parametri ewlenin li jirfdu dawk il-miri kif speċifikat fil-punt 2.1(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(29) L-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* proposti mill-Bulgarija għall-RP3 huma kif ġej:

Żona tal-imposti *en route* tal-Bulgarija	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**56,62 BGN**	**53,64 BGN**	**95,60 BGN**	**67,56 BGN**	**61,42 BGN**	**55,62 BGN**
	28,96 EUR	27,43 EUR	48,89 EUR	34,55 EUR	31,41 EUR	28,44 EUR

(30) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tal-kost unitarju ddeterminat *en route* tal-Bulgarija fil-livell taż-żona tal-imposti ta' +0,9 % matul l-RP3 tisboq ix-xejra mal-Unjoni kollha ta' +1,0 % matul l-istess perjodu.

(31) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tal-kost unitarju ddeterminat *en route* tal-Bulgarija fil-livell taż-żona tal-imposti matul l-RP2 u l-RP3 ta' -0,2 % hija inqas mix-xejra fit-tul mal-Unjoni kollha ta' -1,3 % matul l-istess perjodu.

(32) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi tal-Bulgarija għall-kost unitarju ddeterminat ta' EUR 27,43 f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017 ("EUR 2017") huwa 32,5 % inqas mill-valur bażi medju ta' EUR 40,66 fl-EUR 2017 tal-grupp komparatur rilevanti. Il-Kummissjoni tinnota li l-kost unitarju ddeterminat *en route* tal-Bulgarija għadu taħt il-medja tal-grupp komparatur matul l-RP3 kollu, b'differenza ta' -34,1 % osservata għall-2024.

(33) Kif speċifikat fil-premessa (30), huwa ċar li x-xejra tal-kost unitarju ddeterminat tal-Bulgarija matul l-RP3 tissodisfa x-xejra korrispondenti mal-Unjoni kollha. Barra minn hekk, il-kost unitarju ddeterminat tal-Bulgarija fl-2024 huwa kemxejn aktar baxx mill-valur bażi tal-2014, li juri li l-Bulgarija żżomm il-kosteffiċjenza f'livell stabbli fuq terminu twil. Fl-aħħar, b'referenza għall-premessa (32), il-Bulgarija turi prestazzjoni b'saħħitha tal-kosteffiċjenza f'termini tal-livell tal-kost unitarju ddeterminat, peress li l-valur bażi għall-2019 u l-kost unitarju ddeterminat għall-2024 tal-Bulgarija, it-tnejn huma aktar baxxi mill-valuri medji korrispondenti tal-grupp komparatur b'aktar minn 30 %. Wara li kkunsidrat il-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li d-devjazzjoni mix-xejra fit-tul tal-kost unitarju ddeterminat mal-Unjoni kollha osservata fil-premessa (31) ma tipprekludix li tiġi stabbilita konsistenza mal-miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza mal-Unjoni kollha fir-rigward tal-Bulgarija.

(34) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (30) sa (33), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Bulgarija jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza.

Rieżami tal-iskemi ta' inċentivi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 li jikkomplementa l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità

(35) F'konformità mal-punt 2.1(f) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, b'rabta mal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha b'rieżami tal-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi jissodisfawx ir-rekwiżiti sostantivi stabbiliti fl-Artikolu 11(1) u (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. L-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Bulgarija nstabu li jqajmu tħassib.

(36) Il-Kummissjoni tosserva li l-iskema ta' inċentivi tal-kapaċità *en route* proposta fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Bulgarija tinkludi żvantaġġ finanzjarju massimu li jammonta għal 0,40 % tal-kostijiet iddeterminati u vantaġġ finanzjarju massimu li jammonta għal 0,20 % tal-kostijiet iddeterminati.

(37) Fir-rigward ta' dik l-iskema ta' inċentivi, abbażi tal-parir espert ipprovdut mill-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni għandha dubji kbar dwar jekk l-iżvantaġġ finanzjarju massimu propost, li jammonta għal 0,40 % tal-kostijiet iddeterminati, huwiex se jkollu xi impatt materjali fuq id-dħul f'riskju, kif meħtieġ skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(38) Għalhekk, jenħtieġ li l-Bulgarija tirrevedi, b'rabta mal-adozzjoni tal-pjan tal-prestazzjoni finali tagħha f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-iskema ta' inċentivi tagħha għall-ilħuq tal-miri tal-kapaċità *en route* sabiex l-iżvantaġġi finanzjarji massimi li jirriżultaw minn dik l-iskema ta' inċentivi jiġu stabbiliti f'livell li jkollu impatt materjali fuq id-dħul f'riskju, kif meħtieġ b'mod dirett skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, li fil-fehma tal-Kummissjoni jenħtieġ li jwassal għal żvantaġġ finanzjarju massimu li jkun daqs jew ogħla minn 1 % tal-kostijiet iddeterminati.

KONKLUŻJONIJIET

(39) Abbażi tal-valutazzjoni stabbilita fil-premessi (10) sa (38), il-Kummissjoni sabet li l-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Bulgarija huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha.

(40) Il-Kummissjoni tinnota li xi Stati Membri indikaw li bihsiebhom jinkludu l-entrati tal-kostijiet relatati mad-detezzjoni tad-droni tal-ajruport fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom. Ma kienx possibbli li jiġi stabbilit b'mod preċiż, abbażi tal-elementi li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, sa liema punt l-Istati Membri inkludew tali kostijiet iddeterminati fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom u, fejn ġew inklużi dawn il-kostijiet, sa liema punt jiġġarrbu fir-rigward tal-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u b'hekk jistgħux jitqiesu eliġibbli skont l-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti. Is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu talba għal informazzjoni *ad hoc* lill-Istati Membri kollha sabiex jiġbru informazzjoni rilevanti, u se jkomplu jeżaminaw il-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni fl-ajruporti rrapportati fil-kuntest tal-verifika tal-konformità tar-rata unitarja. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għas-sejbiet u għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-suġġett tal-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni.

(41) B'reazzjoni għall-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, li bdiet fl-24 ta' Frar 2022, l-Unjoni adottat miżuri restrittivi li jipprojbixxu lit-trasportaturi tal-ajru Russi, lil kwalunkwe inġenju tal-ajru rreġistrat fir-Russja u lil kwalunkwe inġenju tal-ajru mhux irreġistrat fir-Russja li huwa l-proprjetà jew mikri, jew ikkontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika Russa, minn entità jew minn korp Russu milli jinżlu fit-territorju tal-Unjoni, jew jitilqu minnu, jew jittajru fuqu. Dawk il-miżuri qed iwasslu għal tnaqqis fit-traffiku tal-ajru fl-ispazju tal-ajru fuq it-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-impatt fil-livell tal-Unjoni kollha ma jkunx komparabbli mat-tnaqqis tat-traffiku tal-ajru li rriżulta mit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 f'Marzu 2020. Għalhekk, jixraq li jinżammu l-miżuri u l-proċessi eżistenti għall-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni u tal-imposti fl-RP3.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Bulgarija, skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 u elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Bulgarija.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Adina VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Miri tal-prestazzjoni inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, imressaq mill-Bulgarija skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, li nstabu konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA

Effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza

Il-Bulgarija	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
BULATSA	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	C	C	D	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	**C**

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-AMBJENT

Effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri ambjentali *en route* tal-Bulgarija, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**2,25 %**	**2,25 %**	**2,25 %**	**2,25 %**
Valuri referenzjarji għall-Bulgarija	2,25 %	2,25 %	2,25 %	2,25 %

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ

Dewmien medju tal-ATFM *en route* f'minuti għal kull titjira

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tal-Bulgarija, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,04**	**0,08**	**0,07**	**0,08**
Valuri referenzjarji għall-Bulgarija	0,04	0,08	0,07	0,08

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

Kost unitarju ddeterminat għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route*

Żona tal-imposti *en route* tal-Bulgarija	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**56,62 BGN**	**53,64 BGN**	**95,60 BGN**	**67,56 BGN**	**61,42 BGN**	**55,62 BGN**
	28,96 EUR	**27,43 EUR**	**48,89 EUR**	**34,55 EUR**	**31,41 EUR**	**28,44 EUR**

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/779

tat-13 ta' April 2022

dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Polonja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju

(notifikata bid-dokument C(2022) 2304)

(It-test bil-Pollakk biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([1]), u b'mod partikolari il-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu (14)(2) tiegħu,

Billi:

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

(1) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 għandha titwaqqaf skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-Istati Membri għandhom ifasslu, fil-livell nazzjonali jew fil-livell ta' blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali ("FABs"), miri vinkolanti tal-prestazzjoni għal kull perjodu referenzjarju tal-iskema tal-prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Dawk il-miri tal-prestazzjoni għandhom ikunu konsistenti mal-miri mal-Unjoni kollha adottati mill-Kummissjoni għall-perjodu referenzjarju kkonċernat. Il-Kummissjoni hija responsabbli biex tivvaluta jekk il-miri tal-prestazzjoni proposti li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mfassla mill-Istati Membri humiex konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha, billi tuża l-kriterji tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(2) Mill-ewwel trimestru tas-sena kalendarja 2020, it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 ħalliet impatt sinifikanti fuq is-settur tat-trasport bl-ajru u mqabbla mal-livelli ta' qabel il-pandemija, naqqset b'mod konsiderevoli l-volumi tat-traffiku tal-ajru minħabba l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi biex tiġi kkontrollata l-pandemija.

(3) Il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju ("RP3") ġew oriġinarjament stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 ([3]). Minħabba li dawk il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha u l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fl-RP3 sussegwentement imressqin mill-Istati Membri tfasslu qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, ma setgħux iqisu t-tibdil sinifikanti fiċ-ċirkostanzi li rriżultaw għat-trasport bl-ajru.

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 (ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 tad-29 ta' Mejju 2019 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu ta' referenza li jibda fl-1 ta' Jannar 2020 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2024 (ĠU L 144, 3.6.2019, p. 49).

(4) Bi tweġiba għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-provvista tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, miżuri eċċezzjonali għall-RP3, li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, ġew stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 ([4]). Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1627, fit-2 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 ([5]) li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3.

(5) Il-Kummissjoni tinnota li t-tbassir tat-traffiku bażi tas-Servizz tal-Istatistika u tat-Tbassir tal-Eurocontrol ("STATFOR") ta' Ottubru 2021 jipprevedi li t-traffiku tal-ajru fil-livell tal-Unjoni kollha se jilħaq il-livelli ta' qabel il-pandemija tiegħu matul l-2023 u se jaqbeż dawk il-livelli fl-2024. Madankollu, il-livell ta' inċertezza rigward l-iżvilupp tat-traffiku għadu partikolarment għoli minħabba r-riskji relatati mal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-COVID-19. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-irkupru tat-traffiku mhuwiex mistenni li jkun uniformi fl-Istati Membri kollha.

(6) L-Istati Membri kollha żviluppaw u adottaw abbozzi ta' pjanijiet tal-prestazzjoni li fihom miri tal-prestazzjoni lokali riveduti għall-RP3, li ġew imressqin mill-Kummissjoni għall-valutazzjoni sal-1 ta' Ottubru 2021. Wara l-verifika tal-kompletezza ta' dawk l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jressqu abbozzi aġġornati tal-pjanijiet tal-prestazzjoni sas-17 ta' Novembru 2021. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ppreżentata f'din id-Deċiżjoni hija msejsa fuq l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni aġġornat imressaq mill-Polonja.

(7) Il-korp tal-analiżi tal-prestazzjoni, li jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, ressaq rapport lill-Kummissjoni li jinkludi l-parir tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni tal-RP3.

(8) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni lokali proposti mill-Polonja abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, u qieset iċ-ċirkostanzi lokali. Fir-rigward ta' kull qasam ewlieni tal-prestazzjoni u tal-miri tal-prestazzjoni relatati, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni billi rrieżaminat l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

VALUTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza

(9) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri mressqin mill-Polonja rigward l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(10) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza proposti mill-Polonja fir-rigward tal-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, imqassmin skont l-objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza u espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, huma kif ġej:

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 tat-3 ta' Novembru 2020 dwar miżuri eċċezzjonali għat-tielet perjodu ta' referenza (2020-2024) tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti tal-ajru uniku Ewropew minħabba l-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 366, 4.11.2020, p. 7).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/891 tat-2 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu referenzjarju (2020-2024) u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903 (ĠU L 195, 3.6.2021, p. 3).

Il-Polonja	**Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	**Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
PANSA, Warmia i Mazury sp. z o.o., Port Lotniczy Bydgoszcz S.A.	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	C	C	C	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	**C**

(11) Fir-rigward tal-abbozzi tal-miri tas-sikurezza proposti mill-Polonja għall-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru koperti kollha, il-Kummissjoni sabet li fir-rigward tal-objettiv tal-"ġestjoni tar-riskju tas-sikurezza", il-livell tal-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha hija ppjanata li tinkiseb fl-2024, filwaqt li għall-"objettivi tal-ġestjoni tas-sikurezza" l-oħrajn, il-miri tal-prestazzjoni lokali jissodisfaw il-livell tal-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(12) Il-Kummissjoni tinnota li l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni imressaq mill-Polonja jistabbilixxi miżuri għall-ANSPs biex jintlaħqu l-miri lokali tas-sikurezza, bħall-miżuri biex tiġi żgurata l-konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 ([6]), rieżami tal-proċessi tas-sikurezza, aġġornament tat-taħriġ tas-sikurezza għall-maniġers, l-iżvilupp tal-indikaturi tal-ġestjoni tas-sikurezza, promozzjoni tas-sikurezza kontinwa, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki, dokumenti u proċeduri f'konformità mar-regolamenti nazzjonali u internazzjonali.

(13) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (11) u (12), u meta wieħed iqis li l-miri tal-prestazzjoni tas-sikurezza mal-Unjoni kollha stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 iridu jintlaħqu sal-aħħar sena tal-RP3, jiġifieri l-2024, jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Polonja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent

(14) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, il-konsistenza tal-miri mressqin mill-Polonja rigward l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali ġiet ivvalutata abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Polonja tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti tal-effiċjenza tat-titjir orizzontali *en route* stabbiliti fil-Pjan ta' Titjib tan-Network Ewropew tar-Rotot ("ERNIP") disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(15) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqa sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni tal-ambjent lokali tiġi vvalutata mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 tal-1 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni għall-fornituri ta' servizzi fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u funzjonijiet oħrajn tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-sorveljanza tagħhom, iħassar ir-Regolament (KE) Nru 482/2008, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1034/2011, (UE) Nru 1035/2011 u (UE) 2016/1377 u jemenda r-Regolament (UE) Nru 677/2011 (ĠU L 62, 8.3.2017, p. 1).

(16) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent proposti mill-Polonja u l-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għall-RP3 mill-ERNIP, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali, huma kif ġej:

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tal-Polonja, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**1,65 %**	**1,65 %**	**1,65 %**	**1,65 %**
Valuri referenzjarji għall-Polonja	1,65 %	1,65 %	1,65 %	1,65 %

(17) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-ambjent proposti mill-Polonja huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(18) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, il-Polonja ppreżentat diversi miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent lokali li jinkludu r-riorganizzazzjoni tal-konfigurazzjonijiet tas-settur għaċ-Ċentru ta' Kontroll tal-Erja ta' Varsavja, l-implimentazzjoni tal-użu flessibbli avvanzat tal-kunċetti tal-ispazju tal-ajru kif ukoll titjib fiż-Żona ta' Kontroll tat-Terminal ta' Varsavja.

(19) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li minn Frar 2019, il-Polonja diġà implimentat l-ispazju tal-ajru b'rotot liberi (FRA) bejn il-livell 95 ta' titjir u l-livell 660 ta' titjir. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-Polonja qed tippjana biex tespandi l-FRA mal-FAB tal-Baltiku, mas-Slovakkja u mal-Ukrajna fis-sena kalendarja 2024.

(20) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (17) sa (19), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Polonja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità

(21) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, il-konsistenza tal-miri mressqin mill-Polonja rigward id-dewmien medju fil-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ("ATFM") *en route* għal kull titjira ġie vvalutat abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Polonja tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti stabbiliti fil-Pjan Operazzjonali tan-Network disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(22) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbux jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità lokali tiġi vvalutata mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.

(23) L-abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* proposti mill-Polonja għall-RP3, espressi f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira, kif ukoll il-valuri referenzjarji korrispondenti mill-Pjan Operazzjonali tan-Network huma kif ġej:

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tal-Polonja, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,07**	**0,12**	**0,12**	**0,12**
Valuri referenzjarji għall-Polonja	0,07	0,12	0,12	0,12

(24) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-kapaċità proposti mill-Polonja huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.

(25) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tagħha, il-Polonja ppreżentat firxa ta' miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali *en route*. Dawk il-miżuri jinkludu taħriġ kontinwu tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru, ippjanar u rosters aktar flessibbli għall-persunal, żieda fl-għadd ta' setturi u titjib fil-ħinijiet tal-ftuħ tas-settur kif ukoll l-implimentazzjoni tal-FRA transfruntier.

(26) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (24) u (25), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Polonja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità.

Rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(27) Fir-rigward tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 kif stabbilit fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* bir-rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li dawk l-abbozzi tal-miri jqajmu tħassib fir-rigward tal-Polonja.

(28) B'mod speċifiku, il-Kummissjoni sabet li meta fil-livell tal-ajruport tqabbel l-abbozzi tal-miri nazzjonali dwar id-dewmien medju tal-ATFM tal-wasla mal-prestazzjoni ta' ajruporti simili matul it-tieni perjodu referenzjarju ("RP2), l-ajruporti ta' Warszawa-Chopin, Warszawa-Modlin, Krakow-Balice u Katowice-Pyrzowice huma mistennija jesperjenzaw dewmien ogħla tal-ATFM minn dak previst għal ajruporti simili.

(29) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li, b'rabta mal-adozzjoni tal-pjan tal-prestazzjoni finali tagħha f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, jenħtieġ li fid-dawl tal-osservazzjonijiet stabbiliti fil-premessa (28), il-Polonja tiġġustifika ulterjorment il-miri tal-kapaċità fit-terminal għall-RP3 jew li tirrevedi 'l isfel dawk il-miri.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza

(30) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, il-konsistenza tal-miri mressqin mill-Polonja rigward il-kostijiet unitarji ddeterminati ("DUC") għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route* ġiet ivvalutata abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-punti 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dawk il-kriterji jikkonsistu mix-xejra tad-DUC matul l-RP3, mix-xejra fit-tul tad-DUC matul l-RP2 u l-RP3 (2015-2024), u mill-valur bażi għad-DUC fil-livell taż-żona tal-imposti mqabbel mal-valur medju taż-żoni tal-imposti fejn il-forniturи tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom ambjent operazzjonali u ekonomiku simili.

(31) Il-valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali. Dan ġie kkomplementat mir-rieżami tal-fatturi u l-parametri ewlenin li jirfdu dawk il-miri kif speċifikat fil-punt 2.1(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(32) L-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* proposti mill-Polonja għall-RP3 huma kif ġej:

Żona tal-imposti *en route* tal-Polonja	Valur bażi tal-2014	Valur bażi tal-2019	2020 - 2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**169,6 PLN**	**174,8 PLN**	**320,1 PLN**	**200,2 PLN**	**172,0 PLN**	**163,2 PLN**
	39,85 EUR	41,07 EUR	75,24 EUR	47,05 EUR	40,42 EUR	38,35 EUR

(33) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC *en route* tal-Polonja fil-livell taż-żona tal-imposti ta' -1,7 % kull sena matul l-RP3 hija inqas mix-xejra ta' +1,0 % mal-Unjoni kollha matul l-istess perjodu.

(34) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC *en route* tal-Polonja fil-livell taż-żona tal-imposti matul l-RP2 u l-RP3 ta' -0,4 % kull sena hija inqas mix-xejra fit-tul ta' -1,3 % mal-Unjoni kollha matul l-istess perjodu.

(35) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi għad-DUC ta' EUR 41,07 tal-Polonja f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017 ("EUR 2017") huwa 5,4 % ogħla mill-valur bażi medju ta' EUR 38,96 fl-EUR 2017 tal-grupp komparatur rilevanti. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li l-kost unitarju ddeterminat *en route* tal-Polonja għall-2024 huwa inqas b'aktar minn 6,7 % mill-medja tal-grupp komparatur.

(36) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk id-devjazzjonijiet osservati fil-premessi (34) u (35) jistgħux jitqiesu neċessarji u proporzjonati skont il-punt 1.4(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, diment li d-devjazzjoni osservata mix-xejra fit-tul tad-DUC mal-Unjoni kollha tkun esklusssivament dovuta għall-kostijiet iddeterminati addizzjonali relatati mal-miżuri neċessarji biex jintlaħqu l-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità jew għall-miżuri ta' ristrutturar skont it-tifsira tal-Artikolu 2(18) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(37) Fir-rigward tal-kriterju speċifikat fil-punt 1.4(d)(i) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tagħha, il-Polonja tistabbilixxi firxa wiesgħa ta' miżuri meħuda mill-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (PANSA) għall-fini li jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali. Dawk il-miżuri huma ddettaljati u kkwantifikati fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni.

(38) Fil-fatt, il-Polonja tippjana żieda sinifikanti matul l-RP3 fl-għadd ta' kontrolluri tat-traffiku tal-ajru fl-operazzjonijiet fiċ-ċentru ta' kontroll tal-erja ta' Varsavja. Il-Polonja tispjega wkoll li t-taħriġ u r-reklutaġġ tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru addizzjonali se jippermettu lill-PANSA timplimenta r-risettorizzazzjoni tal-ispazju tal-ajru kif ukoll takkomoda d-domanda tat-traffiku prevista li hija mistennija tilħaq il-livelli tal-2019 sa tmiem l-RP3.

(39) Il-Kummissjoni tosserva żieda fil-kostijiet tal-investiment relatati mal-proġetti li jsaħħu l-kapaċità bħall-aġġornamenti u l-bidliet assoċjati tas-sistema tal-ATM, l-użu ta' swali tal-operazzjonijiet ġodda u ta' stazzjonijiet għall-komunikazzjonijiet bir-radio, kif ukoll is-sostituzzjoni u l-iżvilupp tal-infrastruttura ta' sorveljanza. Il-Polonja tirrimarka li n-nefqa kapitali ppjanata fl-RP3 hija ffukata fuq l-investimenti relatati mal-kapaċità, u se tippermetti l-ottimizzazzjoni tal-ispazju tal-ajru (pereż. it-tqassim vertikali tal-ispazju tal-ajru fi tliet saffi) kif ukoll it-tisħiħ tar-reżiljenza, tal-iskalabbiltà u tal-flessibbiltà tal-forniment tas-servizzi.

(40) Abbażi tal-analiżi dettaljata mill-korp tal-analiżi tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni tqis li l-miżuri rilevanti deskritti mill-Polonja fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni huma fil-fatt meħtieġa biex jinkisbu l-miri tal-kapaċità lokali. Barra minn hekk, wara li ġiet meqjusa l-evalwazzjoni li saret mill-korp tal-analiżi tal-prestazzjoni, jista' jiġi konkluż li l-kostijiet addizzjonali ta' dawk il-miżuri huma akbar mid-devjazzjoni mix-xejra tad-DUC fit-tul madwar l-Unjoni kollha msemmija fil-premessa (34).

(41) Għalhekk, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi (37) sa (40), il-Kummissjoni ssib li l-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(i) huwa ssodisfat fir-rigward tal-Polonja.

(42) Mill-osservazzjonijiet preċedenti jirriżulta li mhuwiex neċessarju li jiġi eżaminat ulterjorment jekk il-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(ii) huwiex se jiġi sodisfatt fir-rigward tal-Polonja.

(43) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (33) sa (42), jenħtieġ li l-miri proposti inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Polonja jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza.

Rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(44) Fir-rigward tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 kif stabbilit fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* bir-rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li dawk l-abbozzi tal-miri jqajmu tħassib fir-rigward tal-Polonja.

(45) L-ewwel nett, meta qabblet ix-xejra tad-DUC fit-terminal għall-RP3 max-xejra tad-DUC *en route*, il-Kummissjoni sabet li x-xejra tad-DUC fit-terminal taż-żona tal-imposti 1 tal-Polonja ta' +2,2 % u ż-żona tal-imposti 2 ta' +1,9 % rispettivament, huma ogħla mix-xejra ta' -1,7 % tad-DUC *en route* tal-Polonja fil-livell taż-żona tal-imposti matul l-RP3.

(46) It-tieni, il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri għax-xejra tad-DUC fit-terminal għaż-żona tal-imposti fit-terminal 1 tal-Polonja ta' +2,2 % matul l-RP3 huma ogħla mix-xejra ta' -8,9 % tad-DUC reali fit-terminal osservata matul l-RP2. Barra minn hekk, l-abbozzi tal-miri għax-xejra ta' +1,9 % tad-DUC fit-terminal għaż-żona tal-imposti fit-terminal 2 tal-Polonja matul l-RP3 huma ogħla mix-xejra ta' -2,6 % tad-DUC reali fit-terminal osservat matul l-RP2.

(47) Għalhekk, b'rabta mal-adozzjoni tal-pjan tal-prestazzjoni finali tagħha f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tqis li fid-dawl tal-osservazzjonijiet stabbiliti fil-premessi (45) u (46), jenħtieġ li l-Polonja tiġġustifika ulterjorment il-miri tal-kosteffiċjenza fit-terminal għall-RP3, jew li tirrevedi 'l isfel dawk il-miri.

KONKLUŻJONIJIET

(48) Abbażi tal-valutazzjoni stabbilita fil-premessi (9) sa (47), il-Kummissjoni sabet li l-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Polonja huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha.

(49) Il-Kummissjoni tinnota li xi Stati Membri indikaw li biħsiebhom jinkludu l-entrati tal-kostijiet relatati mad-detezzjoni tad-droni tal-ajruport fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom. Abbażi tal-elementi li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, ma kienx possibbli li jiġi stabbilit b'mod preċiż, sa liema punt l-Istati Membri inkludew tali kostijiet iddeterminati fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom u, fejn dawn il-kostijiet ġew inklużi, sa liema punt jiġġarrbu b'rabta mal-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għalhekk jistgħu jitqiesu eliġibbli skont l-iskema tal-prestazzjoni u tal-imposti. Is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu talba għal informazzjoni *ad hoc* lill-Istati Membri kollha sabiex jiġbru informazzjoni rilevanti, u se jkomplu jeżaminaw il-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni fl-ajruporti rrapportati fil-kuntest tal-verifika tal-konformità tar-rata unitarja. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għas-sejbiet u għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-suġġett tal-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni.

(50) B'reazzjoni għall-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, li bdiet fl-24 ta' Frar 2022, l-Unjoni adottat miżuri restrittivi li jipprojbixxu lit-trasportaturi tal-ajru Russi, lil kwalunkwe inġenju tal-ajru rreġistrat fir-Russja u lil kwalunkwe inġenju tal-ajru mhux irreġistrat fir-Russja li huwa l-proprjetà jew mikri, jew ikkontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika Russa, minn entità jew minn korp Russu milli jinżlu fit-territorju tal-Unjoni, jew jitilqu minnu, jew jittajru fuqu. Dawk il-miżuri qed iwasslu għal tnaqqis fit-traffiku tal-ajru fl-ispazju tal-ajru fuq it-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-impatt fil-livell tal-Unjoni kollha ma jkunx komparabbli mat-tnaqqis tat-traffiku tal-ajru li rriżulta mit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 f'Marzu 2020. Għalhekk, jixraq li jinżammu l-miżuri u l-proċessi eżistenti għall-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni u tal-imposti fl-RP3.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Polonja, skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 u elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Adina VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Miri tal-prestazzjoni inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, imressaq mill-Polonja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, li nstabu konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA

Effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza

Il-Polonja	**Miri dwar l-effettività tal-immaniġġjar tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA**				
Fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernati	**Objettiv tal-immaniġġjar tas-sikurezza**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
PANSA Warmia i Mazury sp. z o.o. Port Lotniczy Bydgoszcz S.A.	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	C	C	C	**D**
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	**C**
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	**C**

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-AMBJENT

Effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-ambjent *en route* tal-Polonja, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali	**1,65 %**	**1,65 %**	**1,65 %**	**1,65 %**
Valuri referenzjarji għall-Polonja	1,65 %	1,65 %	1,65 %	1,65 %

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ

Dewmien medju tal-ATFM *en route* f'minuti għal kull titjira

	2021	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità *en route* tal-Polonja, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	**0,07**	**0,12**	**0,12**	**0,12**
Valuri referenzjarji għall-Polonja	0,07	0,12	0,12	0,12

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

Kost unitarju ddeterminat għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route*

Żona tal-imposti *en route* tal-Polonja	**Valur bażi tal-2014**	**Valur bażi tal-2019**	**2020 - 2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route*, espressi bħala kost unitarju ddeterminat *en route* (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	**169,6 PLN**	**174,8 PLN**	**320,1 PLN**	**200,2 PLN**	**172,0 PLN**	**163,2 PLN**
	39,85 EUR	41,07 EUR	75,24 EUR	47,05 EUR	40,42 EUR	38,35 EUR

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/780

tat-13 ta' April 2022

dwar l-inkonsistenza ta' ċerti miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz ta' pjan tal-prestazzjoni ta' blokk ta' spazju tal-ajru funzjonali sottomess mill-Iżvizzera skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni tal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju u li tistabbilixxi rakkomandazzjonijiet għar-reviżjoni ta' dawk il-miri

(notifikata bid-dokument C(2022) 2313)

(It-testi bil-Ġermaniż, bil-Franċiż u bit-Taljan biss huma awtentiċi)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru ("il-Ftehim") ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([2]) u, b'mod partikolari, it-tieni subparagrafu tal-punt (c) tal-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat dwar l-Ajru Uniku,

Billi:

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

Sfond

(1) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 għandha tiġi stabbilita skema ta' prestazzjoni għas-servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 ([3]) l-Istati Membri għandhom ifasslu, fil-livell nazzjonali jew fil-livell tal-blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali ("FABs"), miri tal-prestazzjoni vinkolanti għal kull perjodu referenzjarju tal-iskema ta' prestazzjoni għas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Dawk il-miri tal-prestazzjoni għandhom ikunu konsistenti mal-miri għall-Unjoni kollha adottati mill-Kummissjoni għall-perjodu referenzjarju kkonċernat. Il-Kummissjoni hija responsabbli biex tivvaluta jekk il-miri tal-prestazzjoni proposti li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni humiex konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha, abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(2) Sa mill-ewwel trimestru tas-sena kalendarja 2020, it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 ħalliet impatt sinifikanti fuq is-settur tat-trasport bl-ajru u naqqset b'mod konsiderevoli l-volumi tat-traffiku tal-ajru meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-pandemija, minħabba l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi biex titrażżan il-pandemija.

(3) Il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju ("RP3") ġew stabbiliti għall-ewwel darba fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 ([4]). Billi dawk il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha u l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni tal-RP3 sussegwentement sottomessi mill-Istati Membri u mill-Iżvizzera tfasslu qabel ma faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19, dawn ma setgħux iqisu ċ-ċirkostanzi li rriżultaw u li nbidlu b'mod sinifikanti għat-trasport bl-ajru.

([1]) ĠU L 114, 30.4.2002, p. 73.
([2]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 (ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1).
([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 tad-29 ta' Mejju 2019 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu ta' referenza li jibda fl-1 ta' Jannar 2020 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2024 (ĠU L 144, 3.6.2019, p. 49).

(4) B'rispons għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, ġew stabbiliti miżuri eċċezzjonali għall-RP3, li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 ([5]). Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1627, fit-2 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/891 ([6]) li tistabbilixxi miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3 fl-oqsma ta' prestazzjoni ewlenin tas-sikurezza, l-ambjent, il-kapaċità u l-kosteffiċjenza.

(5) L-Istati Membri kollha u l-Iżvizzera żviluppaw u adottaw abbozzi ta' pjanijiet tal-prestazzjoni li fihom miri tal-prestazzjoni lokali riveduti għall-RP3, li ġew sottomessi lill-Kummissjoni għall-valutazzjoni sal-1 ta' Ottubru 2021. L-Iżvizzera ssottomettiet lill-Kummissjoni l-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tagħha fil-livell tal-FAB, f'dan il-każ fil-livell tal-Blokk tal-Ispazju tal-Ajru Funzjonali tal-Ewropa Ċentrali ("FABEC"). Wara l-verifika tal-kompletezza tal-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC, il-Kummissjoni talbet lill-FABEC biex jissottometti abbozz aġġornat ta' pjan tal-prestazzjoni sas-17 ta' Novembru 2021. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni inkluża f'din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq l-abbozz aġġornat ta' pjan tal-prestazzjoni tal-FABEC sottomess mill-Iżvizzera u mill-Istati Membri li jinkludu l-FABEC.

(6) Il-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, li jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, issottometta lill-Kummissjoni rapport li fih il-parir tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-abbozzi ta' pjanijiet tal-prestazzjoni tal-RP3.

(7) Din id-Deċiżjoni tkopri biss l-abbozzi tal-miri ta' prestazzjoni u l-elementi relatati li jinsabu fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC li japplikaw direttament għall-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru maħtur biex jipprovdi servizzi fl-ispazju tal-ajru tal-Iżvizzera.

Approċċ għall-valutazzjoni

(8) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri nazzjonali jew tal-miri fil-livell tal-FABs abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni stipulati fil-punt 1 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, u qieset iċ-ċirkostanzi lokali. Fir-rigward ta' kull qasam ewlieni ta' prestazzjoni u l-miri ta' prestazzjoni relatati, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni billi rrieżaminat l-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(9) Fir-rigward tal-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tas-sikurezza, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri sottomessi mill-Iżvizzera, kif stipulati fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC, rigward l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza tal-forniturі ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru abbażi tal-kriterju stipulat fil-punt 1.1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata bir-rieżami tal-miżuri ppjanati għall-ilħuq tal-miri tas-sikurezza fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2.1.(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miri lokali tal-prestazzjoni tas-sikurezza proposti mill-Iżvizzera u mill-Istati Membri li huma parti mill-FABEC, kif stipulat fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC, ma wasslux għal tħassib fir-rigward tal-konsistenza tagħhom mal-miri ta' prestazzjoni korrispondenti għall-Unjoni kollha u, għalhekk, ma ġiet stabbilita l-ebda sejba relatata f'din id-Deċiżjoni.

(10) Fir-rigward tal-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-ambjent, il-konsistenza tal-miri sottomessi mill-Iżvizzera, kif stipulati fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC, rigward l-effiċjenza medja tat-titjir orizzontali *en route* tat-trajettorja effettiva, ġiet ivvalutata abbażi tal-kriterju stipulat fil-punt 1.2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti tal-effiċjenza tat-titjir orizzontali *en route* stabbiliti fil-Pjan ta' Titjib tan-Network Ewropew tar-Rotot. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata bir-rieżami tal-miżuri ppjanati għall-ilħuq tal-miri tal-ambjent fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 tat-3 ta' Novembru 2020 dwar miżuri eċċezzjonali għat-tielet perjodu ta' referenza (2020-2024) tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti tal-ajru uniku Ewropew minħabba l-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 366, 4.11.2020, p. 7).

([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/891 tat-2 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu referenzjarju (2020-2024) u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903 (ĠU L 195, 3.6.2021, p. 3).

(11) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-ambjent, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta'dik il-mira kien skada u li, b'hekk, l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva, b'mod li ma tħalli l-ebda possibbiltà għal aġġustament retroattiv. Għaldaqstant, ma kienx xieraq li l-Istati Membri u l-Iżvizzera jirrevedu, fl-abbozz tal-pjanijiet ta' prestazzjoni sottomessi sal-1 ta' Ottubru 2021, il-miri ta' prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-ambjent. Fid-dawl ta' dawk il-kunsiderazzjonijiet, il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni ambjentali lokali mal-miri ta' prestazzjoni korrispondenti għall-Unjoni kollha ġiet ivvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024. Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miri tal-prestazzjoni ambjentali lokali proposti mill-Iżvizzera u mill-Istati Membri li huma parti mill-FABEC, kif stipulati fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC, ma qajmux tħassib fir-rigward tal-konsistenza tagħhom mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti għall-Unjoni kollha u, għalhekk, ma hemm l-ebda sejba relatata stabbilita f'din id-Deċiżjoni.

(12) Fir-rigward tal-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-kapaċità, il-konsistenza tal-miri sottomessi mill-Iżvizzera, kif stipulat fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-FABEC, rigward id-dewmien medju tal-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ("ATFM") *en route* għal kull titjira, ġiet ivvalutata abbażi tal-kriterju stipulat fil-punt 1.3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti stabbiliti fil-Pjan Operattiv tan-Network. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata bir-rieżami tal-miżuri ppjanati għall-ilħuq tal-miri tal-kapaċità *en route*, inkluż, b'mod partikolari, ir-rieżami tal-investimenti maġġuri ppjanati u r-rieżami tal-iskema jew tal-iskemi ta' inċentivi fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(13) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li, b'hekk, l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva, b'mod li ma tħalli l-ebda possibbiltà għal aġġustament retroattiv. Għaldaqstant, ma kienx xieraq li l-Istati Membri u l-Iżvizzera jirrevedu, fl-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni sottomessi sal-1 ta' Ottubru 2021, il-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-kapaċità. Fid-dawl ta' dawk il-kunsiderazzjonijiet, il-konsistenza tal-miri ta' prestazzjoni tal-kapaċità lokali mal-miri ta' prestazzjoni korrispondenti għall-Unjoni kollha ġiet ivvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024. Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità lokali proposti mill-Iżvizzera u mill-Istati Membri li huma parti mill-FABEC, kif stipulati fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC, ma qajmux tħassib fir-rigward tal-konsistenza tagħhom mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti għall-Unjoni kollha u, għalhekk, ma hemm l-ebda sejba relatata stabbilita f'din id-Deċiżjoni.

(14) Barra minn hekk, b'rabta mal-valutazzjoni tal-abbozzi ta' miri tal-kapaċità, għall-ajruporti li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 f'konformità mal-Artikolu 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha bir-rieżami tal-abbozzi ta' miri tal-kapaċità tal-Iżvizzera, kif stipulati fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC, għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Billi dawk l-abbozzi ta' miri ma nstabux li jqajmu tħassib fir-rigward tal-Iżvizzera, ma huwiex meħtieġ li tiġi stabbilita kwalunkwe sejba relatata f'din id-Deċiżjoni.

(15) Fir-rigward tal-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, il-konsistenza tal-miri sottomessi mill-Iżvizzera, kif stipulati fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC, rigward il-kostijiet iddeterminati għal kull unità ("DUC") għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route* ġiet ivvalutata abbażi tal-kriterji stipulati fil-punti 1.4(a), 1.4(b) u 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dawk il-kriterji jikkonsistu prinċipalment fix-xejra tal-kost iddeterminat għal kull unità matul l-RP3, ix-xejra fit-tul tal-kost iddeterminat għal kull unità matul it-tieni perjodu referenzjarju ("RP2") u l-RP3 (2015-2024), u l-valur bażi għall-kost iddeterminat għal kull unità fil-livell taż-żona tal-imposti meta mqabbel mal-valur medju taż-żoni tal-imposti, fejn il-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru jkollhom ambjent operattiv u ekonomiku simili. Fejn il-miri ta' kosteffiċjenza *en route* nstabu li kienu inkonsistenti mal-kriterji stipulati fil-punt 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni eżaminat ulterjorment jekk devjazzjoni tistax titqies bħala meħtieġa u proporzjonata abbażi tal-punt 1.4(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(16) Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miri lokali tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza proposti għaż-żona tal-imposti *en route* tal-Iżvizzera, kif stipulati fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC, ma jwasslux għal tħassib fir-rigward tal-konsistenza tagħhom mal-miri ta' prestazzjoni korrispondenti għall-Unjoni kollha u, għalhekk, ma hemm l-ebda sejba relatata stabbilita f'din id-Deċiżjoni.

(17) Il-valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza *en route* saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali. Hija ġiet ikkomplementata bir-rieżami tal-elementi stipulati fil-punt 2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, jiġifieri l-fatturi u l-parametri ewlenin li fuqhom huma bbażati dawk il-miri kif speċifikat taħt il-punt 2.1(d) ta' dak l-Anness. Billi nstab li ċerti fatturi u parametri ewlenin li fuqhom huma bbażati dawk il-miri jqajmu tħassib fir-rigward tal-Iżvizzera, is-sejbiet relatati huma stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

(18) Barra minn hekk, b'rabta mal-valutazzjoni tal-abbozzi ta' miri tal-kosteffiċjenza, għall-ajruporti li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 f'konformità mal-Artikolu 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni kkomplementat ir-rieżami tagħha bil-valutazzjoni tal-abbozzi ta' miri tal-kosteffiċjenza tal-Iżvizzera, kif stipulati fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC, għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Billi dawk l-abbozzi ta' miri nstabu li jqajmu tħassib fir-rigward tal-Iżvizzera, is-sejbiet relatati huma stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

(19) F'konformità mal-punt 2(f) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, b'rabta mal-valutazzjoni tal-abbozzi ta' miri tal-kapaċità, il-Kummissjoni kkomplementat ir-rieżami tagħha b'valutazzjoni tal-abbozzi ta' skemi ta' inċentivi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-abbozzi ta' skemi ta' inċentivi jissodisfawx ir-rekwiżiti sostantivi stabbiliti taħt il-paragrafi 1 u 3 tal-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Billi dawk l-abbozzi ta' skemi ta' inċentivi nstabu li jqajmu tħassib fir-rigward tal-Iżvizzera, is-sejbiet relatati huma stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

Kunsiderazzjonijiet speċjali dwar l-evoluzzjoni tat-traffiku

(20) It-tbassir tat-traffiku bażi ta' STATFOR ta' Ottubru 2021 jipproġetta li t-traffiku tal-ajru fil-livell tal-Unjoni kollha se jilħaq il-livelli tiegħu ta' qabel il-pandemija matul l-2023 u se jaqbeż dawk il-livelli fl-2024. Madankollu, il-livell ta' inċertezza fir-rigward tal-iżvilupp tat-traffiku għadu partikolarment għoli minħabba r-riskji relatati mal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-COVID-19. Il-Kummissjoni tinnota li l-irkupru tat-traffiku huwa mistenni li jkun irregolari madwar l-Istati Membri.

(21) Għaldaqstant, it-tkabbir imbassar tat-traffiku tal-RP3 f'diversi Stati Membri huwa previst li jkun ferm aktar baxx mit-tkabbir medju tat-traffiku fil-livell tal-Unjoni kollha, u l-volumi tat-traffiku tal-RP3 huma mbassra li jibqgħu taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija f'numru minn dawk l-Istati Membri. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li dan jagħmel l-ilħuq tal-miri tal-kosteffiċjenza għall-Unjoni kollha aktar esiġenti għall-Istati Membri kkonċernati, u qieset dan il-punt meta rrieżaminat iċ-ċirkostanzi lokali rilevanti għall-valutazzjoni ta' kull abbozz ta' pjan ta' prestazzjoni.

VALUTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Valutazzjoni tal-abbozzi ta' miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-kosteffiċjenza

(22) Fir-rigward tar-rieżami tal-fatturi u l-parametri ewlenin imsemmija fil-punt 2.1.(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 li fuqhom huma bbażati l-abbozzi ta' miri tal-prestazzjoni tal-FABEC għall-Iżvizzera fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni rriżultat fis-sejbiet li ġejjin relatati mal-kostijiet iddeterminati u l-allokazzjoni tagħhom.

(23) Fir-rigward tal-kostijiet iddeterminati, il-Kummissjoni tosserva li, fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC, l-Iżvizzera tirrapporta li l-fornitur ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route* (Skyguide) applika bidliet fir-rigward tar-regoli ta' kapitalizzazzjoni ta' Skyguide, li għandhom l-effett li jżidu l-kostijiet tal-persunal u l-kostijiet operatorji tiegħu, filwaqt li jnaqqsu l-kostijiet tad-deprezzament matul l-RP3. Fil-parir tiegħu lill-Kummissjoni, il-korp ta' rieżami tal-prestazzjoni huwa tal-fehma li din il-bidla tista' potenzjalment tfixkel l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu għall-kondiviżjoni tar-riskju tal-kostijiet fir-rigward tal-Iżvizzera. Għalhekk, jenħtieġ li l-motiv u l-implikazzjonijiet tal-metodu applikat jiġu spjegati u ġġustifikati ulterjorment fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC f'termini tal-konformità tagħhom mad-dispożizzjonijiet legali rilevanti, inkluż l-Artikolu 28(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(24) Fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kostijiet bejn is-servizzi *en route* u fit-terminal, l-Iżvizzera tintroduċi bidla fil-metodoloġija applikata fir-rigward tat-trattament tal-kostijiet indiretti tal-OPEX. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li, fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC, l-Iżvizzera ma ddeskrivietx jew ma ġġustifikatx din il-bidla fl-allokazzjoni tal-kostijiet indiretti tal-OPEX bejn is-servizzi *en route* u fit-terminal. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ li dan jiġi spjegat u ġġustifikat ulterjorment fl-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni.

(25) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi minn (21) sa (41) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2022) 2283 ([7]), il-miri proposti inklużi fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC, fir-rigward taż-żona tal-imposti *en route* tal-Belġju u tal-Lussemburgu, ġew ivvalutati bħala inkonsistenti mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-kosteffiċjenza. Għalhekk, l-Iżvizzera, li flimkien mal-Belġju, Franza, il-Ġermanja, il-Lussemburgu u n-Netherlands żviluppat u ssottomettiet abbozz ta' pjan ta' prestazzjoni tal-RP3 fil-livell tal-FAB, jenħtieġ li tissottometti b'mod konġunt abbozz ta' pjan ta' prestazzjoni rivedut għall-FABEC li jindirizza r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni u fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2022) 2283.

Rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(26) Il-Kummissjoni għandha tħassib fir-rigward tal-abbozzi tal-miri ta' prestazzjoni sottomessi mill-Iżvizzera, kif stipulati fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC, dwar ix-xejra tal-kostijiet iddeterminati għal kull unità fit-terminal f'konformità mal-punt 2(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(27) L-ewwel nett, meta qabblet ix-xejra tal-kostijiet iddeterminati għal kull unità fit-terminal matul l-RP3 max-xejra tal-kostijiet iddeterminati għal kull unità *en route*, il-Kummissjoni sabet li x-xejra tal-kostijiet iddeterminati għal kull unità fit-terminal taż-żona tal-imposti fit-terminal tal-Iżvizzera ta' +2,7 % hija ogħla mix-xejra tal-kostijiet iddeterminati għal kull unità *en route* tal-Iżvizzera fil-livell taż-żona tal-imposti ta' -0,5 % matul l-RP3.

(28) It-tieni nett, il-Kummissjoni tqis li l-abbozz tal-miri għax-xejra tal-kostijiet iddeterminati għal kull unità fit-terminal għaż-żona tal-imposti fit-terminal tal-Iżvizzera ta' +2,7 % matul l-RP3 huwa ogħla mix-xejra attwali tal-kostijiet iddeterminati għal kull unità fit-terminal ta' -3,4 % osservata matul l-RP2. Dik id-differenza tidher li hija dovuta għal żidiet sinifikanti fil-kostijiet iddeterminati fit-terminal matul l-RP3, speċjalment fir-rigward ta' kostijiet operazzjonali u ta' deprezzament oħrajn.

(29) It-tielet, meta tqabbel l-abbozz tal-miri tal-kosteffiċjenza fit-terminal mal-prestazzjoni f'ajruporti simili għall-RP3, il-Kummissjoni tosserva li l-kost iddeterminat għal kull unità għall-ajruporti ta' Ġinevra u ta' Zurich huwa stmat li huwa ferm ogħla mill-kost medjan iddeterminat għal kull unità tal-grupp komparatur rilevanti matul l-RP2 u l-RP3.

(30) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ li l-Iżvizzera tiġġustifika ulterjorment il-miri tal-kosteffiċjenza fit-terminal fid-dawl tal-osservazzjonijiet fil-premessi minn (26) sa (29), jew jenħtieġ li tirrevedi 'l isfel l-abbozz ta' miri dwar il-kost iddeterminat għal kull unità fit-terminal.

Rieżami tal-iskemi ta' inċentivi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 li jikkomplementa l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-abbozz ta' miri tal-kapaċità

(31) B'rabta mal-elementi għal rieżami stabbiliti fil-punt 2.1(f) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-abbozz ta' skema ta' inċentivi tal-kapaċità *en route* proposta fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC jinkludi vantaġġ finanzjarju massimu ugwali għall-iżvantaġġ finanzjarju massimu, li t-tnejn jammontaw għal 0,5 % tal-kostijiet iddeterminati. Il-Kummissjoni tosserva wkoll li l-abbozz tal-iskema ta' inċentivi tal-kapaċità fit-terminal, proposta mill-Iżvizzera fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC jinkludi vantaġġ finanzjarju massimu ugwali għall-iżvantaġġ finanzjarju massimu, li t-tnejn jammontaw għal 0,5 % tal-kostijiet iddeterminati.

(32) Abbażi tal-parir espert ipprovdut mill-korp ta' rieżami tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni għandha dubji kbar dwar jekk l-iżvantaġġi finanzjarji massimi proposti li jirriżultaw minn dawk l-iskemi ta' inċentivi, li jammontaw għal 0,5 % tal-kostijiet iddeterminati, ikollhomx xi impatt materjali fuq id-dħul f'riskju, kif meħtieġ skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

([7]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-inkonsistenza ta' ċerti miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni tal-blokok ta' spazju tal-ajru nazzjonali u funzjonali ppreżentati mill-Belġju, mill-Ġermanja, mill-Greċja, minn Franza, minn Ċipru, mil-Latvja, mil-Lussemburgu, minn Malta, min-Netherlands, mir-Rumanija, u mill-Iżvezja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju u li tistabbilixxi rakkomandazzjonijiet għar-reviżjoni ta' dawk il-miri.

(33) Għalhekk, jenħtieġ li fir-rigward tal-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni sottomess mill-FABEC, l-Iżvizzera tirrevedi l-abbozzi ta' skemi ta' inċentivi tagħha biex jintlaħqu l-miri ta' kapaċità tat-terminal u *en route* sabiex l-iżvantaġġi finanzjarji massimi li jirriżultaw minn dawk l-iskemi ta' inċentivi jiġu stabbiliti f'livell li jkollu impatt materjali fuq id-dħul f'riskju, kif meħtieġ espressament taħt il-punt (a) tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, li fil-fehma tal-Kummissjoni jenħtieġ li jwasslu għal żvantaġġ finanzjarju massimu ugwali għal jew ogħla minn 1 % tal-kostijiet iddeterminati.

KONKLUŻJONIJIET

(34) B'referenza għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2022) 2283, il-Kummissjoni sabet li l-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni sottomess mill-Iżvizzera, bħala parti mill-FABEC, fih ċerti miri ta' prestazzjoni fir-rigward tal-Belġju u tal-Lussemburgu li huma inkonsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha.

(35) Għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-Iżvizzera u l-Istati Membri tal-FABEC iridu jissottomettu l-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni rivedut tagħhom lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, filwaqt li jqisu r-rakkomandazzjonijiet imressqa mill-Kummissjoni.

(36) Sussegwentement, il-Kummissjoni se tivvaluta l-abbozz rivedut tal-pjan ta' prestazzjoni fl-intier tiegħu f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, u bħala riżultat ta' dik il-valutazzjoni sussegwenti, hija tista' tieħu kwalunkwe pożizzjoni fir-rigward tal-abbozz ta' miri tal-prestazzjoni u ta' elementi oħrajn tal-pjanijiet ta' prestazzjoni li għalihom ma tqajmet l-ebda oġġezzjoni f'din id-Deċiżjoni.

(37) Skont l-Artikolu 17 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-miri stabbiliti fl-aktar verżjoni reċenti tal-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni għandhom japplikaw fuq bażi provviżorja sakemm il-Kummissjoni tkun ħarġet deċiżjoni dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni jew tal-miri tal-prestazzjoni riveduti, u wara dan, l-Iżvizzera u l-Istati Membri tal-FABEC huma meħtieġa jadottaw il-pjan ta' prestazzjoni finali tagħhom.

(38) Fir-rigward tal-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, l-Artikolu 17 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 ta effett retroattiv lill-miri li jinsabu fil-pjan ta' prestazzjoni finali. B'riżultat ta' dan, kwalunkwe differenza fid-dħul minħabba l-applikazzjoni tar-rata unitarja jew tar-rati unitarji kkalkolati abbażi tal-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni, minflok ir-rata unitarja jew ir-rati unitarji kkalkolati abbażi tal-pjan ta' prestazzjoni finali, għandha tiġi saldata permezz tal-aġġustamenti tar-rati unitarji sussegwenti matul l-RP3 li huma regolati ulterjorment mill-miżuri eċċezzjonali għall-RP3 stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1627. Konsegwentement, il-Kummissjoni ma hijiex se tikkonkludi dwar il-konformità tar-rati unitarji f'konformità mal-Artikolu 29(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 qabel ma jkunu ġew adottati l-pjanijiet ta' prestazzjoni finali rilevanti.

(39) Il-Kummissjoni tinnota li xi Stati Membri indikaw l-intenzjoni tagħhom li jinkludu elementi ta' kost relatati mad-detezzjoni tad-droni tal-ajruport fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom. Ma kienx possibbli li jiġi stabbilit b'mod preċiż, abbażi tal-elementi li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet ta' prestazzjoni, sa liema punt l-Istati Membri inkludew tali kostijiet iddeterminati fil-bażijiet tal-kostijiet tagħhom tal-RP3 u, fejn ikunu ġew inklużi tali kostijiet, sa liema punt jiġu mġarrba b'rabta mal-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u, b'hekk, jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli taħt l-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti. Is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu talba għal informazzjoni *ad hoc* lill-Istati Membri kollha sabiex jiġbru l-informazzjoni rilevanti, u se jkomplu jeżaminaw il-kostijiet irrapportati ta' detezzjoni tad-droni tal-ajruport fil-kuntest tal-verifika tal-konformità tar-rata unitarja. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għas-sejbiet u għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-suġġett tal-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni.

(40) Bi tweġiba għall-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, li bdiet fl-24 ta' Frar 2022, l-Unjoni adottat miżuri restrittivi li jipprojbixxu lit-trasportaturi tal-ajru Russi, lil kwalunkwe inġenju tal-ajru rreġistrat fir-Russja u lil kwalunkwe inġenju tal-ajru mhux irreġistrat fir-Russja li huwa proprjetà ta' jew mikri b'lokazzjoni, jew inkella li huwa kkontrollat minn kwalunkwe persuna, entità jew korp fiżiku jew ġuridiku Russu milli jinżel fi, jitlaq minn, jew itir fuq it-territorju tal-Unjoni. Dawk il-miżuri qed iwasslu għal tnaqqis fit-traffiku tal-ajru fl-ispazju tal-ajru fuq it-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-impatt fil-livell tal-Unjoni ma jkunx komparabbli mat-tnaqqis tat-traffiku tal-ajru li rriżulta mit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 f'Marzu 2020. Għalhekk, huwa xieraq li l-miżuri u l-proċessi eżistenti għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti jinżammu fl-RP3. Meta jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali li jinsabu fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC, jenħtieġ li l-Iżvizzera u l-Istati Membri tal-FABEC iqisu kif xieraq l-effetti operazzjonali u finanzjarji tal-bidliet rilevanti fit-traffiku.

(41) Il-Kummissjoni kkonsultat mal-Iżvizzera dwar ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, f'konformità mal-Artikolu 19(2) tal-Ftehim,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miri ta' prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni tal-FABEC sottomess mill-Belġju, mill-Ġermanja, minn Franza, mil-Lussemburgu, min-Netherlands, u mill-Iżvizzera skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2022) 2283, huma inkonsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Konfederazzjoni Żvizzera.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Adina VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT